IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.10.2021
C(2021) 7301 final

**Avviż tal-Kummissjoni**

**Dokument ta' gwida dwar il-ħarsien strett ta' speċijiet ta' annimali ta' interess Komunitarju skont id-Direttiva dwar il-Ħabitats**

MT

MT

**Avviż tal-Kummissjoni**

**Dokument ta' gwida dwar il-ħarsien strett ta' speċijiet ta' annimali ta' interess Komunitarju skont id-Direttiva dwar il-Ħabitats**

# Dokument ta' gwida dwar il-ħarsien strett ta' speċijiet ta' annimali ta' interess Komunitarju skont id-Direttiva dwar il-Ħabitats

# WERREJ


DAĦLA ........ 4

1. KUNTEST ........ 6

2. ARTIKOLU 12 ........ 8

2.1 Kunsiderazzjonijiet legali ġenerali ........ 8

2.2 Miżuri meħtieġa għal sistema ta' ħarsien strett ........ 11

2.2.1 Miżuri sabiex tiġi stabbilita u implimentata b'mod effettiv sistema ta' ħarsien strett ........ 11
2.2.2 Miżuri sabiex jiġi żgurat stat ta' konservazzjoni favorevoli ........ 13
2.2.3 Miżuri rigward is-sitwazzjonijiet deskritti fl-Artikolu 12 ........ 15
2.2.4 Dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12(1)(a)-(d) fir-rigward ta' attivitajiet li għaddejjin bħalissa ........ 18

2.3 Id-dispożizzjonijiet speċifiċi ta' ħarsien skont l-Artikolu 12 ........ 24

2.3.1 Qbid jew qtil volontarju ta' kampjuni ta' speċijiet tal-Anness IV(a) ........ 24
2.3.2 Tfixkil volontarju ta' speċijiet tal-Anness IV(a), b'mod partikolari matul perjodi ta' tnissil, ta' trobbija, ta' ibernazzjoni u ta' migrazzjoni ........ 26
2.3.3 Qerda volontarja jew teħid tal-bajd mill-ambjent selvaġġ ........ 29
2.3.4 Deterjorament jew qerda tas-siti tat-tnissil jew tal-postijiet ta' mistrieħ ........ 29
2.3.5 Żamma, trasport u bejgħ jew skambju, u offerta għall-bejgħ jew għall-iskambju, ta' kampjuni meħudin mill-ambjent selvaġġ ........ 40
2.3.6 Sistema ta' monitoraġġ għall-qbid u għall-qtil inċidentali ta' speċijiet tal-Anness IV(a) ........ 40

3. ARTIKOLU 16 ........ 44

3.1 Kunsiderazzjonijiet legali ġenerali ........ 45

3.1.1 Obbligu li tiġi żgurata traspożizzjoni sħiħa, ċara u preċiża tal-Artikolu 16 ........ 45
3.1.2 Applikazzjoni ġenerali xierqa tad-derogi ........ 46

3.2 Sistema kkontrollata bir-reqqa għall-għoti ta' derogi: it-tliet testijiet ........ 48

3.2.1 Turija ta' waħda mir-raġunijiet skont l-Artikolu 16(1)(a) sa (e) (Test 1) ........ 50
3.2.2 Nuqqas ta' alternattiva sodisfaċenti (Test 2) ........ 61
3.2.3 Impatt ta' deroga fuq l-istat ta' konservazzjoni (Test 3) ........ 64

3.3 Kunsiderazzjonijiet addizzjonali ........ 67

3.3.1 Ir-rwol tal-pjanijiet ta' azzjoni dwar l-ispeċijiet ........ 68
3.3.2 Valutazzjoni tal-impatt għal pjanijiet jew għal proġetti u ħarsien tal-ispeċijiet. ........ 69
3.3.3 Ir-rwol tal-miżuri ta' kumpens ........ 70
3.3.4 Derogi għal diversi speċijiet ........ 71

3.3.5 “Natura temporanja”: indirizzar tal-kolonizzazzjoni tas-siti li qed jiġu żviluppati minn speċijiet elenkati fl-Anness IV..... 71

**3.4 Monitoraġġ u rapportar tad-derogi ............................................. 73**

3.4.1 Monitoraġġ tal-impatti tad-derogi................................... 73
3.4.2 Obbligi ta’ rapportar skont l-Artikolu 16(2) u 16(3) .......... 74

**Anness I. Referenzi għal kawżi tal-Qrati** ............................................ 76

**Anness II. Lista ta’ speċijiet ta’ annimali koperti mill-Annessi II, IV u V** 78

**Anness III. Implimentazzjoni tal-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats – L-eżempju tal-Lupu** ........................................................ 91

# DAĦLA

## Għaliex dokument ta' gwida aġġornat dwar il-ħarsien strett tal-ispeċijiet ta' annimali?

L-ewwel dokument ta' gwida dwar il-ħarsien strett tal-ispeċijiet ta' annimali ta' interess Komunitarju skont id-Direttiva dwar il-Ħabitats[1] ġie ppubblikat fl-2007. L-għan tiegħu kien li jipprovdi fehim aħjar tad-dispożizzjonijiet għall-ħarsien tal-ispeċijiet u tat-termini speċifiċi użati.

Wara l-kontroll tal-idoneità tad-Direttivi tal-UE dwar in-Natura (2014-2016), il-Kummissjoni Ewropea adottat il-*Pjan ta' Azzjoni għan-natura, għan-nies u għall-ekonomija*[2] sabiex tippromwovi implimentazzjoni aħjar, aktar intelliġenti u aktar kosteffettiva tad-Direttivi. L-Azzjoni 1 tal-Pjan ta' Azzjoni talbet aġġornament ta' dan id-dokument ta' gwida. Dan tqies neċessarju fid-dawl tal-aħħar deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) u sabiex tiġi żgurata koerenza aħjar ma' objettivi soċjoekonomiċi usa'.

Il-gwida preżenti hija r-riżultat ta' dan il-proċess ta' reviżjoni. Tqis l-esperjenza prattika miksuba bl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' ħarsien tal-ispeċijiet tad-Direttiva dwar il-Ħabitats matul is-snin mill-pubblikazzjoni tal-ewwel verżjoni tal-gwida.

## L-iskop tad-dokument ta' gwida

Dan id-dokument jiffoka fuq l-obbligi li jirriżultaw mill-Artikoli 12 u 16 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats. Dawn jistabbilixxu sistema ta' ħarsien strett għall-ispeċijiet ta' annimali elenkati fl-Anness IV(a) tad-Direttiva, filwaqt li jippermettu deroga minn dawn id-dispożizzjonijiet taħt kundizzjonijiet definiti. Id-dokument huwa bbażat l-aktar fuq sentenzi rilevanti tal-QĠUE u fuq eżempji ta' sistemi ta' ħarsien tal-ispeċijiet fis-seħħ f'diversi Stati Membri.

Id-dokument huwa maħsub għall-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, għall-korpi ta' konservazzjoni u għal organizzazzjonijiet oħrajn responsabbli għall-implimentazzjoni, jew involuti fl-implimentazzjoni, tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, u għall-partijiet ikkonċernati. Għandu l-għan li jassistihom fit-tfassil ta' modi effettivi u pragmatiċi għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet, filwaqt li jirrispetta bis-sħiħ il-qafas legali. L-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati ewlenin ġew ikkonsultati dwar diversi abbozzi tad-dokument u l-kummenti tagħhom ġew ikkunsidrati.

## Limitazzjonijiet tad-dokument ta' gwida

Din il-gwida tistabbilixxi l-fehim tal-Kummissjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva iżda fiha nnifisha mhijiex leġiżlattiva; ma tagħmilx regoli ġodda iżda tipprovdi gwida dwar l-applikazzjoni ta' dawk li jeżistu. Il-QĠUE biss hija kompetenti sabiex tinterpreta b'mod awtorevoli d-dritt tal-UE.

Il-gwida, li se tiġi aġġornata aktar f'intervalli regolari, jenħtieġ li tinqara fid-dawl ta' kwalunkwe ġurisprudenza emerġenti dwar dan is-suġġett, kif ukoll bl-esperjenza li tirriżulta mill-implimentazzjoni tal-Artikoli 12 u 16 fl-Istati Membri.

---

1 Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.

2 Aktar informazzjoni: http://ec.europa.eu/environment/nature/legislation/fitness_check/action_plan/index_en.htm.

## Struttura tad-dokument

Id-dokument huwa ppreżentat fi tliet kapitoli ewlenin. Il-Kapitolu 1 iħares lejn il-post tal-ħarsien tal-ispeċijiet fi ħdan l-iskema ġenerali tad-Direttiva dwar il-Ħabitats. Il-Kapitolu 2 jagħti ħarsa aktar fil-fond lejn id-dispożizzjonijiet legali rilevanti tal-Artikolu 12 tad-Direttiva. Il-Kapitolu 3 jeżamina l-possibbiltajiet ta' deroga skont l-Artikolu 16.

Il-punti ewlenin li jirriżultaw mill-analiżijiet huma miġburin fil-qosor (bil-korsiv) fil-bidu ta' kull taqsima. Ir-referenzi sħaħ għall-kawżi tal-Qrati kkwotati fit-test kollu huma pprovduti fl-Anness I. L-Anness II jippreżenta l-lista ta' speċijiet ta' annimali koperti mid-dispożizzjonijiet dwar il-ħarsien tal-ispeċijiet. L-Anness III jipprovdi eżempju, fil-każ tal-lupu, ta' kif jista' jiġi applikat id-dokument ta' gwida.

# 1. KUNTEST

## 1.1 Konservazzjoni tal-ispeċijiet skont id-Direttiva 92/43/KEE

(1-1) L-Artikolu 2(1) jistabbilixxi l-objettiv ġenerali tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, li huwa "li tikkontribwixxi biex tiġi żgurata l-bijodiversità permezz tal-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri li jgħodd għalihom it-Trattat".

F'konformità mal-Artikolu 2(2), il-miżuri meħudin skont id-Direttiva "għandhom ikunu ddisinjati biex iżommu jew jirrestawraw, fi stat ta' konservazzjoni favorevoli, l-ħabitat naturali u l-ispeċi tal-fawna u l-flora selvaġġa li huma ta' interess għall-Komunità". Dawn il-miżuri, skont l-Artikolu 2(3), "għandhom iqisu l-ħtiġiet ekonomiċi, soċjali u kulturali u l-karatteristiċi reġjonali u lokali"[3].

Għalhekk, l-objettiv primarju tad-Direttiva dwar il-Ħabitats huwa ż-żamma jew ir-restawr fi stat ta' konservazzjoni favorevoli tal-ħabitats naturali u tal-ispeċijiet kollha ta' interess Komunitarju. L-Artikolu 1(i) tad-Direttiva jiddefinixxi x'inhu mifhum bit-terminu "stat ta' konservazzjoni favorevoli" għall-ispeċijiet[4].

(1-2) Sabiex tilħaq dan l-objettiv, id-Direttiva għandha żewġ settijiet ewlenin ta' dispożizzjonijiet. L-ewwel sett huwa relatat mal-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-ħabitats tal-ispeċijiet (l-Artikoli 3-11) u t-tieni mal-ħarsien tal-ispeċijiet (l-Artikoli 12-16).

(1-3) Id-dispożizzjonijiet dwar il-ħarsien tal-ispeċijiet (l-Artikoli 12-16) japplikaw fil-firxa naturali kollha tal-ispeċijiet fl-Istati Membri, kemm fis-siti ta' Natura 2000 kif ukoll lil hinn minnhom. Dawn id-dispożizzjonijiet huma komplementari għal dawk li jirregolaw is-siti ta' Natura 2000, li jiffokaw fuq il-ħarsien tal-ħabitats naturali u taż-żoni ewlenin tal-ħabitats ta' speċijiet imħarsin elenkati fl-Anness II tad-Direttiva.

(1-4) Direttiva hija vinkolanti rigward ir-riżultat li għandu jinkiseb, iżda tħalli f'idejn Stat Membru l-għażla dwar il-forma u l-metodi ta' kif jikseb dak ir-riżultat. Il-ġurisprudenza stabbilita tiċċara li t-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali trid tkun ċara u preċiża, fidila u b'forza vinkolanti inkontestabbli (ara l-Kawżi tal-QĠUE C-363/85, C-361/88, C-159/99 il-punt 32, C-415/01 il-punt 21, C-58/02, C-6/04 il-punti 21, 25 u 26, C-508/04 il-punt 80).

(1-5) Jenħtieġ li l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva jqisu wkoll **il-prinċipju ta' prekawzjoni**, kif stabbilit fl-Artikolu 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li għandu l-għan li jiżgura livell ogħla ta' ħarsien tal-ambjent permezz ta' teħid ta' deċiżjonijiet preventivi fil-każ ta' riskju.

(1-6) Huwa importanti wkoll li jiġi enfasizzat li l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-ħarsien tal-ispeċijiet tad-Direttiva tirrikjedi **approċċ skont l-ispeċi.** Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri dejjem jikkunsidraw l-azzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħhom

3 L-Artikolu 2(3) huwa rifless, pereżempju, fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 16, li jipprevedi possibbiltà ta' deroga mir-reġim għall-ħarsien strett tal-ispeċijiet, fost l-oħrajn, għal raġunijiet imperattivi ta' interess pubbliku prevalenti, inklużi dawk ta' natura soċjali jew ekonomika. Madankollu, l-Artikolu 2(3) ma jipprovdix bażi ġuridika addizzjonali sabiex jidderoga mid-dispożizzjonijiet obbligatorji ta' din id-Direttiva. Ara, fil-kuntest tal-għażla tas-siti ta' Natura 2000 skont l-Artikolu 4(1), is-sentenza tas-7 ta' Novembru 2000, il-Kawża C-371/98 - First Cooperate Shipping, il-punt 25, ECLI:EU:C:2000:600.

4 Ara wkoll "*Reporting under Article 17 of the Habitats Directive - Explanatory Notes and Guidelines for the period 2013–2018*", p. 7, https://cdr.eionet.europa.eu/help/habitats_art17.

fid-dawl tal-objettiv maħsub, tal-ispeċijiet ikkonċernati, u taċ-ċirkostanzi madwar kull każ.

(1-7) Jenħtieġ li dawn il-kunċetti ta' flessibbiltà u ta' proporzjonalità ma jinftehmux ħażin. Dawn ma jnaqqsux l-obbligi fuq l-Istati Membri li jaġixxu b'mod effettiv, iżda minflok jipprovdu lill-awtoritajiet b'biżżejjed lok għall-immanuvrar sabiex jadattaw il-mod ta' implimentazzjoni tagħhom għal ċirkostanzi speċifiċi (f'termini ta' stat ta' konservazzjoni, iżda wkoll f'termini soċjali, ekonomiċi u kulturali).

(1-8) Skont il-Qorti, "l-Artikoli 12, 13 u 16 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats jifformaw totalità koerenti ta' normi intiżi sabiex tiġi assigurata l-protezzjoni tal-ispeċijiet ikkonċernati, b'tali mod li kull deroga li tkun inkompatibbli ma' din id-Direttiva tkun tikser kemm il-projbizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 12 u 13 kif ukoll ir-regola li d-derogi jistgħu jingħataw f'konformità mal-Artikolu 16"[5]. Il-Qorti ċċarat ukoll li "l-Artikoli 12 sa 14 u 15(a) u (b) tad-Direttiva jiffurmaw ġabra koerenti ta' normi li jobbligaw lill-Istati Membri jistabbilixxu sistemi stretti ta' protezzjoni tal-ispeċijiet ta' annimali u pjanti kkonċernati"[6]. Ikun xi jkun l-approċċ meħud fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, huma jkollhom jirrispettaw l-objettiv ġenerali tad-Direttiva, jiġifieri li tiġi żgurata l-bijodiversità u li jinżammu jew jiġu restawrati, fi stat favorevoli, il-ħabitats naturali u l-ispeċijiet ta' interess Komunitarju.

## Il-firxa naturali ta' speċijiet u ta' ħabitats — kunċett dinamiku

(1-9) Il-firxa naturali bejn wieħed u ieħor tiddeskrivi l-limiti spazjali li fihom jokkorru l-ħabitat jew l-ispeċi. Mhijiex identika għal-lokalitajiet preċiżi (iż-żona okkupata effettivament) jew għat-territorju fejn ikun hemm ħabitat, speċi jew subspeċi b'mod permanenti. Tali lokalitajiet jew territorji effettivi jistgħu jkunu irregolari jew disġunti (jiġifieri l-ħabitats u l-ispeċijiet jistgħu ma jkunux mifruxin b'mod ugwali) fil-firxa naturali tagħhom. Jekk ir-raġuni għad-disġunzjoni tirriżulta li tkun naturali, jiġifieri kkawżata minn fatturi ekoloġiċi, jenħtieġ li l-lokalitajiet iżolati ma jiġux interpretati bħala firxa naturali kontinwa. Pereżempju, għal speċi Alpina, il-firxa tista' tkun l-Alpi u l-Pirinej, iżda mhux l-artijiet baxxi ta' bejniethom. Madankollu, il-firxa naturali tinkludi żoni li ma jintużawx b'mod permanenti: pereżempju, għal speċijiet migratorji, il-firxa tagħhom tinkludi ż-żoni kollha tal-art jew tal-ilma li tgħix fihom, tibqa' temporanjament fihom, taqsam jew ittir fuqhom speċi migratorja fi kwalunkwe waqt matul il-migrazzjoni normali tagħha[7].

(1-10) Firxa naturali mhijiex statika iżda dinamika: tista' tiċkien u tespandi. Firxa naturali tista' tikkostitwixxi aspett wieħed għall-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' ħabitat jew ta' speċi. Jekk il-firxa naturali ma tkunx kbira biżżejjed sabiex tippermetti l-eżistenza fit-tul ta' dak il-ħabitat jew ta' dik l-ispeċi, l-Istati Membri jintalbu jiddefinixxu valur ta' referenza għal firxa li tippermetti kundizzjonijiet favorevoli u li jaħdmu lejn dan, pereżempju billi jrawmu l-espansjoni tal-firxa kurrenti.

(1-11) Meta speċi jew ħabitat jinfirxu waħedhom għal żona jew għal territorju ġdid, jew meta speċi tkun ġiet introdotta mill-ġdid fil-firxa naturali preċedenti tagħha (f'konformità mar-regoli fl-Artikolu 22 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats), dan it-territorju għandu jitqies bħala parti mill-firxa naturali. B'mod simili, ir-restawr jew il-ħolqien mill-ġdid jew il-ġestjoni ta' żoni ta' ħabitats, u ċerti prattiki agrikoli u tal-forestrija, jistgħu

5 Is-sentenza tal-20 ta' Ottubru 2005, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, il-Kawża C-6/04, ECLI:EU:C:2005:626, il-punt 112, u s-sentenza tal-10 ta' Jannar 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, il-Kawża C-98/03, ECLI:EU:C:2006:3, il-punt 66.

6 Is-sentenza tal-10 ta' Mejju 2007, Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika tal-Awstrija, il-Kawża C-508/04, ECLI:EU:C:2007:274, il-punt 109.

7 Ara wkoll l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Bonn.

jikkontribwixxu għall-espansjoni ta’ ħabitat jew ta’ firxa naturali ta’ speċijiet. Madankollu, individwi jew popolazzjonijiet selvaġġi ta’ speċi ta’ annimal introdotti volontarjament jew aċċidentalment mill-bniedem f’postijiet fejn qatt ma okkorrew b’mod naturali, jew fejn ma kinux se jinfirxu b’mod naturali fil-futur qarib, jenħtieġ li jitqiesu li huma barra mill-firxa naturali tagħhom u, konsegwentement, ma jkunux koperti mid-Direttiva.

# 2. ARTIKOLU 12

**Test tal-Artikolu 12**

Artikolu 12

*1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu sistema ta’ ħarsien strett tal-ispeċi tal-annimali msemmija fl-Anness IV(a) fil-firxa naturali tagħhom, u li jipprojbixxu:*

*(a) il-forom kollha ta’ qbid volontarju jew qtil ta’ kampjuni minn dawn l-ispeċijiet fis-selvaġġ;*

*(b) tfixkil volontarju ta’ dawn l-ispeċijiet, speċjalment waqt il-perjodu tat-tgħammir, tkabbir, ibernazzjoni u migrazzjoni;*

*(c) qerda volontarja jew teħid tal-bajd mis-selvaġġ;*

*(d) deterjorazzjoni jew qerda ta’ siti tat-tgħammir jew postijiet ta’ mistrieħ.*

*2. Għal dawn l-ispeċijiet, l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu ż-żamma, it-trasport u l-bejgħ jew skambju, u offerta għall-bejgħ jew skambju, ta’ kampjuni meħuda mis-selvaġġ, ħlief għal dawk meħuda b’mod legali qabel ma tiġi implimentata din id-Direttiva.*

*3. Il-projbizzjoni msemmija fil-paragrafu 1(a) u (b) u fil-paragrafu 2 għandha tapplika għall-istadji kollha tal-ħajja tal-annimali li għalihom japplika dan l-Artikolu.*

*4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema biex jimmonitorjaw il-qbid u l-qtil aċċidentali tal-ispeċijiet tal-annimali elenkati fl-Anness IV(a). Fid-dawl tal-informazzjoni miġbura, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri ulterjuri ta’ riċerka jew ta’ konservazzjoni kif meħtieġa biex jiżguraw li l-qbid aċċidentali u l-qtil ma jkollhomx effett negattiv sinifikanti fuq l-ispeċi kkonċernata.*

(2-1) L-Artikolu 12 jindirizza l-ħarsien tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness IV(a). L-artikolu japplika fil-firxa naturali kollha tal-ispeċijiet fl-UE u għandu l-għan li jindirizza t-theddidiet diretti tagħhom, aktar milli dawk tal-ħabitats tagħhom, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 12(1)(d).

(2-2) L-Anness IV(a) ikopri varjetà wiesgħa ta’ speċijiet, minn vertebrati kbar u b’firxa wiesgħa sa invertebrati żgħar b’meded vitali żgħar ħafna. Xi speċijiet huma elenkati wkoll taħt l-Anness II u, għalhekk, jibbenefikaw ukoll minn miżuri mmirati lejn il-konservazzjoni tal-ħabitats tagħhom f’żoni speċjali ta’ konservazzjoni (l-Artikoli 3 sa 10). Madankollu, oħrajn huma elenkati biss fl-Anness IV(a), li jfisser li għalihom l-Artikolu 12 (għall-ispeċijiet tal-annimali) u l-Artikolu 13 (għall-ispeċijiet tal-pjanti) jipprovdu d-dispożizzjonijiet ewlenin biex jintlaħaq l-għan ta’ konservazzjoni tad-Direttiva kif iddikjarat fl-Artikolu 2.

(2-3) Qabel ma jiġu indirizzati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12 fid-dettall, ta’ min ifakkar xi kunsiderazzjonijiet legali ġenerali li ġew żviluppati mill-QĠUE.

## 2.1. Kunsiderazzjonijiet legali ġenerali

*It-traspożizzjoni tal-Artikolu 12 fil-liġi nazzjonali trid tkun kompluta, ċara u preċiża. Id-dispożizzjonijiet nazzjonali jridu jkunu speċifiċi biżżejjed sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva.*

(2-4) L-implimentazzjoni effettiva tal-**Artikolu 12 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats teħtieġ traspożizzjoni sħiħa, ċara u preċiża mill-Istati Membri**. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, "id-dispożizzjonijiet tad-Direttivi jridu jiġu implimentati b'forza vinkolanti inkontestabbli u bl-ispeċifiċità, bil-preċiżjoni u biċ-ċarezza neċessarji sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti taċ-ċertezza legali"[8].

(2-5) Skont il-Qorti, "jekk it-traspożizzjoni ta' direttiva fil-liġi nazzjonali ma tirrikjedix neċessarjament traspożizzjoni formali u testwali tal-kontenut tagħha f'dispożizzjoni legali espressa u speċifika u tista', skont il-kontenut tagħha, tiġi ssodisfata permezz ta' kuntest legali ġenerali, dan jista' jsir biss bil-kundizzjoni li tiġi assigurata l-applikazzjoni sħiħa tad-direttiva b'mod ċar u preċiż biżżejjed" [9]. Il-Qorti ddikjarat b'mod konsistenti li, sabiex jissodisfaw ir-rekwiżit taċ-ċertezza legali, jenħtieġ li l-individwi jkollhom il-benefiċċju ta' sitwazzjoni legali ċara u preċiża li tippermettilhom jaċċertaw il-firxa sħiħa tad-drittijiet tagħhom u, fejn xieraq, li jiddefenduhom quddiem il-qrati nazzjonali[10].

Tipi differenti ta' restrizzjonijiet jistgħu jkunu mnaqqxin fil-leġiżlazzjoni f'diversi forom. Madankollu, skont liema forma tintuża, trid tkun ċara, preċiża u stretta biżżejjed. Pereżempju, ġie ddikjarat li projbizzjoni fuq l-użu ta' pestiċidi fejn dawn x'aktarx ikollhom effetti serji ta' ħsara fuq il-bilanċ tan-natura ma tesprimix, b'mod ċar, preċiż u strett biżżejjed, il-ħtieġa li jiġi pprojbit id-deterjorament ta' siti tat-tnissil jew ta' postijiet ta' mistrieħ ta' annimali mħarsin kif stabbilit fl-Artikolu 12(1)(d)[11].

(2-6) Jenħtieġ li kwalunkwe dispożizzjoni li tistabbilixxi qafas ta' ħarsien strett tindirizza speċifikament l-ispeċijiet tal-Anness IV u tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 12. Il-Qorti[12] enfasizzat l-importanza ta' dan fil-kawża *Caretta caretta* (il-fekruna tal-baħar *Caretta caretta*). Meta ntalab mill-Qorti jidentifika d-dispożizzjonijiet fis-seħħ fis-sistema ġuridika tiegħu li huwa kien jemmen li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 12, "il-Gvern Grieg sempliċement elenka serje ta' liġijiet, ta' regolamenti u ta' miżuri amministrattivi mingħajr ma rrefera għal xi dispożizzjoni speċifika li kapaċi tissodisfa dawk ir-rekwiżiti".

Minħabba l-karattru speċifiku tal-Artikolu 12, il-Qorti ddikjarat li d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew amministrattivi ta' natura ġenerali, eż. sempliċi ripetizzjoni tal-formulazzjoni tal-Artikolu 12 fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, mhux dejjem jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' ħarsien tal-ispeċijiet jew jiggarantixxu l-implimentazzjoni effettiva tal-Artikolu 12. It-traspożizzjoni formali tal-Artikolu 12 fil-leġiżlazzjoni nazzjonali mhijiex biżżejjed minnha nnifisha sabiex tiggarantixxi l-effettività tiegħu. Trid tiġi kkomplementata minn aktar dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni sabiex jiġi żgurat ħarsien strett ibbażat fuq il-partikolaritajiet, u l-problemi u t-theddidiet speċifiċi li jiffaċċjaw l-ispeċijiet jew il-gruppi ta' speċijiet elenkati fl-Anness IV.

---

8 Ara, b'mod partikolari, l-20 ta' Ottubru 2005, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, il-Kawża C-6/04, il-punt 27, iżda wkoll is-sentenzi li ġejjin: it-30 ta' Mejju 1991, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, il-Kawża C-57/89, ECLI:EU:C:1991:89, il-punti 18 u 24; id-19 ta' Settembru 1996, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, il-Kawża C-236/95, ECLI:EU:C:1996:341, il-punt 13; id-19 ta' Mejju 1999, Il-Kummissjoni vs Franza, il-Kawża C-225/97, ECLI:EU:C:1999:252, il-punt 37; l-10 ta' Mejju 2001, Il-Kummissjoni vs In-Netherlands, il-Kawża C-144/99, ECLI:EU:C:2001:257, il-punt 21; is-17 ta' Mejju 2001, Il-Kummissjoni vs L-Italja, il-Kawża C-159/99, ECLI:EU:C:2001:278, il-punt 32.

9 Pereżempju: Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, il-Kawża C-6/04, il-punt 21.

10 Għal dan l-għan, ara l-Kawża 29/84, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, ECLI:EU:C:1985:229, il-punt 23; il-Kawża 363/85,
Il-Kummissjoni vs L-Italja, ECLI:EU:C:1987:196, il-punt 7; u C-57/89, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, ECLI:EU:C:1991:225, il-punt 18.

11 Il-Kawża C-98/03, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, il-punti 67-68.

12 Ara s-sentenza tat-30 ta' Jannar 2002, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, il-Kawża C-103/00, ECLI:EU:C:2002:60, il-punt 29.

(2-7) Meta jittrasponu d-Direttiva, l-Istati Membri jridu jirrispettaw it-tifsira tat-termini u tal-kunċetti użati mid-Direttiva sabiex jiżguraw l-uniformità fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tagħha[13]. Dan jimplika wkoll li jenħtieġ li l-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali jiggarantixxu l-applikazzjoni sħiħa tad-Direttiva mingħajr ma jimmodifikaw it-termini tagħha, billi japplikaw b'mod selettiv id-dispożizzjonijiet tagħha, jew billi jżidu kundizzjonijiet jew derogi supplimentari mhux previsti fid-Direttiva[14].

Kif osservat il-Qorti, "l-akkuratezza tat-traspożizzjoni għandha importanza partikolari f'każ, bħal dan preżenti, fejn il-ġestjoni tal-patrimonju komuni hija fdata, għat-territorju rispettiv tagħhom, lill-Istati Membri… Minn dan jirriżulta li, fil-kuntest tad-Direttiva [dwar il-Ħabitats], li timponi regoli kumplessi u tekniċi fil-qasam tal-liġi dwar l-ambjent, l-Istati Membri huma obbligati b'mod partikolari li jivverifikaw li l-leġiżlazzjoni tagħhom, intiża sabiex tassigura t-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva, tkun ċara u preċiża"[15].

Pereżempju, it-traspożizzjoni tal-Artikolu 12(1)(d) li tipprojbixxi biss id-deterjorament jew il-qerda ta' siti tat-tnissil u ta' postijiet ta' mistrieħ li huma "perċettibbli b'mod ċar" jew "magħrufin perfettament u identifikati bħala tali", jew il-projbizzjoni biss tad-deterjorament jew tal-qerda volontarja ta' siti tat-tnissil jew ta' postijiet ta' mistrieħ[16], titqies li mmodifikat is-sustanza tal-Artikolu 12(1)(d) u tillimita l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Din id-dispożizzjoni tirrikjedi li l-Istati Membri jipprojbixxu l-qerda tas-siti ta' tnissil u tas-siti ta' mistrieħ *kollha*, kemm jekk b'mod volontarju kif ukoll jekk le – u mhux biss dawk li jkunu ferm magħrufin. Teskludi wkoll l-eżenzjoni ta' atti legali mill-projbizzjoni fl-Artikolu 12(1)(d). Għalhekk, dan it-tip ta' traspożizzjoni huwa inkompatibbli mal-Artikolu 12(1)(d) peress li ma jipprojbixxix il-qerda – volontarja jew le – tas-siti ta' tnissil u tas-siti ta' mistrieħ *kollha*.

(2-8) Barra minn hekk, is-"sempliċi prattiki amministrattivi, li minħabba n-natura tagħhom jistgħu jinbidlu meta jkunu jridu hekk l-awtoritajiet, ma jistgħux jitqiesu li jikkostitwixxu konformità xierqa mal-obbligu tal-Istati Membri li lilhom tkun indirizzata Direttiva, skont l-Artikolu 189 tat-Trattat"[17]. Kawża oħra tal-Qorti saħħet din id-deċiżjoni[18]. L-eżistenza tal-ġurisprudenza nazzjonali waħedha, mingħajr ebda dispożizzjoni legali speċifika, ma tistax titqies bħala li tikkonforma kif xieraq mal-obbligu ta' traspożizzjoni sħiħa ta' Direttiva. Min-naħa l-oħra, "minkejja li l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli hija, minnha nnifisha, konformi mad-dritt Komunitarju, jista' jirriżulta minn nuqqas ta' twettiq ta' obbligu mill-eżistenza ta' prassi amministrattiva li tikser dan id-dritt"[19].

**1 - Ġurisprudenza tal-QĠUE: il-kawża *Caretta caretta* (il-fekruna tal-baħar *Caretta caretta*) f'Zakynthos**

Il-kawża *Caretta caretta* (Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, il-Kawża C-103/00) kienet l-ewwel sentenza dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats għal speċi speċifika. Il-Qorti qatt ma tat interpretazzjoni dwar l-applikazzjoni u l-kamp ta' applikazzjoni tagħha qabel din is-sentenza.

13 Pereżempju, is-sentenza tat-28 ta' Marzu 1990, Proċedimenti kriminali kontra G. Vessoso u G. Zanetti, il-kawżi magħquda C-206 u 207/88, ECLI:EU:C:1990:145.
14 Is-sentenza tat-13 ta' Frar 2003, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu, il-Kawża C-75/01, ECLI:EU:C:2003:95, il-punt 28.
15 Ara, pereżempju, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, il-Kawża C-6/04, il-punti 25-26, u, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, il-Kawża C-98/03, il-punti 59-60.
16 Ara wkoll Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, il-Kawża C-6/04, il-punt 79.
17 Pereżempju: is-sentenza tat-23 ta' Frar 1988, Il-Kummissjoni vs L-Italja, il-Kawża 429/85, ECLI:EU:C:1988:83, il-punt 12; is-sentenza tal-11 ta' Novembru 1999, Il-Kummissjoni vs L-Italja, il-Kawża C-315/98, ECLI:EU:C:1999:551, il-punt 10; is-sentenza tat-13 ta' Frar 2003, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu, il-Kawża C-75/01, il-punt 28, ECLI:EU:C:2003:95.
18 Il-Kummissjoni vs L-Awstrija, il-Kawża 508/04, il-punt 80; is-sentenza tal-15 ta' Marzu 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, il-Kawża 46/11, ECLI:EU:C:2012:146, il-punt 28.
19 Is-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja, il-Kawża 342/05, ECLI:EU:C:2007:341, il-punt 22.

Il-fekruna tal-baħar *Caretta caretta* hija elenkata fl-Annessi II u IV tad-Direttiva dwar il-Ħabitats bħala speċi ta' interess Komunitarju li teħtieġ ħarsien strett. Il-Bajja ta' Laganas fil-gżira ta' Zakynthos hija l-aktar sit importanti ta' tnissil għal din il-fekruna fil-Mediterran u hija wkoll sit ta' Natura 2000.

Fl-1998, numru ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi esponew il-problemi multipli li kienet qed tiffaċċja l-ispeċi f'Zakynthos. Dawn kienu jinkludu l-użu mhux ikkontrollat tal-bajjiet tal-gżira u tal-baħar tal-madwar għal attivitajiet relatati mat-turiżmu, il-kostruzzjoni ta' bini illegali, l-użu ta' mopeds fuq il-bajjiet u attivitajiet oħrajn b'impatti potenzjalment negattivi fuq dawn il-fkieren.

Il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Griegi jipprovdu informazzjoni dwar il-miżuri meħudin għall-ħarsien tal-ispeċi f'din il-gżira. Fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni u tas-sejbiet tal-uffiċjali tal-Kummissjoni fiż-żjarat ta' spezzjoni, inbdiet proċedura ta' ksur skont l-Artikolu 258 tat-TFUE minħabba li l-Greċja kienet naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 12(1)(b) u (d) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats. Matul il-proċedura ta' qabel il-litigazzjoni, l-awtoritajiet Griegi sostnew li ttieħdu jew li kienu fil-proċess li jiġu adottati u implimentati l-miżuri xierqa kollha sabiex jiġi żgurat il-ħarsien tal-fkieren.

Wara valutazzjoni aġġornata tas-sitwazzjoni mill-Kummissjoni fl-1999, xorta nstab li dawn ma kinux adegwati u l-kawża tressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. B'mod aktar speċifiku, il-Kummissjoni allegat li l-Greċja kienet kisret l-Artikolu 12(1)(b) u (d) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, l-ewwel billi ma adottatx qafas legali mfassal sabiex jiżgura l-ħarsien strett ta' *Caretta caretta* kontra kwalunkwe tfixkil volontarju matul il-perjodu tat-tnissil tagħha u kontra kwalunkwe deterjorament fis-siti tat-tnissil tagħha, jew il-qerda ta' dawn u, it-tieni, billi ma ħadet l-ebda miżura konkreta u effettiva fil-prattika sabiex tevita problemi bħal dawn.

Fit-30 ta' Jannar 2002, il-Qorti aċċettat l-argumenti tal-Kummissjoni u kkundannat lill-Greċja għan-nuqqas tagħha li tistabbilixxi u timplimenta sistema effettiva ta' ħarsien strett għall-fekruna tal-baħar *Caretta caretta* f'Zakynthos. B'mod partikolari, l-awtoritajiet Griegi ma kinux ħadu l-miżuri meħtieġa sabiex jevitaw tfixkil tal-ispeċi matul il-perjodu tat-tnissil tagħha u sabiex jipprevjenu attivitajiet li jistgħu jwasslu għal deterjorament jew għal qerda tas-siti tat-tnissil tagħha.

Wara t-tieni sentenza, ġie stabbilit Bord Maniġerjali ġdid sabiex jissorvelja l-bajjiet fejn ibejtu u jżomm kollegament mal-awtoritajiet lokali (il-Prefettura, il-Muniċipalitajiet, il-Pulizija, l-Awtorità tal-Port, l-Awtorità Pubblika tal-Artijiet). Ġew iffirmati wkoll kodiċijiet ta' kondotta mal-NGOs, mal-operaturi ekonomiċi u mas-sidien tal-artijiet. Wara l-valutazzjoni tal-miżuri l-ġodda meħudin għall-ħarsien tal-ispeċi, il-Kummissjoni qieset li l-Greċja kienet ikkonformat mas-sentenza tal-Qorti u fis-27 ta' Ġunju 2007 iddeċidiet li tagħlaq il-kawża.

## 2.2. Miżuri meħtieġa għal sistema ta' ħarsien strett

(2-9) L-Artikolu 12(1) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats jobbliga lill-Istati Membri jieħdu "l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu sistema ta' ħarsien strett" għall-ispeċijiet elenkati fl-Anness IV fil-firxa naturali tagħhom. Dan iqajjem diversi mistoqsijiet dwar id-definizzjoni ta' ċerti termini użati. Filwaqt li tistabbilixxi b'mod ċar il-projbizzjonijiet, id-Direttiva, pereżempju, ma tiddefinixxix fid-dettall x'inhu mifhum b'miżuri "meħtieġa" jew b'"sistema" ta' ħarsien strett.

(2-10) Għalhekk, huwa importanti li jitfakkar li jenħtieġ li l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Artikolu 12(1)(a) sa (d) iqisu l-għan tad-Direttiva kif stabbilit fl-Artikolu 2. Għalhekk, id-Direttiva tagħti ċertu marġni ta' manuvrar lill-Istati Membri fl-istabbiliment ta' "sistema" ta' ħarsien strett għall-ispeċijiet elenkati fl-Anness IV. Madankollu, din is-setgħa diskrezzjonali hija soġġetta għal limitazzjonijiet u trid tirrispetta numru ta' rekwiżiti minimi kif spjegat hawn taħt.

### 2.2.1. Miżuri sabiex tiġi stabbilita u implimentata b'mod effettiv sistema ta' ħarsien strett

*L-applikazzjoni sħiħa u effettiva tal-Artikolu 12 tirrikjedi: 1) l-istabbiliment ta' qafas legali koerenti għas-sistema ta' ħarsien strett; 2) miżuri konkreti sabiex tiġi infurzata b'mod*

*effettiv fil-prattika; u 3) l-applikazzjoni ta' sett ta' miżuri koerenti u koordinati ta' natura preventiva.*

(2-11) L-**applikazzjoni** sħiħa u effettiva tal-**Artikolu 12 tirrikjedi,** minn naħa waħda, **l-istabbiliment ta' qafas legali koerenti**, jiġifieri l-adozzjoni ta' liġijiet, ta' regolamenti jew ta' miżuri amministrattivi speċifiċi sabiex jiġu pprojbiti b'mod effettiv l-attivitajiet indikati fl-Artikolu 12 **u,** min-naħa l-oħra, **l-applikazzjoni ta' miżuri konkreti sabiex dawn id-dispożizzjonijiet jiġu infurzati** fil-prattika għall-ħarsien tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness IV. Din is-salvagwardja doppja hija fundamentali għall-applikazzjoni tal-Artikolu 12.

Il-Qorti kkonfermat dan l-approċċ fil-kawżi C-103/00 (dwar il-ħarsien ta' *Caretta caretta* f'Zakynthos[20]), C-518/04 (dwar il-ħarsien ta' *Vipera schweizeri* f'Milos[21]), C-183/05 (dwar il-ħarsien ta' diversi speċijiet tal-Anness IV fl-Irlanda[22]), C-383/09 (dwar il-ħarsien ta' *Cricetus cricetus* fi Franza[23]) u C-504/14 (dwar il-ħarsien ta' *Caretta caretta* fiż-żona ta' Kyparissia[24]).

(2-12) Għalhekk, l-Artikolu 12(1) jirrikjedi kemm l-istabbiliment *kif ukoll* l-implimentazzjoni ta' sistema ta' ħarsien strett li tipprojbixxi b'mod effettiv l-attivitajiet elenkati fih. Għalhekk, sistema adegwata ta' ħarsien strett għall-ispeċijiet tal-Anness IV tirrikjedi wkoll **sett ta' miżuri koerenti u koordinati ta' natura preventiva**. Jenħtieġ li din tapplika wkoll, fejn rilevanti, għall-koordinazzjoni transfruntiera bejn Stati Membri ġirien, jiġifieri meta jikkondividu l-istess popolazzjoni ta' speċi mħarsa.

Fil-kawża *Cricetus cricetus* (C-383/09), il-Qorti ddikjarat li t-traspożizzjoni tad-dispożizzjoni skont l-Artikolu 12(1)d tirrikjedi, minbarra l-adozzjoni ta' qafas leġiżlattiv komprensiv, l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' ħarsien konkreti u speċifiċi u l-adozzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni li jkunu koerenti u koordinati[25] (ara wkoll il-Kawża C-518/04[26], u l-Kawża C-183/05[27]). Għalhekk, sistema ta' ħarsien strett bħal din trid tippermetti l-evitar effettiv tad-deterjorament jew tal-qerda ta' siti tat-tnissil jew tal-postijiet ta' mistrieħ tal-ispeċijiet ta' annimali elenkati fl-Anness IV(a) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats (ara l-Kawża C-103/00[28]).

Fil-kawża *Skyda Skogen* (C-473/19 u C-474/19), il-Qorti kkonfermat li fil-fatt huwa importanti, għall-finijiet li jinkisbu l-objettivi tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jantiċipaw attivitajiet li jkunu ta' ħsara għall-ispeċijiet imħarsin minn dik id-direttiva, irrispettivament minn jekk l-għan tal-attività inkwistjoni jkunx il-qtil jew it-tfixkil ta' dawn l-ispeċijiet[29].

(2-13) Dan jirriżulta direttament mit-terminu "sistema ta' ħarsien strett" u jqis ukoll il-ħtieġa li tiġi stabbilita rabta bejn il-miżuri adottati u l-objettivi tal-Artikolu 12 u d-Direttiva inġenerali. **Dawn il-miżuri jridu jikkontribwixxu għall-għan li l-ispeċi tinżamm fit-tul jew li l-popolazzjoni tagħha tiġi rrestawrata fil-ħabitat tagħha, u jridu jiġu infurzati b'mod effettiv**.

---

20 Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, il-Kawża C-103/00. Ara wkoll is-sentenza tas-17 ta' Jannar 1991, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-157/89, ECLI:EU:C:1991:22, il-punt 14, li tikkonċerna l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2009/147/KE dwar l-Għasafar.

21 Is-sentenza tas-16 ta' Marzu 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, il-Kawża C-518/04, ECLI:EU:C:2006:183.

22 Is-sentenza tal-11 ta' Jannar 2007, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda, il-Kawża C-183/05, ECLI:EU:C:2007:14.

23 Is-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2011, Il-Kummissjoni vs Franza, il-Kawża C-383/09, ECLI:EU:C:2011:369.

24 Is-sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, il-Kawża C-504/14, ECLI:EU:C:2016:847.

25 Il-Kummissjoni vs Franza, il-Kawża C-383/09, il-punti 19 u 20.

26 Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, il-Kawża C-518/04, il-punt 16.

27 Il-Kummissjoni vs L-Irlanda, il-Kawża C-183/05, il-punti 29 u 30.

28 Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, il-Kawża C-103/00, il-punt 39.

29 Il-Kawżi C-473/19 u C-474/19, il-punt 76.

Din l-interpretazzjoni tirriżulta mill-premessi 3[30] u 15[31] tad-Direttiva, li jirreferu għall-inkoraġġiment ta' attivitajiet tal-bniedem u għal miżuri ta' ġestjoni bħala neċessarji għaż-żamma jew għar-restawr ta' speċijiet fi stat ta' konservazzjoni favorevoli. Il-premessi nfushom ma għandhom l-ebda effett legali vinkolanti u qatt ma jistgħu jipprevalu fuq id-dispożizzjonijiet sostantivi tad-Direttiva, iżda jagħtu indikazzjoni ċara ta' intenzjoni. Għalhekk, għalkemm il-Qorti ma tużax il-preambolu sabiex timmotiva sentenza direttament, dan spiss jintuża bħala għajnuna fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet sostantivi ta' leġiżlazzjoni sekondarja[32].

(2-14) Il-ħtieġa għal miżuri konkreti, koerenti u koordinati ta' natura preventiva sabiex jiġi implimentat ir-rekwiżit għall-ħarsien strett tal-ispeċijiet tal-Anness IV ma timplikax neċessarjament l-istabbiliment ta' strutturi jew ta' proċeduri ta' awtorizzazzjoni ġodda fil-livell nazzjonali. Pereżempju, fir-rigward ta' proġetti li jistgħu jaffettwaw speċi tal-Anness IV, l-Istati Membri jistgħu jadattaw il-proċeduri ta' ppjanar eżistenti sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 12. Dan ifisser li l-valutazzjoni tal-impatt fuq l-ispeċijiet u fuq is-siti tat-tnissil u fuq il-postijiet ta' mistrieħ tagħhom tista' tiġi inkorporata fi proċessi eżistenti tat-teħid ta' deċiżjonijiet f'diversi livelli fi Stat Membru, inklużi, pereżempju, deċiżjonijiet ta' ppjanar tal-użu tal-art jew proċeduri ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali għal pjanijiet u għal proġetti.

Fir-rigward tal-attivitajiet li jkunu għaddejjin, l-Istati Membri jistgħu jużaw proċeduri ta' ppjanar, regolamenti jew kodiċijiet tal-aħjar prattika (li jeħtieġ li jkunu dettaljati u ċari biżżejjed) bħala għodod sabiex jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12. Madankollu, kif spjegat fit-Taqsima 2.3.4., tali approċċi u għodod jikkomplementaw, u mhux jissostitwixxu, il-protezzjoni legali formali.

**2 - Eżempju ta' prattiki tajba: awtorizzazzjoni ambjentali fi Franza għal proġetti, għal valutazzjoni tal-impatt u għal ħarsien strett tal-ispeċijiet**

Mill-2017, il-Kodiċi Ambjentali ta' Franza (l-Artikolu L181-1) jinkludi awtorizzazzjoni ambjentali li trid tingħata għal proġetti li jkollhom impatti fuq l-ambjent (in-nomenklatura tindika t-tipi ta' proġetti li huma kkonċernati). L-għan ta' din l-awtorizzazzjoni huwa li tiżgura li l-proġetti jikkonformaw mar-regolamenti ambjentali rilevanti (dwar l-ilma, ir-riskji ambjentali, il-bijodiversità, il-pajsaġġ, eċċ.), inklużi d-dispożizzjonijiet dwar il-ħarsien strett tal-ispeċijiet skont id-Direttiva dwar il-Ħabitats.

F'dan il-qafas, hija meħtieġa valutazzjoni tal-impatt, ibbażata fuq studji ekoloġiċi, li min-naħa tagħha tista' tgħin sabiex jiġu ddefiniti l-miżuri meħtieġa sabiex jiġu evitati u jitnaqqsu l-impatti fuq l-ispeċijiet imħarsin. Fil-fatt, l-ewwel għan huwa li jkun hemm konformità mal-projbizzjonijiet relatati mal-ispeċijiet imħarsin. Jekk dak ma jkunx possibbli, u għalhekk tkun meħtieġa deroga mir-reġim ta' ħarsien strett, għandu jsir studju bir-reqqa li juri l-konformità mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' deroga. Il-każ jiġi vvalutat mill-Kunsill Nazzjonali għall-Ħarsien tan-Natura. L-awtorizzazzjoni ambjentali tista' tingħata biss jekk il-proġett jikkonforma bis-sħiħ mar-regolamenti ambjentali rilevanti kollha.

Ladarba jiġi awtorizzat, il-proġett jiġi sottomess għal kontrolli fuq il-post u amministrattivi sabiex jiġi żgurat li jkunu rrispettati d-dispożizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni.

## 2.2.2. Miżuri sabiex jiġi żgurat stat ta' konservazzjoni favorevoli

30 "Billi l-manteniment ta' dik il-bijodiversità f'ċerti każijiet teħtieġ li jsiru, jew saħansitra jiġu mħajra, l-attivitajiet umani."

31 "Billi hi meħtieġa sistema ġenerali ta' protezzjoni għal ċerti speċi ta' flora u fawna biex tikkomplementa d-Direttiva 79/409/KEE; billi jenħtieġ li jsir provvediment għal miżuri tal-immaniġġjar għal ċerti speċijiet, jekk l-istat ta' konservazzjoni tagħhom hekk jitlob, inkluża l-projbizzjoni ta' ċerti mezzi ta' qbid jew qtil, filwaqt li tagħti lok biex ikun hemm il-possibbiltà għal derogi skont ċerti kondizzjonijiet".

32 Pereżempju, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, il-Kawża C-57/89.

*Miżuri ta' ħarsien strett adottati skont l-Artikolu 12 iridu jikkontribwixxu biex jintlaħaq l-objettiv ewlieni tad-Direttiva, jiġifieri ż-żamma jew ir-restawr ta' stat ta' konservazzjoni favorevoli.*

(2-15) L-interpretazzjoni tal-Artikolu 12 għandha tqis l-objettiv tad-Direttiva dwar il-Ħabitats kif stabbilit fl-Artikolu 2, li japplika, mingħajr distinzjoni, għall-ħabitats u għall-ispeċijiet elenkati fl-annessi kollha. Konsegwentement, **jenħtieġ li miżuri ta' ħarsien strett adottati skont l-Artikolu 12 jiżguraw jew jikkontribwixxu għaż-żamma jew għar-restawr, fi stat ta' konservazzjoni favorevoli, tal-ispeċijiet ta' interess Komunitarju tal-Anness IV**.

(2-16) Barra minn hekk, l-Artikolu 12 għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-Artikolu 1(i), li jiddefinixxi l-istat ta' konservazzjoni favorevoli ta' speċi. Dan jimplika li l-miżuri li għandhom jittieħdu jridu jiġu deċiżi fuq il-bażi taċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull sitwazzjoni u b'kont meħud tal-ispeċifiċità ta' kull speċi. Pereżempju, il-karatteristiċi ta' speċi, bħall-istat ta' konservazzjoni tagħha, jistgħu jiġġustifikaw miżuri ta' ħarsien aktar speċifiċi jew intensi.

Fil-kawża *Cricetus cricetus* (C-383/09, il-punti 37 u 25), il-Qorti ddikjarat li l-miżuri implimentati "kienu inadegwati sabiex jippermettu li effettivament jiġi evitat id-deterjorament jew il-qerda tas-siti ta' tgħammir jew tal-postijiet ta' mistrieħ tal-ħamster komuni". Il-Qorti qieset li "minkejja l-applikazzjoni tal-miżuri stabbiliti fil-pjan ta' rkurpru favur il-[ħamster komuni] (2007-2011) u l-impenji rispettivi tal-partijiet ikkonċernati fil-ħarsien tal-ispeċi, ir-riżultati bijoloġiċi miksuba sa llum għall-ħarisen ta' din l-ispeċi fi Franza huma inadegwati". Għalhekk "huwa indispensabbli li l-miżuri favur il-ħamster komuni jitjieb malajr u b'mod ċar, sabiex fi żmien qasir jinkisbu riżultati bijoloġiċi li juru li din l-ispeċi qed tirkupra". Dan ifisser li s-sistema ta' ħarsien strett għandha tiġi adattata għall-ħtiġijiet u għall-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċi.

**3 - Aktar gwida: pjanijiet ta' azzjoni tal-UE għall-ispeċijiet magħżulin**

Mill-2008, il-Kummissjoni Ewropea sostniet l-iżvilupp ta' diversi pjanijiet ta' azzjoni tal-UE għall-ispeċijiet magħżulin elenkati fid-Direttiva dwar il-Ħabitats. Il-pjanijiet huma maħsubin sabiex jintużaw bħala għodda għall-identifikazzjoni u għall-prijoritizzazzjoni ta' miżuri sabiex jiġu rrestawrati l-popolazzjonijiet ta' dawn l-ispeċijiet fil-firxa tagħhom fl-UE. Jipprovdu informazzjoni dwar l-istatus, l-ekoloġija, it-theddid u l-miżuri ta' konservazzjoni attwali għal kull speċi u jelenkaw l-azzjonijiet ewlenin li huma meħtieġa sabiex itejbu l-istat ta' konservazzjoni tagħhom fl-Istati Membri tal-UE u sabiex jikkonformaw ma' leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-UE. Kull pjan huwa r-riżultat ta' proċess estensiv ta' konsultazzjoni ma' esperti individwali fl-UE.

- Pjan ta' Azzjoni għall-Konservazzjoni tal-Common Midwife Toad fl-UE
- Pjan ta' Azzjoni għall-Konservazzjoni tad-Danube Clouded Yellow fl-UE
- Pjan ta' Azzjoni għall-Konservazzjoni tal-European Ground Squirrel fl-Unjoni Ewropea
- Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-konservazzjoni tal-ispeċijiet kollha tal-friefet il-lejl fl-Unjoni Ewropea (2018-2024)
- Pjan ta' Azzjoni Pan-Ewropew għall-Isturjuni

Il-pjanijiet huma maħsubin sabiex jgħinu lill-Istati Membri fil-konservazzjoni ta' dawn l-ispeċijiet, għalkemm mhumiex dokumenti legalment vinkolanti u ma jinvolvux lill-Istati Membri lil hinn mill-impenji legali eżistenti tagħhom skont id-Direttiva.

Il-pjanijiet ta' azzjoni ppreparati huma disponibbli fuq:
http://ec.europa.eu/environment/nature/conservation/species/action_plans/index_en.htm.

**4 - Prattika tajba: konservazzjoni tal-ors ta' Cantabria fi Spanja**

Fi Spanja, hemm tliet karnivori kbar: il-linċi tal-Iberja (*Lynx pardinus*), l-ors kannella (*Ursus arctos*) u l-lupu (*Canis lupus*). Bħal f'pajjiżi Ewropej oħrajn, l-aħħar żewġ speċijiet ġew ippersegwitati matul is-sekli.

Sa nofs is-seklu għoxrin, il-popolazzjoni tal-orsijiet fil-Muntanji ta' Cantabria kienet magħmula minn 60-70 individwu biss, li kienu maqsumin f'żewġ subpopolazzjonijiet. Popolazzjoni żgħira oħra ta' 20-30 individwu kienet teżisti fil-Pirinej. L-istrateġija ta' Spanja għall-konservazzjoni tal-ors ta' Cantabria ġiet adottata fl-1999 u aġġornata fl-2019. L-istrateġija għall-popolazzjonijiet tal-ors fil-Pirinej (li ġew introdotti mill-ġdid fil-Pirinej Franċiżi b'xi individwi rrilaxxati wkoll fuq in-naħa Spanjola) ġiet approvata fl-2007. Fost l-oħrajn, dawn l-istrateġiji jinkludu miżuri li jimplimentaw l-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats.

Fl-1992, ġie approvat l-ewwel proġett LIFE għall-irkupru taż-żewġ subpopolazzjonijiet fil-medda muntanjuża ta' Cantabria. Minn dak iż-żmien, twettqu 26 proġett li ffokaw direttament jew indirettament fuq l-orsijiet fiż-żona kollha ta' distribuzzjoni fit-Tramuntana tal-Peniżola Iberika. Dawn il-proġetti kienu fil-biċċa l-kbira fil-Muntanji ta' Cantabria u f'Galicia, b'xi wħud fil-Pirinej. L-objettivi kienu li jittejjeb il-ħabitat, li tintemm il-kaċċa illegali, li jinkiseb l-appoġġ u l-involviment tal-popolazzjonijiet u tal-atturi lokali permezz ta' sensibilizzazzjoni, li tittejjeb il-konnettività bejn il-popolazzjonijiet, li jiġi miġġieled l-avvelenament, u li titħeġġeġ l-espansjoni tal-popolazzjonijiet.

Bis-saħħa tal-appoġġ mill-gvernijiet nazzjonali u reġjonali u mill-NGOs, il-proġetti fil-Muntanji ta' Cantabria kellhom suċċess konsiderevoli. L-attitudni tal-abitanti fir-rigward tal-ors tjiebet ukoll u l-kaċċa illegali issa sparixxiet kważi kompletament. Huwa stmat li l-popolazzjoni attwali għandha 270-310 orsijiet,[33] u qed tikber.

### 2.2.3. Miżuri rigward is-sitwazzjonijiet deskritti fl-Artikolu 12

*Il-miżuri li għandhom jittieħdu skont l-Artikolu 12 huma ċirkoskritti mill-kontenut tal-projbizzjonijiet u minn obbligi oħrajn f'dan l-Artikolu. Dan jista' jinkludi l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri preventivi li jantiċipaw u jindirizzaw it-theddid u r-riskji li tista' tiffaċċja speċi.*

(2-17) Il-kamp ta' applikazzjoni u t-tip ta' miżuri meħudin sabiex tiġi stabbilita sistema ta' ħarsien strett huma ċirkoskritti mil-lista tal-projbizzjonijiet u minn obbligi oħrajn fl-Artikolu 12 (ara wkoll it-Taqsima 2.3 aktar 'il quddiem). Konsegwentement, il-miżuri meħudin iridu jkunu relatati ma' azzjonijiet li jheddu l-ispeċijiet infushom (12(1)(a)-(c), 12(2), 12(3) u 12(4)) jew ma' elementi definiti tal-ħabitats tagħhom (l-Artikolu 12(1)(d)). L-Artikolu 12(1), waħdu jew flimkien mal-Artikolu 2, ma jobbligax lill-Istati Membri jieħdu miżuri ta' ġestjoni proattiva tal-ħabitats[34]; jirrikjedi biss miżuri sabiex jiġu pprojbiti b'mod effettiv l-attivitajiet kollha elenkati fl-Artikolu 12(1). Barra minn hekk, skont l-Artikolu 12(4), "l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri ulterjuri ta' riċerka jew ta' konservazzjoni kif meħtieġa biex jiżguraw li l-qbid aċċidentali u l-qtil ma jkollhomx effett negattiv sinifikanti fuq l-ispeċi konċernati".

(2-18) Jistgħu jkunu meħtieġa tipi differenti ta' miżuri għal speċijiet differenti elenkati fl-Anness IV, u għal sitwazzjonijiet differenti. Dan jista' jvarja skont ir-rekwiżiti ekoloġiċi differenti tal-ispeċi u skont problemi u theddid speċifiċi li tiffaċċja l-ispeċi jew li jiffaċċjaw il-gruppi ta' speċijiet. **Hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali li jiddefinixxu l-miżuri li jkunu neċessarji sabiex jiġu implimentati b'mod effettiv**

33 Għal aktar informazzjoni, ara:
L-istrateġija nazzjonali jew il-konservazzjoni tal-ors kannella fil-Muntanji ta' Cantabria:
https://www.miteco.gob.es/es/biodiversidad/publicaciones/pbl-fauna-flora-estrategias-oso-cantabrico.aspx.
L-istrateġija nazzjonali għall-konservazzjoni tal-ors kannella fil-Pirinej:
https://www.miteco.gob.es/es/biodiversidad/temas/conservacion-de-especies/especies-proteccion-especial/ce-proteccion-estr-oso-pirineos.aspx.

34 Madankollu, jistgħu jkunu meħtieġa miżuri ta' ġestjoni attivi f'sit speċifiku ta' Natura 2000 jekk l-ispeċi kkonċernata tkun elenkata wkoll fl-Anness II tad-Direttiva f'konformità mal-Artikolu 6(1).

**il-projbizzjonijiet tal-Artikolu 12(1) u sabiex jiġi żgurat il-ħarsien strett tal-ispeċijiet**.

(2-19) Għalhekk, l-Istati Membri għandhom l-obbligu kemm li jintroduċu projbizzjoni fil-leġiżlazzjoni (f'konformità mal-Artikolu 12(1)) kif ukoll li jinfurzaw u jimplimentaw b'mod effettiv dik il-projbizzjoni, li tinkludi miżuri preventivi (bħas-sensibilizzazzjoni dwar il-projbizzjonijiet fis-seħħ, il-monitoraġġ, eċċ.). Huwa evidenti wkoll mill-formulazzjoni tal-Artikoli 12 u 1(i), u mill-objettiv ta' "żamma" ta' stat ta' konservazzjoni favorevoli, li l-Istati Membri huma marbutin bl-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 12 anki qabel ma jiġi kkonfermat xi tnaqqis fl-għadd tal-ispeċijiet jew isir realtà r-riskju li speċi mħarsa tisparixxi[35]. Anke jekk speċi jkollha stat ta' konservazzjoni favorevoli u x'aktarx li jkollha dan fil-futur prevedibbli**, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu wkoll miżuri *preventivi* sabiex iħarsu l-ispeċi** mill-attivitajiet elenkati fl-Artikolu 12.

Tabilħaqq, il-QĠUE ċċarat li "l-implimentazzjoni tas-sistema ta' ħarsien stabbilita fl-Artikolu 12(1)(a) sa (c) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats mhijiex soġġetta għall-kundizzjoni li attività partikolari jista' jkollha effett negattiv fuq l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċi ta' annimal ikkonċernata"[36] u "l-protezzjoni mogħtija mill-imsemmija dispożizzjoni ma tibqax tapplika għall-ispeċijiet li jkunu laħqu stat ta' konservazzjoni favorevoli"[37]. Barra minn hekk, "peress li l-implimentazzjoni tas-sistema ta' protezzjoni prevista fl-Artikolu 12(1)(d) ta' dik id-Direttiva mhijiex soġġetta għall-għadd ta' kampjuni tal-ispeċi kkonċernata, hija ma tistax tiddependi (…) fuq ir-riskju ta' effett negattiv fuq l-istat ta' konservazzjoni ta' dik l-ispeċi" [38].

(2-20) Din l-opinjoni hija appoġġata mill-Kawżi C-103/00, C-518/04, C-183/05 u C-383/09, fejn il-Qorti enfasizzat l-importanza tal-karattru preventiv tal-miżuri meħudin[39]. Il-Qorti ċaħdet l-argument tal-Gvern Grieg li kien hemm bżonn li jiġi ppruvat tnaqqis fl-għadd ta' bejtiet sabiex jintwera n-nuqqas ta' ħarsien strett għall-*Caretta caretta*. Skont il-Qorti, "il-fatt li ma jidhirx li l-għadd ta' bejtiet ta' dik l-ispeċi naqas matul l-aħħar 15-il sena, minnu nnifsu ma jixħitx f'dubju din il-konstatazzjoni", jiġifieri n-nuqqas ta' sistema ta' ħarsien strett għall-*Caretta caretta*.

Il-Qorti sostniet li t-traspożizzjoni tal-Artikolu 12 teħtieġ li l-Istati Membri mhux biss jadottaw qafas leġiżlattiv komprensiv iżda wkoll jimplimentaw miżuri ta' ħarsien prattiċi u speċifiċi f'dak ir-rigward u li s-sistema ta' ħarsien strett tippresupponi l-adozzjoni ta' miżuri koerenti u koordinati ta' natura preventiva[40]. Għalhekk, sistema ta' ħarsien strett bħal din trid tippermetti l-evitar effettiv tad-deterjorament jew tal-qerda ta' siti tat-tnissil jew tal-postijiet ta' mistrieħ tal-ispeċijiet ta' annimali elenkati fl-Anness IV(a) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats (ara, għal dak l-għan, il-Kawża C-103/00, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, Rapporti tal-Qorti Ewropea 2002, I-1147, il-punt 39).

(2-21) Approċċ bħal dan huwa bbażat ukoll fuq l-Artikolu 191 tat-TFUE, li jgħid li "l-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent għandha jkollha l-mira ta' protezzjoni ta' livell għoli", u hija bbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u fuq il-prinċipju li jenħtieġ li tittieħed azzjoni preventiva. Il-miżuri preventivi jantiċipaw u jindirizzaw it-theddid u r-riskji li speċi tista' tiffaċċja. Konsegwentement, għal xi speċijiet, jenħtieġ li l-miżuri preventivi jkunu wkoll parti mill-"miżuri meħtieġa" sabiex tiġi stabbilita s-sistema ta' ħarsien strett.

35 Ara, b'mod partikolari, il-paragrafu 43 tal-opinjoni tal-Avukat Ġenerali u l-punt 31 tas-sentenza fil-Kawża C-504/14 *Caretta caretta*, u l-punt 21 tas-sentenza fil-Kawża C-518/04 *Vipera schweizeri*.

36 Il-Kawża C-473/19 u C-474/19, il-punt 57

37 Il-Kawża C-473/19 u C-474/19, il-punt 78.

38 Il-Kawża C-473/19 u C-474/19, il-punt 84.

39 Din is-soluzzjoni diġà kienet ġiet applikata fis-sentenza tat-2 ta' Awwissu 1993, Il-Kummissjoni vs Spanja, il-Kawża C-355/90, ECLI:EU:C:1993:331, il-punt 15.

40 Is-sentenza tal-15 ta' Marzu 2012, Il-Kummissjoni vs Ċipru, il-Kawża C-340/10, EU:C:2012:143, il-punti 60 u 61.

**5 – Aktar gwida: eżempji ta' miżuri preventivi li jappoġġaw l-implimentazzjoni effettiva "fil-prattika" tal-projbizzjonijiet fl-Artikolu 12**

- Kampanji ta' informazzjoni għas-sensibilizzazzjoni fost il-pubbliku ġenerali, jew immirat (eż. sidien tal-art), dwar ir-rekwiżiti ta' ħarsien għal ċerti speċijiet u l-post tagħhom, u l-post fejn jinsabu s-siti tat-tnissil u l-postijiet ta' mistrieħ tagħhom.
- Azzjoni sabiex jiġi żgurat li l-kunsiderazzjonijiet dwar il-ħarsien tal-ispeċijiet jitqiesu mill-attivitajiet ekonomiċi rilevanti (eż. l-agrikoltura, il-forestrija jew is-sajd) li jista' jkollhom impatt fuq l-ispeċijiet tal-Anness IV sabiex jiġu evitati l-impatti negattivi ta' ċerti prattiki ta' użu tal-art jew tal-baħar. Din tista' tinkludi taħriġ, kodiċijiet ta' kondotta, dokumenti ta' gwida, l-adattament ta' pjanijiet tal-forestrija jew tal-agrikoltura jew tal-prattiki tas-sajd, u l-aħjar prattika jew proċeduri amministrattivi.
- Il-prevenzjoni attiva ta' tfixkil probabbli (eż. ir-restrizzjoni tal-aċċess għall-għerien tal-friefet il-lejl matul perjodi sensittivi sabiex jiġi evitat tfixkil jew vandaliżmu, modifika jew restrizzjoni ta' prattiki agrikoli, tal-forestrija jew tas-sajd).
- L-identifikazzjoni ta' attivitajiet partikolarment dannużi li jeħtieġ li jkunu soġġetti għal permessi speċifiċi jew għal kontroll lokali.
- L-identifikazzjoni ta' attivitajiet potenzjalment dannużi li jeħtieġ li jkunu soġġetti għal monitoraġġ.
- L-integrazzjoni fil-valutazzjoni tal-impatt ambjentali u fil-proċeduri ta' valutazzjoni ambjentali strateġika tar-rekwiżiti għall-valutazzjoni tal-impatti tal-proġetti u tal-pjanijiet fuq l-ispeċijiet tal-Anness IV u fuq is-siti tat-tnissil u fuq il-postijiet ta' mistrieħ tagħhom.
- L-ispezzjonijiet u l-użu ta' rangers għas-sorveljanza.
- It-tħejjija ta' pjanijiet nazzjonali ta' konservazzjoni, li jistgħu jistabbilixxu fid-dettall il-miżuri msemmijin hawn fuq u jipprovdu gwida prattika lill-awtoritajiet lokali/reġjonali, lill-gruppi ta' interess affettwati, eċċ. dwar l-implimentazzjoni effettiva ta' dawn id-dispożizzjonijiet għal speċijiet speċifiċi.

**6 - Eżempju ta' prattiki tajba: pjan nazzjonali ta' konservazzjoni tal-orka fi Spanja**

Fl-2017, Spanja adottat pjan ta' konservazzjoni tal-orka (*Orcinus orca*) għall-Istrett ta' Ġibiltà u għall-Golf ta' Cadiz, iż-żewġ postijiet fejn l-ispeċi tinstab fl-ibħra Spanjoli. Huwa l-ewwel pjan ta' konservazzjoni għal speċi tal-baħar approvat fi Spanja. L-istat tal-popolazzjoni tal-orka fl-Istrett ta' Ġibiltà u fil-Golf ta' Cadiz huwa deskritt bħala "vulnerabbli" fil-katalogu Spanjol ta' speċijiet mhedda (CEEA) iżda ġie vvalutat bħala favorevoli minn Spanja fl-aħħar rapport tagħha tal-Artikolu 17. Dan il-pjan għandu azzjonijiet sabiex inaqqas it-theddid għall-orki fiż-żona, bl-għan li jiggarantixxi stat ta' konservazzjoni favorevoli.

It-theddid ewlieni huwa t-tnaqqis tal-priża mis-sajd eċċessiv, l-interazzjoni mal-bastimenti, u t-tniġġis akustiku u kimiku. Għalhekk, il-pjan jinkludi miżuri bħall-projbizzjoni tal-esplorazzjoni għaż-żejt u għall-gass minn stħarriġiet siżmiċi f'ċerti żoni, ir-regolamentazzjoni tal-osservazzjoni tal-baleni, it-tnaqqis tal-isforz tas-sajd sabiex jiġu żgurati riżorsi tal-ikel suffiċjenti għall-popolazzjoni tal-balena, it-tnaqqis tat-tniġġis fiż-żona, u l-monitoraġġ tal-popolazzjoni.

Ġew adottati atti legali oħrajn dwar il-ħarsien taċ-ċetaċji. Id-Digriet Irjali 1727/2007 jistabbilixxi miżuri ta' ħarsien għaċ-ċetaċji li jkopru, fost l-oħrajn, attivitajiet ta' osservazzjoni tal-baleni. Id-Digriet Irjali 699/2018 jindika l-kuritur ta' migrazzjoni taċ-ċetaċji fil-Mediterran bħala żona marina mħarsa. Japprova wkoll reġim ta' ħarsien preventiv u jipproponi l-inklużjoni tal-kuritur tal-migrazzjoni fil-lista ta' Żoni Mħarsa b'mod Speċjali ta' Importanza għall-Mediterran fil-qafas tal-Konvenzjoni ta' Barċellona.

Hemm ukoll proġetti ffokati, bħall-proġett LIFE IP INTEMARES, li jimplimentaw miżuri ta' konservazzjoni taċ-ċetaċji, bħall-analiżi tat-traffiku tal-baħar u d-distribuzzjoni taċ-ċetaċji, sabiex titnaqqas il-mortalità taċ-ċetaċji minħabba kolliżjonijiet fl-ibħra madwar il-Gżejjer Baleariċi u l-Gżejjer Kanarji. Barra minn hekk, hemm azzjonijiet sabiex jiġu kkontrollati l-attivitajiet ta' rikreazzjoni li jinvolvu l-avviċinament taċ-ċetaċji, u miżuri sabiex jiġi promoss it-tnaqqis tal-istorbju fil-baħar[41].

**7 - Prattika tajba: ħarsien tal-għerien tal-friefet il-lejl fir-Rumanija**

Il-muntanji ta' Pădurea Craiului, ta' Bi-hor u ta' Trascău fir-Rumanija, huma miżgħuda għerien spettakolari taħt l-art ta' daqsijiet li jvarjaw. Jilqgħu fihom kolonji importanti ta' speċijiet differenti ta' friefet il-lejl li huma mħarsin skont id-Direttiva dwar il-Ħabitats. Il-friefet il-lejl huma vulnerabbli ħafna għal kwalunkwe forma ta' tfixkil, speċjalment matul il-perjodi ta' tħejjija għall-irqad u ta' ibernazzjoni tagħhom.

Sabiex jiġu ssalvagwardjati l-postijiet eżistenti ta' tħejjija għall-irqad minn tfixkil mit-turisti, fl-2010 tnieda proġett LIFE[42] sabiex jingħalqu d-daħliet għal 15-il għar li jospitaw postijiet importanti ta' tħejjija għall-irqad għall-friefet il-lejl (100,000 farfett il-lejl fl-Għar ta' Huda lui Papară biss). Dan sar billi tqiegħdet gradilja maħsuba apposta jew xatba fid-daħla tal-għerien sabiex jiġi kkontrollat l-aċċess mill-bniedem filwaqt li l-friefet il-lejl xorta waħda jkunu jistgħu jidħlu u joħorġu.

Żjarat bi gwida f'dawn l-għerien xorta jistgħu jsiru fi gruppi żgħar iżda jridu jsegwu kodiċi ta' kondotta sabiex jiżguraw li jevitaw li jfixklu l-friefet il-lejl. Fid-daħla tal-għerien tqiegħdu wkoll pannelli ta' informazzjoni sabiex jispjegaw għaliex ingħalqu l-għerien, u x'tip ta' friefet il-lejl qed jitħarsu.

### 2.2.4. Dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12(1)(a)-(d) u 12(4) fir-rigward tal-attivitajiet li għaddejjin bħalissa

*Għall-attivitajiet li għaddejjin bħalissa, bħall-agrikoltura, il-forestrija jew is-sajd, l-isfida hija li jiġu applikati d-dispożizzjonijiet dwar il-ħarsien tal-ispeċijiet tal-Artikolu 12 b'mod li qabel kollox jipprevjeni kwalunkwe kunflitt. L-użu ta' għodod bħall-istrumenti ta' ppjanar, il-kodiċijiet ta' kondotta u l-informazzjoni u l-gwida prattiċi jistgħu potenzjalment jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' konservazzjoni filwaqt li jqisu wkoll ir-rekwiżiti ekonomiċi, soċjali u kulturali. Madankollu, dawn l-għodod iridu jkunu akkumpanjati minn qafas legali li jiżgura l-infurzar xieraq mill-awtoritajiet regolatorji f'każ ta' nuqqas ta' konformità. Fir-rigward tat-tfixkil mhux intenzjonat jew tal-qtil mhux volontarju ta' kampjuni individwali matul attivitajiet li jkunu għaddejjin, dan irid jiġi indirizzat skont l-Artikolu 12(4).*

(2-22) Filwaqt li l-applikazzjoni tar-regolamenti protettivi tista' tkun marbuta b'mod ċar mal-proċeduri ta' approvazzjoni tal-proġetti (eż. għall-proġetti ta' kostruzzjoni u

---

[41] Għal aktar informazzjoni, ara:
Estrategias marinas. [Strateġiji Marini]
http://www.miteco.gob.es/es/costas/temas/proteccion-medio-marino/estrategias-marinas/
LIFE IP INTEMARES: https://fundacion-biodiversidad.es/es/biodiversidad-marina-y-litoral/proyectos-propios/life-ip-paf-intemares Sociedad Española de cetáceos. [Għaqda ta' Spanja għaċ-ċetaċji] https://cetaceos.com/.

[42] http://www.batlife.ro/

infrastrutturali), l-applikazzjoni tagħhom fil-każ ta' attivitajiet rikorrenti u mifruxin, bħall-**agrikoltura, il-forestrija jew is-sajd**[43], tista' tkun kwistjoni aktar kumplessa.

Madankollu, id-Direttiva tapplika għal dawn l-attivitajiet ukoll. Tabilħaqq, il-QĠUE ċċarat li l-projbizzjonijiet fl-Artikolu 12(1)(a) sa (c) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats jistgħu japplikaw għal attività, bħal xogħol tal-forestrija jew żvilupp tal-art, li l-iskop tagħha jkun ċar li ma jkunx jinvolvi l-qbid jew il-qtil, it-tfixkil tal-ispeċijiet ta' annimali jew il-qerda volontarja jew il-ġbir tal-bajd[44]. B'analoġija, l-istess jgħodd għall-projbizzjoni fl-Artikolu 12(1)(d) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats.

**Għalhekk, l-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw li jissodisfaw l-obbligi tagħhom li jħarsu l-ispeċijiet fl-Anness IV fil-każ ta' attivitajiet li għaddejjin bħalissa wkoll**. Dan mhux bilfors ifisser li jeħtieġ li jiġu introdotti strutturi jew proċeduri ta' awtorizzazzjoni ġodda fil-livell nazzjonali. L-Istati Membri x'aktarx li jkollhom fis-seħħ proċeduri ta' ppjanar, regolamenti jew kodiċijiet tal-aħjar prattika li jistgħu jiġu adattati sabiex jinkorporaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12. Madankollu, indipendentement mill-approċċ magħżul sabiex jiġu applikati r-rekwiżiti tal-Artikolu 12 għal attivitajiet li għaddejjin bħalissa (il-ħolqien ta' mekkaniżmu ġdid jew l-adattament ta' mekkaniżmi eżistenti), l-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw li r-rekwiżiti dwar il-ħarsien strett jiġu ssodisfati b'mod adegwat. Peress li l-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd ivarjaw b'mod sinifikanti f'dan il-punt, kull wieħed huwa diskuss separatament hawn taħt.

(2-23) Fir-rigward tal-**agrikoltura**[45], għadd ta' Stati Membri għażlu miżuri preventivi sabiex jiżguraw il-konformità mal-Artikolu 12. Dan jista' jinvolvi, pereżempju, l-iżvilupp ta' **gwida u ta' kodiċijiet ta' kondotta** (anki jekk ma jkunux legalment vinkolanti) li jkunu dettaljati u ċari biżżejjed. Huwa utli li wieħed jinnota li r-regoli bażiċi dwar il-prattika tal-agrikoltura spiss jinkludu l-ħarsien ta' ċerti karatteristiċi tal-pajsaġġ — bħal arbuxelli, għadajjar, eċċ. — li jistgħu jkunu wkoll ħabitats għall-ispeċijiet elenkati fl-Anness IV. Madankollu, il-medda ta' speċijiet ikkonċernati hija wiesgħa ħafna u, f'xi każijiet, l-Istati Membri ħassew li kien xieraq li jipproduċu gwida aktar dettaljata speċifika għall-ispeċijiet.

Madankollu, id-Direttiva tirrikjedi li **tali approċċi u għodod jikkomplementaw, u mhux jissostitwixxu, il-protezzjoni legali formali**, jiġifieri jekk dawn l-għodod (eż. il-kodiċijiet ta' kondotta, l-aħjar prattiki) jiġu injorati jew ma jiġux implimentati kif xieraq, irid ikun hemm proċeduri legali fis-seħħ sabiex tiġi infurzata b'mod effettiv is-sistema ta' ħarsien strett tal-ispeċijiet skont l-Artikolu 12.

---

43 Bħala attivitajiet mifruxin ħafna, l-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd huma kkunsidrati fid-dettall f'dan il-kapitolu. Madankollu, filwaqt li l-livell ta' kontroll statutorju fuq l-attivitajiet li għaddejjin bħalissa jista' jvarja, jenħtieġ li l-prinċipji stabbiliti f'dan il-kapitolu jitqiesu bħala ġeneralment applikabbli għal attivitajiet oħrajn li għaddejjin ukoll (eż. iż-żamma ta' rotot tat-traffiku, l-akkwakultura, l-estrazzjoni ta' materja prima, it-turiżmu, l-attivitajiet ta' manutenzjoni, eċċ.)

44 Il-Kawża C-473/19 u C-474/19, il-punt 53.

45 Fir-rigward tar-relazzjoni bejn l-agrikoltura u l-ħarsien tal-ambjent, ir-riforma tal-2003 tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) hija sinifikanti f'żewġ aspetti ewlenin. L-ewwel nett, hija kissret ir-rabta bejn is-sussidji tal-UE u l-produttività tar-raba'. Minn dak iż-żmien, il-maġġoranza tal-bdiewa bdew jirċievu pagament uniku għall-azjenda agrikola li ma baqax relatat mal-produttività tagħhom. L-inċentiv għall-bdiewa li jżidu l-produttività huwa ddeterminat biss minn kunsiderazzjonijiet ekonomiċi stabbiliti mill-prezzijiet tas-suq. It-tieni, kundizzjoni sabiex wieħed jirċievi pagamenti uniċi għall-azjendi agrikoli u kwalunkwe appoġġ ieħor fil-qafas tal-PAK hija l-konformità ma' għadd ta' rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni (RSU), inklużi regoli tal-UE dwar is-saħħa pubblika, tal-annimali u tal-pjanti; il-benessri tal-annimali; u l-ambjent, l-UE kif ukoll l-osservanza ta' sett ta' regoli bażiċi dwar il-prattika tal-agrikoltura (kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin – GAECs). Skont waħda minn dawn ir-regoli – il-GAEC 7 – il-bdiewa jeħtiġilhom jiżguraw iż-żamma ta' karatteristiċi tal-pajsaġġ bħall-ħitan, l-arbuxelli, ix-xtut, il-miġriet u s-siġar, li jwasslu benefiċċji sekondarji għall-bijodiversità (ara https://ec.europa.eu/info/food-farming-fisheries/key-policies/common-agricultural-policy_mt). Ara wkoll l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-ekoloġizzazzjoni, ippubblikata f'Diċembru 2017 (https://ec.europa.eu/agriculture/evaluation/market-and-income-reports/greening-of-direct-payments_mt) u r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri tal-UE *Ekoloġizzazzjoni: skema aktar kumplessa ta' appoġġ għall-introjtu, li għadha mhijiex ambjentalment effettiva* ppubblikat f'Diċembru 2017 (https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/NewsItem.aspx?nid=9338).

(2-24) F'dan il-kuntest, jenħtieġ li jiġi enfasizzat li l-okkorrenza ta' speċijiet imħarsin fir-raba' spiss tkun ir-riżultat ta' prattiki tradizzjonali tal-użu tal-art u tal-agrikoltura, normalment ta' natura estensiva. Meta l-prattiki tal-użu tal-art ikunu jappoġġaw b'mod ċar l-istat ta' konservazzjoni ta' speċi li tkun qed tiġi kkunsidrata, huwa ovvju li jenħtieġ li tiġġedded il-kontinwazzjoni ta' tali prattiki. Minbarra r-rekwiżiti skont l-Artikolu 12(1), il-qbid jew il-qtil inċidentali ta' speċijiet ta' annimali mħarsin marbut ma' tali attivitajiet li jkunu għaddejjin jeħtieġ li jiġi mmonitorjat u evalwat f'konformità mal-Artikolu 12(4).

(2-25) L-applikazzjoni tal-Artikolu 12 għall-**forestrija** hija, f'xi aspetti, aktar kumplessa fis-sens li huwa aktar probabbli li s-siġar li għandhom jinħasdu jkunu huma stess il-ħabitat ukoll (sit tat-tnissil jew post ta' mistrieħ) tal-ispeċijiet tal-Anness IV ikkonċernati. Il-karatteristiċi speċifiċi tas-settur, jiġifieri ċ-ċikli twal tal-produzzjoni u, konsegwentement, il-ħtieġa għal ippjanar fit-tul, iżidu mal-isfidi speċjali tal-konservazzjoni tal-ispeċijiet fil-foresti.

Fit-tfittxija għal prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti li huma konsistenti mar-rekwiżiti ta' konservazzjoni, ġew żviluppati diversi approċċi fi Stati Membri differenti sabiex tiġi indirizzata l-kwistjoni. L-approċċi eżistenti jvarjaw mill-ippjanar dettaljat tal-forestrija u mill-approvazzjoni minn qabel tal-pjanijiet ta' ġestjoni tal-foresti, jew mill-kodiċijiet ta' prattika ġenerali, għan-notifika minn qabel tal-proposti dwar it-tqaċċit sabiex l-awtoritajiet ambjentali jkunu jistgħu jintervjenu fejn jistgħu jkunu involuti popolazzjonijiet magħrufin ta' speċijiet imħarsin.

Bħal fil-każ tal-prattiki agrikoli, dawn l-approċċi preventivi jistgħu jiżguraw il-ħarsien tal-ispeċijiet ikkonċernati, dment li jiġu kkomunikati b'mod effettiv u implimentati b'rieda tajba u b'riżorsi suffiċjenti. L-inċentivi ekonomiċi jistgħu jgħinu fil-promozzjoni tal-aċċettazzjoni ta' approċċ bħal dan, bħal fil-każ ta' skemi ta' ċertifikazzjoni tal-foresti, li jistgħu jeħtieġu konformità ma' ċerti dispożizzjonijiet dwar il-ħarsien tal-ambjent, inkluż il-ħarsien tal-bijodiversità u tal-ispeċijiet. Ovvjament, l-approċċi jistgħu jeħtieġu li jiġu adattati sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti dwar il-ħarsien tal-ispeċijiet tal-Anness IV. Madankollu, approċċi bħal dawn ma jipprovdux garanzija assoluta, ħlief fejn l-approvazzjoni sħiħa minn qabel tal-pjanijiet ta' ġestjoni tal-foresti tkun obbligatorja, u għalhekk (kif indikat hawn fuq) iridu jiġu appoġġati minn reġim ta' protezzjoni legali infurzabbli.

(2-26) **Il-miżuri tal-forestrija jkunu konformi wkoll mal-Artikolu 12 jekk qabel kollox ikunu ppjanati b'mod li tiġi evitata kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 12**. Approċċ preventiv xieraq jista' jevita kunflitti mal-projbizzjonijiet fl-Artikolu 12 jekk jeskludi kwalunkwe prattika dannuża tal-forestrija meta l-ispeċi tkun fl-aktar qagħda vulnerabbli tagħha, eż. matul it-tnissil. Barra mill-istaġun tat-tnissil, jenħtieġ li l-miżuri meħtieġa mill-Artikolu 12 jiġu identifikati fuq bażi ta' każ b'każ, fuq il-bażi tal-ħtiġijiet ekoloġiċi tal-ispeċi, idealment fil-qafas tal-pjanijiet ta' ġestjoni tal-foresti[46] u bl-għan li jiġi evitat kwalunkwe deterjorament jew qerda ta' siti tat-tnissil jew ta' postijiet ta' mistrieħ.

Il-QĠUE ċċarat li jenħtieġ li x-xogħol fil-forestrija jkun ibbażat fuq approċċ preventiv li jqis il-ħtiġijiet ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet ikkonċernati u li għandu jiġi ppjanat u jitwettaq sabiex ma jkunx hemm ksur tal-projbizzjonijiet li jirriżultaw mill-Artikolu 12(1)(a) sa (c) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, filwaqt li jitqiesu, kif jidher mill-Artikolu 2(3) tad-Direttiva, ir-rekwiżiti ekonomiċi, soċjali, kulturali, reġjonali u lokali[47]. B'analoġija, l-istess jgħodd għall-projbizzjoni fl-Artikolu 12(1)(d) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats.

**8 - Eżempju ta' prattiki tajba: konservazzjoni tal-friefet il-lejl fil-Foresti, il-Ġermanja**

46 Il-Kawżi Magħquda C-473/19 u C-474/19 – Föreningen Skydda Skogen – dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 12 dwar il-miżuri tal-forestrija.
47 Il-Kawża C-473/19 u C-474/19, il-punt 77.

Fl-2000, l-Assoċjazzjoni Ġermaniża għall-Kura tal-Art (organizzazzjoni umbrella li fiha jikkooperaw utenti tal-art bħall-bdiewa u l-forestiera kif ukoll il-konservazzjonisti u l-politiċi lokali) wettqet proġett ta' R&Ż dwar l-ekoloġija tal-friefet il-lejl fil-foresti li jinvolvi 50 espert mill-pajjiż kollu. Is-sejbiet tal-proġett ġew ittrasformati f'serje ta' rakkomandazzjonijiet għall-maniġers tal-foresti li ġew ippubblikati mill-Aġenzija Federali għall-Konservazzjoni tan-Natura. Waħda mir-rakkomandazzjonijiet, pereżempju, tikkonċerna l-ħtieġa li jiġi offrut għadd suffiċjenti ta' siti ta' tħejjija għall-irqad lil komunità naturali ta' speċijiet ta' friefet il-lejl li għalihom huwa rrakkomandat li popolament kummerċjali tal-foresti ta' 120 sena għandu jipprovdi b'mod permanenti 25 sa 30 toqba f'siġra għal kull ettaru ta' popolament xieraq ta' siġar. Dan ifisser densità medja ta' seba' sa 10 siġriet ta' tħejjija għall-irqad għal kull ettaru.

Minn dak iż-żmien 'l hawn, diversi Landers (il-Bavarja, Berlin, Saarland, Schleswig-Holstein) irrakkomandaw ukoll, bħala prattika tajba, il-konservazzjoni ta' massimu ta' 10 siġriet antiki għal kull ettaru.

**9 - Eżempju ta' prattiki tajba: ħarsien tal-friefet il-lejl f'Castilla y León, Spanja**

Il-gvern reġjonali ta' Castilla y León wettaq proġett LIFE għall-ħarsien ta' diversi speċijiet ta' friefet il-lejl mill-1997 sal-2000 (LIFE96 NAT/E/003081). Ir-riżultati ewlenin kienu inventarju u mmappjar tad-distribuzzjoni tal-friefet il-lejl fir-reġjun, flimkien mal-installazzjoni b'suċċess ta' 5 000 post ta' kenn artifiċjali għall-friefet il-lejl tal-foresti u l-integrazzjoni tal-konservazzjoni tal-friefet il-lejl f'attivitajiet soċjoekonomiċi oħrajn. Bħala segwitu għal dan il-proġett, il-gvern reġjonali żviluppa żewġ manwali: wieħed għall-konservazzjoni ta' speċijiet individwali u t-tieni jelenka l-miżuri li jeħtieġ li jiġu applikati sabiex il-ġestjoni tal-foresti tkun kompatibbli mal-konservazzjoni tal-għasafar u tal-friefet il-lejl assoċjati mal-foresti. Fl-2011, ġiet adottata t-tieni gwida metodoloġika dwar l-ippjanar tal-foresti fiż-żoni ta' Natura 2000.

Il-manwal ta' "ġestjoni kompatibbli" jinkludi miżuri bħal:
1. Fiż-żoni tal-foresti użati bħala rifuġju minn speċijiet ta' friefet il-lejl tal-foresti, irid jitħalla ambjent ta' ħarsien minimu ta' 15-il ettaru. Dan irid jinkludi l-grupp ta' siġar magħżul mill-friefet il-lejl li mbagħad ikunu mħarsin.
2. F'żoni fejn ikun hemm evidenza tal-preżenza ta' dawn l-ispeċijiet, iridu jiġu mistħarrġa, immarkati u ppreservati s-siġar li jistgħu jkunu jew isiru postijiet ta' kenn potenzjali tal-friefet il-lejl.
3. Il-preżenza ta' kampjuni tal-friefet il-lejl tal-foresti trid tiġi vverifikata qabel l-operazzjonijiet ta' mmarkar.
4. Il-mużajk tal-ħabitats tal-foresti u ta' dawk assoċjati jrid jinżamm fl-iskala tal-pajsaġġ, meta jitqies li l-foresti bi predominanza ta' weraq wiesa' huma l-aktar adattati għall-konservazzjoni tal-friefet il-lejl, kif ukoll għall-gruppi ta' siġar maturi ta' 10-15-il ettaru.

Fl-2015, ġiet adottata ordni (ORDNI FYM/775/2015) li fiha ġew approvati l-pjanijiet ta' konservazzjoni għas-siti kollha ta' Natura 2000, flimkien mal-pjanijiet għat-tipi ta' ħabitats u għall-ispeċijiet tagħhom, inklużi pjanijiet individwalizzati għal kull speċi ta' farfett il-lejl[48].

**10 - Ġurisprudenza tal-QĠUE: il-kawża Skydda Skogen – it-tqaċċit tas-siġar**
Il-Kawżi Magħqudin C-473/19 u C-474/19

Notifika tat-tqaċċit tas-siġar fir-rigward ta' żona tal-foresti fil-muniċipalità Żvediża ta' Härryda ġiet sottomessa lill-Aġenzija tal-Foresti. Iż-żona tal-foresti koperta min-notifika hija l-ħabitat naturali ta' diversi speċijiet imħarsin, inklużi diversi għasafar u ż-Żrinġ tat-Torbiera , *Rana arvalis* (speċi tal-Anness IV(a) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats). Ix-xogħol ippjanat tal-forestrija f'dik iż-żona jkun iwassal sabiex jiġu mfixklin jew jinqatlu kampjuni ta' dawk l-ispeċijiet imħarsin.

48 Proġett LIFE. Quirópteros/Castilla León - *Azzjonijiet ta' prijorità għall-ħarsien tal-friefet il-lejl fiż-żoni ta' interess Komunitarju ta' Castilla y León* (LIFE96 NAT/E/003081)
http://ec.europa.eu/environment/life/project/Projects/index.cfm?fuseaction=search.dspPage&n_proj_id=424.

L-Aġenzija kienet tal-fehma li, bil-kundizzjoni li tiġi segwita l-gwida li pprovdiet, l-attività ma tmurx kontra l-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, kif trasposti fl-Ordinanza Żvediża dwar il-Ħarsien tal-Ispeċijiet. Tliet assoċjazzjonijiet ta' konservazzjoni talbu mingħajr suċċess li l-Bord Amministrattiv Reġjonali jieħu azzjoni kontra n-notifika tat-tqaċċit u l-parir tal-Aġenzija, u mbagħad ressqu kawża quddiem il-qorti nazzjonali.

Il-qorti nazzjonali ddeċidiet li tissospendi l-proċedimenti u talbet lill-QĠUE tipprovdi deċiżjoni preliminari dwar kwistjonijiet li jirreferu għall-interpretazzjoni tad-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Ħabitats, b'mod partikolari l-Art. 12 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats:

- Mistoqsija minnhom staqsiet, essenzjalment, jekk it-termini "qtil/tfixkil/qerda volontarji" fl-Art. 12(1)(a) sa (c) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats għandhomx jiġu interpretati b'tali mod li jekk l-iskop tal-miżuri jkun manifestament differenti mill-qtil jew mit-tfixkil tal-ispeċijiet (pereżempju, miżuri tal-forestrija jew l-iżvilupp tal-art), il-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Art. 12 japplikaw biss fil-każ ta' riskju ta' effetti avversi fuq l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċi kkonċernata.
- Kwistjoni oħra kienet essenzjalment jekk l-espressjoni "deterjorament/qerda" fir-rigward tas-siti tat-tnissil tal-annimali fl-Art. 12(1)(d) għandhiex tiġi interpretata bħala li l-projbizzjoni tapplika biss jekk l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċi kkonċernata jew l-istat tal-popolazzjoni affettwata lokali tagħha x'aktarx li jiddeterjora.

Barra minn hekk, il-qorti nazzjonali staqsiet jekk il-ħarsien strett fid-Direttivi jibqax applikabbli għal speċijiet li għalihom ikun intlaħaq l-objettiv tad-Direttiva dwar il-Ħabitats (stat ta' konservazzjoni favorevoli).

Fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Art. 12 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, il-QĠUE wieġbet li:
- il-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 12(1)(a) sa (c) japplikaw għal kwalunkwe miżura, inklużi dawk li l-iskop tagħhom ikun manifestament differenti mill-qtil jew mit-tfixkil ta' speċijiet ta' annimali;
- dawn il-projbizzjonijiet japplikaw fil-livell ta' kampjuni individwali u mhumiex soġġetti għall-kundizzjoni li attività partikolari tikkawża riskju ta' effett avvers fuq l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet ta' annimali kkonċernati;
- id-dispożizzjoni tal-Art. 12(1)(d) li tipprojbixxi d-deterjorament jew il-qerda ta' siti tat-tnissil tapplika irrispettivament mill-għadd ta' kampjuni tal-ispeċijiet ikkonċernati li jkunu preżenti fiż-żona inkwistjoni, u ma tistax tkun dipendenti fuq ir-riskju ta' effett avvers fuq l-istat ta' konservazzjoni ta' dik l-ispeċi;
- il-ħarsien strett tal-ispeċijiet skont l-Art. 12(1)(a) sa (c) japplika għall-ispeċijiet kollha tal-Anness IV irrispettivament minn jekk laħqux stat ta' konservazzjoni favorevoli jew le.

(2-27) Eżempju ieħor ta' attivitajiet rikorrenti huwa ż-**żamma tal-infrastruttura pubblika**. Il-miżuri ta' żamma jistgħu jitfasslu b'tali mod li jgħinu fil-preservazzjoni u fil-konnessjoni tal-ħabitats għal speċijiet imħarsin b'mod strett, bħall-gremxula tar-ramel (*Lacerta agilis*) fuq linji ferrovjarji (eż. iż-żamma bir-reqqa tal-veġetazzjoni tal-arbuxelli mal-ġenb tat-triq, tas-saborra ferrovjarja u tal-veġetazzjoni tax-xmajjar). L-Istati Membri jistgħu jfasslu gwida ta' prattiki tajba għal tali miżuri ta' manutenzjoni sabiex jgħinu fl-iżgurar tal-konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-Ħabitats.

(2-28) L-Istati Membri **jistgħu jużaw ukoll miżuri volontarji**, bħal kuntratti għal servizzi forestali-ambjentali-klimatiċi u l-konservazzjoni tal-foresti skont il-Politika Agrikola Komuni, sabiex jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12. Miżuri bħal dawn għandhom il-potenzjal li jikkombinaw b'suċċess l-approċċ preventiv ma' ġestjoni proattiva (volontarja) tal-ħabitats. **Madankollu, dawn il-miżuri jistgħu jikkomplementaw biss, iżda mhux jissostitwixxu, protezzjoni legali formali.**

(2-29) L-applikazzjoni tal-Artikolu 12 għas-**sajd** teħtieġ ir-regolamentazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd sabiex jiġu evitati effetti negattivi fuq speċijiet imħarsin strettament, bħad-deterjorament tal-postijiet tat-tnissil jew ta' mistrieħ tagħhom, il-qbid jew il-qtil volontarju ta' dawk l-ispeċijiet, jew il-qbid inċidentali tagħhom fl-irkaptu tas-sajd. L-applikazzjoni tal-miżuri preventivi neċessarji tista' ssir permezz ta' għodod ta' ppjanar

bħal pjanijiet ta' ġestjoni tas-sajd jew permezz ta' liċenzji tas-sajd, inklużi rekwiżiti speċifiċi. Sabiex jiġi żgurat ħarsien adegwat u effettiv, jenħtieġ li dawn ikunu bbażati fuq għarfien tajjeb tar-riskji maħluqin minn ċerti tipi ta' rkaptu tas-sajd. Barra minn hekk, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika lil żoni fejn hemm riskju ta' interazzjoni li jirriżulta f'qabdiet inċidentali.

Peress li l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar hija l-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea skont il-politika komuni tas-sajd, l-implimentazzjoni tal-miżuri neċessarji trid issir permezz ta' dan il-qafas ta' politika. Ir-regoli bażiċi li japplikaw huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013, li japplika approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd bl-għan li jillimita l-impatti ambjentali u jiżgura l-koerenza mal-leġiżlazzjoni ambjentali. Jistgħu jintużaw għodod differenti għall-ġestjoni tas-sajd sabiex jiġu implimentati l-miżuri ta' prevenzjoni neċessarji, bħal dawk skont ir-"Regolament dwar il-miżuri tekniċi" (ir-Regolament (UE) 2019/1241[49]).

Fil-qafas tal-proċess ta' reġjonalizzazzjoni skont dak ir-Regolament, l-Istati Membri jeħtiġilhom jippreżentaw rakkomandazzjonijiet konġunti lill-Kummissjoni sabiex tadotta atti delegati li jkun fihom il-miżuri neċessarji. Bħala regola ġenerali, l-Istati Membri jistgħu japplikaw ir-regoli u l-miżuri preventivi neċessarji għall-flotot tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom stess. Għal flotot oħrajn li jistadu fit-territorju tal-baħar tal-Istati Membri, il-miżuri jeħtieġ li jiġu implimentati permezz tal-atti delegati tal-Kummissjoni. Skont ir-Regolament 1380/2013, l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri ta' emerġenza applikabbli għall-bastimenti kollha taħt ċerti kundizzjonijiet sabiex itaffu theddida serja għall-ispeċijiet. Jistgħu jieħdu wkoll miżuri mhux diskriminatorji fi ħdan 12-il mil nawtiku mil-linji bażi tagħhom applikabbli għall-bastimenti kollha taħt ċerti kundizzjonijiet.

Meta wieħed iqis il-fatt li l-qabda inċidentali hija waħda mill-pressjonijiet ewlenin fuq l-ispeċijiet tal-baħar imħarsin, b'mod partikolari ċ-ċetaċji, il-fkieren u l-għasafar tal-baħar skont l-għarfien attwali, huwa importanti ħafna li jiġu adottati u implimentati miżuri preventivi effettivi li jindirizzaw l-attivitajiet rilevanti tas-sajd. Jenħtieġ li għal dak l-għan jintużaw il-mekkaniżmi disponibbli taħt il-politika komuni tas-sajd, u b'mod aktar speċifiku r-Regolament dwar il-miżuri tekniċi (ir-Regolament (UE) 2019/1241). Il-miżuri preventivi jistgħu, pereżempju, jinkludu modifiki ta', jew restrizzjonijiet fuq, ċerti tipi ta' rkaptu tas-sajd, regolamentazzjoni spazjali/temporali tal-attività tas-sajd (eż. projbizzjoni totali fuq l-użu ta' ċertu rkaptu tas-sajd f'żona fejn tali rkaptu jirrappreżenta theddida għall-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet f'dik iż-żona, jew theddida għall-ħabitats tagħhom) jew l-iżvilupp ta' rkapti alternattivi.

**11 - Aktar gwida: ir-Regolament 2019/1241**

Ir-Regolament 2019/1241 (ir-"Regolament dwar il-miżuri tekniċi"), li daħal fis-seħħ fl-2019, fost dispożizzjonijiet oħrajn jipprevedi l-adozzjoni ta' miżuri tekniċi għall-prevenzjoni jew għall-mitigazzjoni tal-impatti tal-irkaptu tas-sajd fuq speċijiet imħarsin skont id-Direttiva dwar il-Ħabitats u fuq il-ħabitats tagħhom. B'mod partikolari, huwa:

- jipprojbixxi ċerti tipi ta' rkaptu tas-sajd u użi, bħall-għażel tat-tisqif b'tul ta' aktar minn 2,5 km li mhumiex selettivi u li, għalhekk, jistgħu jkunu ta' ħsara għall-ħajja tal-baħar.
- Jipprojbixxi l-qbid, iż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' speċijiet ta' ħut jew ta' frott tal-baħar bil-qoxra fl-Anness IV tad-Direttiva dwar il-Ħabitats ħlief meta jingħataw derogi skont l-Artikolu 16 ta' dik id-Direttiva. Jekk jinqabad b'mod aċċidentali, il-kampjun ma tistax issirlu ħsara u jrid jiġi rilaxxat lura fil-baħar minnufih, ħlief sabiex issir riċerka xjentifika fuq kampjuni maqtulin b'mod aċċidentali, dment li din tiġi awtorizzata f'konformità mal-Artikolu 16 tad-Direttiva.

49 Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi.

- Jipprojbixxi l-qbid, iż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt ta’ mammiferi tal-baħar jew ta’ rettili tal-baħar elenkati fl-Annessi II u IV tad-Direttiva dwar il-Ħabitats u ta’ għasafar tal-baħar koperti mid-Direttiva dwar l-Għasafar. Meta jinqabdu, il-kampjuni ma għandhiex issirilhom ħsara u għandhom jiġu rrilaxxati minnufih.

Barra minn hekk, fuq il-bażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli, Stat Membru jista’, għal bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu, jimplimenta miżuri ta’ mitigazzjoni jew restrizzjonijiet fuq l-użu ta’ ċertu rkaptu. Tali miżuri għandhom jimminimizzaw, u fejn possibbli jeliminaw, il-qabdiet tal-ispeċijiet imħarsin tal-UE. Għall-finijiet ta’ kontroll, l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Istati Membri kkonċernati l-oħrajn dwar id-dispożizzjonijiet adottati skont il-paragrafu 4 ta’ dan l-Artikolu. Għandhom ukoll iqiegħdu informazzjoni adegwata dwar dawn il-miżuri għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

L-Anness XIII jelenka l-miżuri ta’ mitigazzjoni li japplikaw, li jinkludu l-użu obbligatorju ta’ apparati akustiċi deterrenti attivi għal bastimenti b’tul totali ta’ 12-il metru jew aktar fuq ċerti tipi ta’ rkaptu tas-sajd f’żoni speċifiċi kif definiti fl-anness. F’każijiet bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi neċessarji sabiex jimmonitorjaw u jivvalutaw permezz ta’ studji xjentifiċi jew proġetti pilota, l-effetti tal-użu ta’ apparat akustiku deterrenti maż-żmien fis-sajd u fiż-żoni kkonċernati. L-Istati Membri li jkollhom interess dirett ta’ ġestjoni jistgħu jippreżentaw rakkomandazzjonijiet konġunti li jkun fihom il-miżuri meħtieġa li jemendaw, jissupplimentaw, jirrevokaw jew jidderogaw mill-miżuri elenkati fl-Anness XIII, li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni bħala atti delegati.

Fir-rigward tal-ħabitats tal-ispeċijiet imħarsin, diversi żoni elenkati fl-Anness II tar-Regolament huma magħluqin għal ċertu sajd. Meta l-aħjar parir xjentifiku jirrakkomanda emendar ta’ dik il-lista, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f’konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolament.

(2-30) Il-konklużjoni ġenerali li tista’ tittieħed minn din it-taqsima hija li l-attivitajiet li jkunu għaddejjin idealment jenħtieġ li jitwettqu b’tali mod li qabel kollox jiġi evitat milli jseħħu kunflitti mad-dispożizzjonijiet dwar il-ħarsien tal-ispeċijiet. Approċċ bħal dan għandu wkoll il-vantaġġ li potenzjalment iħares lill-persuna li tkun involuta f’attività (jiġifieri mill-prosekuzzjoni) dment li dik il-persuna taderixxi ma’ dawn il-miżuri. Għodod bħall-istrumenti ta’ ppjanar, is-sistemi ta’ kunsens minn qabel, il-kodiċijiet ta’ kondotta u informazzjoni jew gwida prattika huma possibbiltajiet sabiex jintlaħaq dan l-għan. Jenħtieġ li tali miżuri:

a) jifformaw parti mill-“miżuri meħtieġa” skont l-Artikolu 12 sabiex “tiġi stabbilita u implimentata sistema effettiva ta’ ħarsien strett”;
b) jinkorporaw ir-rekwiżiti ta’ ħarsien strett;
c) jiżguraw li kwalunkwe azzjoni ta’ ħsara tqis bis-sħiħ il-ħtiġijiet ta’ konservazzjoni tal-ispeċi jew tal-popolazzjoni kkonċernata, u jkunu akkumpanjati minn qafas legali għal ħarsien strett li jiżgura infurzar adegwat mill-awtoritajiet regolatorji fil-każ ta’ nuqqas ta’ konformità (jiġu ssodisfati l-aspetti taċ-ċertezza legali); u
d) jgħinu fid-definizzjoni ta’ livelli xierqa ta’ sorveljanza (meħtieġa skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva) u kif dawn jenħtieġ li jiġu ffinanzjati.

## 2.3. Id-dispożizzjonijiet speċifiċi ta' ħarsien skont l-Artikolu 12

### 2.3.1. Qbid jew qtil volontarju ta' kampjuni ta' speċijiet tal-Anness IV(a)

*L-Artikolu 12(1)(a) jipprojbixxi l-forom kollha ta' qbid jew ta' qtil volontarju ta' kampjuni ta' speċijiet tal-Anness IV(a) fl-ambjent selvaġġ. Jeħtieġ l-implimentazzjoni ta' miżuri ċari, effettivi u mmonitorjati sew sabiex jiġi evitat il-qtil jew il-qbid volontarju. Informazzjoni u gwida tajbin mill-awtoritajiet kompetenti jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet fil-prattika. It-terminu "volontarju" huwa interpretat mill-QĠUE bħala li jmur lil hinn mill-"intenzjoni diretta". L-azzjonijiet "volontarji" għandhom jinftiehmu bħala azzjonijiet minn persuna jew korp li jkunu jafu li l-azzjoni tagħhom x'aktarx se twassal għal reat kontra speċi, iżda li jkunu intenzjonati li jwettqu dan ir-reat jew, tal-anqas, jaċċettaw b'mod konxju r-riżultati prevedibbli tal-azzjoni tiegħu.*

(2-31) L-Artikolu 12(1)(a) jipprojbixxi l-forom kollha ta' qbid jew ta' qtil volontarju[50] fl-ambjent naturali ta' kampjuni ta' ispeċijiet elenkati fl-Anness IV(a). F'konformità mal-Artikolu 12(3), din il-projbizzjoni tapplika għall-istadji kollha tal-ħajja tal-annimali. Skont l-Artikolu 1(m), "kampjun tfisser kwalunkwe annimal jew pjanta, sew jekk ħaj jew mejjet, mill-ispeċi elenkati fl-Anness IV u fl-Anness V, kwalunkwe parti jew biċċa ġejja minnu, kif ukoll kwalunkwe prodott ieħor li jidher, minn dokument mehmuż magħhom, mill-ippakkjar jew mill-marka jew tikketta, jew minn kwalunkwe ċirkostanza oħra, li huwa partijiet jew biċċiet mill-annimali jew pjanti ta' dawk l-ispeċi".

(2-32) Fil-Kawża C-103/00 *Caretta caretta* (il-punt 37), il-Qorti rreferiet għall-element ta' "volontarjetà", filwaqt li osservat li: "l-użu ta' mopeds fuq il-bajjiet tat-tnissil kien ipprojbit u twaħħlu avviżi li jindikaw il-preżenza ta' bejtiet tal-fkieren fuq il-bajjiet. Fir-rigward taż-żona tal-baħar madwar Gerakas u Dafni, din kienet ġiet ikklassifikata bħala żona ta' protezzjoni assoluta u twaħħlu avviżi speċjali hemmhekk". Skont il-Qorti, il-fatt li, minkejja l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar il-ħtieġa li jiġu mħarsin dawn iż-żoni, persuni fuq ix-xatt kienu jużaw il-mopeds u kien hemm pedalos u dgħajjes żgħar preżenti fiż-żona tal-baħar tal-madwar[51], kien jikkostitwixxi tfixkil volontarju tal-fkieren matul il-perjodu tat-tnissil tagħhom għall-finijiet tal-Artikolu 12(1)(b). Għalhekk, il-Qorti "tidher li tinterpreta t-terminu "volontarju" fis-sens ta' aċċettazzjoni konxja tal-konsegwenzi"[52].

(2-33) Fil-Kawża C-221/04[53], il-motivazzjoni tal-Qorti kienet aktar speċifika. F'dak il-każ, il-Kummissjoni ppreżentat kawża quddiem il-Qorti għaliex, minħabba l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet f'Castilla y León ta' nases f'diversi żoni privati tal-kaċċa, Spanja kienet naqset milli tikkonforma mal-Artikolu 12(1)(a) fir-rigward tal-ħarsien tal-lontra (*Lutra lutra*). Il-Qorti fakkret il-konstatazzjonijiet tal-Kawża *Caretta caretta* u ddikjarat li "**sabiex il-kundizzjoni dwar in-natura intenzjonali li tidher fl-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva tkun issodisfata, irid jiġi stabbilit li l-awtur tal-att ried il-qbid jew il-qtil ta' kampjun ta' speċi mħarsa ta' annimal jew, almenu, aċċetta l-possibbiltà ta' dan il-qbid jew qtil"**[54].

Dan intuża bħala "kriterju meħtieġ" mill-Qorti, li — f'dik il-kawża — ikkonstatat li l-permess kontestat kien relatat mal-kaċċa għall-volpi u, għaldaqstant, ma kienx minnu

50 Fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Mejju 2006 (Il-Kummissjoni vs Spanja, il-Kawża C-221/04, ECLI:EU:C:2006:329, il-punt 69), il-Qorti ċċarat li huwa ċar minn qari tal-verżjonijiet lingwistiċi differenti li "volontarju" tirreferi kemm għall-qbid kif ukoll għall-qtil ta' speċijiet ta' annimali mħarsin.

51 Peress li l-Qorti enfasizzat il-fatt li kemm l-irkib tal-mopeds kif ukoll il-preżenza ta' dgħajjes żgħar ma kinux okkorrenzi iżolati, f'termini prattiċi jidher li l-karattru ripetut tal-ksur kien deċiżiv sabiex jipprova l-eżistenza ta' tfixkil volontarju.

52 Ara l-paragrafu 118 tal-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-6/04.

53 Il-Kummissjoni vs Spanja, il-Kawża C-221/04.

54 Il-Kummissjoni vs Spanja, il-Kawża C-221/04, il-punt 71.

nnifsu maħsub sabiex jippermetti l-qbid tal-lontri. Barra minn hekk, il-Qorti saħqet li l-preżenza ta' lontri fiż-żona ma kinitx ġiet formalment ipprovata, u allura lanqas ma kien ġie stabbilit li l-awtoritajiet Spanjoli kienu jafu li kienu qed jirriskjaw li jipperikolaw lil-lontri billi joħorġu l-permessi kkontestati għall-kaċċa għall-volpi. Għalhekk, il-Qorti kkonkludiet li l-kriterji meħtieġa - sabiex jiġi ddeterminat li l-qbid jew il-qtil ta' kampjun li jappartjeni għal speċi ta' annimal imħares ikun volontarju ma kinux ġew issodisfati[55].

Fil-Kawża C-340/10, il-Qorti ddikjarat li Ċipru kien naqas milli jissodisfa l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 12(1) billi jittollera attivitajiet li xekklu serjament il-karatteristiċi ekoloġiċi tal-Lag ta' Paralimni u billi ma kienx ħa l-miżuri protettivi neċessarji sabiex tinżamm il-popolazzjoni ta' *Natrix natrix cypriaca* (serp tal-ħaxix ta' Ċipru) u billi ma ħax il-miżuri meħtieġa sabiex jistabbilixxi u japplika sistema ta' ħarsien strett għal dik l-ispeċi.

(2-34) Fuq il-bażi tal-approċċ meħud mill-Qorti fil-Kawżi C-103/00 u C-221/04, l-azzjonijiet "volontarji" għandhom jinftiehmu bħala azzjonijiet imwettqin minn persuna li tkun konxja li dawn l-azzjonijiet se jwasslu għall-qbid jew għall-qtil ta' speċi elenkata fl-Anness IV, jew taċċetta b'mod konxju l-possibbiltà ta' tali reat.

Fi kliem ieħor, **id-dispożizzjoni tapplika mhux biss għal persuna li jkollha l-intenzjoni sħiħa li tiġbor jew li toqtol kampjun ta' speċi mħarsa iżda wkoll għal persuna li tkun informata u konxja biżżejjed tal-konsegwenzi li l-azzjoni tagħha x'aktarx ikollha u, madankollu, xorta waħda twettaq l-azzjoni, li twassal għall-qbid jew għall-qtil ta' kampjuni** (eż. bħala effett sekondarju mhux mixtieq iżda aċċettat) (intenzjoni kondizzjonali).

Jenħtieġ li, billi jużaw il-mezzi xierqa kollha, l-awtoritajiet nazzjonali jxerrdu b'mod proattiv informazzjoni dwar l-okkorrenza ta' speċijiet imħarsin u dwar kwalunkwe regola eżistenti għall-ħarsien tagħhom. L-avviżi fil-bajjiet li jindikaw il-preżenza ta' bejtiet tal-fkieren fuq il-bajjiet fil-Kawża *Caretta caretta* huma eżempju ta' dan.

(2-35) Din il-ħtieġa għall-informazzjoni hija rilevanti ħafna wkoll għall-ispeċijiet maqbudin b'mod aċċidentali matul l-operazzjonijiet tas-sajd imwettqin bi ksur tar-regoli dwar is-sajd. L-UE adottat ċerti regoli sabiex tħares iċ-ċetaċji mill-qbid u mill-qtil fl-irkaptu tas-sajd. Ir-Regolament 2019/1241 jipprojbixxi lil ċerti bastimenti milli jużaw ċerti tipi ta' rkaptu tas-sajd f'żoni speċifiċi mingħajr l-użu simultanju ta' apparati akustiċi deterrenti attivi, li jistgħu jipprevjenu t-tħabbil tad-dniefel suwed fix-xbieki tas-sajd (ara wkoll it-Taqsima 2.3.6). F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri jeħtiġilhom mhux biss jiżguraw li l-użu ta' deterrenti akustiċi jkun ikkontrollat u infurzat b'mod effettiv iżda wkoll li s-sajjieda jkunu informati bis-sħiħ b'dan l-obbligu.

**12 - Eżempju ta' prattiki tajba: ħidma mas-sajjieda għall-irkupru tal-*Monachus monachus* fil-Greċja**

Il-bumerin *Monachus monachus* huwa speċi ta' prijorità skont id-Direttiva dwar il-Ħabitats u huwa elenkat kemm fl-Anness II kif ukoll fl-Anness IV. Għal dawn l-aħħar deċennji, il-Greċja kellha programm ta' konservazzjoni għall-ispeċijiet fis-seħħ. Il-programm kien jinkludi miżuri għas-salvataġġ u għar-riabilitazzjoni ta' individwi li jkorru, għall-istabbiliment ta' żoni mħarsin u għall-ġestjoni, għall-monitoraġġ, għas-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku, għall-edukazzjoni ambjentali u għall-ħolqien ta' qafas legali xieraq. Element ewlieni ta' dawn l-isforzi ta' konservazzjoni kien ix-xogħol li sar mas-sajjieda.

L-Għaqda Ellenika għall-Istudju u għall-Ħarsien tal-Bumerin (MOm) stabbiliet għadd ta' miżuri mmirati lejn it-titjib tar-relazzjoni spiss kunfliġġenti bejn is-sajjieda u l-bumerini. Fl-2009, hija żviluppat *Pjan ta' Azzjoni għall-mitigazzjoni tal-interazzjonijiet bejn il-bumerin u s-sajd fil-Greċja*, li

55 Il-Kummissjoni vs Spanja, il-Kawża C-221/04, il-punti 72-74.

jidentifika diversi miżuri leġiżlattivi, ta' ġestjoni u tekniċi li jillimitaw ir-riskji għall-ispeċi u jħarsu s-sors tal-ikel tagħha. Huwa importanti ħafna li dawn il-miżuri jillimitaw ukoll il-piż finanzjarju fuq is-sajjieda li jirriżulta mill-ħsara kkawżata fl-irkaptu tas-sajd tagħhom u fil-qabda tal-ħut tagħhom.

Saret riċerka estensiva dwar il-preferenzi tal-ikel tal-bumerin, flimkien ma' riċerka dwar żoni kritiċi identifikati (jiġifieri żoni bi preżenza sinifikanti ta' bumerin) f'termini ta' tunnellaġġ u ta' densità tal-bastimenti tas-sajd, l-użu tal-irkaptu tas-sajd, u l-impatti fuq is-sajd. In-negozji tas-sajd u partijiet ikkonċernati oħrajn, bħall-pulizija tal-port, id-dipartimenti tas-sajd u s-sidien tal-farms tal-ħut, kienu involuti direttament f'azzjonijiet ta' riċerka. Is-sajjieda rċevew ukoll taħriġ dwar kif jaġixxu f'każijiet ta' tħabbil tal-bumerini fix-xbieki, u f'kollaborazzjoni magħhom ġew ittestjati metodi tas-sajd sperimentali. Kampanja ta' komunikazzjoni mfassla apposta kienet immirata wkoll lejn is-settur tas-sajd[56]. Dan kollu wassal għal tnaqqis sinifikanti fl-għadd ta' bumerini maqbudin jew maqtulin b'mod aċċidentali mis-sajjieda u rkupru kostanti tal-popolazzjoni tal-bumerin fil-Greċja.

### 2.3.2. Tfixkil volontarju ta' speċijiet tal-Anness IV(a), speċjalment matul il-perjodu ta' tnissil, ta' trobbija, ta' ibernazzjoni u ta' migrazzjoni

(2-36) L-Artikolu 12(1)(b) jipprojbixxi t-tfixkil volontarju ta' speċijiet tal-Anness IV speċjalment matul perjodi tat-tnissil, tat-trobbija, tal-ibernazzjoni u tal-migrazzjoni, meta l-ispeċijiet ikunu aktar vulnerabbli[57]. L-Artikolu 12(3) jiddikjara li din il-projbizzjoni tapplika għall-istadji kollha tal-ħajja tal-ispeċi kkonċernata.

#### *2.3.2.a) Tfixkil volontarju*

*Kwalunkwe tfixkil volontarju li jista' jaffettwa l-possibbiltajiet ta' sopravivenza, is-suċċess tat-tnissil jew il-kapaċità riproduttiva ta' speċi mħarsa, jew li jwassal għal tnaqqis fiż-żona okkupata jew għar-rilokazzjoni jew għall-ispostament tal-ispeċijiet, jenħtieġ li jitqies bħala "tfixkil" f'konformità mat-termini tal-Artikolu 12.*

(2-37) La l-Artikolu 12 u lanqas l-Artikolu 1 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats ma fihom definizzjoni tat-terminu "tfixkil"[58]. Id-dispożizzjoni ma hijiex espliċitament ristretta għal tfixkil "sinifikanti", kif inhu l-każ fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva, iżda l-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjoni jrid jiġi interpretat fid-dawl tal-objettiv ġenerali tad-Direttiva.

Kif diġà ssemma aktar 'il fuq, l-implimentazzjoni tas-sistema ta' ħarsien stabbilita fl-Artikolu 12(1)(a) sa (d) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats "mhijiex soġġetta għall-kundizzjoni li attività partikolari jista' jkollha effett avvers fuq l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċi ta' annimal ikkonċernata"[59] u "l-protezzjoni mogħtija minn dik id-dispożizzjoni ma tibqax tapplika għall-ispeċijiet li jkunu laħqu stat ta' konservazzjoni favorevoli"[60].

Huwa ċar li **kwalunkwe attività li tfixkel b'mod volontarju speċi sal-punt li tista' taffettwa l-possibbiltajiet ta' sopravivenza, is-suċċess ta' tnissil jew il-kapaċità riproduttiva tagħha, jew twassal għal tnaqqis fiż-żona okkupata jew għar-**

56 LIFE MOFI:
https://webgate.ec.europa.eu/life/publicWebsite/project/details/2592 h.
*Pjan ta' Azzjoni għall-mitigazzjoni tal-effetti negattivi tal-interazzjonijiet bejn il-bumerini u s-sajd fil-Greċja — rapport fil-qosor bl-Ingliż* (https://www.monachus-guardian.org/library/mom09a.pdf).
*Strateġija Nazzjonali u Pjan ta' Azzjoni għall-Konservazzjoni tal-Bumerin fil-Greċja, 2009-2015* (https://www.monachus-guardian.org/library/notarb09b.pdf www.mom.gr).

57 Fil-Kawża C-75/01, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu, il-punti 53-54, il-Qorti ddikjarat li l-Lussemburgu kien naqas milli jiżgura t-traspożizzjoni sħiħa u kompluta tal-Artikolu 12(1)(b), peress li t-tfixkil volontarju tal-ispeċijiet ma kienx ipprojbit matul il-perjodu ta' migrazzjoni.

58 Madankollu, il-linji gwida tal-Artikolu 6 fihom xi informazzjoni utli dwar it-terminu fir-rigward tal-ħabitats. Ara *Il-Ġestjoni ta' siti ta' Natura 2000 – Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 92/43/KEE dwar il-"Ħabitats"* (https://ec.europa.eu/environment/nature/natura2000/management/docs/art6/Provisions_Art_._nov_2018_endocx.pdf).

59 Il-Kawża C-473/19 u C-474/19, il-punti 57 u 84.

60 Il-Kawża C-473/19 u C-474/19, il-punt 78.

**rilokazzjoni jew għall-ispostament tal-ispeċi, jenħtieġ li titqies bħala "tfixkil"** skont it-termini tal-Artikolu 12.

(2-38) Meta titqies l-istorja tal-ħajja speċifika tagħhom (b'mod partikolari l-istrateġija riproduttiva jew il-mobbiltà tagħhom) u l-interazzjonijiet soċjali spiss kumplessi ta' xi annimali, it-tfixkil tal-individwi spiss jista' jkollu impatti fuq il-livelli tal-popolazzjoni. Pereżempju, dan ikun il-każ jekk ikun hemm tfixkil ta' kampjun femminili tqila jew separazzjoni ta' omm minn ferħ ta' annimali kbar, li jgħixu fit-tul u mobbli ħafna b'fekondità baxxa, bħall-mammiferi tal-baħar.

(2-39) Ġeneralment, l-intensità, id-durata u l-frekwenza tar-ripetizzjoni tat-tfixkil ikunu parametri importanti meta jiġi vvalutat l-impatt tagħhom fuq speċi. Speċijiet differenti jkollhom sensittivitajiet jew risponsi differenti għall-istess tip ta' tfixkil, u dawn għandhom jitqiesu. Fatturi li jikkawżaw tfixkil għal speċi waħda jistgħu ma joħolqux tfixkil għal oħra. Barra minn hekk, is-sensittività ta' individwu wieħed ta' ċerti speċijiet tista' tkun differenti skont l-istaġun jew ċerti perjodi taċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu (eż. il-perjodu tat-tnissil).

L-Artikolu 12(1)(b) iqis din il-possibbiltà billi jenfasizza li tfixkil volontarju jenħtieġ li jkun ipprojbit, b'mod partikolari matul il-perjodi sensittivi ta' tnissil, ta' trobbija, ta' ibernazzjoni u ta' migrazzjoni. Għandu jitqies ukoll li t-tfixkil (eż. permezz tal-istorbju, sors tad-dawl) mhux neċessarjament dejjem jaffettwa direttament l-integrità fiżika ta' speċi. Jista' jkollu wkoll effett negattiv indirett fuq l-ispeċijiet (eż. billi jisfurzaha tuża ħafna enerġija sabiex taħrab: il-friefet il-lejl, pereżempju, meta jiġu mfixklin matul l-ibernazzjoni, jisħnu bħala konsegwenza u jtiru, u għalhekk ikollhom anqas probabbiltà li jibqgħu ħajjin fix-xitwa minħabba telf kbir tar-riżorsi tal-enerġija).

(2-40) **Għalhekk, huwa meħtieġ approċċ ta' każ b'każ.** L-awtoritajiet kompetenti jkollhom jirriflettu bir-reqqa fuq il-livell ta' tfixkil li għandu jitqies bħala dannuż, filwaqt li jqisu l-karatteristiċi speċifiċi tal-ispeċijiet ikkonċernati u s-sitwazzjoni, kif spjegati aktar 'il fuq. Pereżempju, tfixkil ripetut taċ-ċetaċji minn dgħajjes għall-osservazzjoni tal-baleni jista' jwassal għal impatti sinifikanti fuq kampjuni individwali, b'konsegwenzi negattivi għall-popolazzjoni lokali. Min-naħa l-oħra, tfixkil sporadiku mingħajr l-ebda impatt negattiv probabbli fuq l-annimal individwali jew fuq il-popolazzjoni lokali, bħal pereżempju t-tgerrix ta' lupu milli jidħol f'kompartiment tan-nagħaġ sabiex tiġi evitata l-ħsara, jenħtieġ li ma jitqiesx bħala tfixkil skont l-Artikolu 12.

(2-41) It-tfixkil għandu jkun ukoll "volontarju" sabiex jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 12(1)(b) (għad-definizzjoni ta' "volontarju", ara t-Taqsima 2.3.1). Mill-ġdid, fil-Kawża C-103/00 *Caretta caretta*, il-Qorti analizzat kull waħda mid-diversi attivitajiet fuq il-bajjiet tat-tnissil bl-għan li tistabbilixxi rabta kawżali bejn dawk l-attivitajiet u t-tfixkil tal-ispeċi. L-ewwel nett, hija kkonstatat li l-użu ta' mopeds fuq bajja tat-tnissil ta' *Caretta caretta* x'aktarx li jfixkel din l-ispeċi, l-aktar minħabba l-fastidju mill-istorbju, b'mod partikolari fil-perjodu ta' meta tbid, matul l-inkubazzjoni u t-tifqis u meta l-fkieren żgħar jaqbdu jimxu lejn il-baħar. Il-preżenza ta' inġenji żgħar qrib il-bajjiet tat-tnissil kienet ukoll ta' theddida għall-ħajjiet u għall-benessri tal-fkieren. Fil-fehma tal-Qorti, dan kien biżżejjed sabiex jikkostitwixxi, għall-finijiet tal-Artikolu 12(1)(b), tfixkil volontarju tal-ispeċi inkwistjoni matul il-perjodu tat-tnissil tagħha.

**13 - Ġurisprudenza tal-QĠUE: tfixkil tal-fekruna tal-baħar (*Caretta caretta*) fiż-żona ta' Kyparissia**

Il-fekruna tal-baħar (*Caretta caretta*) hija elenkata fl-Annessi II u IV tad-Direttiva dwar il-Ħabitats u, għalhekk, teħtieġ ħarsien strett. Il-Baħar Mediterran huwa mafqas għall-frieħ, kif ukoll post popolari għall-adulti fix-xhur tar-rebbiegħa u tas-sajf. Il-Greċja hija l-aktar sit popolari għat-tibjit

madwar il-Mediterran, b'aktar minn 3 000 bejta fis-sena. Il-Bajja ta' Laganas f'Zakynthos tospita l-akbar żona ta' tibjit fil-Mediterran, segwita mill-Bajja ta' Kyparissia (sit ta' Natura 2000 (GR2550005)), li tibbenefika minn sistema ta' għaram ippreservata sew u minn foresta kostali, iżda hija mhedda minn żviluppi mingħajr kontroll.

Żewġ Kawżi tal-Qorti (C-103/00 u C-504/14) indirizzaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 12(1)(b) u (d) sabiex tiġi stabbilita u implimentata sistema effettiva ta' ħarsien strett għall-fekruna tal-baħar f'dawn iż-żoni. Billi ma implimentatx miżuri xierqa sabiex tevita t-tfixkil tal-ispeċi matul il-perjodu tat-tnissil tagħha u d-deterjorament jew il-qerda tas-siti tat-tnissil tagħha, il-Qorti kkonkludiet li l-Greċja kienet naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva.

Fin-nuqqas ta' qafas leġiżlattiv nazzjonali integrat u koerenti, inkluż in-nuqqas ta' pjan ta' ġestjoni approvat, il-Qorti ddeċidiet li ma jistax jiġi żgurat il-ħarsien strett tal-fekruna tal-baħar u tas-siti tat-tnissil tagħha. Mhuwiex biżżejjed li sistema ta' ħarsien strett tistabbilixxi sett frammentat ta' miżuri iżolati li jikkonċernaw il-ħarsien tal-ambjent b'mod ġenerali iżda li ma jkunux imfasslin sabiex jipprevjenu, b'mezzi speċifiċi, it-tfixkil volontarju kollu tal-ispeċi kkonċernata matul il-perjodu tat-tnissil u l-attività kollha li x'aktarx tikkawża deterjorament jew qerda tas-siti tat-tnissil tagħha[61].

**14 - Aktar gwida: indirizzar tal-impatti tal-istorbju antropoġeniku taħt l-ilma fuq iċ-ċetaċji**

L-attivitajiet li jistgħu jikkawżaw tfixkil ta' speċijiet tal-baħar imħarsa strettament, bħaċ-ċetaċji, jinkludu t-tbaħħir jew il-parks eoliċi lil hinn mill-kosta permezz ta' storbju u kostruzzjoni kontinwi, l-esplorazzjoni taż-żejt u tal-gass, jew l-attivitajiet militari permezz ta' storbju impulsiv. Il-konsegwenzi għaċ-ċetaċji jvarjaw minn tfixkil u mmaskjar tal-ħoss użat fil-komunikazzjoni, sa indeboliment tas-smigħ fuq terminu qasir u fit-tul, korrimenti fiżiċi u saħansitra l-mewt. Flimkien mal-effetti addizzjonali ta' stress, ta' konfużjoni u ta' paniku, dan jista' jkun devastanti għall-annimali individwali u għall-popolazzjonijiet sħaħ.

Fir-rigward tat-tbaħħir, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw firxa wiesgħa ta' miżuri preventivi, inkluż it-tnaqqis tal-veloċità tal-bastimenti jew it-tfassil ta' rotot ġodda għat-traffiku. Fir-rigward ta' stħarriġiet siżmiċi bl-użu ta' airguns jew ta' kostruzzjoni lil hinn mill-kosta bil-pile driving, dawn l-attivitajiet normalment jeħtieġu permessi. Għalhekk, għal tali pjanijiet u proġetti, il-miżuri preventivi neċessarji jistgħu jiġu proposti fil-kuntest tal-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali skont id-direttivi dwar il-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika u l-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali.

L-isfidi fid-definizzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni xierqa ġew irrikonoxxuti fil-livell internazzjonali u ġew adottati linji gwida metodoloġiċi rilevanti, pereżempju mill-ACCOBAMS[62] u mill-ASCOBANS[63] li jiffokaw fuq iċ-ċetaċji, filwaqt li l-Konvenzjoni dwar l-Ispeċijiet Migratorji pproduċiet linji gwida dwar valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali għal attivitajiet li jiġġeneraw l-istorbju fil-baħar. Dawn id-dokumenti ta' gwida jipprovdu qafas utli ħafna sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli skont id-Direttiva dwar il-Ħabitats. Madankollu, jeħtieġ li l-applikazzjoni tagħhom dejjem tqis l-aħħar għarfien xjentifiku u espert fil-qasam u jeħtieġ li tkun ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet dettaljati ta' kull attività partikolari u tal-effetti tagħha fuq speċijiet partikolari.

**15 - Aktar gwida dwar l-esplorazzjoni siżmika u l-impatt potenzjali tagħha fuq il-mammiferi tal-baħar, l-Irlanda**

L-Irlanda żviluppat reġim regolatorju u ta' ġestjoni robust għall-esplorazzjoni siżmika sabiex jiġu evitati impatti potenzjalment sinifikanti fuq l-ispeċijiet kollha tal-mammiferi tal-baħar kemm fis-siti ta' Natura 2000 kif ukoll barra minnhom. Fl-2014, id-Department of Arts, Heritage and the

61 Sorsi: https://rm.coe.int/threats-to-marine-turtles-in-thines-kiparissias-greece-complainant-rep/168073e91b
Is-sentenza tal-QĠUE (C-504/14): http://curia.europa.eu/juris/liste.jsf?language=mt&num=C-504/14.

62 https://accobams.org/

63 https://www.ascobans.org/

Gaeltacht ippubblika dokument ta' gwida komprensiv dwar "Manage the Risk to Marine Mammals from Man-made Sound Sources in Irish Waters" ("Kif jiġi Ġestit ir-Riskju għall-Mammiferi tal-Baħar minn Sorsi tal-Ħoss Magħmulin mill-Bniedem fl-Ilmijiet Irlandiżi")[64]. Il-Gwida tiddeskrivi t-tipi ta' riskji li jistgħu jinħolqu (eż. mit-tħammil, mit-tħaffir, mill-pile driving, mill-istħarriġiet akustiċi ġeofiżiċi, mill-ibblastjar) u tispjega kif għandha titwettaq valutazzjoni tar-riskju, appoġġata minn eżempji maħdumin. Imbagħad tkompli billi tiddeskrivi r-risponsi regolatorji li jenħtieġ li jingħataw (eż. l-ebda kunsens, kunsens bil-kundizzjonijiet …)

#### 2.3.2.b) *Perjodi ta' tnissil, ta' trobbija, ta' ibernazzjoni u ta' migrazzjoni*

*Il-perjodi ta' tnissil, ta' trobbija, ta' ibernazzjoni u ta' migrazzjoni huma kkunsidrati bħala perjodi partikolarment sensittivi fir-rigward tat-tfixkil. Dawn il-perjodi jistgħu jiġu ddefiniti biss bl-użu ta' approċċ li jqis speċi speċi, minħabba differenzi ekoloġiċi, bijoloġiċi u fl-imġiba bejn l-ispeċijiet.*

(2-42) Il-perjodi ta' tnissil, ta' trobbija, ta' ibernazzjoni u ta' migrazzjoni huma kkunsidrati bħala **perjodi partikolarment sensittivi għal speċi fir-rigward tat-tfixkil tagħha**. Madankollu, ma hemm l-ebda definizzjoni ta' dawn it-termini fid-Direttiva dwar il-Ħabitats. Peress li l-Anness IV(a) tad-Direttiva jinkludi firxa wiesgħa ħafna ta' speċijiet, li huma differenti ħafna mil-lat ekoloġiku, bijoloġiku u tal-imġiba, huwa neċessarju li għal darb'oħra jintuża approċċ ta' "speċi speċi" meta jiġu ddefiniti l-perjodi ta' tnissil, ta' trobbija, ta' ibernazzjoni u ta' migrazzjoni (fejn dawn il-perjodi japplikaw affattu).

(2-43) Għall-finijiet tal-Artikolu 12, jenħtieġ li jiġu applikati d-definizzjonijiet li ġejjin:

- *Perjodu ta' tnissil u ta' trobbija:* Dan il-perjodu jista' jinkludi (fejn applikabbli) il-perjodu ta' namrar, it-tgħammir, il-bini tal-bejtiet jew l-għażla tas-sit fejn l-ispeċi jkollha l-frieħ jew tbid, jew il-produzzjoni tal-frieħ fejn ir-riproduzzjoni tkun asesswali, l-iżvilupp tal-bajd u t-tifqis tal-bajd, u t-trobbija tal-frieħ.
- *Perjodu ta' ibernazzjoni:* L-ibernazzjoni hija perjodu ta' żmien meta annimal ma jibqax attiv u jibqa' fi stat ta' rqad, fi stat torpidu jew ta' mistrieħ, normalment matul ix-xitwa. Normalment, stat bħal dan ikun akkumpanjat minn temperatura tal-ġisem aktar baxxa u minn ritmu tal-qalb u minn nifs aktar bil-mod. L-ibernazzjoni tippermetti li annimal jgħix f'kundizzjonijiet ħorox billi juża anqas enerġija milli kieku kien attiv (pereżempju xi friefet il-lejl, rodituri, anfibji jew rettili).
- *Perjodu ta' migrazzjoni:* Il-migrazzjoni hija l-moviment perjodiku ta' kampjuni minn żona għal oħra bħala parti naturali miċ-ċiklu tal-ħajja tagħha, normalment b'rispons għal bidliet staġjonali jew għal bidliet fil-provvista tal-ikel.

### 2.3.3. Qerda volontarja jew teħid tal-bajd mill-ambjent selvaġġ

(2-44) Skont l-Artikolu 12(1)(c), il-qerda volontarja jew it-teħid tal-bajd mis-selvaġġ huwa pprojbit.

### 2.3.4. Deterjorazzjoni jew qerda ta' siti tat-tgħammir jew postijiet ta' mistrieħ

(2-45) L-Artikolu 12(1)(d) huwa dispożizzjoni awtonoma. Għall-kuntrarju tal-projbizzjonijiet l-oħra tal-Artikolu 12, dan ma jikkonċernax direttament il-kampjuni iżda, minflok, għandu l-għan li jipproteġi elementi importanti tal-ħabitats tagħhom, peress li jipprojbixxi d-deterjorament jew il-qerda ta' siti tat-tnissil jew ta' postijiet ta' mistrieħ.

[64] https://www.npws.ie/sites/default/files/general/Underwater%20sound%20guidance_Jan%202014.pdf

Barra minn hekk, filwaqt li l-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 12(1) jużaw it-terminu "volontarju", dan mhuwiex il-każ għall-punt (d).

### *2.3.4.a) Il-konsegwenzi tal-fatt li ma ntużatx il-kelma "volontarju" fl-Artikolu 12(1)(d)*

*Il-fatt li l-kelma "volontarju" ma tintużax fl-Artikolu 12(1)(d) jenfasizza l-importanza ta' azzjoni preventiva mill-Istati Membri sabiex jevitaw id-deterjorament jew il-qerda probabbli kollha tas-siti tat-tnissil jew tal-postijiet ta' mistrieħ ikkawżata mill-bnedmin. Każijiet ta' deterjorament jew ta' qerda li jirriżultaw minn kawżi naturali (jiġifieri mhux direttament il-konsegwenza tal-attivitajiet tal-bniedem, eż. diżastri naturali), jew ikkawżati minn avvenimenti imprevedibbli, ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 12(1)(d).*

(2-46) Skont l-Artikolu 12(1)(a-c), huma pprojbiti biss atti volontarji u dawn iridu jiġu evitati, filwaqt li, skont is-subparagrafu (d), att volontarju mhuwiex neċessarju bħala prekundizzjoni meħtieġa[65]. **L-Artikolu 12(1)(d) jirrikjedi li l-atti kollha li jirriżultaw f'deterjorament jew f'qerda ta' siti tat-tnissil jew ta' postijiet ta' mistrieħ jiġu pprojbiti irrispettivament minn jekk ikunux volontarji jew le**[66].

Il-Qorti kkonfermat ukoll li "peress li ma tillimitax il-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 12(1)(d) tad-Direttiva għal atti intenzjonali, mhux bħalma tagħmel għall-atti msemmija fl-Artikolu 12(1)(a) sa (c), il-leġiżlatur Komunitarju wera r-rieda tiegħu li jagħti lis-siti ta' riproduzzjoni jew postijiet ta' mistrieħ ħarsien akbar kontra l-atti li jikkawżaw id-deterjorazzjoni jew il-qerda tagħhom. Fid-dawl tal-importanza tal-objettivi ta' ħarsien tal-bijodiversità li tipprova twettaq id-Direttiva, mhu bl-ebda mod sproporzjonat li l-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 12(1)(d) ma tkunx ristretta għall-atti intenzjonali"[67].

(2-47) Fil-liġi kriminali, issir distinzjoni bejn atti intenzjonali jew volontarji u atti mhux intenzjonali. "Volontarju" tkopri wkoll sitwazzjonijiet fejn ir-riżultat ma jkunx direttament intenzjonat iżda l-persuna missha qieset il-konsegwenzi li setgħu jirriżultaw mill-azzjoni. Dan jindika b'mod ċar li, meta titħalla barra l-kelma "volontarju" mis-subparagrafu (d), l-intenzjoni kienet li jiġu inklużi atti mhux volontarji li jwasslu għal deterjorament jew għal qerda fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni wkoll. Dan jintroduċi kwalità speċjali għal din id-dispożizzjoni: kull deterjorament jew qerda tas-siti tat-tnissil jew tal-postijiet ta' mistrieħ għandha tkun ipprojbita b'mod effettiv, jiġifieri evitata.

(2-48) Madankollu, dan ma jfissirx li huma meħtieġa miżuri ta' ġestjoni proattiva tal-ħabitats skont l-Artikolu 12(1)(d) tad-Direttiva (eż. sabiex mergħa tiġi ġestita b'mod attiv għall-friefet). Madankollu, sabiex jitħarsu s-siti tat-tnissil jew il-postijiet ta' mistrieħ mid-deterjorament jew mill-qerda, projbizzjoni sempliċi f'test legali mhijiex biżżejjed u trid tkun appoġġata minn mekkaniżmu adegwat ta' infurzar, li jinkludi miżuri preventivi. Taħt sistema ta' ħarsien strett, **jenħtieġ li l-Istati Membri jantiċipaw it-theddid li s-siti jistgħu jiffaċċjaw mill-azzjoni tal-bniedem** u jieħdu miżuri sabiex jiżguraw li

65 Ta' min isemmi li dan il-punt jikkostitwixxi waħda mid-differenzi bejn id-Direttiva dwar il-Ħabitats u l-Konvenzjoni ta' Bern. Filwaqt li din il-parti speċifika tal-Artikolu 12 hija nieqsa mill-kelma "volontarju", it-terminu jidher fil-formulazzjoni komparabbli tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ta' Bern.

66 Fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Ottubru 2005 (Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, il-Kawża C-6/04, il-Ġabra p. 9017, il-punt 79), il-Qorti osservat li *"billi ġew pprojbiti biss id-deterjorazzjoni jew id-distruzzjoni intenzjonati tas-siti ta' tgħammir jew postijiet ta' mistrieħ tal-ispeċi kkonċernati, il-leġiżlazzjoni applikabbli għal Ġibiltà ma tissodisfax il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 12(1)(d)".* Il-Qorti segwiet l-istess approċċ fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Jannar 2007 (Il-Kummissjoni vs L-Irlanda, il-Kawża C-183/05, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra, il-punt 47): *"billi ppreveda li ma jikkostitwixxux ksur l-atti mhux intenzjonali li jfixklu jew jeqirdu s-siti ta' riproduzzjoni jew iż-żoni ta' mistrieħ tal-ispeċi selvaġġi, l-Artikolu 23(7)(b) tal-Wildlife Act ma ssodisfax l-eżiġenzi tal-Artikolu 12(1)(d) tad-Direttiva 92/43 li jipprojbixxi dawn l-atti, kemm jekk magħmula b'mod intenzjonali jew le".*

67 Ara s-sentenza tal-10 ta' Jannar 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, il-Kawża C-98/03, il-Ġabra p. 53, il-punt 55.

dawk li x'aktarx iwettqu reat (volontarjament jew le) ikunu konxji mill-projbizzjoni fis-seħħ u jaġixxu kif xieraq.

(2-49) Fl-ewwel Kawża *Caretta caretta*[68], il-Qorti ddikjarat li l-preżenza ta' bini fuq bajja użata mill-ispeċi għat-tnissil kienet suxxettibbli li twassal għad-deterjorament jew għall-qerda tas-sit tat-tnissil skont it-tifsira tal-Artikolu 12(1)(d) tad-Direttiva[69]. B'mod sinifikanti, il-Qorti ma rrikjedietx li dan il-bini jkun "illegali". Is-sempliċi fatt li l-bini kien inbena hemmhekk u li kien suxxettibbli li jikkawża deterjorament u qerda kien l-argument prevalenti għall-Qorti. Għalhekk, il-kostruzzjoni ta' bini fuq bajja kklassifikata bħala "żona ta' protezzjoni assoluta" u, b'mod partikolari, fejn barra minn hekk, "twaħħlu avviżi speċjali", hija biżżejjed sabiex tikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 12(1)(d).

(2-50) Il-Qorti ċċarat ukoll fil-Kawża C-441/17 (dwar il-ħarsien ta' ċerti speċijiet tal-ħanfusa saprossilika tal-Anness IV - *Buprestis splendens, Cucujus cinnaberinus, Phryganophilus ruficollis u Pytho kolwensis* - fil-Foresta ta' Białowieża, il-Polonja)[70] li japplikaw il-projbizzjonijiet fl-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, irrispettivament mill-għadd ta' kampjuni tal-ispeċijiet koperti mill-ħarsien strett. Aktar reċentement, il-Qorti tenniet li "l-implimentazzjoni tas-sistema ta' protezzjoni prevista fl-Artikolu 12(1)(d) ta' din id-Direttiva mhijiex soġġetta għall-għadd ta' kampjuni tal-ispeċi kkonċernata"[71]. Fi kliem ieħor, il-fatt li speċi jista' jkollha preżenza qawwija f'post partikolari u li s-sopravivenza tagħha fiż-żona ma tkunx mhedda ma jnaqqasx l-obbligi ta' ħarsien strett tal-ispeċi. Fatti bħal dawn jenħtieġ li jiġu kkunsidrati fil-proċess ta' deroga, minflok. Ix-xenarju oppost huwa minnu wkoll, jiġifieri l-fatt li żona tikkostitwixxi sit tat-tnissil jew post ta' mistrieħ biss għal individwu wieħed jew għal ftit individwi ta' speċi elenkata fl-Anness IV(a) ma jnaqqasx l-obbligu li din iż-żona titħares kontra azzjonijiet li jistgħu jiddeterjorawha jew jeqirduha.

(2-51) Min-naħa l-oħra, se jkun hemm drabi meta d-deterjorament tal-ħabitats naturali jseħħ b'mod naturali (inkluż permezz ta' suċċessjoni naturali wara l-waqfien ta' ċertu użu tal-art bħall-agrikoltura) jew ikun ikkawżat minn avvenimenti imprevedibbli, u l-ħabitat ma jibqax sit tat-tnissil jew post ta' mistrieħ xieraq għal ċerti speċijiet. F'dan il-każ, meta ma jkun seħħ l-ebda att li jipprovoka d-deterjorament jew il-qerda ta' siti tat-tnissil jew ta' postijiet ta' mistrieħ, iżda fejn dan ikun seħħ permezz ta' kawżi naturali, l-Artikolu 12(1)(d) ma japplikax[72].

**16 - Ġurisprudenza tal-QĠUE: nuqqas ta' garanzija tal-ħarsien strett ta' ċerti ħanfusiet saprossiliċi**

Is-sit ta' Natura 2000 Puszcza Białowieska (PLC 200004 Foresta ta' Białowieża) jinkludi l-Park Nazzjonali ta' Białowieża u l-foresti ta' ġestjoni ta' tliet distretti tal-foresti (Białowieża, Browsk u Hajnówka). Huwa waħda mill-foresti tas-siġar ħorfija u mħallta naturali li huma ppreservati l-aħjar fl-Ewropa, ikkaratterizzata minn kwantitajiet kbar ta' siġar antiki u minn volum għoli ta' injam mejjet. Hija hotspot uniku tal-bijodiversità u sors importanti ta' għarfien xjentifiku, b'mod partikolari għall-proċessi ekoloġiċi.

Minħabba t-tifqigħa kostanti tal-ħanfusa tal-prinjol (ikkawżata, fost l-oħrajn, mit-tibdil fil-kundizzjonijiet klimatiċi), il-Ministru Pollakk għall-Ambjent approva emenda fl-2016 tal-Pjan ta'

68 Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, il-Kawża C-103/00.
69 Skont il-punt 38 tas-sentenza, "ma hemm l-ebda dubju li l-preżenza ta' bini fuq bajja tat-tnissil bħal dak f'Dafni hija suxxettibbli li twassal għad-deterjorament jew għall-qerda tas-sit tat-tnissil skont it-tifsira tal-Artikolu 12(1)(d) tad-Direttiva".
70 Is-sentenza tas-17 ta' April 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, il-Kawża C-441/17, ECLI:EU:C:2018:255.
71 Il-Kawżi C-473/19 u C-474/19, il-punt 84.
72 L-istrument xieraq sabiex jiġi indirizzat id-deterjorament minħabba kawżi naturali jew avvenimenti imprevedibbli huwa l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, li, madankollu, japplika biss għas-siti ta' Natura 2000. Fis-sentenza tal-20 ta' Ottubru 2005 (Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, il-Kawża C-6/04, il-Ġabra p. 9017, il-punt 34), il-Qorti ddikjarat li "għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, jista' ikun neċessarju li jittieħdu kemm miżuri intiżi sabiex jiġu evitati d-danni u l-problemi esterni kkawżati mill-bniedem kif ukoll miżuri intiżi sabiex jiġu evitati żviluppi naturali li jistgħu jiddeterjoraw l-istat ta' konservazzjoni ta' speċi u ta' ħabitats naturali fiż-ŻSK".

Ġestjoni tal-Foresti tal-2012. Din awtorizzat kważi t-triplikar tal-ħsad tal-injam għall-perjodu mill-2012 sal-2021 fid-Distrett tal-Foresta ta' Białowieża waħdu, u t-twettiq ta' xi attivitajiet tal-foresti f'żoni esklużi minn attivitajiet ekonomiċi, bħal tqaċċit sanitarju jew riġenerazzjoni artifiċjali. Sussegwentement, fl-2017, id-Direttur-Ġenerali tal-Uffiċċju Forestali tal-Istat adotta, għat-tliet distretti tal-foresti ta' Białowieża, ta' Browsk u ta' Hajnówka, deċiżjoni dwar it-tqaċċit u t-tneħħija tas-siġar affettwati mill-ħanfusa tal-prinjol għal raġunijiet ta' sikurezza pubblika u sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' nirien fil-klassijiet kollha tal-età tal-foresta. B'hekk, beda x-xogħol fuq it-tneħħija ta' siġar xotti u ta' siġar kolonizzati mill-ħanfusa tal-prinjol minn dawn it-tliet distretti tal-foresti f'madwar 34 000 ettaru, filwaqt li, fis-sit ta' Natura 2000 ta' Puszcza Białowieska, dan estenda għal aktar minn 63 147 ettaru.

Il-Kummissjoni Ewropea kienet tal-fehma li l-awtoritajiet Pollakki kienu naqsu milli jaċċertaw li dawk il-miżuri ta' ġestjoni tal-foresti ma jaffettwawx b'mod avvers l-integrità tas-sit ta' Natura 2000 ta' Puszcza Białowieska. Għalhekk, il-Kummissjoni ppreżentat kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'Lulju 2017 għal dikjarazzjoni li l-Polonja naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 12(1)(a) u (d) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats. Fis-sentenza tagħha tas-17 ta' April 2018[73], il-QĠUE ddikjarat li ma kinitx twettqet "valutazzjoni xierqa" kif suppost u li l-Gvern tal-Polonja naqas milli jissodisfa l-obbligi tiegħu li jħares il-Foresta ta' Białowieża. Il-Qorti enfasizzat ukoll li hemm kontroversja xjentifika dwar l-aktar miżuri xierqa sabiex jitwaqqaf it-tifrix tal-ħanfusa tal-prinjol. Konsegwentement, l-awtoritajiet Pollakki ma misshomx żiedu t-tqaċċit tas-siġar, peress li ma kien hemm l-ebda ċertezza xjentifika li l-operazzjonijiet ta' ġestjoni attiva tal-foresti ma jkollhomx effetti avversi dejjiema fuq l-integrità tal-Foresta ta' Białowieża u fuq l-ispeċijiet imħarsin (fost l-oħrajn il-ħanfusiet saprossiliċi).

Il-Qorti ċċarat ukoll li l-projbizzjonijiet fl-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats japplikaw irrispettivament mill-għadd ta' kampjuni tal-ispeċijiet koperti mir-reġim ta' ħarsien strett. Fi kliem ieħor, il-fatt li speċi jista' jkollha preżenza qawwija f'post partikolari u li s-sopravivenza tagħha fiż-żona ma tkunx mhedda ma jeżonerax l-obbligi ta' ħarsien strett tal-ispeċi. Jenħtieġ li dan jiġi kkunsidrat fil-proċess ta' deroga, minflok.

**17 – Eżempju ta' prattiki tajba: mappa tas-sensittività tal-parks eoliċi għall-għasafar u għall-friefet il-lejl fil-Fjandri (il-Belġju)**

Il-mapep tas-sensittività tal-organiżmi selvaġġi huma rikonoxxuti bħala għodda effettiva għall-identifikazzjoni ta' żoni fejn l-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli jista' jaffettwa komunitajiet sensittivi ta' pjanti u ta' annimali selvaġġi, u għalhekk jenħtieġ li jiġi evitat. Dawn jistgħu jintużaw sabiex jiġu identifikati fi stadju bikri fil-proċess ta' ppjanar iż-żoni li fihom komunitajiet ekoloġiċi sensittivi għall-iżviluppi tal-enerġija eolika. Il-mapep tas-sensittività tal-organiżmi selvaġġi tipikament jinformaw id-deċiżjonijiet dwar l-ippjanar strateġiku matul il-fażi inizjali tal-għażla tas-sit tal-proċess ta' żvilupp u, għalhekk, huma maħsuba sabiex joperaw fuq skala ta' pajsaġġ, ħafna drabi b'kopertura reġjonali, nazzjonali jew multinazzjonali.

Il-mappa tas-sensittività tal-parks eoliċi għall-għasafar u għall-friefet il-lejl fil-Fjandri għandha l-għan li tindika żoni fejn it-turbini eoliċi jistgħu jkunu ta' riskju għall-għasafar jew għall-friefet il-lejl. Hija maħsuba sabiex tinforma u tiggwida valutazzjonijiet u ppjanar strateġiku aktar fil-livell tas-siti. Din hija eżempju ta' mappa tas-sensittività ta' diversi speċijiet u turi kif gruppi li ma jkunux simili jistgħu jiġu vvalutati f'għodda waħda.

Il-mappa tikklassifika r-reġjun f'erba' kategoriji ta' riskju għoli, medju u possibbli, kif ukoll riskju baxx/ebda *data*. Tinkludi mappa tal-vulnerabbiltà bbażata fuq il-GIS għall-għasafar, li hija magħmula minn diversi mapep tal-komponenti inkluża informazzjoni dwar żoni importanti tal-għasafar u r-rotot migratorji. Il-mapep tas-sensittività u l-linji gwida li jakkumpanjawhom spiss jintużaw fid-deċiżjonijiet dwar l-għażla tas-siti fil-Fjandri. L-iżviluppaturi tal-proġetti u l-konsulenzi jużawhom għall-ippjanar strateġiku u bħala "punt tat-tluq" għal valutazzjonijiet tal-proġetti aktar dettaljati fil-livell tas-siti. L-awtoritajiet lokali u reġjonali japplikawhom għall-istess skop u għall-verifika ta' jekk l-iżviluppaturi tal-proġetti u l-konsulenzi għamlux xogħolhom tajjeb.

73 Is-sentenza tas-17 ta' April 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, il-Kawża C-441/17, ECLI:EU:C:2018:255.

Il-mappa tinkludi wkoll informazzjoni dwar il-friefet il-lejl iżda hija differenti mill-mapep tematiċi għall-għasafar peress li hija bbażata fuq l-identifikazzjoni ta' ħabitat xieraq (bl-użu ta' ritratti mill-ajru u inventarju tal-għelieqi tal-kopertura tal-art), li ntużat bħala tbassir tal-preżenza ta' friefet il-lejl. Madankollu, ta' min jinnota li l-livell ta' *data* disponibbli dwar il-friefet il-lejl huwa ħafna aktar baxx milli għall-għasafar. Konsegwentement, jenħtieġ li tiġi eżerċitata kawtela akbar fl-interpretazzjoni tat-tbassir tas-sensittività għall-friefet il-lejl.

Sors: Manwal dwar is-sensittività tal-organiżmi selvaġġi
https://ec.europa.eu/environment/nature/natura2000/management/docs/wildlife%20manual%20final.pdf

### *2.3.4.b) Identifikazzjoni ta' "siti tat-tnissil u postijiet ta' mistrieħ"*

*Is-siti tat-tnissil u l-postijiet ta' mistrieħ iridu jkunu mħarsin strettament minħabba li huma kruċjali għaċ-ċiklu tal-ħajja tal-annimali u huma elementi vitali tal-ħabitat kollu ta' speċi. Għalhekk, l-Artikolu 12(1)(d) jenħtieġ li jinftiehem bħala li għandu l-għan li jissalvagwardja l-funzjonalità ekoloġika kontinwa ta' tali siti u postijiet, filwaqt li jiżgura li jkomplu jipprovdu l-elementi kollha meħtieġa mill-annimal sabiex jistrieħ jew sabiex inissel b'suċċess. Il-ħarsien japplika s-sena kollha jekk dawn is-siti jintużaw fuq bażi regolari.*

(2-52) Fid-dawl tal-objettivi tad-Direttiva, is-siti tat-tnissil u l-postijiet ta' mistrieħ jeħtieġu ħarsien strett minħabba li huma kruċjali għaċ-ċiklu tal-ħajja tal-annimali u huma elementi importanti ħafna tal-ħabitat kollu ta' speċi[74], meħtieġ sabiex tiġi żgurata s-sopravivenza tagħha. Il-ħarsien tagħhom huwa marbut direttament mal-istat ta' konservazzjoni ta' speċi. **Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjoni fl-Artikolu 12(1)(d) tinftiehem bħala li għandha l-għan li tissalvagwardja l-funzjonalità ekoloġika tas-siti tat-tnissil u tal-postijiet ta' mistrieħ**. Għalhekk, l-Artikolu 12(1)(d) jipprevedi li tali siti u postijiet ma jiġux danneġġati jew ma jinqerdux mill-attivitajiet tal-bniedem sabiex ikunu jistgħu jkomplu jipprovdu dak kollu li jkun meħtieġ sabiex annimal speċifiku jistrieħ jew inissel b'suċċess.

(2-53) Fil-Kawża C-383/09, l-Avukat Ġenerali Kokott interpretat li "siti ta' tgħammir [jew tnissil] u postijiet ta' mistrieħ" mhux biss jestendu għall-bejtiet iżda wkoll għall-ħabitats tal-madwar. Il-Qorti ġġudikat mhux biss il-qerda diretta tal-bejtiet iżda wkoll il-proċessi tal-urbanizzazzjoni u t-tibdiliet fl-istruttura tal-għelejjel f'żoni usa' bħala nuqqas ta' ssodisfar tal-obbligi skont l-Artikolu 12(1)(d)[75].

(2-54) Għalhekk, mill-Artikolu 12(1)(d) jirriżulta li tali siti ta' tnissil u postijiet ta' mistrieħ jeħtieġ li jitħarsu wkoll meta jintużaw biss b'mod okkażjonali jew saħansitra jiġu abbandunati[76] iżda fejn ikun hemm probabbiltà raġonevolment għolja li l-ispeċijiet ikkonċernati jirritornaw f'dawn is-siti u l-postijiet. Jekk, pereżempju, ċertu għar jintuża kull sena minn għadd ta' friefet il-lejl għall-ibernazzjoni (minħabba li l-ispeċi għandha d-drawwa li kull sena tirritorna fl-istess post ta' tħejjija għall-irqad għax-xitwa), jenħtieġ li l-funzjonalità ta' dan l-għar bħala sit ta' ibernazzjoni tkun imħarsa fis-sajf ukoll sabiex il-friefet il-lejl ikunu jistgħu jerġgħu jużawh fix-xitwa.

(2-55) L-identifikazzjoni tal-kriterji ġenerali għas-siti tat-tnissil u għall-postijiet ta' mistrieħ hija diffiċli, minħabba li l-Anness IV(a) jelenka speċijiet minn ħafna gruppi tassonomiċi b'ħafna strateġiji differenti tal-istorja tal-ħajja. Mhuwiex possibbli li tiġi

74 L-Artikolu 1(f) jiddefinixxi l-"ħabitat ta' speċi" biss bħala "l-ambjent definit permezz ta' fatturi speċifiċi abijotiċi u bijotiċi, li fihom tgħix l-ispeċi fi kwalunkwe stadju taċ-ċiklu bijoloġiku tagħha".

75 Is-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2011, Il-Kummissjoni vs Franza, il-Kawża C-383/09, ECLI:EU:C:2011:369.

76 Fil-Kawża pendenti C-477/19, il-QĠUE se tiddeċiedi dwar il-kwistjoni jekk it-terminu "post ta' mistrieħ" skont it-tifsira tal-Artikolu 12(1)(d) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats għandux jiġi interpretat bħala li jinkludi wkoll postijiet li qabel kienu postijiet ta' mistrieħ li minn dak iż-żmien ġew abbandunati.

pprovduta definizzjoni riġida ta' "sit tat-tnissil" u ta' "postijiet ta' mistrieħ" li tapplika għall-gruppi tassonomiċi kollha. Għalhekk, kwalunkwe interpretazzjoni tat-termini "siti tat-tnissil" u "postijiet ta' mistrieħ" trid tqis din il-varjetà u tirrifletti kundizzjonijiet prevalenti differenti. Id-definizzjonijiet ġenerali li ġejjin għandhom l-għan li jipprovdu xi gwida f'dan ir-rigward u huma bbażati fuq is-suppożizzjoni li s-siti inkwistjoni jistgħu jiġu identifikati u raġonevolment delimitati. Huma maħsubin sabiex jintużaw bħala lista ta' kontroll tal-elementi li għandhom jitqiesu peress li mhux dawn l-elementi kollha huma applikabbli għall-ispeċijiet kollha. Hawnhekk jistgħu jiġu identifikati wkoll lakuni fl-għarfien għall-ispeċijiet. Iż-żewġ definizzjonijiet ta' hawn taħt huma spjegati fid-dettall f'taqsimiet separati, għalkemm fil-prattika spiss jorbtu ma' xulxin u jikkoinċidu u, għalhekk, jistgħu jitqiesu flimkien.

(2-56) Għall-finijiet tal-Artikolu 12, jenħtieġ li jiġu applikati d-definizzjonijiet li ġejjin.

- *Siti tat-tnissil*

Hawnhekk it-tnissil huwa ddefinit bħala tgħammir, il-ħlas tal-frieħ (inkluż meta speċi tbid) jew il-produzzjoni ta' frieħ fejn ir-riproduzzjoni tkun asesswali. Hawnhekk, sit tat-tnissil huwa ddefinit bħala ż-żoni meħtieġa għat-tgħammir u għall-ħlas, u jkopri wkoll il-viċinanza tas-sit tal-bejta jew tal-ħlas, fejn il-frieħ ikunu jiddependu fuq tali siti. Għal xi speċijiet, sit tat-tnissil jinkludi wkoll l-istrutturi assoċjati meħtieġa għad-definizzjoni u għad-difiża territorjali. Għall-ispeċijiet li jirriproduċu b'mod sesswali, sit tat-tnissil huwa ddefinit bħala ż-żona meħtieġa għall-produzzjoni tal-frieħ. Siti tat-tnissil li jintużaw regolarment, fi ħdan l-istess sena jew bejn diversi snin, iridu jitħarsu anki meta ma jkunux okkupati.

Għalhekk, is-sit tat-tnissil jista' jinkludi żoni meħtieġa għal:

1. namrar;
2. tgħammir;
3. il-bini tal-bejtiet jew l-għażla tal-post fejn l-ispeċi tbid jew twelled;
4. postijiet użati sabiex l-ispeċi twelled jew tbid jew għall-produzzjoni ta' frieħ meta r-riproduzzjoni tkun asesswali;
5. postijiet ta' żvilupp tal-bajd u ta' tifqis tal-bajd;
6. siti tal-bejtiet jew tat-twellid meta jkunu okkupati minn frieħ dipendenti fuq dak is-sit; u
7. ħabitats usa' li jgħinu fis-suċċess tar-riproduzzjoni, inklużi postijiet tat-tmigħ.

- *Postijiet ta' mistrieħ*

Il-postijiet ta' mistrieħ huma ddefiniti hawnhekk bħala ż-żoni essenzjali sabiex jiġi sostnut annimal jew grupp ta' annimali meta ma jkunx attiv. Għal speċijiet li għandhom stadju sessili, post ta' mistrieħ huwa ddefinit bħala s-sit tal-aggregazzjoni. Il-postijiet ta' mistrieħ jinkludu strutturi maħluqin mill-annimali sabiex jiffunzjonaw bħala postijiet ta' mistrieħ, bħal postijiet ta' tħejjija għall-irqad, ta' bejtiet jew ta' kenn. Postijiet ta' mistrieħ li jintużaw regolarment, fi ħdan l-istess sena jew bejn diversi snin, iridu jitħarsu anki meta ma jkunux okkupati.

Il-postijiet ta' mistrieħ essenzjali għas-sopravivenza jistgħu jinkludu struttura waħda jew aktar u karatteristiċi tal-ħabitat meħtieġa għal:

1. imġiba termoregolatorja, eż. *Lacerta agilis* (gremxula tar-ramel);
2. mistrieħ, irqad jew irkupru, eż. postijiet ta' tħejjija għall-irqad ta' *Nyctalus leisleri* (il-friefet il-lejl ta' Leisler);
3. kenn, ħarsien jew rifuġju, eż. il-bejtiet ta' *Macrothele calpeiana*; u
4. ibernazzjoni, eż. il-postijiet ta' rqad tal-friefet il-lejl, u l-postijiet ta' kenn tal-*Muscardinus avellanarius* (ġurdien ta' denbu pjuma komuni).

(2-57) **Implimentazzjoni xierqa tal-Artikolu 12(1)(d) teħtieġ għarfien tajjeb tal-ekoloġija** (il-bijoloġija, il-ħabitats, id-daqs tal-popolazzjoni, id-distribuzzjoni u d-

dinamika) u l-imġiba tal-ispeċi (iċ-ċiklu tal-ħajja, l-organizzazzjoni, l-interazzjoni fi ħdan u bejn l-ispeċijiet).

**Eżempji ta' siti tat-tnissil u ta' postijiet ta' mistrieħ**

| | Sit tat-tnissil | Post ta' mistrieħ |
|---|---|---|
| ***Triturus cristatus*** *(gremxul tal-għalla)* | L-għadira użata għat-tgħammir għandha territorji maskili individwali li fihom iseħħu n-namrar u t-tgħammir. Il-bajd jitqiegħed waħda waħda fuq pjanti emerġenti u jimmatura fuq perjodu ta' 12–18-il jum. Il-larva żgħira tfaqqas u tgħum liberament.<br><br>Għalhekk, l-għadira hija s-sit tat-tnissil. | Matul il-fażi terrestri ta' ħajjitha, *T. cristatus* tagħmel użu minn refuġji bħal ġebel, postijiet ta' tħejjija għall-irqad fis-siġar u zkuk sabiex tinħeba matul il-jum. Refuġji simili jintużaw għal perjodi ta' ibernazzjoni (f'reġjuni kesħin) jew għall-irqad fis-sajf (f'reġjuni sħan). Matul il-fażi akkwatika ta' ħajjithom, l-adulti u l-larva jagħmlu użu minn veġetazzjoni mgħaddsa u emerġenti bħala post ta' refuġju.<br><br>*T. cristatus* ma tinfirixx f'għadajjar kontigwi. Il-popolazzjonijiet f'saħħithom ta' *T. cristatus* jużaw serje ta' għadajjar u jiċċaqilqu bejniethom, u jinfirxu f'ħabitat terrestri interkonness xieraq. L-individwi jistgħu jiċċaqilqu sa madwar kilometru mill-għadira fejn jitwieldu.<br><br>Għalhekk, il-postijiet ta' mistrieħ għal *T. cristatus* huma l-għadajjar li tgħix fihom u l-ħabitat terrestri kontigwu li jsostniha matul il-parti terrestri taċ-ċiklu tal-ħajja tagħha. |
| ***Nyctalus Leisleri (il-farfett il-lejl ta' Leisler)*** | Il-friefet il-lejl maskili jgħixu separatament minn dawk femminili matul iż-żmien tat-tnissil. Il-friefet il-lejl maskili jistabbilixxu territorji tat-tgħammir fit-toqob tas-siġar fil-ħarifa. It-tgħammir iseħħ fl-aħħar tal-ħarifa u l-friefet il-lejl femminili jdewmu l-fertilizzazzjoni sar-rebbiegħa. Il-frieħ jitwieldu f'post ta' tħejjija għall-irqad tal-maternità u jiddependu fuq ommhom sakemm jinfatmu fis-sajf.<br><br>Għalhekk, it-territorji tat-tnissil u l-postijiet tal-maternità huma siti tat-tnissil. Din l-applikazzjoni stretta tad-definizzjoni tħalli barra l-postijiet tal-ibernazzjoni fix-xitwa, li huma koperti minn "postijiet ta' mistrieħ" fl-Artikolu 12(1)(d). | <u>Għall-ibernazzjoni</u><br>*N. leisleri* huwa prinċipalment farfett il-lejl li jgħix fis-siġar b'ibernazzjoni matul ix-xitwa. Fix-xitwa, iħejji post għall-irqad fit-toqob tas-siġar, fil-bini u xi drabi f'għerien u f'mini li jipprovdu mikroklima xierqa. Juża wkoll kaxxi artifiċjali bħala post għat-tħejjija għall-irqad. Instabu postijiet ta' tħejjija għall-irqad f'żoni ta' parks u urbani u fi msaġar ħorfija u koniferi. Dawn il-postijiet ta' tħejjija għall-irqad iridu jkunu f'pożizzjoni relattivament mingħajr tfixkil peress li friefet il-lejl imqajmin mill-irqad jaħlu r-riżervi tal-enerġija siewja tagħhom li ma jistgħux jirkupraw fix-xitwa.<br><br>Il-postijiet tat-tħejjija għall-irqad binhar matul il-perjodu attiv tagħhom (fir-rebbiegħa) huma essenzjali wkoll għall-ispeċijiet kollha tal-friefet il-lejl, li jeħtieġu sit relattivament mhux imfixkel binhar, għal darb'oħra fix-xquq u fil-qsim ta' siġar antiki u ta' bini. Skont il-post tagħha, kolonja tista' tuża diversi postijiet ta' tħejjija għall-irqad fis-sajf, li l-akbar wieħed minnhom jista' jintuża bħala post ta' tħejjija għall-irqad għall-maternità, filwaqt li l-friefet il-lejl maskili jsiru solitarji jew jgħixu fi gruppi żgħar.<br><br><u>Matul il-migrazzjoni</u><br>*N. leisleri* huwa magħruf li jemigra f'xi partijiet tal-medda Ewropea tiegħu: individwi mħażżma l-Ġermanja nstabu |

| | | |
|---|---|---|
| | | jqattgħu x-xitwa fi Franza u fl-Iżvizzera (Rapport nazzjonali tal-2003[77]). Ix-xejriet eżatti tal-migrazzjoni mhumiex magħrufin. Madankollu, popolazzjonijiet oħrajn jidhru aktar sedentarji kemm bil-postijiet ta' tħejjija għall-irqad għall-maternità kif ukoll għax-xitwa li nstabu fl-istess post. Il-postijiet ta' tħejjija għall-irqad użati minn *N. leisleri* sabiex jistrieħ matul il-jum u fejn iqatta' l-ibernazzjoni huma l-postijiet ta' mistrieħ. |

| | Sit tat-tnissil | Post ta' mistrieħ |
|---|---|---|
| ***Maculinea arion (farfett blu kbir)*** | *M. arion* jeħtieġ sit bil-pjanta tal-ikel tal-larva tiegħu (speċi ta' *Thymus*) u s-sors tal-ospitant u tal-ikel tal-larva (bejtiet tan-nemel *Myrmica*) għall-iżvilupp tiegħu. Ibid fl-għajn ta' fjura tat-*Thymus*, fejn jiekol u jiżviluppa. F'ċertu stadju, il-larva taqa' mill-pjanta u tattira nemla li tiġborha u ddaħħalha fil-bejta tan-nemel. Il-larva tkompli l-iżvilupp tagħha fil-bejta, filwaqt li tiekol il-larva tan-nemel. L-iżvilupp tagħha f'pupa jseħħ fil-bejta u l-adulti joħorġu kmieni fis-sajf.<br><br>Is-sit tat-tnissil għal *M. arion* ikun sit bi pjanti ta' speċi tat-*Thymus* qrib is-sit tal-feġġa tal-adulti u l-bejta tan-nemel *Myrmica* fejn jiżviluppaw il-larvi u l-pupi. | Din l-ispeċi ma għandha l-ebda post ta' mistrieħ definit b'mod ċar għajr dawk meħtieġa għall-iżvilupp tal-larva u għall-iżvilupp f'pupa. Dawn l-istadji tal-ħajja huma koperti mid-definizzjoni ta' sit tat-tnissil fuq ix-xellug. |
| ***Osmoderma eremita (ħanfusa eremita)*** | Il-post ta' mistrieħ u s-sit tat-tnissil huma effettivament sinonimi għall-*O. eremita*.<br><br>Din l-ispeċi saprossilika tgħix għall-maġġoranza ta' ħajjitha fil-kavitajiet mimlija materjal dekompost ta' siġar ħorfija maturi, normalment tal-ispeċi *Quercus*. Proporzjon għoli ta' individwi ma jitilqux mis-siġra tat-twelid. It-tgħammir isir ġewwa s-substrat, u l-bajd jiġi ddepożitat fil-fond fis-substrat. L-iżvilupp minn bajda għal ħanfusa jieħu diversi snin. Il-pupi jiżviluppaw fil-ħarifa; l-adulti jfaqqsu lejn l-aħħar tar-rebbiegħa jew kmieni fis-sajf.<br><br>Serje ta' siġar ħorfija maturi u sostanzjalment biz-zokk vojt, normalment *Quercus species* b'taħsir fil-qalba, li tintuża mill-ispeċi hija l-post ta' mistrieħ għall-*O. eremita*. | |

(2-58) L-eżempju tal-ispeċi fuq *Triturus cristatus* (ara l-kaxxa aktar 'il fuq) juri li għal xi speċijiet li għandhom **meded vitali żgħar**, is-siti tat-tnissil u l-postijiet ta' mistrieħ jistgħu jikkoinċidu. F'każijiet bħal dawn, huwa importanti li tiġi mħarsa żona funzjonalment vijabbli u koerenti għall-ispeċi li tinkludi kemm is-siti tal-mistrieħ kif ukoll tat-tnissil tagħha u żoni oħrajn li jitqiesu neċessarji sabiex tinżamm il-funzjonalità ekoloġika tas-sit tat-tnissil u/jew ta' mistrieħ. Id-definizzjoni tal-popolazzjoni "lokali" ta' tali speċi jista' jkollha rwol utli fid-definizzjoni ta' tali żona.

(2-59) Hemm ukoll il-ħtieġa li jiġi kkunsidrat kif għandhom jiġu ttrattati **speċijiet b'firxa wiesgħa** fil-kuntest tal-Artikolu 12. Il-problema partikolari kkawżata minn speċijiet b'firxa wiesgħa diġà hija rrikonoxxuta fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva. Hawnhekk, jista' jkun rakkomandabbli li d-definizzjoni ta' sit tat-tnissil u ta' mistrieħ tiġi ristretta għal lokalità li

77 http://www.eurobats.org/sites/default/files/documents/pdf/National_Reports/Inf.MoP7_.20-National%20Implementation%20Report%20of%20Germany.pdf

tista' tiġi ddelimitata b'mod ċar: eż. il-postijiet ta' tħejjija għall-irqad tal-friefet il-lejl, il-postijiet ta' kenn fix-xitwa tal-orsijiet jew il-bejta ta' lontra, jew żoni oħrajn li jistgħu jiġu identifikati b'mod ċar bħala importanti għat-tnissil jew għall-mistrieħ.

(2-60) Fil-kawża *Caretta caretta*, il-Qorti ma tat l-ebda definizzjoni ta' siti tat-tnissil u ta' postijiet ta' mistrieħ għall-ispeċi u segwiet approċċ ta' każ każ/speċi speċi. Fil-kawża inkwistjoni, il-Qorti enfasizzat l-importanza tal-Bajja ta' Laganas bħala "reġjun vitali tat-tnissil għall-ispeċi mħarsa *Caretta caretta*"[78]. Din iż-żona kellha l-fatturi fiżiċi u bijoloġiċi essenzjali għar-riproduzzjoni tal-ispeċi (iż-żona tal-baħar u l-bajjiet tat-tibjit). Huwa diffiċli li tiġi stabbilita definizzjoni ġenerali ta' "siti tat-tnissil" u ta' "postijiet ta' mistrieħ" minħabba l-medda wiesgħa ta' differenzi fil-karatteristiċi ekoloġiċi tal-ispeċijiet. Jeħtieġ li jitqies l-għarfien aġġornat dwar l-ekoloġija u l-imġiba tal-ispeċijiet.

### *2.3.4.c) Il-kunċett ta' "deterjorament"*

*Id-deterjorament jista' jiġi ddefinit bħala degradazzjoni fiżika li taffettwa sit tat-tnissil jew post ta' mistrieħ. B'kuntrast għall-qerda, tali degradazzjoni tista' sseħħ ukoll bil-mod u gradwalment u, b'hekk, tnaqqas il-funzjonalità tas-sit jew tal-post. L-Artikolu 12(1)(d) japplika jekk ikun possibbli li tiġi stabbilita relazzjoni ċara ta' kawża u effett bejn attività waħda jew aktar ikkawżata/i mill-bniedem u d-deterjorament ta' sit tat-tnissil jew ta' post ta' mistrieħ.*

(2-61) La l-Artikolu 12(1)(d) u lanqas l-Artikolu 1 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats ma fihom definizzjoni tal-kunċett ta' "deterjorament", għalkemm dan it-terminu huwa preżenti wkoll f'dispożizzjonijiet oħrajn tad-Direttiva (eż. l-Artikolu 6(2)).

(2-62) B'mod ġenerali, id-deterjorament jista' jiġi ddefinit bħala d-degradazzjoni fiżika li taffettwa ħabitat (f'dan il-każ sit tat-tnissil jew post ta' mistrieħ). B'kuntrast għall-qerda, **id-degradazzjoni tista' sseħħ bil-mod u tnaqqas gradwalment il-funzjonalità tas-sit** jew tal-post. Għalhekk, id-deterjorament jista' ma jwassalx minnufih għal telf ta' funzjonalità ta' sit jew ta' post. Madankollu, ikun jaffettwa b'mod avvers il-funzjonalità f'termini tal-kwalità jew tal-kwantità tal-elementi ekoloġiċi preżenti u jista', tul perjodu ta' żmien, iwassal għat-telf sħiħ tiegħu. Minħabba l-varjetà wiesgħa ta' speċijiet elenkati fl-Anness IV(a), il-valutazzjoni tad-deterjorament ta' sit partikolari tat-tnissil jew ta' post ta' mistrieħ trid titwettaq fuq bażi ta' każ każ.

(2-63) Meta wieħed jipprova jidentifika u jevita l-kawżi li jwasslu għad-deterjorament jew saħansitra għat-telf tal-funzjonalità tat-tnissil jew tal-mistrieħ, huwa importanti li tiġi stabbilita **relazzjoni ċara ta' kawża u effett** bejn attività waħda jew aktar indotta/i mill-bniedem u d-deterjorament jew il-qerda ta' sit tat-tnissil jew ta' post tal-mistrieħ. Ovvjament, il-kawżi għad-deterjorament jistgħu jkunu jinsabu fuq ġewwa jew fuq barra, u possibbilment anke f'distanza lil hinn mis-sit tat-tnissil jew mill-post ta' mistrieħ ikkunsidrat. Imbagħad, tali kawżi u attivitajiet jeħtieġ li jiġu kkontrollati b'tali mod li d-deterjorament u l-qerda jkunu jistgħu jiġu evitati. Hija biss stampa ċara tal-kawżi li tippermetti lill-awtoritajiet jaġixxu kif xieraq u jevitaw aktar deterjorament jew qerda fil-futur.

(2-64) Għalhekk, it-tolleranza tal-attivitajiet li jiddegradaw jew jagħmlu ħsara, direttament jew indirettament, lill-ħabitat ta' speċijiet imħarsin tista' tikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 12(1), kif rikonoxxut mill-Qorti fil-Kawża C-340/10. F'din il-kawża, il-Qorti kkonkludiet li l-estrazzjoni eċċessiva tal-ilma u attivitajiet oħrajn ta' ħsara fil-viċinanza tal-Lag ta' Paralimni setgħu kellhom impatt negattiv konsiderevoli fuq il-ħabitat tas-serp tal-ħaxix ta' Ċipru u fuq il-konservazzjoni ta' dik l-ispeċi, b'mod partikolari matul is-snin ta' nixfa. Billi ttollera dak it-tip ta' operazzjoni, Ċipru kien naqas milli jissodisfa l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 12(1).

78 Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-103/00, il-punt 27.

(2-65) Sabiex jiġu ddefiniti l-limiti ta' dak li wieħed jista' jqis bħala "deterjorament", analiżi tal-Artikolu 12(1)(d) kollu kemm hu hija indispensabbli. L-iskop tal-Artikolu 12 huwa li jintroduċi sistema ta' ħarsien strett għall-ispeċijiet tal-Anness IV(a). Il-ħarsien espliċitu tas-siti tat-tnissil u tal-postijiet ta' mistrieħ flimkien mal-ħarsien tal-ispeċi bħala tali, mingħajr il-kwalifikazzjoni ta' "volontarjetà", juru l-importanza mogħtija lil dawn is-siti mid-Direttiva. Dan il-ħarsien speċifiku kontra d-deterjorament jew il-qerda ta' siti tat-tnissil u ta' postijiet ta' mistrieħ huwa marbut b'mod ċar mal-funzjoni essenzjali ta' dawn is-siti, li jridu jkomplu jipprovdu l-elementi kollha meħtieġa minn annimal speċifiku (jew minn grupp ta' annimali) għat-tnissil jew għall-mistrieħ.

(2-66) Eżempji ta' attivitajiet li jistgħu jwasslu għal **deterjorament** skont l-Artikolu 12(1)(d):

- **Mili** ta' partijiet ta' **żoni ta' riproduzzjoni** għall-gremxula tal-għalla (*Triturus cristatus*) jew għal anfibji oħrajn imħarsin strettament, u b'hekk titnaqqas (fl-ammont totali) il-funzjoni tagħhom bħala sit tat-tnissil.
- Id-**deterjorament** fil-funzjoni ta' partijiet **ta' bejta tal-ħamster** bħala post tat-tnissil u tal-mistrieħ ikkawżat minn ħrit fil-fond.
- **Xogħlijiet ta' inġinerija** tul medda ta' **xmara** li tkun sit ta' mistrieħ u tat-tnissil għall-Isturjun tal-Atlantiku (*Acipenser sturio)* jew għal ħut ieħor imħares b'mod strett.
- Id-**drenaġġ tal-art** jew attivitajiet oħrajn li jikkawżaw tibdiliet fl-idroloġija li jikkompromettu serjament il-karatteristiċi ekoloġiċi tal-ħabitat u jinfluwenzaw il-popolazzjoni tan-*Natrix natrix cypriaca* (serp tal-ħaxix ta' Ċipru, ara t-Taqsima 2.33).
- It-**tqaċċit/tneħħija ta' siġar mejta jew li qed imutu** li jikkostitwixxu ħabitats importanti għal ċerti speċijiet tal-Anness IV imħarsin strettament tal-ħanfusa saprossilika[79] (*Buprestis splendens, Cucujus cinnaberinus, Phryganophilus ruficollis u Pytho kolwensis*).
- Il-kostruzzjoni ta' djar, ta' resorts, ta' toroq u ta' **infrastrutturi** oħrajn, kif ukoll it-**tniġġis tad-dawl** jew attivitajiet tas-**sajd**, fiż-żoni tat-tnissil tal-fekruna tal-baħar (*Caretta caretta)* jew qrib tagħhom[80].

**18 - Eżempju ta' prattiki tajba: programm strateġiku għall-Isturjun fid-Danubju**

L-isturjun jikkostitwixxi parti importanti mill-wirt naturali tal-baċir tax-xmara Danubju u tal-Baħar l-Iswed. Iservi bħala **indikatur eċċellenti ta' ilma u ta' ħabitats ta' kwalità tajba**. Illum, erba' mis-sitt speċijiet jinsabu f'periklu kritiku, waħda hija meqjusa vulnerabbli u oħra hija estinta. Issa lkoll huma **mħarsin taħt id-Direttiva dwar il-Ħabitats tal-UE**.

F'Ġunju 2011, l-Istrateġija tal-UE għar-reġjun tad-Danubju stabbiliet "*iż-żamma tal-popolazzjonijiet vijabbli tal-ispeċijiet tal-isturjun tad-Danubju u tal-ispeċijiet indiġeni ta' ħut oħrajn sal-2020*" bħala waħda mill-miri tagħha (il-mira PA6). Sena wara, f'Jannar 2012, inħolqot **task force dwar l-isturjun tad-Danubju** sabiex jiġi ddeterminat kif għandha ssir ħidma flimkien sabiex tinkiseb din il-mira. Ġabret flimkien esperti dwar l-isturjun, delegati ta' NGOs, u rappreżentanti tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tax-Xmara Danubju, tal-istrateġija tad-Danubju u tal-gvernijiet nazzjonali.

79 Is-sentenza tas-17 ta' April 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, il-Kawża C-441/17, ECLI:EU:C:2018:255, il-punti 233-236.

80 Is-sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, il-Kawża C-504/14, ECLI:EU:C:2016:847, il-punti 160 u 114.

Waħda mill-ewwel azzjonijiet tat-task force kienet li tfassal il-programm Sturjun 2020, sabiex jaġixxi bħala l-qafas għal azzjoni miftiehma. L-implimentazzjoni tal-programm kienet teħtieġ impenn u kooperazzjoni kumplessa bejn il-gvernijiet, dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, il-komunitajiet lokali, il-partijiet ikkonċernati, ix-xjenzati u l-NGOs.

Mezz ovvju għat-tkomplija tal-miżuri proposti taħt il-programm Sturjun 2020 huwa l-pjan ta' ġestjoni tal-baċir tax-xmara Danubju (DRBMP) u l-programm konġunt ta' miżuri tiegħu. It-tieni abbozz tad-DRBMP, aġġornat fl-2015, jistabbilixxi bħala waħda mill-viżjonijiet u mill-objettivi ta' ġestjoni tiegħu *"li l-ostakli antropoġeniċi u n-nuqqasijiet tal-ħabitats ma jfixklux aktar il-migrazzjoni u r-riproduzzjoni tal-ħut — l-ispeċijiet ta' sturjun u speċijiet migratorji oħrajn speċifikati jkunu jistgħu jaċċessaw ix-Xmara Danubju u t-tributarji rilevanti. L-ispeċijiet ta' sturjun u speċijiet migratorji oħrajn speċifikati huma rrappreżentati b'popolazzjonijiet awtosuffiċjenti fid-DRBD skont id-distribuzzjoni storika tagħhom".*

Li ġejjin huma fost il-miżuri identifikati li għandhom jiġu implimentati sabiex jintlaħaq dan l-objettiv ta' ġestjoni:

- Speċifikazzjoni tal-għadd u tal-post ta' għajnuniet għall-migrazzjoni tal-ħut u miżuri oħrajn sabiex tinkiseb / titjieb il-kontinwità tax-xmara, li kull pajjiż se jimplimenta sal-2021.
- Speċifikazzjoni tal-post u tal-firxa ta' miżuri għat-titjib tal-morfoloġija tax-xmara permezz ta' restawr, konservazzjoni u titjib, li kull pajjiż se jimplimenta sal-2021.
- Evitar ta' ostakli ġodda għall-migrazzjoni tal-ħut imposti minn proġetti infrastrutturali ġodda; ostakli ġodda li ma jistgħux jiġu evitati jridu jinkorporaw il-miżuri ta' mitigazzjoni neċessarji bħal għajnuniet għall-migrazzjoni tal-ħut jew miżuri xierqa oħrajn diġà fid-disinn tal-proġett
- Tneħħija tal-lakuni fl-għarfien relatati mal-possibbiltà għall-isturjun u għal speċijiet migratorji oħrajn speċifikati li jemigraw kontra d-direzzjoni tax-xmara jew fid-direzzjoni tax-xmara minn ġewwa d-digi Iron Gate I u II, inklużi stħarriġiet dwar il-ħabitats,
- Jekk ir-riżultati ta' dawn l-investigazzjonijiet ikunu pożittivi, jenħtieġ li jiġu implimentati l-miżuri xierqa u jenħtieġ li jsir studju tal-fattibilità għad-Diga ta' Gabčíkovo u għall-parti ta' fuq tad-Danubju.

Skont id-DRBMP, sal-2021 se jinbnew **140 għajnuna għall-migrazzjoni tal-ħut** fil-baċir tax-xmara (diġà nbnew 120 mill-ewwel DRBMP). Jenħtieġ li dawn jiżguraw il-migrazzjoni tal-ispeċijiet kollha tal-ħut, inkluż l-isturjun, u l-klassijiet tal-età kollha bl-użu tal-aqwa tekniki disponibbli. Għal wara l-2021 hemm pjan għall-implimentazzjoni ta' **madwar 330 miżura addizzjonali sabiex jiġu rrestawrati l-interruzzjonijiet għall-kontinwità tax-xmara** (l-Artikolu 4.4 tad-WFD). http://www.dstf.eu

### *2.3.4.d) Miżuri sabiex tiġi żgurata l-funzjonalità ekoloġika kontinwa tas-siti tat-tnissil jew tal-postijiet ta' mistrieħ*

*Il-miżuri li jiżguraw il-funzjonalità ekoloġika kontinwa ta' sit tat-tnissil jew ta' post ta' mistrieħ fil-każ ta' proġetti u ta' attivitajiet b'impatt possibbli fuq tali siti jew postijiet irid ikollhom il-karattru ta' miżuri ta' mitigazzjoni (jiġifieri miżuri li jimminimizzaw jew saħansitra jikkanċellaw l-impatt negattiv). Dawn jistgħu jinkludu wkoll miżuri li jtejbu jew jimmaniġġaw b'mod attiv ċertu sit tat-tnissil jew post ta' mistrieħ b'tali mod li — fi kwalunkwe ħin — ma jbatix minn tnaqqis jew minn telf tal-funzjonalità ekoloġika. Dment li din il-prekundizzjoni tkun issodisfata u tali proċessi jkunu kkontrollati u mmonitorjati mill-awtoritajiet kompetenti, ma jkunx hemm bżonn ta' rikors għall-Artikolu 16.*

(2-67) **Il-miżuri użati sabiex tiġi żgurata l-funzjonalità ekoloġika kontinwa** (minn hawn 'il quddiem imsejħin "miżuri għas-CEF") **huma miżuri preventivi mmirati sabiex jimminimizzaw jew saħansitra jeliminaw l-impatt negattiv ta' attività fuq siti tat-tnissil jew fuq postijiet ta' mistrieħ** ta' speċijiet imħarsin. Madankollu, jistgħu jmorru lil hinn minn dan u jinkludu azzjonijiet li **jtejbu b'mod attiv** ċertu sit tat-tnissil jew post ta' mistrieħ sabiex ma jbatux – fi kwalunkwe waqt – minn tnaqqis jew minn telf tal-funzjonalità ekoloġika. Dan jista' jinkludi, pereżempju, it-tkabbir tas-sit jew il-ħolqien ta' ħabitats ġodda f'sit tat-tnissil jew f'post ta' mistrieħ, jew f'relazzjoni funzjonali diretta miegħu, sabiex tinżamm il-funzjonalità tiegħu. Iż-żamma jew it-titjib tal-funzjonalità

ekoloġika marbuta ma' tali miżuri għall-ispeċi inkwistjoni ovvjament ikollhom jintwerew b'mod ċar.

(2-68) Miżuri bħal dawn jistgħu jintużaw biss f'sitwazzjonijiet fejn ikun hemm fis-seħħ reġim ta' awtorizzazzjoni jew ta' ppjanar bi proċeduri formali, u fejn l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jivvalutaw jekk il-miżuri meħudin sabiex jippreservaw il-funzjonalità ta' "tnissil" jew ta' "mistrieħ" ta' sit ikunux biżżejjed. Il-miżuri għas-CEF jistgħu jkunu possibbli meta attività tkun tista' taffettwa partijiet biss minn sit tat-tnissil jew minn post ta' mistrieħ. Jekk is-sit tat-tnissil jew il-post ta' mistrieħ, bħala riżultat tal-miżuri għas-CEF, xorta jibqa' tal-anqas l-istess daqs (jew akbar) u jżomm l-istess kwalità (jew aħjar) għall-ispeċi inkwistjoni, ma jkun hemm l-ebda deterjorament fil-funzjoni, fil-kwalità jew fl-integrità tas-sit. Huwa kruċjali li l-funzjonalità ekoloġika kontinwa tas-sit tinżamm jew tittejjeb. Għalhekk, il-monitoraġġ tal-effettività tal-miżuri għas-CEF huwa importanti.

(2-69) F'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni, jekk il-miżuri proposti (eż. mill-iżviluppatur tal-proġett fil-kuntest ta' proġett) ma jiggarantux il-funzjonalità ekoloġika kontinwa ta' sit, jenħtieġ li ma jiġux ikkunsidrati bħala konformi mal-Artikolu 12(1)(d). Sabiex ikun hemm konformità mal-Artikolu 12(1)(d), **irid ikun hemm grad għoli ta' ċertezza li l-miżuri jkunu biżżejjed sabiex jiġi evitat kwalunkwe deterjorament jew qerda** u jenħtieġ li l-miżuri jkunu fis-seħħ b'mod effettiv fiż-żmien u fil-forma xierqa sabiex jiġi evitat kwalunkwe deterjorament jew qerda. Il-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' suċċess trid issir fuq il-bażi ta' informazzjoni oġġettiva u fid-dawl tal-karatteristiċi u tal-kundizzjonijiet ambjentali speċifiċi tas-sit ikkonċernat.

(2-70) Miżuri xierqa għas-CEF li jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda deterjorament fil-funzjoni, fil-kwalità jew fl-integrità tas-sit ikollhom impatt pożittiv ġenerali fir-rigward tal-ħarsien tal-ispeċijiet ikkonċernati.

(2-71) Il-miżuri għas-CEF jistgħu jkunu parti integrali mill-ispeċifikazzjonijiet ta' attività jew ta' proġett; jistgħu jifformaw ukoll parti minn miżuri preventivi taħt sistema ta' ħarsien strett sabiex tinżamm konformità mal-Artikolu 12(1)(d).

(2-72) Fuq il-bażi tad-definizzjoni ta' siti tat-tnissil u ta' postijiet ta' mistrieħ (ara t-Taqsima 2.3.4.b), l-approċċ deskritt hawn fuq jidher partikolarment rilevanti meta jiġu ttrattati annimali b'meded vitali żgħar, fejn siti tat-tnissil jew postijiet ta' mistrieħ jiġu ddelimitati bħala "unitajiet funzjonali" (jiġifieri jintuża l-approċċ usa'). Hawnhekk, jenħtieġ li jiġi enfasizzat li Stat Membru jrid ikun konsistenti fid-definizzjoni tiegħu ta' siti tat-tnissil u ta' postijiet ta' mistrieħ għal speċi partikolari u, konsegwentement, fil-provvediment għall-ħarsien tagħhom fit-territorju kollu tiegħu.

(2-73) **Il-miżuri għas-CEF huma differenti minn miżuri ta' kumpens fis-sens strett** (inklużi miżuri ta' kumpens skont l-Artikolu 6(4) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats). Il-miżuri ta' kumpens għandhom l-għan li jikkumpensaw għal effetti negattivi speċifiċi fuq speċi u, b'hekk, jimplikaw li hemm, jew li kien hemm, deterjorament jew qerda ta' sit tat-tnissil jew ta' post ta' mistrieħ. Dan mhuwiex il-każ bil-miżuri għas-CEF, li jiżguraw li l-funzjonalità ekoloġika kontinwa tas-sit tat-tnissil jew tal-post ta' mistrieħ tibqa' kompletament intatta (f'termini kwantitattivi u kwalitattivi) wara li tkun seħħet l-attività. Meta jkun hemm deterjorament jew qerda ta' sit tat-tnissil jew ta' post ta' mistrieħ, dejjem tkun neċessarja deroga skont l-Artikolu 16 kull meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti bħala konsegwenza. It-Taqsima 3.2.3.b tittratta l-użu ta' miżuri ta' kumpens skont l-Artikolu 16.

### 2.3.5. Żamma, trasport u bejgħ jew skambju, u offerta għall-bejgħ jew għall-iskambju, ta' kampjuni meħudin mill-ambjent selvaġġ

*Il-projbizzjonijiet fl-Artikolu 12(2) japplikaw għall-istadji kollha tal-ħajja tal-ispeċijiet tal-Anness IV(a).*

(2-74) Għall-ispeċijiet tal-Anness IV(a), l-Artikolu 12(2) jiddikjara li: "Għal dawn l-ispeċijiet, l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu ż-żamma, it-trasport u l-bejgħ jew skambju, u offerta għall-bejgħ jew skambju, ta' kampjuni meħuda mis-selvaġġ, ħlief għal dawk meħuda b'mod legali qabel ma tiġi implimentata din id-Direttiva". L-Artikolu 12(3) jistipula li l-projbizzjonijiet fl-Artikolu 12(1)(a) u (b) u fl-Artikolu 12(2) japplikaw għall-istadji kollha tal-ħajja tal-ispeċijiet tal-Anness IV(a).

### 2.3.6. Sistema ta' monitoraġġ għall-qbid u għall-qtil inċidentali ta' speċijiet tal-Anness IV(a)

*L-Artikolu 12(4) jeħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu wkoll sistema sabiex jimmonitorjaw il-qbid u l-qtil inċidentali, u jieħdu aktar miżuri ta' riċerka u ta' konservazzjoni kif ikun meħtieġ sabiex jiżguraw li l-qbid u l-qtil inċidentali ma jkollhomx impatt negattiv sinifikanti fuq l-ispeċi kkonċernata.*

(2-75) L-Artikolu 12(4) jeħtieġ l-istabbiliment ta' sistema għall-monitoraġġ tal-qbid u tal-qtil inċidentali tal-ispeċijiet ta' annimali elenkati fl-Anness IV(a). **Is-sistema ta' monitoraġġ trid tkun robusta biżżejjed sabiex tkun tista' tikseb *data* affidabbli dwar l-impatt tal-attivitajiet kollha li jistgħu jinvolvu riskju ta' qbid u ta' qtil inċidentali għall-ispeċijiet ikkonċernati.** L-informazzjoni miġbura trid tkun tista' tipprovdi stima affidabbli tal-qbid u tal-qtil inċidentali li tista', flimkien mar-riżultati tas-sorveljanza tal-istat ta' konservazzjoni tagħhom, twassal għal deċiżjoni informata dwar jekk ikunux meħtieġa miżuri ta' konservazzjoni sabiex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda impatt negattiv sinifikanti fuq l-ispeċijiet ikkonċernati.

L-eżempji jinkludu l-monitoraġġ tal-qabda inċidentali taċ-ċetaċji jew tal-fkieren tal-baħar fl-irkaptu tas-sajd, jew tal-qtil tagħhom minn ħabtiet ma' bastimenti, il-monitoraġġ tal-imwiet tal-friefet il-lejl madwar it-turbini eoliċi, jew il-monitoraġġ tal-imwiet minn ħbit ma' vetturi fit-triq (eż. anfibji matul il-migrazzjonijiet tar-rebbiegħa). Fil-Kawża C-308/08, il-Qorti indirizzat il-kwistjoni tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 12(4) fir-rigward tal-linċi tal-Iberja (*Lynx pardinus*) fl-Andalusija u nnotat l-eżistenza ta' sistema għall-monitoraġġ tal-qtil inċidentali tal-linċi tal-Iberja fir-rigward tat-traffiku fit-toroq (ara l-kaxxa ta' hawn taħt).

**19 – Eżempju ta' prattiki tajba: titjib ta' triq li taqsam it-territorju tal-linċi tal-Iberja**

Il-linċi tal-Iberja (*Lynx pardinus*) hija l-aktar speċi felina fil-periklu fid-dinja. Tiekol kważi esklużivament il-fniek Ewropej, li jagħmel lill-ispeċi saħansitra aktar vulnerabbli minħabba r-rekwiżiti ekoloġiċi stretti tagħha. Il-linċi tal-Iberja hija fil-periklu minħabba taħlita ta' theddidiet: tnaqqis fil-bażi alimentari (epidemiji, bħal missomatosi u l-marda emorraġika, affettwaw il-popolazzjonijiet tal-fniek matul is-snin), kolliżjonijiet mal-vetturi (minħabba l-frammentazzjoni tal-ħabitat tagħhom minn ħafna toroq fil-kampanja), it-telf u d-degradazzjoni tal-ħabitat (aktar żvilupp tal-infrastruttura bħal toroq, digi, ferroviji, u attivitajiet tal-bniedem oħrajn) u l-qtil illegali (storikament l-ispeċi tqieset kemm bħala trofew tal-kaċċa attraenti kif ukoll bħala vermin). Sal-aħħar tas-seklu 21, il-linċi tal-Iberja kienet fix-xifer tal-estinzjoni, b'madwar 100 individwu biss li kienu ħajjin f'żewġ subpopolazzjonijiet iżolati fl-Andalusija (Spanja), kif ukoll f'partijiet tal-Portugall. Sal-2019, dan kien żdied għal aktar minn 600 individwu matur fi tmien subpopolazzjonijiet u b'konnettività dejjem akbar bejniethom.

Taħt il-programm LIFE, l-Unjoni Ewropea sostniet bil-kbir l-irkupru ta' din l-ispeċi, u l-popolazzjoni tagħha tjiebet b'mod partikolari matul l-aħħar għaxar snin. Taħt il-proġett LIFE Iberlince[81], l-awtoritajiet Spanjoli żviluppaw firxa ta' azzjonijiet li għandhom l-għan li jtejbu l-konnettività bejn il-nuklei differenti tal-popolazzjoni u li jnaqqsu bi 30 % ir-rata ta' mortalità tal-linċi tal-Iberja

81 http://www.iberlince.eu/index.php/esp/

relatata mal-kolliżjoni ma' vetturi. L-azzjonijiet implimentati f'dan ir-rigward kienu jinkludu l-kostruzzjoni u l-adattament ta' passaġġi għall-fawna, xatbiet immirati, sinjalar u l-introduzzjoni ta' limitazzjonijiet tal-veloċità. Il-Ministeru Spanjol tax-Xogħlijiet u tat-Trasport Pubbliċi, li huwa l-awtorità kompetenti għas-sigurtà fit-toroq, sar benefiċjarju assoċjat ta' dan il-proġett LIFE sabiex irawwem l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet sabiex jitnaqqsu r-riskji ta' kolliżjoni. Jistgħu jkunu meħtieġa aktar sforzi u miżuri sabiex jiġi żgurat li l-qtil inċidentali kkawżat mill-kolliżjonijiet fit-toroq, u kawżi oħrajn ta' mortalità mhux naturali, jiġi indirizzat kif xieraq u jiġu evitati impatti sinifikanti fuq il-popolazzjoni tal-linċi tal-Iberja.

**20 - Eżempju ta' prattiki tajba: il-proġett LIFE SAFE-CROSSING - Prevenzjoni ta' kolliżjonijiet ta' annimali ma' vetturi**

Il-proġett LIFE SAFE-CROSSING għandu l-għan li jimplimenta azzjonijiet sabiex jitnaqqas l-impatt tat-toroq fuq xi speċijiet ta' prijorità f'erba' pajjiżi Ewropej: l-ors kannella ta' Marsica (*Ursus arctos marsicanus*) u l-lupu (*Canis lupus*) fl-Italja, il-linċi tal-Iberja (*Lynx pardinus*) fi Spanja, u l-ors kannella (*Ursus arctos*) fil-Greċja u fir-Rumanija.

Dawn l-ispeċijiet huma mheddin b'mod sever mill-infrastrutturi tat-toroq, kemm minħabba l-mortalità diretta kif ukoll minħabba l-effett ta' ostaklu. Sabiex jittaffew dawn l-effetti, se nibbażaw fuq l-esperjenza miksuba fi proġett LIFE preċedenti LIFE STRADE li matulu ġiet installata b'suċċess għodda innovattiva għall-prevenzjoni ta' Kolliżjonijiet bejn Annimali u Vetturi fi 17-il sit fl-Italja ċentrali. Instab ukoll li waħda mill-kawżi ewlenin tal-imwiet fit-toroq hija l-livell baxx ta' għarfien u ta' attenzjoni tas-sewwieqa rigward ir-riskju ta' kolliżjonijiet ma' organiżmi selvaġġi.

Għalhekk, il-proġett LIFE SAFE-CROSSING għandu l-għan li jilħaq l-objettivi li ġejjin:

- Juri l-użu tas-Sistemi innovattivi ta' Prevenzjoni ta' Kolliżjonijiet bejn Annimali u Vetturi (AVC PS);
- Inaqqas ir-riskju ta' kolliżjonijiet tat-traffiku mal-ispeċijiet fil-mira;
- Itejjeb il-konnettività u jiffavorixxi l-movimenti għall-popolazzjonijiet fil-mira
- Iżid l-attenzjoni tas-sewwieqa fiż-żoni tal-proġett dwar ir-riskju ta' kolliżjonijiet mal-ispeċijiet fil-mira

Il-proġett jinvolvi 13-il sieħeb: NGOs, kumpaniji privati u korpi pubbliċi. Il-parteċipazzjoni tal-Provinċja ta' Terni se tiżgura t-trasferiment tal-għarfien espert mill-proġett LIFE STRADE għaż-żoni l-ġodda.

Iż-żona tal-proġett SAFE-CROSSING tinkludi 29 sit (SIK) ta' Natura 2000. Billi jnaqqas il-mortalità diretta u l-frammentazzjoni rrappreżentata mit-toroq, il-proġett se jikkontribwixxi għat-titjib tal-bijodiversità fis-siti ta' Natura 2000, kif ukoll għall-konnettività bejn is-siti. L-istandardizzazzjoni tal-metodi u tal-prattiki u l-attivitajiet ta' tixrid se jippromwovu r-replikazzjoni tal-aħjar prattiki f'oqsma oħrajn. Fl-aħħar nett, l-isforz intens ta' sensibilizzazzjoni matul il-proġett se jżid ukoll l-għarfien tal-komunitajiet lokali u tat-turisti dwar in-network Natura 2000.

https://life.safe-crossing.eu/
(*http://www.lifestrade.it/index.php/en/*) (LIFE11BIO/IT/072)

(2-76) **Il-monitoraġġ u l-ġbir sistematiċi ta' *data* affidabbli** dwar il-qbid u l-qtil inċidentali huma prerekwiżit essenzjali għall-implimentazzjoni ta' miżuri effettivi ta' konservazzjoni. Pereżempju, fir-rigward tal-qbid inċidentali fl-irkaptu tas-sajd, sistema ta' monitoraġġ tista' tiddependi fuq id-*data* miġbura mill-Istati Membri skont il-qafas għall-ġbir tad-*data* dwar is-sajd[82]. Ir-Regolament 2017/1004 jistabbilixxi regoli dwar il-

82 Ir-Regolament (UE) 2017/1004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-istabbiliment ta' qafas tal-Unjoni għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' *data* fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 (https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/dd3dc59f-557f-11e7-a5ca-01aa75ed71a1).

ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' *data* bijoloġika, ambjentali, teknika u soċjoekonomika dwar is-settur tas-sajd, li tikkontribwixxi għall-objettivi tal-politika komuni tas-sajd u tal-leġiżlazzjoni ambjentali. Teknoloġiji moderni ta' kontroll, bħal għodod ta' monitoraġġ elettroniku mill-bogħod (REM) li jinkorporaw televiżjoni b'ċirkwit magħluq u sensuri, għandhom potenzjal kbir. L-iżviluppi riċenti fl-intelliġenza artifiċjali jistgħu jiffaċilitaw ir-rieżami awtomatiku ta' volumi kbar ta' *data* tal-REM. Tali għodod ta' kontroll joffru mezzi kosteffettivi u vijabbli għall-awtoritajiet sabiex jimmonitorjaw u jqisu l-qabdiet inċidentali ta' speċijiet sensittivi. Dawn l-għodod tal-REM qed jintużaw dejjem aktar madwar id-dinja bħala soluzzjoni għal diversi kwistjonijiet ta' kontroll tas-sajd, f'xenarji fejn huwa meħtieġ monitoraġġ kontinwu kosteffettiv għall-ġbir tad-*data* u għal skopijiet ta' kontroll u ta' infurzar.

L-Istati Membri huma obbligati jistabbilixxu pjanijiet ta' ħidma nazzjonali f'konformità mal-programm pluriennali tal-UE għall-ġbir tad-*data*. Programm bħal dan għall-2020-2021 ġie adottat permezz tad-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/910 u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/909. Il-programm jinkludi obbligu li tinġabar *data* dwar il-qabdiet inċidentali tal-għasafar, tal-mammiferi, tar-rettili u tal-ħut kollha imħarsin skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea u l-ftehimiet internazzjonali. Id-*data* trid tinġabar għat-tipi kollha ta' sajd u ta' bastimenti, matul vjaġġi ta' osservaturi xjentifiċi fuq bastimenti tas-sajd, jew mis-sajjieda nfushom permezz ta' ġurnali abbord.

Meta d-*data* miġbura matul il-vjaġġi ta' osservaturi ma tipprovdix biżżejjed għarfien dwar il-qabdiet inċidentali għall-ħtiġijiet tal-utent finali, l-Istati Membri jeħtiġilhom jimplimentaw metodoloġiji oħrajn , pereżempju l-użu ta' monitoraġġ elettroniku mill-bogħod (REM) b'kameras fuq bastimenti li jkunu qed jirreġistraw l-irfigħ tal-irkaptu u l-qabda. Il-metodi tal-ġbir tad-*data* u l-kwalità jeħtieġ li jkunu xierqa għall-finijiet maħsubin u jenħtieġ li jsegwu l-aħjar prattiki u l-metodoloġiji rilevanti rrakkomandati mill-korpi xjentifiċi rilevanti. Jenħtieġ li dawn ikopru proporzjon suffiċjenti tal-flotta sabiex jipprovdu stima affidabbli tal-qbid inċidentali. Il-ġbir ta' *data* dwar il-qabdiet inċidentali ta' speċijiet imħarsin u sensittivi skont ir-Regolamenti u d-Direttivi rilevanti, u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' konservazzjoni xierqa jeħtieġu kooperazzjoni mill-qrib bejn is-setturi u l-istituzzjonijiet, infurzar tar-regoli u appoġġ adegwat għas-sajjieda u mis-sajjieda.

(2-77) **Għal speċijiet b'firxa wiesgħa bħaċ-ċetaċji li jiċċaqilqu fl-ilmijiet tal-Istati Membri, il-kooperazzjoni ma' pajjiżi oħrajn fil-firxa naturali tal-ispeċijiet hija essenzjali** minħabba li l-monitoraġġ u l-miżuri jikkonċernaw bastimenti tas-sajd minn pajjiżi differenti. Għalhekk, huwa utli li jiġi enfasizzat li l-obbligi skont l-Artikolu 12 huma responsabbiltà kondiviża tal-Istati Membri. Din il-fehma hija appoġġata mill-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmijin hawn fuq u mill-objettiv sovranazzjonali tad-Direttiva, li huwa li jiġu mħarsin l-ispeċijiet u l-ħabitats ta' interess Komunitarju fil-firxa naturali tagħhom, kif ukoll mid-dmir ta' kooperazzjoni sinċiera skont it-Trattat. Għalhekk, anki jekk ir-responsabbiltà primarja għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 12 taqa' fuq l-Istat Membru li jospita l-ispeċi, Stati Membri oħrajn jeħtiġilhom jikkooperaw jekk tali kooperazzjoni tkun neċessarja sabiex jikkonformaw mad-dmirijiet legali tagħhom. Dan huwa l-każ kemm għall-monitoraġġ kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' konservazzjoni.

(2-78) Fid-dawl tal-informazzjoni miġbura permezz tas-sistema ta' monitoraġġ, l-Istati Membri jeħtiġilhom jieħdu miżuri ulterjuri ta' riċerka jew ta' konservazzjoni kif meħtieġa **sabiex jiżguraw li l-qbid u l-qtil inċidentali ma jkollhomx impatt negattiv sinifikanti fuq l-ispeċijiet ikkonċernati**. Għalhekk huwa essenzjali wkoll li jkun hemm informazzjoni affidabbli dwar il-popolazzjoni, il-firxa u l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet, li teħtieġ implimentazzjoni sħiħa tas-sorveljanza kif meħtieġ mill-Artikolu 11 tad-Direttiva.

(2-79) Għalkemm l-Artikolu 12(4) ma jiddefinixxix "effett [jew impatt] negattiv sinifikanti"[83], jista' jinftiehem li dan jinvolvi eżami dettaljat tal-effett tal-qbid u tal-qtil inċidentali fuq l-istat tas-subpopolazzjonijiet u tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet, u fl-aħħar nett fuq il-kisba jew iż-żamma tal-istat ta' konservazzjoni favorevoli tiegħu. Is-sinifikat tal-impatt jeħtieġ li jiġi vvalutat fuq bażi ta' każ każ, filwaqt li jitqiesu l-istorja tal-ħajja tal-ispeċijiet, id-daqs u d-durata tal-impatt negattiv, u l-istat ta' konservazzjoni u t-tendenza tal-ispeċijiet ikkonċernati. Pereżempju, l-impatt jista' jitqies sinifikanti jekk speċi tkun fi stat ta' konservazzjoni mhux favorevoli u jkun hemm tnaqqis ulterjuri fl-għadd minħabba l-qbid u l-qtil inċidentali, b'mod partikolari jekk jaffettwa l-prospetti futuri ta' rkupru. Jenħtieġ li l-impatt jiġi vvalutat ukoll bħala sinifikanti jekk ikun hemm għadd regolari u kbir ta' annimali maqbudin u maqtulin b'mod inċidentali, li jista' jaffettwa subpopolazzjoni jew popolazzjoni lokali tal-ispeċijiet ikkonċernati. **Fil-każ ta' nuqqas ta' *data* dwar l-istat ta' konservazzjoni u/jew il-livell attwali ta' qbid u ta' qtil inċidentali, jenħtieġ li japplika l-prinċipju ta' prekawzjoni.**

(2-80) Attività oħra li tista' tikkawża qtil inċidentali ta' speċijiet tal-baħar imħarsin strettament hija t-traffiku marittimu, b'mod partikolari permezz ta' kolliżjonijiet ta' annimali mal-bastimenti (ħbit ma' bastimenti). L-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw firxa wiesgħa ta' miżuri preventivi, inkluż it-tnaqqis tal-veloċità tal-bastimenti jew it-tfassil ta' rotot ġodda għat-traffiku. Normalment, dawn il-miżuri jkollhom jiġu implimentati skont ir-regoli tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO). Skont il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri proposti u l-impatt tagħhom fuq it-traffiku marittimu normali, u skont id-Direttiva 2002/59/KE, dan jista' jkun meħtieġ li jsir permezz ta' sottomissjoni mill-UE lill-IMO.

(2-81) Xi attivitajiet militari, b'mod partikolari l-użu ta' sonars attivi fl-ambjent tal-baħar jew id-dumping jew il-qerda ta' munizzjon mhux splodut, jistgħu jikkawżaw il-qtil ta' speċijiet sensittivi bħaċ-ċetaċji. L-attivitajiet militari mhumiex eżentati mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12, u għalhekk diversi forzi navali tal-Istati Membri żviluppaw inizjattivi ta' politika għall-użu tas-sonar militari, filwaqt li jqisu l-ħtieġa li jiġu mminimizzati l-effetti ambjentali potenzjali. Pereżempju, jistgħu jiġu ddeżinjati żoni ta' prekawzjoni fejn l-użu ta' dawn l-attivitajiet tas-sonar ikun ristrett. Jenħtieġ li dan isir filwaqt li tiġi rrispettata l-leġiżlazzjoni internazzjonali eżistenti, prinċipalment regolata skont il-qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, inklużi dispożizzjonijiet speċifiċi fir-rigward ta' drittijiet u ta' obbligi partikolari tal-bastimenti tal-gwerra.

83 L-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats jirreferi għal "effetti sinifikanti". Gwida dwar dan hija disponibbli fuq https://ec.europa.eu/environment/nature/natura2000/management/docs/art6/MT_art_6_guide_jun_2019.pdf.

# 3. ARTIKOLU 16

| **Test tal-Artikolu 16** |
|---|
| *1. Sakemm ma jkunx hemm alternattiva sodisfaċenti u d-deroga mhix ta' dannu għall-ħarsien tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet ikkonċernati fi stat ta' konservazzjoni favorevoli fil-firxa naturali tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 12, 13, 14 u 15(a) u (b):*<br><br>*(a) fl-interess li jħarsu l-fawna u l-flora selvaġġa u li jikkonservaw l-ħabitat naturali;*<br><br>*(b) biex jipprevjenu l-ħsara serja, b'mod partikolari lill-uċuh tar-raba', lill-bhejjem, lill-foresti, lis-sajd u lill-ilma u lil tipi oħra ta' proprjetà;*<br><br>*(c) fl-interessi tas-saħħa u tas-sigurtà pubblika, jew għal raġunijiet obbligatorji oħra li huma konnessi mal-interess pubbliku, inklużi dawk tat-tip soċjali jew ekonomiku u l-konsegwenzi ta' benefiċċju tal-akbar importanza għall-ambjent;*<br><br>*(d) għall-iskop tar-riċerka u l-edukazzjoni, biex tiġġedded il-popolazzjoni u biex jiġu introdotti mill-ġdid dawn l-ispeċijiet u għall-ħidmiet ta' tgħammir meħtieġa għal dawn l-iskopijiet, inkluża l-propagazzjoni artifiċjali tal-pjanti;*<br><br>*(e) biex ikun jista' jsir, taħt kondizzjonijiet ta' sorveljanza stretta, fuq bażi selettiva u għal ammont limitat, it-teħid jew iż-żamma ta' ċerti kampjuni tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness IV f'għadd limitat speċifikat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.*<br><br>*2. L-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni kull sentejn rapport konformi mal-format stabbilit mill-Kumitat dwar id-derogi applikati skont il-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tagħti l-opinjoni tagħha dwar dawn id-derogi f'perjodu ta' żmien massimu ta' 12-il xahar wara li tirċievi r-rapport u għandha tagħti rendikont lill-Kumitat.*<br><br>*3. Ir-rapporti għandhom jispeċifikaw: (a) l-ispeċijiet li huma soġġetti għad-derogi u r-raġuni għad-deroga, inkluż in-natura tar-riskju, u jekk xieraq, referenza għall-alternattivi miċħuda u l-fatti xjentifiċi magħrufa li ntużaw; (b) il-mezzi, l-apparati jew il-metodi awtorizzati għall-qbid jew il-qtil tal-ispeċijiet ta' annimali u r-raġunijiet għall-użu tagħhom; (c) iċ-ċirkostanzi ta' meta u fejn jingħataw dawk id-derogi; (d) l-awtorità mogħtija s-setgħa biex tiddikjara u tivverifika li jeżistu l-kundizzjonijiet meħtieġa u biex tiddeċiedi liema mezzi, apparati jew metodi jistgħu jintużaw, fi ħdan liema limiti u mil-liema aġenziji, u liema nies għandhom iwettqu dak il-kompitu; (e) il-miżuri ta' sorveljanza użati u r-riżultati miksuba.* |

(3-1) L-Artikolu 16 tad-Direttiva jipprevedi l-possibbiltà ta' derogi, inkluż mis-sistema ta' ħarsien strett għall-ispeċijiet ta' annimali stabbilita skont l-Artikolu 12.

(3-2) Hemm kamp ta' applikazzjoni limitat skont l-Artikolu 16 għad-deroga mir-restrizzjonijiet u mill-projbizzjonijiet skont l-Artikolu 12. Id-derogi ma jistgħux ikunu ġġustifikati biss fir-rigward tal-għan ġenerali tad-Direttiva, iżda wkoll soġġetti għal tliet kundizzjonijiet speċifiċi (ara 3.2).

(3-3) In-nuqqas li tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda minn dawn il-kundizzjonijiet jagħmel id-deroga invalida. Għalhekk, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jeħtiġilhom jeżaminaw bir-reqqa r-rekwiżiti ġenerali u speċifiċi kollha <u>qabel</u> ma jagħtu deroga.

## 3.1. Kunsiderazzjonijiet legali ġenerali

### 3.1.1. Obbligu li tiġi żgurata traspożizzjoni sħiħa, ċara u preċiża tal-Artikolu 16

| |
|---|
| *L-Artikolu 16 irid jiġi traspost bis-sħiħ u formalment b'forza vinkolanti inkontestabbli. Il-kriterji li għandhom jiġu ssodisfati qabel ma tingħata deroga jridu jiġu riprodotti f'dispożizzjonijiet nazzjonali speċifiċi. Il-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni jridu jiggarantixxu l-applikazzjoni sħiħa tal-Artikolu 16, mingħajr ma jimmodifikaw it-termini tiegħu, billi japplikaw b'mod selettiv id-dispożizzjonijiet tiegħu jew billi jżidu tipi ta' derogi mhux previsti mid-Direttiva. Id-dispożizzjonijiet amministrattivi waħedhom mhumiex biżżejjed.* |

(3-4) It-traspożizzjoni tal-Artikolu 16 fil-liġi nazzjonali trid tiggarantixxi l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' deroga mill-awtoritajiet kompetenti. Kun af li Direttiva hija vinkolanti f'termini tar-riżultat li għandu jinkiseb, iżda tħalli f'idejn l-Istati Membri l-għażla dwar kif jiksbu dak ir-riżultat. Madankollu, il-Qorti stabbiliet limiti għal dan il-marġni ta' manuvra. Għalhekk, it-traspożizzjoni nazzjonali tas-sistema ta' deroga skont l-Artikolu 16 trid tikkonforma mal-prinċipji legali bażiċi kollha tad-dritt tal-UE u ma' għadd ta' rekwiżiti, kif spjegat hawn taħt.

(3-5) Skont il-ġurisprudenza tal-QĠUE[84], **"it-traspożizzjoni ta' Direttiva fil-liġi domestika** mhux neċessarjament tirrikjedi li d-dispożizzjonijiet tagħha jiġu inkorporati formalment u *verbatim* f'leġiżlazzjoni espliċita u speċifika. Kuntest legali ġenerali jista', skont il-kontenut tad-Direttiva, ikun adegwat għall-iskop, dment li fil-fatt **jiggarantixxi l-applikazzjoni sħiħa tad-Direttiva b'mod ċar u preċiż biżżejjed**"*.* Id-dispożizzjonijiet amministrattivi waħedhom, li min-natura tagħhom jistgħu jinbidlu mill-awtoritajiet u li ma jingħatawx il-pubbliċità xierqa, ma jistgħux jitqiesu li jikkostitwixxu l-issodisfar xieraq tal-obbligi ta' Stat Membru skont it-TFUE u d-Direttiva[85].

(3-6) Għaldaqstant, l-applikazzjoni tar-rekwiżiti skont l-Artikolu 16 fil-prattika mhijiex sostitut għat-traspożizzjoni formali. Fil-Kawża C-46/11, il-Qorti kkonfermat li l-implimentazzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet ta' Direttiva ma setgħetx, waħedha, tipprovdi ċ-ċarezza u l-preċiżjoni meħtieġa sabiex jiġi ssodisfat il-prinċipju taċ-ċertezza legali. Barra minn hekk, **il-prattiki amministrattivi waħedhom ma jistgħux jitqiesu bħala implimentazzjoni tal-obbligu tal-Istati Membri li jittrasponu d-Direttiva[86] fil-liġi nazzjonali.**

(3-7) Barra minn hekk, id-**dispożizzjonijiet tad-Direttivi jridu jiġu implimentati b'forza vinkolanti inkontestabbli**, u bl-ispeċifiċità, bil-preċiżjoni u biċ-ċarezza neċessarji sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti taċ-ċertezza legali[87]. Il-Qorti kienet aktar espliċita fil-Kawża C-339/87 u ddikjarat li "l-kriterji li l-Istati Membri jeħtiġilhom jissodisfaw sabiex jidderogaw mill-projbizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva jridu jiġu riprodotti f'dispożizzjonijiet nazzjonali speċifiċi, peress li traspożizzjoni fidila ssir partikolarment importanti f'każ fejn il-ġestjoni tal-wirt komuni tiġi fdata lill-Istati Membri fit-territorji rispettivi tagħhom"*.* Fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Ottubru 2005, il-Qorti applikat din il-ġurisprudenza għad-Direttiva dwar il-Ħabitats u osservat li "fil-kuntest tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, li timponi regoli kumplessi u tekniċi fil-qasam tal-liġi dwar l-ambjent, l-Istati Membri huma obbligati b'mod partikolari li jivverifikaw li l-leġiżlazzjoni

---

84 Ara s-sentenza tat-28 ta' Frar 1991, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, il-Kawża 131/88, ECLI:EU:C:1991:87.

85 Pereżempju, ara, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, il-Kawża C-315/98, il-punt 10.

86 Is-sentenza tal-15 ta' Marzu 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, il-Kawża C-46/11, ECLI:EU:C:2012:146, il-punti 28 u 56.
Ara wkoll l-Opinjoni tal-11 ta' Jannar 2007 tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-508/04, fil-paragrafu 31.

87 Ara b'mod partikolari s-sentenzi li ġejjin: Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, il-Kawża C-59/89, il-punti 18 u 24; Il-Kummissjoni vs Franza, il-Kawża C-225/97, il-punt 37; is-17 ta' Mejju 2001; Il-Kummissjoni vs L-Italja, il-Kawża C-159/99 il-punt 32; Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu, il-Kawża C-75/01, il-punti 28, 87-88; Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, il-Kawża C-6/04, il-punt 27.

tagħhom, intiża sabiex tassigura t-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva, tkun ċara u preċiża"[88].

(3-8) Kif sostniet il-Qorti, fir-rigward tal-Artikolu 16 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, il-kriterji li abbażi tagħhom l-Istati Membri jistgħu jidderogaw mill-projbizzjonijiet imposti mid-Direttiva jridu jiġu riprodotti b'mod mhux ambigwu fid-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali. B'dan il-mod, l-Artikolu 16 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats irid jiġi interpretat b'mod restrittiv, peress li jiddefinixxi b'mod preċiż iċ-ċirkostanzi li fihom l-Istati Membri jistgħu jidderogaw mill-Artikoli 12 sa 15 tad-Direttiva[89]. Il-Qorti tenniet din il-pożizzjoni fil-Kawża C-46/11[90].

(3-9) Meta jittrasponu l-Artikolu 16, l-Istati Membri jridu jsegwu t-tifsira tat-termini u tal-kunċetti użati mid-Direttiva bl-għan li jiżguraw l-uniformità kemm fl-interpretazzjoni kif ukoll fl-applikazzjoni[91]. Dan jimplika wkoll li l-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni **jridu jiżguraw l-applikazzjoni sħiħa tad-Direttiva, mingħajr ma jimmodifikaw it-termini tagħha u mingħajr ma jżidu kundizzjonijiet jew derogi supplimentari mhux previsti mid-Direttiva**[92]. Pereżempju, fil-Kawża C-6/04[93], il-Qorti sabet li deroga li tawtorizza atti li jwasslu għall-qtil ta' speċijiet imħarsin u għad-deterjorament jew għall-qerda tal-postijiet tat-tnissil u ta' mistrieħ tagħhom, dment li tali atti jkunu legali u ma jkunux jistgħu jiġu evitati b'mod raġonevoli, "tmur kontra l-ispirtu u l-iskop tad-Direttiva dwar il-Ħabitats kif ukoll kontra l-formulazzjoni tal-Artikolu 16 tagħha".

Fil-Kawża C-183/05[94], il-Qorti qieset li r-reġim tad-derogi skont il-leġiżlazzjoni Irlandiża (it-Taqsima 23(7)(b) tal-Wildlife Act) kien inkonsistenti mal-Artikoli 12 u 16 tad-Direttiva. Skont il-leġiżlazzjoni Irlandiża, atti li jfixklu b'mod mhux volontarju jew jeqirdu siti tat-tnissil jew postijiet ta' mistrieħ ta' speċijiet selvaġġi ma jikkostitwixxux reat. Skont il-Qorti, din id-dispożizzjoni mhux biss ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 12(1)(d) tad-Direttiva, li jipprojbixxi tali atti, kemm jekk ikunu intenzjonati kif ukoll jekk le, iżda jmur ukoll lil hinn minn dak li huwa previst fl-Artikolu 16 tad-Direttiva, peress li d-Direttiva tistabbilixxi b'mod eżawrjenti l-kundizzjonijiet li fihom jistgħu jingħataw derogi.

(3-10) **Id-dispożizzjonijiet nazzjonali jridu jiżguraw li l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 16 jiġu trasposti b'mod strett u bir-reqqa, mingħajr ma jiġu applikati b'mod selettiv uħud mid-dispożizzjonijiet biss**. Fil-Kawża C-98/03[95], il-Qorti kkonstatat li l-liġi Ġermaniża (il-paragrafu 43(4) tal-Att Federali dwar il-Konservazzjoni tan-Natura) ma kinitx kompatibbli mal-Artikolu 16 peress li ma kinitx tagħmel id-derogi soġġetti għall-kundizzjonijiet kollha stabbiliti f'dak l-artikolu.

Fil-Kawża C-508/04[96], il-Qorti ċċarat li "dispożizzjonijiet nazzjonali li ma jissuġġettawx l-għoti ta' derogi mill-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 12 sa 14 u 15(a) u (b) tad-Direttiva għall-kriterji u l-kundizzjonijiet kollha msemmija fl-Artikolu 16 tagħha, iżda, b'mod inkomplet, għal xi wħud mill-elementi tagħha, ma jistgħux jikkostitwixxu sistema konformi ma' dan l-aħħar Artikolu". Fil-Kawża C-46/11 il-Qorti kkonstatat li l-liġi Pollakka ma kinitx kompatibbli mal-Artikolu 16 minħabba li ma kinitx tagħmel id-derogi soġġetti għall-kriterji u għall-kundizzjonijiet kollha stabbiliti f'dak l-artikolu.

### 3.1.2. Applikazzjoni ġenerali xierqa tad-derogi

88 Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, il-Kawża C-6/04, il-punti 25-26.
89 Il-Kummissjoni vs L-Awstrija, il-Kawża C-508/04, il-punt 110.
L-Opinjoni tal-11 ta' Jannar 2007 tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-508/04, il-paragrafu 53.
90 Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, il-Kawża C-46/11, il-punt 29.
91 Pereżempju, il-Kawżi Magħqudin C-206 u 207/88 - Vessoso u G. Zanetti
92 Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu, il-Kawża C-75/01, il-punt 28.
93 Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, il-Kawża C-6/04, il-punti 109-113.
94 Il-Kummissjoni vs L-Irlanda, il-Kawża C-183/05, il-punti 47-49.
95 Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, il-Kawża C-98/03, il-punti 57-62.
96 Il-Kummissjoni vs L-Awstrija, il-Kawża C-508/04, il-punt 111.

*Id-derogi mill-Artikolu 16 iridu jkunu l-aħħar istanza. Id-dispożizzjonijiet dwar id-derogi jridu jiġu interpretati b'mod ristrett: iridu jkopru rekwiżiti preċiżi u sitwazzjonijiet speċifiċi. Huwa f'idejn l-Istati Membri li jiżguraw li l-effett kombinat tad-derogi kollha maħruġin fit-territorju tagħhom ma joħloqx effetti li jmorru kontra l-objettivi tad-Direttiva.*

(3-11) Il-ħruġ ta' derogi mill-Artikolu 16 irid ikun l-aħħar istanza[97]. L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ħruġ ta' derogi jeħtiġilhom iqisu li **d-derogi jridu jiġu interpretati u implimentati b'mod restrittiv sabiex jiġi evitat li jiġu mminati l-objettiv ġenerali u d-dispożizzjonijiet ewlenin tad-Direttiva**[98]. Fil-Kawża C-6/04, il-Qorti għamlitha ċara li dan il-prinċipju japplika wkoll fil-kuntest tal-Artikolu 16[99]. Fil-Kawża C-674/17, il-QĠUE ddeċidiet li "deroga bbażata fuq l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats tista' tikkostitwixxi biss applikazzjoni konkreta u fil-ħin sabiex tissodisfa rekwiżiti preċiżi u għal sitwazzjonijiet speċifiċi"[100].

(3-12) Fir-rigward tal-miżuri li għandhom jittieħdu skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, ġiet enfasizzata l-ħtieġa li jiġu implimentati miżuri xierqa u effettivi b'mod suffiċjenti u verifikabbli. L-istess approċċ jista' jiġi segwit għall-iskema ta' derogi. Jekk jintużaw b'mod korrett, dan jiżgura li l-għoti tad-derogi ma jmurx kontra l-objettiv tad-Direttiva[101]. Fil-Kawża C-6/04, il-Qorti osservat li "l-Artikoli 12, 13 u 16 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats jifformaw totalità koerenti ta' normi intiżi sabiex tiġi assigurata l-protezzjoni tal-ispeċijiet ikkonċernati, b'tali mod li kull deroga li tkun inkompatibbli ma' din id-Direttiva tkun tikser kemm il-projbizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 12 jew 13 ta' din kif ukoll ir-regola li d-derogi jistgħu jingħataw skont l-Artikolu 16 tal-istess Direttiva".

Bħala regola ġenerali, is-severità ta' kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet jew mit-"testijiet" tiżdied skont is-severità tal-impatt potenzjali ta' deroga fuq speċi jew fuq popolazzjoni.

(3-13) Il-ħruġ ta' deroga jippresupponi li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunu żguraw li l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 16 ikunu ġew issodisfati. **L-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw ukoll li l-effetti kumulattivi tad-derogi ma joħolqux impatti li jmorru kontra l-objettivi tal-Artikolu 12 u tad-Direttiva kollha kemm hi[102]**.

(3-14) Konsegwentement, l-użu ta' derogi spiss jiġi ġestit bl-aħjar mod f'qafas ta' konservazzjoni nazzjonali sabiex jiġi żgurat li, b'mod ġenerali, l-impatti kumulattivi tad-derogi għal speċi partikolari ma jkunux ta' detriment għaż-żamma tal-ispeċijiet fi stat ta' konservazzjoni favorevoli fil-livell nazzjonali u/jew bijoġeografiku fi Stat Membru. Fi kwalunkwe każ, l-Istati Membri jeħtieġ li **jagħtu ħarsa ġenerali u jissorveljaw l-użu ta' derogi** fil-livell nazzjonali (kif ukoll, jekk tkun neċessarja, ħarsa ġenerali li testendi lil hinn mill-fruntieri għall-popolazzjonijiet transfruntiera). Dan jista' jirrikjedi, skont l-istruttura organizzazzjonali fi Stat Membru, awtoritajiet reġjonali jew lokali li jħarsu lejn l-effetti tad-derogi lil hinn mit-territorji tagħhom stess.

---

97 Ara l-paragrafu 33 tal-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-10/96.

98 Ara s-sentenzi li ġejjin tal-QĠUE fir-rigward tad-derogi skont id-Direttiva dwar l-Għasafar: is-sentenza tat-8 ta' Lulju 1987, Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Taljana, il-Kawża 262/85, ECLI:EU:C:1987:340; is-sentenza tas-7 ta' Marzu 1996, WWF l-Italja vs Regione Veneto, il-Kawża C-118/94, ECLI:EU:C:1996:86, is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 1996, Ligue royale belge pour la protection des oiseaux u Société d'études ornithologiques vs Région Wallonne, il-Kawża C-10/96, ECLI:EU:C:1996:504.

99 Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, il-Kawża C-6/04, il-punt 111.
Ara wkoll Il-Kummissjoni vs L-Awstrija, il-Kawża C-508/04, il-punt 110, fil-kuntest tad-dispożizzjoni dwar derogi komparabbli tal-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar l-Għasafar 2009/147/KE.

100 Is-sentenza tal-10 ta' Ottubru 2019, il-Kawża C-674/17 Tapiola, ECLI:EU:C:2019:851, il-punt 41.

101 Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, il-Kawża C-6/04, il-punt 112.

102 Il-Kawża 674/17, il-punt 59.

Eżempju ta' kif l-awtorità nazzjonali tista' tinkwadra l-użu tad-derogi maħruġin fit-territorju tagħha jista' jinstab fil-Kawża C-342/05. Fir-rigward taċ-ċirkostanza li d-deċiżjonijiet tal-għoti ta' permessi tal-kaċċa għal-lupu huma wkoll soġġetti għal limitu reġjonali massimu ta' kampjuni tal-ispeċi li jistgħu jiġu maqtula f'kull distrett ta' protezzjoni tal-annimali tal-kaċċa, din ma tistax tiġi kkunsidrata bħala li tmur kontra l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats. Dak il-limitu, li huwa ffissat skont il-kwantità ta' annimali li jistgħu jiġu maqtula mingħajr ma l-ispeċi inkwistjoni titqiegħed fil-periklu jikkostitwixxi biss il-kuntest li fh id-distretti ta' ħarsien tal-annimali tal-kaċċa jistgħu joħorġu l-permessi tal-kaċċa, **meta, minbarra dan, il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 16(1) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats huma ssodisfati**".[103] Fi kliem ieħor, huwa possibbli li jiġi stabbilit limitu massimu ta' kampjuni li jistgħu jinqatlu (sabiex jiġi evitat impatt negattiv fuq l-istat ta' konservazzjoni) iżda dan ma jneħħix il-ħtieġa li kull deroga tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha fl-Artikolu 16(1).

## 3.2. Sistema kkontrollata bir-reqqa għall-għoti ta' derogi: it-tliet testijiet

(3-15) L-Artikolu 16 jistabbilixxi **tliet testijiet, li kollha jridu jiġu ssodisfati** qabel ma tingħata deroga:

1) wiri ta' waħda jew aktar mir-raġunijiet elenkati fl-Artikolu 16(1)(a)-(d) jew sabiex ikun jista' jsir, taħt kundizzjonijiet ta' sorveljanza stretta, fuq bażi selettiva u sa punt limitat, it-teħid jew iż-żamma ta' ċerti kampjuni tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness IV f'għadd limitat speċifikat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (l-ittra "e"),

2) in-nuqqas ta' alternattiva sodisfaċenti, u

3) l-assigurazzjoni li deroga ma tkunx ta' detriment għaż-żamma tal-popolazzjonijiet fi stat ta' konservazzjoni favorevoli.

It-tielet test jirrifletti l-objettiv ġenerali tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, li huwa li tikkontribwixxi għall-bijodiversità permezz tal-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u tal-flora selvaġġi (l-Artikolu 2(1)). Il-miżuri meħudin iridu jkunu mfasslin sabiex iżommu jew jirrestawraw il-ħabitats naturali u l-ispeċijiet ta' fawna u ta' flora selvaġġi mħarsin, fi stat ta' konservazzjoni favorevoli. Iridu jqisu wkoll ir-rekwiżiti ekonomiċi, soċjali u kulturali u l-karatteristiċi reġjonali u lokali (l-Artikolu 2(2) u (3)).

Qabel ma jkunu jistgħu jiġu eżaminati t-tieni u t-tielet testijiet, l-applikazzjoni trid tissodisfa l-ewwel test. F'termini prattiċi, ftit jagħmel sens li tiġi eżaminata l-kwistjoni ta' alternattivi sodisfaċenti u l-impatt fuq l-istat ta' konservazzjoni jekk l-azzjoni ma tissodisfax l-Artikolu 16(1)(a)-(e).

(3-16) **Madankollu, l-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw li t-tliet testijiet kollha jiġu ssodisfati.** L-oneru tal-prova jaqa' fuq l-awtoritajiet kompetenti sabiex juru li kull deroga tissodisfa t-testijiet kollha, kif spjegat mill-Qorti fil-Kawża C-342/05: "Peress li l-Artikolu 16(1) jipprovdi sistema ta' deroga li għandha tiġi interpretata b'mod strett u tassenja l-oneru tal-prova tal-eżistenza tal-kundizzjonijiet mitluba, għal kull deroga, lill-awtorità li tieħu d-deċiżjoni, l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jiggarantixxu li kull intervent li jaffettwa l-ispeċijiet imħarsin jiġi awtorizzat biss fuq il-bażi ta' deċiżjonijiet li għandhom motivazzjoni preċiża u adegwata, li tirreferi għall-motivi, għall-kundizzjonijiet u għall-eżiġenzi previsti fl-Artikolu 16(1) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats"[104].

103 Is-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja, il-Kawża C-342/05, ECLI:EU:C:2007:341, il-punt 45.
104 Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja, il-Kawża C-342/05, il-punt 25.

# Dijagramma sekwenzjali għall-ħruġ ta' deroga skont l-Artikolu 16(1)



### 3.2.1. TEST NRU 1: Wiri ta' waħda mir-raġunijiet skont fl-Artikolu 16(1)(a-d) jew sabiex ikun jista' jsir, taħt kundizzjonijiet ta' sorveljanza stretta, fuq bażi selettiva u sa punt limitat, it-teħid jew iż-żamma ta' ċerti kampjuni tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness IV f'għadd limitat speċifikat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (l-Artikolu 16(1)(e))

*Meta jivvalutaw il-każ għal deroga, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jikkunsidraw jekk tkunx iġġustifikata minn waħda mir-raġunijiet mogħtijin skont 16(1)(a-d) jew (e). It-tip u l-piż tar-raġuni jridu jitqiesu wkoll fir-rigward tal-interess tal-ispeċijiet imħarsin fiċ-ċirkostanzi speċifiċi inkwistjoni sabiex jiġi aċċertat jekk id-deroga tkunx xierqa.*

(3-17) Jingħataw derogi minħabba li hemm problema jew sitwazzjoni speċifika li jeħtieġ li tiġi indirizzata. **Id-derogi jridu jkunu bbażati fuq tal-anqas waħda mill-għażliet elenkati fl-Artikolu 16(1)(a), (b), (c), (d) u (e)**. Derogi speċifiċi mhux iġġustifikati minn xi waħda minn dawn ir-raġunijiet/l-għażliet imorru kontra kemm l-ispirtu kif ukoll l-iskop tad-Direttiva dwar il-Ħabitats kif ukoll il-formulazzjoni tal-Artikolu 16[105].

Fil-Kawża C-508/04[106], il-Qorti kkonstatat li l-leġiżlazzjoni Awstrijaka ma kinitx konsistenti mal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva, parzjalment minħabba li r-raġunijiet għad-deroga skont il-leġiżlazzjoni Awstrijaka (jiġifieri l-operat kummerċjali ta' natura agrikola jew silvikulturali, il-produzzjoni ta' xorb, u l-kostruzzjoni ta' installazzjonijiet) ma kienu jaqgħu taħt l-ebda waħda mir-raġunijiet/mill-għażliet elenkati b'mod eżawrjenti fl-Artikolu 16(1) tad-Direttiva.

(3-18) Meta tingħata deroga, **l-objettiv segwit irid jiġi ddikjarat b'mod ċar u preċiż u l-awtorità nazzjonali jeħtiġilha tistabbilixxi, fid-dawl ta' *data* xjentifika rigoruża, li d-derogi jkunu xierqa bl-għan li jintlaħaq dak l-objettiv**, jeħtiġilhom jiġġustifikaw is-selezzjoni ta' raġuni/ta' għażla skont l-Artikolu 16(1)(a) sa (e) u jivverifikaw li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet speċifiċi[107].

#### *(a) Fl-interess li jħarsu l-fawna u l-flora selvaġġa u li jikkonservaw il-ħabitat naturali*

(3-19) L-ewwel raġuni għall-għoti ta' deroga hija l-ħarsien tal-flora u tal-fawna selvaġġi u l-konservazzjoni tal-ħabitats naturali. L-Artikolu 16(1)(a) la jispeċifika t-tip ta' fawna, ta' flora jew ta' ħabitats naturali koperti u lanqas it-tip ta' theddidiet. Minħabba l-objettiv ġenerali tad-Direttiva, **speċijiet u ħabitats naturali vulnerabbli, rari, fil-periklu jew endemiċi** (pereżempju, dawk elenkati fl-annessi tad-Direttiva dwar il-Ħabitats) huma aktar probabbli li jkunu koperti minn din ir-raġuni, li effettivament ikollhom l-għan li jnaqqsu l-impatt negattiv ta' speċi partikolari fuqhom. Mhuwiex komuni li jiġu pprijoritizzati l-interessi ta' speċi li tkun komuni u b'saħħitha fuq l-interessi ta' speċi li tissodisfa l-kriterji tal-Artikolu 1(g) tad-Direttiva.

(3-20) Jenħtieġ li l-awtorità kompetenti teżamina bir-reqqa jekk l-interessi tal-ħarsien ta' ħabitat jew ta' speċi ta' interess Komunitarju jistgħux jiġġustifikaw l-effett fuq speċi oħra ta' interess Komunitarju, pereżempju meta speċi tal-priża tista' tiġi mhedda lokalment minn speċi karnivora[108], fuq bażi ta' każ każ. Qabel ma jiġi kkunsidrat il-ħruġ ta' deroga

105 Ara wkoll Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, il-Kawża C-6/04, il-punti 109-113.
106 Il-Kummissjoni vs L-Awstrija, il-Kawża C-508/04, il-punti 120 u 128.
107 Is-Sentenza tal-10 ta' Ottubru 2019, il-Kawża C-674/17.
108 Kojola, I., Huitu, O., Toppinen, K., Heikura, K., Heikkinen, S. u Ronkainen, S. (2004). Predation on European forest reindeer (*Rangifer tarandus*) by wolves (*Canis lupus*) in Finland. Journal of Zoology, Londra 263(3): 229-236.

għall-ħarsien ta' speċi tal-priża, jenħtieġ li jiġi vvalutat u indirizzat it-theddidiet l-oħra kollha possibbli (eż. id-deterjorament tal-ħabitat, il-kaċċa eċċessiva, it-tfixkil, il-kompetizzjoni minn speċijiet domestiċi). Jenħtieġ li l-valutazzjoni tkopri l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet koperti mid-deroga possibbli meta mqabbla mal-istat ta' konservazzjoni tal-"fawna, flora u ħabitats" inkwistjoni, l-impatt fit-tul fuq il-popolazzjoni(jiet) affettwata/i, l-effikaċja fit-tul fit-tnaqqis tat-theddida, eċċ. Jenħtieġ li l-valutazzjoni ssegwi l-prinċipju tal-proporzjonalità: l-iżvantaġġi kkawżati ma jistgħux ikunu sproporzjonati għall-għanijiet segwiti.

***(b) Biex jipprevjenu l-ħsara serja, b'mod partikolari lill-uċuħ tar-raba', lill-bhejjem, lill-foresti, lis-sajd u lill-ilma u lil tipi oħra ta' proprjetà***

(3-21) It-tieni raġuni għall-għoti ta' deroga hija li tiġi evitata l-ħsara serja, b'mod partikolari lill-uċuħ tar-raba', lill-bhejjem, lill-foresti, lis-sajd u lill-ilma u lil tipi oħrajn ta' proprjetà. Din id-deroga tqis l-interessi ekonomiċi, u, kif innotat, il-ħsara li għandha tiġi evitata trid tkun serja. Madankollu, il-lista mhijiex eżawrjenti; tista' tkopri tipi oħrajn ta' proprjetà. Ħsara serja hija relatata ma' interessi speċifiċi, jiġifieri twassal, jew tista' twassal, fost l-oħrajn, għal telf ekonomiku u/jew finanzjarju dirett jew indirett, għal telf tal-valur tal-proprjetà, jew għat-telf tal-materjal tal-produzzjoni.

(3-22) Madankollu, kif enfasizzat mill-Qorti fis-sentenza tagħha fil-Kawża C-46/11, **l-Artikolu 16(1)(b) ma jippermettix lill-awtoritajiet jidderogaw mill-projbizzjonijiet stabbiliti skont l-Artikoli 12 sempliċiment minħabba li l-konformità ma' tali projbizzjonijiet tkun tesiġi bidla fl-attivitajiet agrikoli, tal-forestrija jew tal-farms tal-ħut**. Fil-Kawża C-46/11, is-sentenza tal-Qorti ddikjarat li l-Artikolu 16(1)(b) ma jawtorizzax deroga mill-projbizzjonijiet tal-Artikolu 12 minħabba li l-konformità ma' dawk il-projbizzjonijiet ma tippermettix l-użu ta' teknoloġiji normalment użati fl-agrikoltura, fil-forestrija jew fit-trobbija tal-ħut[109].

(3-23) Fid-deċiżjoni dwar il-proċedura ta' deroga komparabbli skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar l-Għasafar 2009/147/KE, il-Qorti nnotat li d-Direttiva mhijiex imfassla sabiex tipprevjeni ħsara minuri iżda ħsara serja biss, jiġifieri li taqbeż ċertu grad[110]. Għaldaqstant sempliċi fastidju u riskji kummerċjali normali ma jistgħux jikkostitwixxu raġunijiet leġittimi għall-għoti ta' derogi. Dik li titqies bħala ħsara serja jenħtieġ li tiġi evalwata **fuq bażi ta' każ każ meta tinqala' l-kwistjoni**.

(3-24) Il-Qorti speċifikat li "l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats ma jirrikjedix li jkun hemm ħsara severa qabel l-adozzjoni tal-miżuri derogatorji"[111]. Peress li din id-dispożizzjoni hija maħsuba sabiex *tipprevjeni* ħsara serja, mhuwiex meħtieġ li l-ħsara serja nnifisha tkun diġà seħħet; il-probabbiltà li sseħħ ħsara serja hija biżżejjed. Madankollu, **is-sempliċi possibbiltà li tista' sseħħ ħsara mhuwiex biżżejjed; il-probabbiltà li sseħħ il-ħsara trid tkun għolja, u hekk ukoll il-firxa tal-ħsara.** Il-probabbiltà għolja li sseħħ ħsara serja trid tintwera permezz ta' evidenza suffiċjenti. Irid ikun hemm ukoll biżżejjed evidenza li r-riskju ta' ħsara serja jkun attribwibbli l-aktar għall-ispeċijiet fil-mira tad-deroga u li jrid ikun hemm probabbiltà kbira li sseħħ ħsara serja jekk ma titteħidx azzjoni. Jenħtieġ li l-esperjenza tal-passat turi probabbiltà għolja tal-okkorrenza ta' ħsara.

(3-25) Meta jagħtu derogi, **l-Istati Membri jeħtiġilhom jkunu f'pożizzjoni li juru li kwalunkwe metodu ta' kontroll użat skont id-deroga jkun effettiv u durabbli fil-prevenzjoni jew fil-limitazzjoni tal-ħsara serja**, eż. immirat speċifikament lejn il-post u l-ħin fejn isseħħ jew x'aktarx isseħħ ħsara u mmirat lejn l-individwi li jikkawżaw il-

109 Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, il-Kawża C-46/11, il-punt 31.

110 Is-sentenza tat-8 ta' Lulju 1987, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, il-Kawża C-247/85, ECLI:EU:C:1987:339, il-punt 56. "L-għan ta' din id-dispożizzjoni tad-Direttiva mhuwiex li tipprevjeni t-theddida ta' ħsara minuri. Il-fatt li ċertu grad ta' ħsara huwa meħtieġ għal din id-deroga mis-sistema ġenerali ta' ħarsien jikkonforma mal-grad ta' ħarsien mitlub mid-Direttiva".

111 Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja, il-Kawża C-342/05, il-punt 40.

ħsara eċċ. Fil-Kawża C-342/05[112], il-Qorti kkonstatat li l-Finlandja kienet naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Artikoli 12(1) u 16(1)(b) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats billi awtorizzat il-kaċċa għal-lupu fuq bażi preventiva, mingħajr ma ġie stabbilit li l-kaċċa tipprevjeni ħsara serja skont it-tifsira tal-Artikolu 16(1)(b). Għaldaqstant id-derogi jenħtieġ li **jkunu mmirati lejn l-iskala neċessarja** anki lejn dik ta' kampjun individwali (eż. speċi problematika waħda ta' ors).

(3-26) Id-derogi għall-prevenzjoni ta' ħsara serja jinħarġu prinċipalment għal speċijiet li għandhom impatt sinifikanti fuq setturi differenti, bħal karnivori kbar, *Castor fiber* u, sa ċertu punt anqas, *Lutra lutra*. Dawn huma eżempji topiċi ta' speċijiet li l-preżenza u l-espansjoni tagħhom jistgħu jwasslu għal għadd ta' kunflitti mal-interessi tal-bniedem fi Stati Membri differenti. Il-mitigazzjoni ta' dawn il-kunflitti tista' teħtieġ l-iżvilupp ta' strateġiji komprensivi ta' konservazzjoni u l-aġġustament, fejn possibbli, ta' prattiki umani li jwasslu għal kunflitti sabiex tiġi żviluppata kultura ta' koeżistenza. Tista' tirrikjedi wkoll l-iżvilupp ta' pjanijiet li jkunu adattati lokalment għall-karatteristiċi speċifiċi tal-ispeċi u tal-attivitajiet affettwati, li jistgħu jinkludu derogi f'konformità mal-Artikolu 16(1)(b).

(3.27) Il-Kummissjoni Ewropea appoġġat diversi proġetti u inizjattivi LIFE li żviluppaw linji gwida ta' prattika tajba għall-ġestjoni tal-kunflitti li jinvolvu speċijiet imħarsin (eż. il-*Pjattaforma tal-UE dwar il-koeżistenza bejn il-persuni u karnivori kbar*[113] deskritta fil-kaxxa ta' hawn taħt). F'diversi Stati Membri ġew prodotti linji gwida speċifiċi għall-ispeċijiet fil-livell nazzjonali jew reġjonali[114]. Meta l-pjan ikun li titfittex deroga, huwa rrakkomandat li jiġu esplorati l-miżuri, il-prattiki u l-istrumenti ssuġġeriti f'dawn il-linji gwida jew esperjenzati xi mkien ieħor, sabiex jinstabu l-aħjar soluzzjonijiet adattati lokalment bl-għan li jitnaqqsu l-ħsara u l-kunflitt, fuq il-bażi tal-prinċipju tal-proporzjonalità.

**21 – Eżempju ta' prattiki tajba: il-*Pjattaforma tal-UE dwar il-koeżistenza bejn in-nies u karnivori kbar***

Erba' speċijiet karnivori kbar, l-ors kannella *Ursus arctos*, il-lupu *Canis lupus*, il-linċi tal-Ewrasja *Lyx lynx*, u wolverines *Gulo golo,* huma fost l-aktar grupp diffiċli ta' speċijiet f'termini ta' konservazzjoni fil-livell tal-UE. Dan għaliex għandhom firxiet kbar li jaqsmu l-fruntieri reġjonali u nazzjonali u potenzjalment ikunu f'kunflitt mal-attivitajiet ekonomiċi tal-bniedem, bħall-biedja. Il-kwistjoni tkompli tikkomplika ruħha aktar minħabba l-fatt li popolazzjonijiet differenti għandhom stati ta' konservazzjoni differenti, reġimi differenti ta' ħarsien u ta' ġestjoni, u kuntesti soċjoekonomiċi differenti.

Il-*Pjattaforma tal-UE dwar il-koeżistenza bejn in-nies u karnivori kbar*, appoġġata mill-Kummissjoni Ewropea sa mit-tnedija tagħha fl-2014, hija raggruppament ta' organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw gruppi ta' interess differenti li qablu dwar missjoni konġunta: "*li jippromwovu metodi u mezzi sabiex jonqsu kemm jista' jkun il-kunflitti bejn l-interessi tal-bniedem u l-preżenza ta' speċijiet karnivori kbar, permezz tal-iskambju tal-għarfien u permezz tal-ħidma konġunta b'mod miftuħ, kostruttiv u fi spirtu ta' rispett reċiproku"*. Ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess differenti jieħdu sehem fil-laqgħat, inklużi l-kaċċaturi, is-sidien tal-art, ir-rgħajja tar-renni u l-NGOs għall-ħarsien tan-natura.

Il-pjattaforma tiġbor informazzjoni u prattika tajba minn Stati Membri differenti u tippromwovi s-sejbiet fuq is-sit web tagħhom u permezz tal-kanali ta' informazzjoni tagħhom. Il-promozzjoni u l-appoġġ tal-adozzjoni ta' miżuri għall-prevenzjoni tal-ħsara permezz tal-finanzjament tal-UE għall-iżvilupp rurali u l-ġbir u l-evalwazzjoni ta' studji tal-każ huma oqsma li ilhom jeżistu fil-ħidma tal-pjattaforma.

---

112 Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja, il-Kawża C-342/05, il-punti 41-44 u 47.

113 http://ec.europa.eu/environment/nature/conservation/species/carnivores/coexistence_platform.htm

114 Ara, pereżempju, il-linji gwida għall-ġestjoni tal-kastur fil-Bavarja, mill-Ministeru għall-Ambjent tal-Bavarja: Bayerisches Staatsministerium für Umwelt und Verbraucherschutz, 2016. "Richtlinien zum Bibermanagement". https://www.stmuv.bayern.de/service/recht/naturschutz/doc/bibermanagement_2016/richtlinien_bibermanagement_2016.pdf

Il-pjan ta' komunikazzjoni tal-pjattaforma jiddeskrivi t-tagħlimiet meħudin sal-lum. L-attivitajiet konġunti huma l-aktar ta' suċċess peress li huwa aktar faċli li jiġu involuti ma' firxa ta' partijiet ikkonċernati differenti jekk iħossu li l-interessi tagħhom ikunu rrappreżentati. Il-fatt li jkun hemm rappreżentanti internazzjonali mill-pjattaforma u mill-Kummissjoni Ewropea fl-avvenimenti reġjonali jgħin kemm f'termini tas-suġġetti koperti kif ukoll fil-parteċipanti jħossu li t-tħassib tagħhom ikun qed jinstema' minn grupp usa'. Dikjarazzjonijiet konġunti ġeneralment jiġu miftiehma wara avvenimenti li jistabbilixxu markatur għal avvenimenti futuri u jippermettulhom jibnu fuq attivitajiet preċedenti[115].

**22 – Eżempju ta' prattiki tajba: ġestjoni tal-kastur Ewropew fi Franza**

Fi Franza, il-kastur Ewropew huwa speċi strettament mħarsa u l-istat ta' konservazzjoni tiegħu qed jitjieb. Madankollu, f'xi żoni, il-kasturi jikkawżaw ħsara lill-forestrija, billi jgerrmu popolamenti tal-foresti u jgħarrqu msaġar bl-attivitajiet tagħhom ta' kostruzzjoni tad-digi.

Wara rikorrenza regolari ta' tali ħsarat, l-individwi u l-organizzazzjonijiet affettwati talbu lill-awtoritajiet nazzjonali jagħtu derogi mill-ħarsien strett tal-ispeċi. Kunflitt kontinwu jista' jrawwem il-qtil illegali ta' individwi jew interventi mhux ikkontrollati fuq il-ħabitats tal-ispeċi (qerda tad-digi) li jaffettwaw iż-żamma tal-popolazzjonijiet f'xi żoni. Sabiex tinstab soluzzjoni sodisfaċenti li tkun konformi mal-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċi u mas-sinifikat simboliku tagħha, ingħataw derogi sabiex il-kampjuni jiġu mċaqalqa f'żoni oħrajn meta jkun neċessarju u meta ma jkunux biżżejjed miżuri oħrajn meħudin għall-promozzjoni tal-koeżistenza mal-ispeċi. Madankollu, it-twettiq ta' din l-operazzjoni ma huwiex faċli u jeħtieġ l-aċċettazzjoni mill-partijiet ikkonċernati fiż-żona l-ġdida, li jistgħu jibżgħu wkoll mill-impatti futuri tal-ispeċi.

Quddiem din is-sitwazzjoni, l-aġenzija nazzjonali għall-kaċċa u għall-organiżmi selvaġġi (ONCFS - *Office national de la chasse et de la faune sauvage*) waqqfet network tekniku dwar il-kasturi li jinvolvi esperti sabiex jibni għarfien dwar l-ispeċijiet u jipprovdi assistenza fuq il-post lil individwi affettwati mill-ħsarat ikkawżati mill-kasturi. Bħalissa, l-esperjenza miksuba qed tinkiteb fi gwida ta' prattika tajba sabiex tiġi evitata ħsara lill-pjantaġġuni tas-siġar u sabiex tiġi rrikonċiljata l-manutenzjoni tal-funzjonalità ekoloġika tal-ħabitats tal-ispeċijiet filwaqt li jiġi evitat l-għargħar.

Il-miżuri li għandhom l-għan li jnaqqsu l-kunflitti qed jiġu żviluppati b'mod progressiv u, għalhekk, l-effettività tagħhom trid tiġi vvalutata fit-tul. Dawn il-miżuri huma varjati u jinkludu soluzzjonijiet tekniċi bħall-installazzjoni ta' sistemi li jipprevjenu t-tħaffir mill-kasturi, pajpijiet għall-kasturi, apparati ta' kontroll tal-fluss tal-kasturi, protezzjoni mekkanika tas-siġar u tal-għelejjel bl-użu ta' boroż, ta' palizzati jew ta' xatbiet elettriċi, kif ukoll l-użu ta' derogi għat-tneħħija, għall-ispostament jew għat-taljar tad-digi, eċċ. Dawn il-miżuri jiġu adottati fuq bażi ta' każ każ.

Fuq skala akbar, il-pjanijiet ta' ġestjoni lokali jitfasslu b'oqsma ta' azzjoni differenzjati, skont ir-riskju u l-miżuri ta' prevenzjoni, ta' mitigazzjoni u ta' kumpens relatati. Dan jista' jinkludi l-ħolqien ta' żoni naturali fejn ir-restawr tal-ħabitats tal-kasturi u fejn id-digi tal-kasturi jistgħu joħolqu artijiet mistagħdra. Il-miżuri ta' ġestjoni jinvolvu wkoll il-monitoraġġ tal-ispeċi u tal-impatt tagħha, kif ukoll l-attivitajiet ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni.

### *(c) Fl-interessi tas-saħħa u s-sikurezza pubblika, jew għal raġunijiet obbligatorji oħra li huma konnessi mal-interess pubbliku, inklużi dawk tat-tip soċjali jew ekonomiku u l-konsegwenzi ta' benefiċċju tal-akbar importanza għall-ambjent*

(3-28) It-tielet raġuni possibbli għall-għoti ta' deroga hija għal "raġunijiet obbligatorji oħrajn li huma konnessi mal-interess pubbliku". Dan il-kunċett mhuwiex definit fid-

115 Għal aktar informazzjoni, ara:
il-Pjattaforma tal-UE (2014), Agreement to participate in the EU Platform on coexistence between people and large carnivores: https://ec.europa.eu/environment/nature/conservation/species/carnivores/pdf/EN_Agreement.pdf
EU Platform (2018a) Communication Plan, Version 2: https://ec.europa.eu/environment/nature/conservation/species/carnivores/pdf/2014_LC%20Platform%20Communication%20Plan%20v2.pdf
Is-sit web tal-Pjattaforma tal-UE (2018b). https://ec.europa.eu/environment/nature/conservation/species/carnivores/coexistence_platform.htm

Direttiva iżda l-paragrafu jsemmi raġunijiet ta' interess pubbliku bħas-saħħa pubblika u s-sikurezza pubblika. Ikopri wkoll raġunijiet oħrajn mhux speċifikati, bħal raġunijiet ta' natura soċjali jew ekonomika, raġunijiet li għandhom konsegwenzi ta' benefiċċju ta' importanza primarja għall-ambjent, eċċ. (il-lista mhijiex eżawrjenti).

(3-29) F'oqsma oħrajn tad-dritt tal-UE fejn jidhru kunċetti simili, pereżempju l-moviment liberu tal-merkanzija, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja sostniet li r-rekwiżiti prevalenti jew l-interess pubbliku jiġġustifikaw miżuri nazzjonali li jirrestrinġu l-prinċipju tal-moviment liberu. F'dan il-kuntest, hija rrikonoxxiet is-saħħa pubblika, il-ħarsien tal-ambjent, u l-kisba ta' għanijiet leġittimi tal-politika ekonomika u soċjali bħala tali rekwiżiti imperattivi.

(3-30) L-istess kunċett jidher ukoll fl-Artikolu 6(4) tad-Direttiva. Sa issa, il-Qorti ma ħarġet l-ebda ġurisprudenza dwar kif għandu jiġi interpretat dan il-kunċett speċifiku iżda jista' jitqies li l-wiri tal-kunsiderazzjonijiet prevalenti għal pjan jew għal proġett jenħtieġ li jkun applikabbli bl-istess mod għal derogi. L-analiżi tal-Kummissjoni fid-dokument ta' gwida tagħha tal-Artikolu 6[116] hija ta' għajnuna sabiex jiġi spjegat dan il-kunċett.

(3-31) L-ewwel nett, huwa ċar mill-kliem li **l-interessi pubbliċi biss**, promossi jew minn korpi pubbliċi jew privati, **jistgħu jkunu bbilanċjati kontra l-għanijiet ta' konservazzjoni tad-Direttiva**. Għalhekk, proġetti li huma kompletament fl-interess ta' kumpaniji jew ta' individwi tipikament ma jitqisux li jkunu fl-interess pubbliku.

(3-32) It-tieni nett, trid tiġi enfasizzata n-natura "prevalenti" ta' dan l-interess pubbliku. Dan jimplika li mhux kull forma ta' interess pubbliku ta' natura soċjali jew ekonomika huwa suffiċjenti, b'mod partikolari meta jitqies kontra l-piż partikolari tal-interessi mħarsin mid-Direttiva. Hawnhekk huwa meħtieġ ibbilanċjar bir-reqqa tal-interessi. Huwa wkoll raġonevoli li wieħed jassumi li **fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-interess pubbliku x'aktarx li jkun prevalenti biss jekk ikun interess fit-tul**: l-interessi fuq terminu qasir li jrendu biss benefiċċji fuq terminu qasir ma jkunux biżżejjed sabiex jegħlbu l-interess fit-tul tal-konservazzjoni tal-ispeċijiet.

(3-33) L-awtorità kompetenti jeħtiġilha teżamina bir-reqqa n-natura prevalenti tal-interess pubbliku (jew "konnessi" miegħu) fuq bażi ta' każ każ, u ssib bilanċ xieraq mal-interess pubbliku ġenerali li jintlaħqu l-objettivi tad-Direttiva. Jidher raġonevoli li jiġi kkunsidrat, bħal fil-każ tal-Artikolu 16(1)(b), li l-użu ta' derogi skont l-Artikolu 16(1)(c) ma jirrikjedix li l-ħsara għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-bniedem tkun iġġarrbet qabel l-adozzjoni ta' miżuri ta' deroga. Madankollu, meta jużaw din id-deroga, l-Istati Membri jeħtiġilhom ikunu jistgħu juru, b'evidenza suffiċjenti, rabta bejn id-deroga u l-objettivi kkwotati ta' interess pubbliku prevalenti.

(3-34) Jistgħu jkunu meħtieġa derogi għall-ispeċijiet għal interessi pubbliċi prevalenti għal pjanijiet jew għal proġetti li jaffettwaw is-siti ta' Natura 2000, soġġetti għar-rekwiżiti tal-Artikolu 6(3-4). Għalhekk, jenħtieġ li l-miżuri preventivi, ta' mitigazzjoni u ta' kumpens previsti skont l-Artikolu 6 iqisu wkoll l-ispeċijiet ikkonċernati mid-derogi. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza u jiġu ssimplifikati l-proċeduri tal-Artikolu 16 mal-valutazzjonijiet tal-Artikolu 6, huwa rakkomandabbli li tiġi ssimplifikata wkoll, fejn rilevanti, il-verifika tal-kundizzjonijiet tad-deroga (in-nuqqas ta' soluzzjonijiet alternattivi sodisfaċenti u ta' effetti detrimentali fuq l-ispeċi) fil-kuntest tal-valutazzjoni xierqa, fejn applikabbli.

**23 - Prattiki tajbin applikati fl-għoti ta' derogi skont l-Artikolu 16(1)(c)**

116
L-Avviż tal-Kummissjoni C(2018) 7621 final, Brussell, 21.11.2018, Il-ġestjoni tas-siti tan-Natura 2000 — Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 92/43/KEE dwar il-Ħabitats, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1548663172672&uri=CELEX:52019XC0125(07)

Fuq il-bażi ta' ħarsa ġenerali lejn ir-rapporti dwar id-deroga tal-Istati Membri, l-Artikolu 16(1)(c) "għal raġunijiet obbligatorji oħra li huma konnessi mal-interess pubbliku", huwa waħda mir-raġunijiet l-aktar użati f'ħafna pajjiżi sabiex tinħareġ deroga. Dawn id-derogi normalment ikunu marbutin ma' xogħlijiet ta' kostruzzjoni, spiss fil-qafas ta' proġetti jew ta' pjanijiet ta' żvilupp. L-attivitajiet permessi spiss jirriżultaw fit-tfixkil tal-ispeċijiet, fid-deterjorament jew fil-qerda ta' siti ta' mistrieħ jew ta' tnissil, u xi drabi l-qtil ta' kampjuni. Dawn id-derogi fil-biċċa l-kbira tal-każijiet ikunu "speċijiet multipli" u spiss jaffettwaw il-friefet il-lejl, l-anfibji u r-rettili, kif ukoll l-insetti u mammiferi oħrajn.

L-Istati Membri stabbilew miżuri differenti li għandhom jiġu applikati qabel ma joħorġu dawn id-derogi, kemm matul kif ukoll wara l-implimentazzjoni. Il-miżuri jinkludu:

- studju tal-fattibbiltà dwar l-għażliet alternattivi kollha, li jibbilanċja l-impatt fuq speċijiet jew fuq ħabitats oħrajn, kif ukoll aspetti ekoloġiċi/soċjali/ekonomiċi oħrajn;
- valutazzjoni tal-effett tal-attività fuq l-ispeċi, kemm matul kif ukoll wara x-xogħlijiet;
- arranġamenti sabiex jiġu mminimizzati l-impatti negattivi (meta jsir ix-xogħol, superviżjoni minn ekoloġisti, eċċ.);
- miżuri sabiex jiżdiedu l-attraenza u l-aċċessibbiltà tas-sit għall-ispeċijiet wara x-xogħlijiet;
- il-provvista ta' postijiet ta' kenn temporanji f'każ li l-ħabitat ma jkunx disponibbli b'mod temporanju;
- miżuri ta' kumpens, bħal sit ta' sostituzzjoni qrib iż-żona tal-proġett qabel ma jibdew ix-xogħlijiet jew fi ħdan l-iżvilupp il-ġdid mat-tlestija tiegħu;
- il-monitoraġġ tal-bidliet fl-użu tas-sit u tar-rispons tal-popolazzjoni affettwata għall-miżuri meħudin;
- sistema ta' kontroll għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tad-deroga sabiex jiġi żgurat li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha;
- stħarriġ dwar l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet affettwati fil-firxa naturali tagħhom;
- l-applikazzjoni ta' proċeduri f'linji gwida speċifiċi għat-twettiq tax-xogħlijiet.

Uħud minn dawn il-miżuri huma meħtieġa sabiex jiġi żgurat li d-derogi ma jkunux ta' detriment għall-istat ta' konservazzjoni tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet ikkonċernati. Oħrajn imorru lil hinn mir-rekwiżiti, peress li jistgħu jtejbu wkoll b'mod attiv il-kundizzjonijiet inizjali tas-sit jew joħolqu ħabitats ġodda, usa' jew aktar adattati.

Dawn il-miżuri huma simili għal dawk previsti fil-proċeduri ta' valutazzjoni skont l-Artikoli 6(3) u 6(4). Meta d-derogi mill-Artikolu 16(1)(c) ikunu marbutin ma' proġetti jew ma' pjanijiet soġġetti għall-Artikolu 6 (pereżempju, għall-qerda tal-ħabitats ta' speċijiet tal-Anness II/IV f'sit ta' Natura 2000), huwa possibbli li titwettaq il-valutazzjoni fid-dawl tal-kriterji tal-Artikolu 16 u li jiġu inkwadrati aktar miżuri fi ħdan il-valutazzjoni xierqa. Dan l-approċċ jiffranka ż-żmien u jevita l-kost ta' valutazzjoni doppja filwaqt li jiżgura l-koerenza fl-issodisfar tar-rekwiżiti kemm tal-Artikolu 6 kif ukoll tal-Artikolu 16, u jipproduċi riżultat aktar komprensiv f'termini tal-ilħuq tal-objettivi ta' konservazzjoni.

### *(d) Għall-iskop tar-riċerka u l-edukazzjoni, biex tiġġedded il-popolazzjoni u biex jiġu introdotti mill-ġdid dawn l-ispeċijiet u għall-operazzjonijiet ta' tgħammir meħtieġa għal dawn l-iskopijiet, inkluża l-propagazzjoni artifiċjali tal-pjanti*

(3-35) Tali derogi jistgħu, pereżempju, ikopru l-immarkar ta' ċerti individwi ta' speċi għal finijiet ta' riċerka (eż. kullari tar-radju) sabiex tinftiehem aħjar l-imġiba tagħhom, jew għal proġetti ta' konservazzjoni li għandhom l-għan li jerġgħu jintroduċu l-ispeċi. Ovvjament, il-proġetti ta' riċerka jridu jikkunsidraw ukoll metodi alternattivi. Pereżempju, fejn ir-riċerka tinvolvi l-qtil ta' kampjun, jenħtieġ li jitħeġġeġ l-użu ta' karkassi u ta' kampjuni minn eżemplari maqtulin għal raġunijiet oħrajn[117]. Huwa neċessarju wkoll li jintwera li l-iskop ta' tali riċerka jipprevali fuq l-interessi ta' ħarsien strett tal-ispeċi.

(3-36) It-teħid ta' bajd, il-qbid u it-tnissil fil-magħluq, it-trażlokazzjoni, eċċ. jistgħu jkunu permessi kollha kemm huma għall-fini ta' ripopolazzjoni ta' popolazzjonijiet li jkunu

117 Ara wkoll Linnell J., V. Salvatori u L. Boitani (2008). Guidelines for population level management plans for large carnivores in Europe. A Large Carnivore Initiative for Europe report prepared for the European Commission.

naqsu ferm, sabiex tiżdied id-diversità ġenetika tagħhom jew terġa' tiġi introdotta speċi. Madankollu, għalkemm l-għan ta' dawn id-derogi huwa l-konservazzjoni tal-ispeċijiet, jista' jkollhom diversi impatti negattivi potenzjali, li jinvolvu aspetti ekoloġiċi, soċjali u ekonomiċi u kunsiderazzjonijiet dwar il-benessri tal-annimali. Għalhekk, meta jingħataw derogi ta' dan it-tip, huwa rrakkomandat li jintużaw l-aħjar *data*, mekkaniżmi, għodod disponibbli (*Guidelines for Reintroductions and Other Conservation Translocations*[118] tal-IUCN) u esperjenzi rilevanti speċifiċi għall-ispeċijiet, sabiex tiżdied il-possibbiltà ta' suċċess u jiġu evitati riskji possibbli għall-ispeċijiet li jiġu introdotti mill-ġdid jew għal speċijiet oħrajn.

Meta l-ispeċijiet li għandhom jiġu rripopolati jew introdotti jkunu elenkati kemm fl-Anness IV kif ukoll fl-Anness II tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, u ż-żoni ta' destinazzjoni jkunu barra minn Natura 2000, jenħtieġ li l-awtoritajiet jevalwaw ukoll l-opportunità/il-ħtieġa li jiddeżinjaw iż-żoni ewlenin ta' riproduzzjoni u ta' tagħlif tal-popolazzjoni tal-ispeċijiet ripopolata jew introdotta mill-ġdid bħala ta' Natura 2000, b'mod partikolari għall-ispeċijiet ta' prijorità. Barra minn hekk, l-alternattivi possibbli għall-introduzzjoni mill-ġdid jew għat-trażlokazzjoni jridu jkunu ġew ivvalutati minn qabel bħala anqas effettivi jew jintwera li ma jkunux fattibbli bħala mezz sabiex jintlaħqu l-objettivi speċifiċi u definiti b'mod ċar ta' konservazzjoni tal-introduzzjoni mill-ġdid jew tat-trażlokazzjoni.

***(e) Biex ikun jista' jsir, taħt kundizzjonijiet ta' sorveljanza stretta, fuq bażi selettiva u għal ammont limitat, it-teħid jew iż-żamma ta' ċerti kampjuni tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness IV f'għadd limitat speċifikat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti***

(3-37) Il-ħames u l-aħħar raġuni għall-ħruġ ta' deroga hija li jittieħdu jew jinżammu ċerti kampjuni tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness IV, taħt kundizzjonijiet strettament issorveljati, fuq bażi selettiva u sa ċertu punt limitat.

(3-38) Għall-kuntrarju tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 16(1)(a) sa (d), l-Artikolu 16(1)(e) ma jispeċifikax objettiv li għandu jiġi segwit meta tintuża din id-deroga. Madankollu, **xorta jrid jingħata objettiv meta jintuża l-Artikolu 16(1)(e) u jrid ikun iġġustifikat bis-sħiħ.** L-objettiv irid ikun ukoll konformi mal-objettivi ġenerali tad-Direttiva. Fil-Kawża C-674/17 il-QĠUE ċċarat li "l-objettivi invokati insostenn tad-deroga għandhom jiġu ddefiniti b'mod ċar, preċiż u sostnut fid-deċiżjoni ta' deroga". Il-Qorti tqis ukoll li eżenzjoni bbażata fuq l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats "tista' tikkostitwixxi biss applikazzjoni konkreta u fil-ħin sabiex tissodisfa rekwiżiti preċiżi u għal sitwazzjonijiet speċifiċi"[119]. Għalhekk huwa ċar li jrid ikun hemm objettiv speċifiku għall-għoti ta' deroga.

(3-39) Fil-Kawża C-674/17[120], il-QĠUE ddeċidiet li "l-objettiv ta' deroga bbażata fuq l-Artikolu 16(1)(e) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, bħala prinċipju, mhuwiex bħall-objettivi tad-derogi bbażati fuq l-Artikolu 16(1)(a) sa (d) ta' din id-Direttiva, b'tali mod li l-ewwel dispożizzjoni tista' tkun il-bażi għall-adozzjoni ta' deroga biss fil-każ li dawk id-dispożizzjonijiet mhumiex rilevanti" u li "sabiex l-ipoteżi l-oħrajn tal-Artikolu 16(1)(e) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats ma jistax jikkostitwixxi bażi legali ġenerali għall-ħruġ ta' derogi mill-Artikolu 12(1) ta' din id-Direttiva, mingħajr ma jxekkel sitwazzjonijiet oħra koperti bl-Artikolu 16(1) tagħha kif ukoll is-sistema ta' ħarsien strett tal-effettività tagħhom".

**Għalhekk, l-Artikolu 16(1)(e) mhuwiex bażi legali ġenerali sabiex jiġu pprovduti derogi, iżda jista' jiġi applikat biss jekk l-objettivi li jridu jintlaħqu bid-deroga ma jaqgħux taħt l-Artikolu 16(1)(a)-(d).** Inkella d-dispożizzjonijiet ta' 16(1)(a)-(d) u s-sistema ta' ħarsien strett jitilfu l-effettività tagħhom. F'dan il-każ partikolari, il-QĠUE

118 Ara: https://portals.iucn.org/library/efiles/documents/2013-009.pdf
119 Il-Kawża C-674/17, il-punt 41.
120 Ara l-punti 34-37 ta' C-674/17.

indirizzat b'mod espliċitu l-problema tal-kaċċa illegali ta' speċi mħarsa, li hija tirrikonoxxi bħala sfida kbira għall-konservazzjoni ta' speċijiet fil-periklu. Il-Qorti rrikonoxxiet li, fil-prinċipju, il-ġlieda kontra l-kaċċa illegali tista' tiġi ċċitata bħala metodu ta' kontribut għaż-żamma jew għar-restawr tal-istat ta' konservazzjoni favorevoli tal-ispeċijiet ikkonċernati u, għalhekk, bħala objettiv kopert mill-Artikolu 16(1)(e) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats[121].

(3-40) Mis-sentenza fil-Kawża C-674/17 huwa ċar li l-Artikolu 16(1)(e) ma jillimitax il-firxa ta' objettivi li jistgħu jintlaħqu b'mod leġittimu b'deroga. Minbarra l-ġlieda kontra l-kaċċa illegali, raġunijiet oħrajn jistgħu jiġġustifikaw l-użu tal-Artikolu 16(1)(e), dment li l-objettiv tad-deroga jkun konformi mal-objettiv ġenerali tad-Direttiva li jinżamm u jiġi rrestawrat l-istat ta' konservazzjoni favorevoli tal-ispeċi kkonċernata.

Madankollu, il-QĠUE fil-Kawża C-674/17 iddeċidiet ukoll li "hija l-awtorità nazzjonali li għandha tissostanzja, **abbażi ta' *data* xjentifika rigoruża, inkluż**, skont il-każ, *data* komparattiva dwar il-konsegwenzi tal-kaċċa ta' ġestjoni fuq l-istat ta' konservazzjoni tal-lupu, l-ipoteżi skont liema l-awtorizzazzjoni tal-kaċċa ta' ġestjoni tistax realment tnaqqas il-kaċċa illegali, u dan sa fejn hija kellha effett pożittiv nett fuq l-istat ta' konservazzjoni tal-popolazzjoni ta' lpup, filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni n-numru ta' derogi maħsuba u l-istimi l-iktar reċenti tan-numru ta' teħid illegali"[122].

Il-QĠUE enfasizzat ukoll li "għandu jitqies li s-sempliċi eżistenza ta' attività illegali bħall-kaċċa illegali jew id-diffikultajiet fl-implimentazzjoni tal-kontroll tagħha ma jistgħux ikunu biżżejjed sabiex Stat Membru jitneħħielu l-obbligu tiegħu li jiżgura s-salvagwardja tal-ispeċijiet mħarsin skont l-Anness IV tad-Direttiva dwar il-Ħabitats. F'tali sitwazzjoni, għall-kuntrarju, huwa l-obbligu tiegħu li jiffavorixxi l-kontroll strett u effettiv ta' din l-attività illegali, minn naħa, u l-implimentazzjoni ta' mezzi li ma jinvolvux in-nuqqas ta' osservanza tal-projbizzjonijiet imposti mill-Artikoli 12 sa 14 kif ukoll mill-Artikolu 15(a) u (b) ta' din id-Direttiva, min-naħa l-oħra".[123]

(3-41) Anke meta jkun intwera li deroga tkun ibbażata fuq objettiv leġittimu li jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' hawn fuq, **hija tista' tingħata biss jekk tissodisfa wkoll sensiela ta' kriterji oħrajn,** jiġifieri trid tikkonċerna biss għadd limitat ta' kampjuni tal-ispeċi, trid tiġi applikata fuq bażi selettiva u sa ċertu punt limitat, u ssir taħt kundizzjonijiet strettament issorveljati[124]. Kull wieħed minn dawn il-kriterji huwa esplorat hawn taħt.

- Għadd limitat

(3-42) Dan huwa kriterju relattiv li jrid jitqabbel mal-livell tal-popolazzjoni ta' speċi, mar-rati annwali tar-riproduzzjoni u tal-mortalità tagħha u huwa marbut direttament mal-istat ta' konservazzjoni tagħha[125]. Għalhekk, huwa essenzjali li jiġi stabbilit limitu għall-għadd ta' individwi li jistgħu jittieħdu/jinżammu. Fil-Kawża C-674/17, il-QĠUE ċċarat li **dan l-għadd jiddependi mil-livell tal-popolazzjoni (għadd ta' individwi), mill-istat ta' konservazzjoni tagħha u mill-karatteristiċi bijoloġiċi tagħha.** L-"għadd limitat" se jkollu jiġi stabbilit, taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità nazzjonali kompetenti, fuq il-bażi ta' informazzjoni xjentifika rigoruża ta' *data* ġeografika, klimatika, ambjentali u bijoloġika u fid-dawl tar-rati tar-riproduzzjoni u tal-mortalità annwali totali minħabba kawżi naturali iżda wkoll telf minħabba kawżi oħrajn bħal aċċidenti, derogi oħrajn (eż. skont l-Artikolu 16(1)(b)) u kampjuni, li jkunu "niqsin".

121 C-674/17, il-punt 43.
122 C-674/17, il-punt 45.
123 C-674/17, il-punt 48.
124 Ara l-punt 35 ta' C-674/17.
125 F'kawża li tikkonċerna d-dispożizzjoni komparabbli tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2009/147/KE dwar l-Għasafar (is-sentenza tas-27 ta' April 1988, Il-Kummissjoni vs Franza, il-Kawża C-252/85, ECLI:EU:C:1988:202), il-Qorti ddikjarat li: "Jidher ċar mill-Artikolu 2, flimkien mal-11-il premessa tal-preambolu tad-Direttiva, li l-kriterju ta' kwantitajiet żgħar mhuwiex kriterju assolut iżda, minflok, jirreferi għaż-żamma tal-livell totali tal-popolazzjoni u għas-sitwazzjoni riproduttiva tal-ispeċijiet ikkonċernati".

L-għadd ta' annimali meħudin irid **jiżgura wkoll li ma jinvolvix ir-riskju ta' impatt negattiv sinifikanti fuq l-istruttura tal-popolazzjoni inkwistjoni, anki jekk ma jkunx, fih innifsu, detrimentali għaż-żamma tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet ikkonċernati fi stat ta' konservazzjoni favorevoli fil-firxa naturali tagħhom**[126]. L-"għadd limitat" irid jissemma b'mod ċar fid-deċiżjonijiet ta' deroga[127]. Jenħtieġ li dan il-limitu jiġi stabbilit fil-livell tal-popolazzjoni; dan jeħtieġ koordinazzjoni bejn l-unitajiet ta' ġestjoni kollha li jikkondividu l-popolazzjoni kkonċernata. Għal vertebrati b'firxa wiesgħa b'popolazzjonijiet transfruntiera, bħal karnivori kbar, l-Istati Membri li jikkondividu popolazzjoni jeħtiġilhom jikkoordinaw sabiex jistabbilixxu pożizzjoni komuni dwar x'jista' jitqies bħala għadd limitat għall-finijiet tal-għoti ta' derogi.

(3-43) Jenħtieġ li d-derogi ma jingħatawx meta jkun hemm riskju li d-deroga jista' jkollha effett negattiv sinifikanti fuq il-konservazzjoni tal-popolazzjoni lokali kkonċernata f'termini kwantitattivi jew kwalitattivi (eż. fuq l-istruttura tal-popolazzjoni) (ara wkoll il-Kapitolu 3.2.3). Minħabba li d-derogi kollha fi kwalunkwe każ iridu jissodisfaw il-kundizzjoni preċiża tal-Artikolu 16(1) li ma jkunux "ta' dannu għall-ħarsien tal-popolazzjonijiet tal-ispeċi konċernati fi stat ta' konservazzjoni favorevoli fil-firxa naturali tagħhom", ir-referenza espliċita fl-Artikolu 16(1)(e) għal "għadd limitat" tissuġġerixxi li l-leġiżlatur kellu l-ħsieb li jkun hemm livell ogħla ta' restrizzjoni.

(3-44) **Il-kunċett ta' "għadd limitat" għal speċijiet strettament imħarsin huwa ħafna aktar restrittiv mill-"kwota massima sostenibbli" jew mir-"rendiment ottimali sostenibbli" għal speċijiet soġġetti għall-ġestjoni tal-kaċċa u elenkati fl-Anness V tad-Direttiva**. Il-kundizzjoni tal-"għadd limitat" hija konformi mal-grad ta' ħarsien mitlub mid-Direttiva għal speċijiet li ma jistgħux jiġu sfruttati. Il-kundizzjoni hija aktar restrittiva mill-kundizzjoni ġenerali tad-deroga li tiġi żgurata ż-żamma tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet ikkonċernati fi stat ta' konservazzjoni favorevoli. Għalhekk, hija aktar restrittiva mill-użu "sostenibbli" meħtieġ għall-ispeċijiet tal-Anness V skont l-Artikolu 14, li jiżgura li l-isfruttament tagħhom ikun kompatibbli maż-żamma tal-ispeċijiet fi stat ta' konservazzjoni favorevoli[128].

(3-45) Il-limitu tal-"għadd limitat" jenħtieġ li jiġi ddeterminat abbażi ta' kriterji speċifiċi għal kull speċi, peress li jiddependi fuq ir-rekwiżiti ekoloġiċi ta' kull speċi. Dawn jistgħu jinkludu skala spazjali ta' distribuzzjoni, frammentazzjoni tal-ħabitat u tal-pajsaġġ, id-disponibbiltà tal-priża, l-organizzazzjoni soċjali tal-ispeċijiet, ix-xejriet u l-livelli ta' theddid, inklużi l-mard, it-tniġġis u l-kontaminanti, il-mortalità illegali u inċidentali u t-tibdil fil-klima. Fil-każijiet kollha, il-limitu tal-"għadd limitat" "**għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi ta' informazzjoni xjentifika rigoruża"**[129].

- Taħt kundizzjonijiet ta' sorveljanza stretta, fuq bażi selettiva u għal ammont limitat

(3-46) Din il-kwalifika turi b'mod ċar li l-leġiżlatur tal-UE kellu l-ħsieb li jistabbilixxi restrizzjonijiet sinifikanti. Il-prinċipju ta' kundizzjonijiet strettament issorveljati jimplika wkoll li kwalunkwe użu ta' dan it-tip ta' deroga jrid jinvolvi awtorizzazzjonijiet ċari li jridu jkunu relatati ma' individwi jew ma' gruppi ta' individwi, ma' postijiet, ma' ħinijiet u ma' kwantitajiet partikolari. It-terminu "għal ammont limitat" jappoġġa din l-interpretazzjoni.

---

126 C-674/17, il-punt 72. Ara wkoll is-sentenzi tat-8 ta' Ġunju 2006, WWF Italia u Oħrajn, C- 60/05, EU:C:2006:378, il-punti 25 u 29 u tal-21 ta' Ġunju 2018, Il-Kummissjoni vs Malta, C- 557/15, EU:C:2018:477, il-punt 62 fil-kuntest tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2009/147/KE dwar l-Għasafar.

127 C-674/17, il-punti 70-72.

128 Dan huwa koerenti wkoll mal-indikazzjonijiet previsti fid-Dokument ta' Gwida dwar il-kaċċa skont id-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi għad-definizzjoni ta' "numri żgħar". Il-Gwida tqis li "numri żgħar" iridu jkunu ċifra ħafna aktar baxxa minn dawk iċ-ċifri karatteristiċi tat-teħid tal-għasafar skont l-Artikolu 7 u saħansitra aktar baxxa għal dawk l-ispeċijiet li ma għandhomx jiġu kkaċċjati.

129 Is-sentenza tat-8 ta' Ġunju 2006, Il-Kummissjoni vs L-Italja, il-Kawża C-60/05, ECLI:EU:C:2006:378.

Jimplika wkoll il-ħtieġa għal kontrolli territorjali, temporali u personali stretti sabiex jiġu infurzati d-derogi u tiġi żgurata l-konformità.

(3-47) Min-naħa l-oħra, il-prinċipju ta' **selettività jfisser li l-attività inkwistjoni trid tkun speċifika ħafna fl-effett tagħha**, immirata lejn ċerti individwi ta' speċi waħda, jew anke lejn ġeneru wieħed jew klassi ta' età waħda ta' dik l-ispeċi (eż. speċijiet maskili maturi biss) għall-esklużjoni tal-oħrajn kollha. Dan l-approċċ huwa appoġġat mill-ispeċifikazzjoni fl-Artikolu 16(1)(e) li t-teħid jew iż-żamma trid tkun ristretta għal "ċerti kampjuni". Jimplika wkoll li jenħtieġ li ċerti aspetti tekniċi tal-metodu użat juru selettività b'mod verifikabbli.

Fil-Kawża C-674/17, il-QĠUE enfasizzat dan l-aspett billi ġġudikat: "Fir-rigward, sussegwentement, tal-kundizzjonijiet ta' selettività u ta' limitazzjoni tat-teħid jew taż-żamma ta' ċerti kampjuni tal-ispeċi, għandu jitqies li dawn jeżiġu li d-deroga tirrigwarda numru ta' kampjuni ddeterminat bl-iktar mod strett, speċifiku u fil-ħin possibbli, fid-dawl tal-għan imfittex mid-deroga inkwistjoni. Għaldaqstant jista' jkun neċessarju, fid-dawl tal-ammont tal-popolazzjoni tal-ispeċi inkwistjoni, tal-istat ta' konservazzjoni tagħha u tal-karatteristiċi bijoloġiċi tagħha, li d-deroga tkun limitata mhux biss għall-ispeċi kkonċernata jew għat-tipi jew gruppi ta' kampjuni tagħha, iżda wkoll għall-ispeċi identifikati individwalment"[130].

L-istess deċiżjoni ċċarat it-terminu "taħt kundizzjonijiet ta' sorveljanza stretta" *bħala li jfisser:* "…, b'mod partikolari, li dawn il-kundizzjonijiet kif ukoll il-mod kif l-osservanza tagħhom hija żgurata jippermettu li tiġi żgurata n-natura selettiva u limitata tat-teħid jew taż-żamma tal-kampjuni tal-ispeċi kkonċernati. B'dan il-mod, għal kull deroga bbażata fuq din id-dispożizzjoni, l-awtorità nazzjonali kompetenti trid tiżgura ruħha qabel l-adozzjoni tagħha li l-kundizzjonijiet previsti fiha jkunu osservati **u tissorvelja l-impatt sussegwenti tagħha.** Fil-fatt, il-leġiżlazzjoni nazzjonali trid **tiżgura** li l-legalità tad-deċiżjonijiet li joħorġu derogi skont din id-dispożizzjoni u l-mod kif dawn id-deċiżjonijiet jiġu applikati, inkluż f'dak li jirrigwarda **l-osservanza tal-kundizzjonijiet dwar b'mod partikolari l-postijiet, id-dati, il-kwantitajiet u t-tipi ta' kampjuni inkwistjoni, li huma soġġetti għalihom, ikunu kkontrollati b'mod effettiv u fil-ħin"[131].**

(3-48) Il-kundizzjoni ta' "bażi selettiva" tirrifletti l-projbizzjoni skont l-Artikolu 15(a) dwar l-użu ta' mezzi mhux selettivi ta' qbid u ta' qtil elenkati fl-Anness VI(a) għat-teħid, għall-qbid jew għall-qtil, skont derogi, ta' speċijiet elenkati fl-Anness IV(a). Il-metodu użat għall-qbid jew għall-insib irid ikun selettiv meta jiġu applikati derogi skont l-Artikolu 16(1)(e).

**24 – Ġurisprudenza tal-QĠUE: il-Kawża Tapiola. L-użu ta' derogi għall-kaċċa tal-ilpup għal skopijiet ta' ġestjoni tal-popolazzjoni - il-Kawża C-674/17**

*Sfond:*

Fl-2015, il-Ministeru tal-Agrikoltura u tal-Forestrija tal-Finlandja adotta pjan ta' ġestjoni nazzjonali ġdid għall-popolazzjoni tal-lupu fil-Finlandja li l-objettiv tiegħu kien li jistabbilixxi u jżomm il-popolazzjoni tal-lupu fi stat ta' konservazzjoni favorevoli. Il-pjan spjega *data* li turi l-aċċettazzjoni soċjali dejjem akbar tal-kaċċa illegali għal-lupu f'ċerti ċirkostanzi u indika relazzjoni potenzjali bejn il-kaċċa illegali u varjazzjonijiet konsiderevoli fin-numri riċenti tal-lupu.

Fuq il-bażi ta' dan, huwa nnota li l-objettivi tiegħu ma jiġux issodisfati sakemm ma jiġux ikkunsidrati l-ħtiġijiet tal-persuni li jgħixu u jaħdmu fit-territorji tal-lupu u rrakkomanda l-użu ta' permessi għal derogi kontra annimali individwali li jikkawżaw fastidju, sabiex jiġi evitat il-qtil illegali tal-ilpup. Dawn il-permessi għal derogi kellhom ikunu relatati ma' żoni li jospitaw għadd kbir ta' lpup u ma setgħux jaqbżu għadd massimu ta' annimali li setgħu jittieħdu li ġie stabbilit mill-

130 Il-Kawża C-674/17, il-Punt 73.
131 Il-Kawża C-674/17, il-punt 74.

awtoritajiet bħala (53 individwu fis-sena għall-perjodu 2016-2018, barra miż-żona ta' ġestjoni tar-renni).

F'Diċembru 2015, l-Aġenzija Finlandiża għall-Organiżmi Selvaġġi tat żewġ permessi għal derogi sabiex jinqatlu sa seba' lpup fir-reġjun ta' Pohjois-Savo, u rrakkomandat li d-detenturi tal-permessi jimmiraw individwi żgħar jew individwi li jikkawżaw fastidju u mhux speċijiet maskili alfa. Tapiola, assoċjazzjoni Finlandiża għall-konservazzjoni tan-natura, ikkontestat din id-deċiżjoni u ppreżentat il-kawża quddiem il-Qorti Amministrattiva Suprema tal-Finlandja. Din tal-aħħar iddeċiediet li tissospendi l-proċedimenti u titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) għal gwida dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 16(1)(e).

*Mistoqsija 1: Jistgħu jingħataw permessi għal derogi reġjonali ristretti abbażi tal-applikazzjoni minn kaċċaturi individwali għal "skopijiet ta' ġestjoni tal-popolazzjoni" skont l-Artikolu 16(1)(e), li l-objettiv tiegħu huwa li tiġi miġġielda l-kaċċa illegali?*

Il-QĠUE tfakkar li l-użu tal-Artikolu 16(1) jikkostitwixxi eċċezzjoni għar-reġim ta' ħarsien tal-ispeċijiet tad-Direttiva u, għalhekk, irid jiġi interpretat b'mod restrittiv. Id-derogi huma possibbli biss jekk ikun intwera li ma hemm l-ebda alternattiva sodisfaċenti u li d-deroga ma tkunx ta' detriment għaż-żamma tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet fi stat ta' konservazzjoni favorevoli fil-firxa naturali tagħhom.

L-Artikolu 16(1)(e) jista' jintuża biss jekk ir-raġunijiet għall-ħruġ ta' deroga skont l-Artikolu (1)(a)-(d) ma jkunux rilevanti. F'dan il-każ, il-Qorti tinnota li kien evidenti mill-kontenut tad-deċiżjonijiet ta' deroga u mill-pjan ta' ġestjoni tal-ilpup li l-kaċċa illegali kienet tirrappreżenta sfida importanti għaż-żamma jew għar-restawr tal-lupu fi stat ta' konservazzjoni favorevoli fil-firxa naturali tiegħu. Għalhekk, hija tikkonkludi li, fil-prinċipju, jekk ikun jista' jintwera li dawk id-derogi tabilħaqq jgħinu fil-ġlieda kontra l-kaċċa illegali, dan jista' jitqies bħala objettiv rilevanti kopert mill-Artikolu 16(1)(e).

Madankollu, qabel ma toħroġ deroga skont l-Artikolu 16(1)(e), l-awtorità nazzjonali jeħtiġilha tkun tista' turi, abbażi ta' *data* xjentifika rigoruża, li tali derogi fil-fatt ikunu kapaċi jnaqqsu l-qtil illegali tant li jkollhom effett pożittiv nett fuq l-istat ta' konservazzjoni tal-popolazzjoni tal-lupu. F'dan il-każ, ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza xjentifika bħal din.

Barra minn hekk, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jistabbilixxu, filwaqt li jqisu l-aħjar evidenza xjentifika u teknika rilevanti u fid-dawl taċ-ċirkostanzi tas-sitwazzjoni speċifika inkwistjoni, li ma hemm l-ebda alternattiva sodisfaċenti li tista' tilħaq l-objettiv segwit. L-Aġenzija Finlandiża għall-Organiżmi Selvaġġi ma kinitx uriet dan.

Fl-aħħar nett, il-Qorti enfasizzat li s-sempliċi eżistenza ta' attività illegali bħal kaċċa illegali jew diffikultajiet assoċjati mal-monitoraġġ tagħha ma tistax tkun biżżejjed sabiex teżenta lil Stat Membru mill-obbligu tiegħu li jipproteġi l-ispeċi. Għall-kuntrarju, f'sitwazzjoni bħal din, l-Istat Membru jrid jagħti prijorità lil monitoraġġ strett u effettiv ta' dik l-attività illegali u jimplimenta metodi sabiex jiżgura li l-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 12 sa 14 jiġu rrispettati bis-sħiħ.

*Mistoqsija 2: Kif għandu jiġi vvalutat ir-rekwiżit skont l-Artikolu 16(1) dwar l-istat ta' konservazzjoni tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet meta jingħataw permessi ta' deroga reġjonali ristretti?*

Il-Qorti tinnota li l-valutazzjoni tal-impatt ta' deroga fil-livell tat-territorju ta' popolazzjoni lokali ġeneralment tkun neċessarja sabiex jiġi ddeterminat l-impatt tagħha fuq l-istat ta' konservazzjoni tal-popolazzjoni kkonċernata fuq skala akbar. Barra minn hekk, l-istat ta' konservazzjoni ta' popolazzjoni fil-livell nazzjonali jew bijoġeografiku jiddependi wkoll mill-impatt kumulattiv tad-diversi derogi li jaffettwaw iż-żoni lokali. Għalhekk, tali deroga ma tistax tingħata mingħajr valutazzjoni tal-istat ta' konservazzjoni tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet ikkonċernati u tal-impatt li d-deroga prevista tista' tħalli fuqhom kemm fil-livell lokali kif ukoll fil-livell tat-territorju ta' dak l-Istat Membru jew, fejn applikabbli, fil-livell tar-reġjun bijoġeografiku inkwistjoni, u, sa fejn ikun possibbli, fil-livell transfruntier.

Fil-prinċipju, pjan ta' ġestjoni li jistabbilixxi l-għadd massimu ta' annimali individwali li jistgħu jinqatlu għal sena tal-kaċċa partikolari fit-territorju nazzjonali jista' jiżgura li l-effett kumulattiv annwali tad-derogi individwali jkun mingħajr preġudizzju għaż-żamma jew għar-restawr tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet inkwistjoni fi stat ta' konservazzjoni favorevoli. Madankollu, jekk l-għadd jiġi stabbilit għoli wisq, jidher ċar li din il-prekundizzjoni mhijiex se tiġi rrispettata.

F'dan il-każ, fis-sena tal-kaċċa tal-2015-2016, aktar minn 14 % tal-popolazzjoni sħiħa tal-lupu tal-Finlandja (43 jew 44 minn bejn 275 u 310 ilpup) inqatlet fuq il-bażi ta' permessi għal derogi, inklużi bosta individwi tat-tnissil. Barra minn hekk, dawn żdiedu mal-madwar 30 lupu li jinqatlu illegalment kull sena (kif stmat fil-pjan ta' ġestjoni). Fl-aħħar nett, jidher li d-derogi żiedu l-qtil ġenerali tal-ilpup, u dan irriżulta f'effett negattiv nett fuq il-popolazzjoni tal-lupu.

Fir-rigward tal-effett ta' stat ta' konservazzjoni mhux favorevoli ta' speċi fuq il-possibbiltà li jiġu awtorizzati derogi skont l-Artikolu 16(1), il-Qorti tfakkar li l-għoti ta' tali derogi jibqa' possibbli *permezz ta' eċċezzjoni* fejn jiġi stabbilit kif xieraq li dawn ma jkunux tali li jaggravaw l-istat ta' konservazzjoni mhux favorevoli ta' dawk il-popolazzjonijiet jew li jipprevjenu r-restawr tagħhom għal stat ta' konservazzjoni favorevoli. Għalhekk, derogi bħal dawn ikollhom ikunu newtrali għall-ispeċijiet ikkonċernati. (*Il-Kummissjoni* vs *Il-Finlandja*, C-342/05, EU:C:2007:341, il-punt 29).

Madankollu, kif indikat il-Qorti, f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni, jekk, wara li tiġi eżaminata l-aħjar *data* xjentifika disponibbli, jibqa' jkun hemm inċertezza dwar jekk deroga tkunx ta' ħsara jew le għaż-żamma jew għar-restawr ta' popolazzjonijiet ta' speċijiet fil-periklu fi stat ta' konservazzjoni favorevoli, l-Istat Membru jrid joqgħod lura milli jagħti jew milli jimplimenta dik id-deroga

### 3.2.2. TEST NRU 2: Nuqqas ta' alternattiva sodisfaċenti

*It-tieni kunsiderazzjoni hija jekk ikunx hemm alternattiva sodisfaċenti għad-deroga, jiġifieri jekk il-problema li qed tiffaċċja l-awtorità tistax tissolva b'mod li ma jinvolvix deroga.*

(3-49) Skont l-Artikolu 16(1), l-Istati Membri jeħtiġilhom ikunu ċerti li ma hemm l-ebda alternattiva sodisfaċenti qabel ma tintuża deroga. Din hija kundizzjoni ġenerali applikabbli għad-derogi kollha. Huwa f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jagħmlu t-tqabbil meħtieġ u li jevalwaw soluzzjonijiet alternattivi. Madankollu, din is-setgħa diskrezzjonali hija **soġġetta għal diversi restrizzjonijiet**.

(3-50) Fuq il-bażi tal-ġurisprudenza tal-Qorti dwar id-dispożizzjoni komparabbli tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 79/409/KEE dwar l-Għasafar132, speċjalment fil-Kawża C-10/96, l-analiżi ta' jekk ikunx hemm "alternattiva sodisfaċenti oħra" tista' titqies li għandha tliet partijiet: **X'inhi l-problema jew is-sitwazzjoni speċifika li jeħtieġ li tiġi indirizzata? Hemm xi soluzzjonijiet oħrajn?** Jekk iva, **dawn se jsolvu l-problema jew is-sitwazzjoni speċifika** li għaliha titfittex id-deroga? Ir-rimarki li ġejjin huma bbażati fuq il-ġurisprudenza tal-QĠUE dwar id-dispożizzjoni ta' deroga komparabbli tal-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar l-Għasafar u jistgħu jiġu applikati b'analoġija għall-Artikolu 16.

(3-51) L-analiżi ta' jekk "ma hemmx alternattiva sodisfaċenti oħra" tippreżumi li teżisti problema jew sitwazzjoni speċifika u li jeħtieġ li tiġi indirizzata. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti huma mitlubin isolvu din il-problema jew is-sitwazzjoni billi jagħżlu, fost l-alternattivi possibbli, l-aktar waħda xierqa li tiżgura l-aħjar protezzjoni tal-ispeċi filwaqt li ssolvi l-problema/is-sitwazzjoni. Sabiex jiġi żgurat il-ħarsien strett tal-ispeċijiet, l-alternattivi jridu jiġu vvalutati skont il-projbizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 12. Pereżempju, dawn jistgħu jinvolvu postijiet alternattivi ta' proġetti, skali jew disinji ta' żvilupp differenti, jew attivitajiet, proċessi jew metodi alternattivi.

132 Ligue royale belge pour la protection des oiseaux ASBL u Société d'études ornithologiques AVES ASBL vs Région Wallonne, il-Kawża C-10/96; is-sentenza tas-16 ta' Ottubru 2003, Ligue pour la protection des oiseaux u Oħrajn vs Premier ministre and Ministre de l'Aménagement du territoire et de l'Environnement, il-Kawża C-182/02, ECLI:EU:C:2003:558.

Pereżempju, meta tiġi vvalutata l-eżistenza ta' "alternattivi sodisfaċenti oħrajn" għall-miżuri skont l-Artikolu 16(1)(b), li għandhom l-għan li jipprevjenu danni serji għall-għelejjel, għall-bhejjem, għall-foresti, għas-sajd u għall-ilma jew għal tip ieħor ta' proprjetà, iridu l-ewwel jiġu implimentati mezzi preventivi mhux letali kompatibbli mal-Artikolu 12 jew, tal-anqas, jiġu eżaminati serjament. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, **miżuri preventivi** kontra ħsara għall-għelejjel jew għall-bhejjem (bħall-użu ta' xatbiet xierqa, tagħmir li jservi ta' deterrent għall-organiżmi selvaġġi, klieb tal-għassa mal-bhejjem, l-użu ta' rgħajja jew bidliet fil-prattiki ta' ġestjoni tal-bhejjem, kif ukoll il-promozzjoni tat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħabitat jew tal-popolazzjonijiet tal-priża tal-ispeċijiet ikkonċernati) jistgħu jkunu alternattiva sodisfaċenti għall-użu ta' derogi skont id-derogi tal-Artikolu 16(1)(b). Miżuri preventivi oħrajn, bħat-tixrid ta' informazzjoni bbażata fuq ix-xjenza bl-iskop li jitnaqqas il-kunflitt (pereżempju metodi ta' trobbija jew imġiba umana) jistgħu jkunu parti mill-alternattivi sodisfaċenti għall-użu ta' kontroll letali kemm skont l-Artikolu 16(1)(b) kif ukoll skont id-derogi mill-Artikolu 16(1)(c).

(3-52) Meta jiġi aċċertat jekk teżistix soluzzjoni sodisfaċenti oħra għal sitwazzjoni speċifika, jenħtieġ li jitqiesu l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ekoloġiċi, ekonomiċi u soċjali kollha, sabiex tiġi identifikata l-aħjar alternattiva għall-każ speċifiku. Jenħtieġ li din l-**analiżi tal-vantaġġi u tal-iżvantaġġi** tħares lejn l-effetti negattivi potenzjali tas-soluzzjonijiet possibbli kif ukoll l-għażliet u l-għodod sabiex jiġi annullat jew imminimizzat kwalunkwe effett negattiv. Ir-riżultat nett, f'termini tas-soluzzjoni tal-problema filwaqt li jiġu evitati jew imminimizzati l-effetti sekondarji, jenħtieġ li mbagħad jitqies kontra l-effetti ta' deroga, filwaqt li jitqies l-objettiv ġenerali tad-Direttiva.

(3-53) Mill-ġdid, meta jawtorizzaw id-derogi, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jeħtiġilhom jaċċertaw jekk ikunx hemm alternattivi sodisfaċenti li jistgħu jiksbu l-objettiv segwit, filwaqt li jqisu b'mod partikolari l-aħjar evidenza xjentifika u teknika rilevanti, fid-dawl taċ-ċirkostanzi tas-sitwazzjoni speċifika u f'konformità mal-projbizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva dwar il-Ħabitats.[133]

(3-54) Pereżempju, fil-Kawża C-674/17, il-QĠUE qieset li s-sempliċi eżistenza ta' attività illegali, bħall-kaċċa illegali jew id-diffikultajiet li wieħed jiltaqa' magħhom fil-monitoraġġ ta' din l-attività, mhumiex biżżejjed sabiex jeħilsu lil Stat Membru mill-obbligu tiegħu li jissalvagwardja l-ispeċijiet f'konformità mal-Anness IV tad-Direttiva dwar il-Ħabitats. F'sitwazzjoni bħal din, irid jagħti prijorità lill-kontroll strett u effettiv ta' dik l-attività illegali u lill-adozzjoni ta' miżuri li jkunu konformi mal-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 12 sa 14 u fl-Artikolu 15(a) u (b) ta' dik id-Direttiva[134].

(3-55) Huwa biss meta jintwera b'mod suffiċjenti li l-alternattivi potenzjali ma jkunux sodisfaċenti, jew minħabba li ma jkunux kapaċi jsolvu l-problema speċifika jew ma jkunux teknikament fattibbli, u meta jiġu ssodisfati wkoll il-kundizzjonijiet l-oħrajn, li jkun jista' jiġi ġġustifikat l-użu tad-deroga.

Madankollu, **jekk miżura tkun parzjalment sodisfaċenti anki jekk ma tindirizzax biżżejjed il-problema, iżda xorta tista' tnaqqas jew ittaffi l-problema, jenħtieġ li din tiġi implimentata l-ewwel**. Id-derogi għall-intervent letali jistgħu jiġu ġġustifikati biss għall-problema residwa, jekk ma jkun possibbli l-ebda metodu ieħor, iżda jridu jkunu proporzjonali għall-problema li jifdal wara li jittieħdu miżuri mhux letali.

(3-56) Jenħtieġ li l-proċess sabiex jiġi aċċertat jekk alternattiva oħra tkunx mhux sodisfaċenti jkun ibbażat fuq valutazzjoni ddokumentata sew tal-għażliet disponibbli kollha possibbli, inkluż f'termini tal-effettività tagħhom, fuq il-bażi tal-aħjar fatti u *data* disponibbli. Il-valutazzjoni tal-alternattivi trid tkun ibbilanċjata fid-dawl tal-objettiv ġenerali taż-żamma jew tar-restawr tal-istat ta' konservazzjoni favorevoli tal-ispeċijiet ta' interess Komunitarju kkonċernati (għalhekk, trid tqis l-istat ta' konservazzjoni, l-impatt

133 C-674/17, il-punt 51.
134 C-674/17, il-punt 48.

tat-tneħħija inċidentali jew illegali addizzjonali ta' kampjuni u prospetti tal-popolazzjoni kkonċernata). Il-valutazzjoni tista' tqis ukoll il-proporzjonalità f'termini ta' kost. Madankollu, il-kost ekonomiku ma jistax ikun l-uniku fattur determinanti meta jiġu analizzati soluzzjonijiet alternattivi. B'mod partikolari, ma jistgħux jiġu rrifjutati soluzzjonijiet alternattivi sodisfaċenti mill-bidu minħabba li dawn ikunu jiswew wisq[135].

(3-57) Fi kwalunkwe każ, **il-ħruġ ta' deroga mill-Artikolu 16 irid ikun l-aħħar istanza**[136]. Il-karatteristika komuni essenzjali ta' kwalunkwe sistema ta' deroga hija li trid tkun subordinata għal rekwiżiti oħrajn stabbiliti fid-Direttiva fl-interess tal-konservazzjoni.

(3-58) L-istess approċċ japplika għall-interpretazzjoni tat-terminu "sodisfaċenti". Minħabba n-natura eċċezzjonali tar-reġim ta' derogi u d-dmir tal-Istati Membri skont l-Artikolu 4(3) tat-TUE li jgħinu lill-UE twettaq il-kompiti tagħha, deroga tkun iġġustifikata biss fuq il-bażi ta' dimostrazzjoni oġġettiva li ma jkun hemm l-ebda soluzzjoni sodisfaċenti oħra[137].

(3-59) L-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-342/05 iċċara l-prinċipju tal-proporzjonalità, li skont dan,[138] "miżura xorta ma tistax tiġi eżegwita jekk l-objettiv tagħha jista' jintlaħaq b'mezzi inqas dannużi, jiġifieri permezz ta' soluzzjoni oħra valida skont l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats". "Soluzzjoni oħra titqies valida, mhux biss meta wkoll tikseb l-objettivi tad-deroga, iżda wkoll meta l-iżvantaġġi kkawżati mid-deroga jirriżultaw sproporzjonati fir-rigward tal-għanijiet segwiti, filwaqt li s-soluzzjoni l-oħra tiżgura proporzjonalità adegwata".

(3-60) **Id-determinazzjoni ta' jekk alternattiva tkunx sodisfaċenti f'sitwazzjoni fattwali partikolari trid tkun ibbażata fuq fatturi oġġettivament verifikabbli, bħal kunsiderazzjonijiet xjentifiċi u tekniċi.** Minħabba n-natura eċċezzjonali tar-reġim ta' derogi, deroga tkun iġġustifikata biss fuq il-bażi ta' wiri oġġettiv tar-raġunijiet li għalihom ma jistgħux jiġu adottati soluzzjonijiet *prima facie* sodisfaċenti oħrajn**[139]**. Evidentement, il-ħtieġa li jiġu kkunsidrati bis-serjetà alternattivi oħrajn hija ta' importanza primarja. L-Istati Membri għandhom setgħa diskrezzjonali limitata, u fejn tkun teżisti soluzzjoni oħra, kwalunkwe argument li ma tkunx sodisfaċenti jeħtieġ li jkun konvinċenti. Is-sentenza fil-Kawża C-182/02 turi l-approċċ strett meħud mill-Qorti għal derogi skont id-Direttiva dwar l-Għasafar. Sabiex taċċerta jekk kinitx teżisti soluzzjoni sodisfaċenti, il-Qorti vvalutat kemm il-"ħtieġa" kif ukoll l-"iskop" tad-deroga[140].

Din is-sentenza tikkonferma l-importanza li jintwera li jkun hemm raġunijiet konvinċenti sabiex tiġi ġġustifikata deroga[141]. **Soluzzjoni oħra ma tistax titqies bħala mhux sodisfaċenti sempliċiment minħabba li tikkawża aktar inkonvenjent jew twassal għal bidla fl-imġiba** fil-benefiċjarji tad-deroga. F'dan ir-rigward, l-argumenti bbażati fuq it-"tradizzjoni b'għeruq b'saħħithom" jew it-"tradizzjoni storika u kulturali" tal-prattiki tal-kaċċa nstabu li ma kinux biżżejjed sabiex jiġġustifikaw il-ħtieġa għal deroga mid-

---

135 Għall-prinċipju tal-proporzjonalità fil-kuntest tal-Artikolu 6 ara l-Avviż tal-Kummissjoni C(2018) 7621 final, Il-ġestjoni tas-siti tan-Natura 2000 — Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 92/43/KEE dwar il-Ħabitats, p. 55.
https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?qid=1548663172672&uri=CELEX:52019 XC0125(07)

136 Ara l-paragrafu 33 tal-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-10/96.

137 Skont l-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-10/96, dan it-terminu "jista' jiġi interpretat bħala li jfisser soluzzjoni li ssolvi l-problema partikolari li jiffaċċjaw l-awtoritajiet nazzjonali, u li fl-istess ħin tirrispetta kemm jista' jkun il-projbizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva; deroga tista' tkun permessa biss meta ma tkun tista' tiġi adottata l-ebda soluzzjoni oħra li ma tinvolvix l-annullament ta' dawn il-projbizzjonijiet".

138 Ara l-paragrafi 24 - 27 tal-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-342/05.

139 Ara wkoll il-paragrafu 39 tal-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-10/96.

140 Ligue pour la protection des oiseaux u Oħrajn vs Premier ministre and Ministre de l'Aménagement du territoire et de l'Environnement, il-Kawża C-182/02, il-punt 16.

141 Ara wkoll is-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja, il-Kawża C-344/03, ECLI:EU:C:2005:770, il-punti 18-46.

Direttiva dwar l-Għasafar[142]. L-istess loġika tapplika għal derogi skont id-Direttiva dwar il-Ħabitats.

(3-61) Barra minn hekk, is-soluzzjoni finalment magħżula, anki jekk tinvolvi deroga, trid tkun limitata b'mod oġġettiv sal-punt meħtieġ sabiex tiġi solvuta l-problema jew is-sitwazzjoni speċifika[143]. Dan ifisser li **d-derogi jridu jkunu limitati fiż-żmien, fil-post, fl-għadd** ta' kampjuni involuti, fil-kampjuni speċifiċi involuti, fil-persuni awtorizzati, eċċ. Il-ħtieġa li tiġi limitata deroga sal-punt meħtieġ sabiex tiġi solvuta l-problema ġiet ikkonfermata mill-ġdid fil-Kawża C-10/96 dwar id-dispożizzjoni komparabbli tal-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar l-Għasafar[144]. Skont il-Qorti, l-għadd ta' kampjuni involuti mid-deroga jrid ikun "stabbilit fil-livell ta' dak li jirriżulta li jkun oġġettivament neċessarju sabiex jipprovdi soluzzjoni għal dawk il-problemi". Dan il-limitu huwa distint mill-"għadd limitat" fl-Artikolu 16(1)(e), li huwa "limitu massimu" ġenerali meta tiġi applikata din id-deroga partikolari[145].

### 3.2.3. TEST NRU 3: Impatt ta' deroga fuq l-istat ta' konservazzjoni

*F'konformità mal-qafas ta' rapportar armonizzat miftiehem għall-Artikolu 17 tad-Direttiva, l-istat ta' konservazzjoni ġenerali ta' speċi fi Stat Membru jiġi evalwat f'livell bijoġeografiku f'kull Stat Membru. Iżda sabiex jiġi vvalutat l-impatt ta' deroga speċifika, jenħtieġ li dan isir f'livell aktar baxx (eż. sit, livell tal-popolazzjoni) sabiex ikun sinifikattiv fil-kuntest speċifiku tad-deroga.*

(3-62) Skont l-Artikolu 16(1), id-derogi ma jistgħux ikunu "ta' dannu għall-ħarsien tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet ikkonċernati fi stat ta' konservazzjoni favorevoli fil-firxa naturali tagħhom". Jenħtieġ li l-implimentazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tinkludi valutazzjoni f'żewġ stadji: l-ewwel nett, li jiġi vvalutat l-istat ta' konservazzjoni tal-popolazzjonijiet speċifiċi ta' speċi fil-firxa naturali tagħha fi ħdan l-Istat Membru kkonċernat (u possibbilment lil hinn mill-konfini nazzjonali jekk il-popolazzjonijiet ikunu kondiviżi ma' pajjiżi ġirien) u, it-tieni, evalwazzjoni tal-impatt tad-deroga fuq l-istat ta' konservazzjoni tal-popolazzjoni jew tal-popolazzjonijiet speċifiċi kkonċernati. Għal raġunijiet ta' ċarezza, hawnhekk "popolazzjoni" hija ddefinita bħala grupp ta' individwi tal-istess speċi li jgħixu f'żona ġeografika definita fl-istess ħin u li jnisslu (potenzjalment) flimkien (jiġifieri jikkondividu ġabra komuni ta' ġeni)[146].

#### *3.2.3.a) Skala ta' valutazzjoni*

(3-63) Imbagħad, tqum il-mistoqsija dwar il-livell li jenħtieġ li jitqies sabiex jiġi evalwat jekk l-impatt ta' deroga jkunx detrimentali, newtrali jew jistax ikun pożittiv għall-istat ta'

---

142 Is-sentenza tad-9 ta' Diċembru 2004, Il-Kummissjoni/Spanja, il-Kawża C-79/03, ECLI:EU:C:2004:782, il-punt 27. Ara wkoll l-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali mogħtija fis-7 ta' Novembru 1996 fil-Kawża C-10/96, ECLI:EU:C:1996:430, il-paragrafu 36: "L-Artikolu 9 jammetti biss deroga 'fejn ma hemm ebda soluzzjoni oħra sodisfaċenti', u mhux fejn l-applikazzjoni ta' projbizzjoni sempliċiment tikkawża xi inkonvenjent għal dawk affettwati jew titlobhom ibiddlu d-drawwiet tagħhom". "Huwa fin-natura tal-ħarsien tal-ambjent li ċerti kategoriji ta' persuni jistgħu jkunu meħtieġa jemendaw l-imġiba tagħhom għall-ġid ta' kulħadd; f'dan il-każ, l-abolizzjoni, bħala konsegwenza tad-Direttiva, ta' 'tenderie' jew 'il-qbid ta' għasafar għal skopijiet ta' rikreazzjoni'. "Li tali attivitajiet jistgħu jkunu 'wirt l-antenati' jew ċelebrazzjoni ta' 'tradizzjoni storika u kulturali' mhuwiex biżżejjed sabiex tiġi ġġustifikata deroga mid-Direttiva".

143 Ara l-punti 21-22 u 26-27 tas-sentenza.

144 Ligue royale belge pour la protection des oiseaux ASBL u Société d'études ornithologiques AVES ASBL vs Région Wallonne, il-Kawża C-10/96.

145 F'konformità mal-paragrafu 3.4.12 tad-Dokument ta' gwida dwar il-kaċċa skont id-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi.

146 Għad-definizzjoni ta' "firxa/medda" ("range") u ta' "popolazzjoni" ("population"), ara wkoll "Reporting under Article 17 of the Habitats Directive - Explanatory Notes and Guidelines" għall-perjodu 2013-2018, p. 29f. https://cdr.eionet.europa.eu/help/habitats_art17

konservazzjoni ta' speċi. L-istat ta' konservazzjoni ta' speċi jrid fl-aħħar mill-aħħar jitqies fil-firxa naturali tagħha, skont l-Artikolu 1(i). F'diskussjonijiet mal-Kumitat dwar il-Ħabitats, ġie miftiehem li, għall-fini tar-rapportar skont l-Artikolu 17 (b'rabta mal-Artikolu 11), jenħtieġ li l-istat ta' konservazzjoni jiġi vvalutat fil-livell bijoġeografiku f'kull Stat Membru. Dan fl-aħħar mill-aħħar ikun jippermetti li l-informazzjoni tiġi aggregata għar-reġjuni bijoġeografiċi kollha madwar l-UE. Għalhekk, l-istat ta' konservazzjoni ta' speċi fir-reġjun bijoġeografiku partikolari fi Stat Membru jkun informazzjoni rilevanti ħafna meta tiġi kkunsidrata deroga.

(3-64) **Madankollu, valutazzjoni tal-impatt ta' deroga speċifika fil-biċċa l-kbira tal-każijiet ikollha tkun f'livell aktar baxx** mir-reġjun bijoġeografiku sabiex tkun sinifikattiva f'termini ekoloġiċi. Livell utli jista' jkun il-popolazzjoni (lokali). Il-formulazzjoni tal-Artikolu 16, li ssemmi *"popolazzjonijiet tal-ispeċijiet ikkonċernati"*, tikkonferma din l-interpretazzjoni.

Ovvjament, l-approċċ irid jiġi adattat għall-ispeċi inkwistjoni: l-effetti kumulattivi tal-qtil ta' individwi ta' karnivori kbar b'firxa wiesgħa jeħtieġ li jiġu evalwati fil-livell tal-popolazzjoni (transfruntiera, fejn applikabbli[147]), filwaqt li l-impatt tal-qerda ta' sit tat-tnissil f'ħabitat tal-anfibji pjuttost frammentat jista' jiġi evalwat aħjar fuq sit individwali jew fil-livell tal-metapopolazzjoni[148].

Skont il-ġurisprudenza stabbilita, id-derogi jridu jiġu applikati b'mod xieraq sabiex jiġu indirizzati rekwiżiti preċiżi u sitwazzjonijiet speċifiċi[149]. Għaldaqstant il-valutazzjonijiet f'livelli aktar baxxi normalment ikunu essenzjali, peress li d-derogi jridu jittrattaw problemi speċifiċi u jipprovdu soluzzjonijiet xierqa. Għalhekk, id-derogi jridu **jingħataw għal post speċifiku peress li l-impatt primarju tagħhom ikun fil-livell lokali**. Imbagħad, il-valutazzjoni f'livell aktar baxx ikollha tiġi vvalutata fid-dawl tas-sitwazzjoni fuq skala akbar (eż. bijoġeografika, transfruntiera jew nazzjonali), għal stampa sħiħa tas-sitwazzjoni.

Fis-sentenza tagħha fil-Kawża C-674/17 dwar id-derogi għall-ilpup, il-QĠUE ssegwi dan ir-raġunament billi tiddikjara li, qabel ma jawtorizzaw derogi, l-awtoritajiet nazzjonali jeħtiġilhom **jivvalutaw l-istat ta' konservazzjoni tal-popolazzjoni kkonċernata u l-impatt tad-derogi previsti kemm fil-livell lokali kif ukoll fil-livell tat-territorju tal-Istat Membru** jew, fejn applikabbli, fil-livell tar-reġjun bijoġeografiku inkwistjoni fejn il-fruntieri tal-Istat Membru jaqsmu diversi reġjuni bijoġeografiċi jew jekk il-firxa naturali tal-ispeċi tkun teħtieġ dan u, sa fejn ikun possibbli, fil-livell transfruntier. Il-QĠUE ċċarat li: "l-evalwazzjoni tal-impatt ta' deroga fuq il-livell tat-territorju ta' popolazzjoni lokali hija ġeneralment neċessarja għad-determinazzjoni tal-effett tagħha fuq l-istat ta' konservazzjoni tal-popolazzjoni inkwistjoni fuq livell ikbar. (…) Il-konsegwenzi ta' tali deroga ġeneralment se jinħassu b'mod l-iktar immedjat fiż-żona lokali koperta minnha. Barra minn hekk, l-istat ta' konservazzjoni ta' popolazzjoni fuq il-livell nazzjonali jew bijoġeografiku jiddependi wkoll mill-effett meħud flimkien tad-diversi derogi li jaffettwaw żoni lokali"[150]. "Għaldaqstant, tali deroga ma tistax tiġi adottata mingħajr ma jkunu ġew evalwati l-istat ta' konservazzjoni tal-popolazzjonijiet tal-ispeċi kkonċernata kif ukoll l-impatt li d-deroga maħsuba jista' jkollha fuqha fuq il-livell lokali kif ukoll fuq il-livell tat-territorju ta' dan l-Istat Membru jew, skont il-każ, fuq il-livell tar-reġjun bijoġeografiku inkwistjoni meta l-fruntieri ta' dan l-Istat Membru jikkoinċidu ma'

147 Fir-rigward ta' speċijiet b'popolazzjonijiet transfruntiera jew ta' speċijiet li jemigraw bejn il-fruntieri tal-UE, il-firxa naturali ġenerali ta' dawn l-ispeċijiet, jenħtieġ li titqies fejn dan ikun possibbli jew fattibbli.

148 Metapopolazzjoni tikkonsisti fi grupp ta' popolazzjonijiet separati b'mod spazjali tal-istess speċi li jinteraġixxu f'xi livell. It-terminu "metapopolazzjoni" ġie introdott minn Richard Levins fl-1969 sabiex jiddeskrivi mudell tad-dinamika tal-popolazzjoni tal-pesti tal-insetti fl-għelieqi, iżda l-idea ġiet applikata bl-aktar mod wiesa' għal speċijiet f'ħabitats frammentati b'mod naturali jew artifiċjali.

149 Ara b'mod partikolari: Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, il-Kawża 247/85, il-punt 7; is-sentenza tat-8 ta' Lulju 1987, Il-Kummissjoni vs L-Italja, il-Kawża 262/85, il-punt 7; WWF Italy vs Regione Veneto, il-Kawża C-118/94, il-punt 21; C-674/17, il-punt 41.

150 C-674/17, il-punt 59.

diversi reġjuni bijoġeografiċi, jew inkella jekk il-firxa naturali tal-ispeċi teżiġi dan u, sa fejn possibbli, fuq il-livell transfruntier"[151]. Madankollu, "ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni, għall-fini ta' din l-evalwazzjoni, il-parti tal-firxa naturali tal-popolazzjoni kkonċernata li testendi għal ċerti partijiet mit-territorju ta' Stat terz, li mhuwiex marbut bl-obbligi ta' protezzjoni stretta tal-ispeċi li huma ta' interess għall-Unjoni"[152].

(3-65) Meta l-awtorità li tagħti derogi tingħata fil-livelli subnazzjonali (eż. mill-amministrazzjoni reġjonali), huwa neċessarju li tiġi kkoordinata u jkollha **ħarsa ġenerali u superviżjoni** tal-għoti ta' derogi fil-livell tal-Istati Membri (u wkoll lil hinn mill-fruntieri nazzjonali fil-każ ta' popolazzjonijiet transfruntiera), sabiex jiġi evitat ir-riskju li s-somma tad-derogi tirriżulta f'effetti detrimentali għall-istat ta' konservazzjoni tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet ikkonċernati fil-firxa naturali (nazzjonali) tagħhom (ara wkoll 3.1.2).

### *3.2.3.b) Id-derogi u l-impatt fuq l-istat ta' konservazzjoni*

*Jenħtieġ li r-riżultat nett ta' deroga jkun newtrali jew pożittiv għall-istat ta' konservazzjoni ta' speċi. F'ċerti ċirkostanzi, il-miżuri ta' kumpens jistgħu jintużaw sabiex jikkumpensaw, eż., għall-impatt ta' deroga fuq is-siti tat-tnissil u fuq il-postijiet ta' mistrieħ, iżda ma jissostitwixxux u lanqas ma jnaqqsu l-ħtieġa ta' konformità ma' xi wieħed mit-tliet testijiet. Il-pjanijiet ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet ma humiex obbligatorji iżda huma rrakkomandati peress li jgħinu sabiex jiġi żgurat li d-derogi jingħataw f'konformità mal-objettivi tad-Direttiva.*

(3-66) Kif indikat fil-ġurisprudenza applikabbli tal-QĠE[153], "l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva jagħmel l-istat ta' konservazzjoni favorevoli ta' dawn il-popolazzjoni tal-ispeċi kkonċernati fil-firxa naturali tagħhom kundizzjoni neċessarja u preliminari għall-għoti tad-derogi li huwa jipprevedi". La l-għoti ta' derogi għal speċijiet fi stat ta' konservazzjoni mhux favorevoli u lanqas l-użu ta' miżuri ta' kumpens mhu previst espliċitament fid-Direttiva. Madankollu, bl-interpretazzjoni u bl-implimentazzjoni tad-dispożizzjoni f'16(1) b'mod li jiffoka fuq l-ilħuq tal-objettiv ġenerali ta' stat ta' konservazzjoni favorevoli, iż-żewġ kunċetti jistgħu jiġu inkorporati fl-interpretazzjoni dment li l-ilħuq ta' dan l-objettiv ma jiġi kompromess b'xi mod.

(3-67) L-istat ta' konservazzjoni favorevoli tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet ikkonċernati fil-firxa naturali tagħhom huwa fil-prinċipju prekundizzjoni neċessarja sabiex tingħata deroga[154]. Madankollu, fil-Kawża C-342/05, wara li stabbiliet li l-istat ta' konservazzjoni tal-lupu fil-Finlandja ma kienx favorevoli, il-Qorti qieset[155] li l-għoti ta' derogi għall-qtil ta' kampjuni tal-lupu jibqa' possibbli "bħala eċċezzjoni" u "meta jiġi debitament stabbilit li mhumiex ta' natura li jaggravaw l-istat ta' konservazzjoni mhux favorevoli ta' dawn il-popolazzjonijet jew li jipprevenuhom milli jerġgħu jilħqu stat ta' konservazzjoni favorevoli". Il-qtil ta' għadd limitat ta' kampjuni jista' jkollu effett negliġibbli fuq l-objettiv previst fl-Artikolu 16(1) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, jiġifieri ż-żamma jew ir-restawr

151 C-674/17, il-punt 61.

152 C-674/17, il-punt 60.

153 Ara b'mod partikolari: Is-sentenza tal-10 ta' Mejju 2007, Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika tal-Awstrija, il-Kawża C-508/04, il-punt 115, u s-Sentenza tal-14 ta' Ġunju 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja, il-Kawża 342/05 , il-punt 28.

154 Ara b'mod partikolari: Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika tal-Awstrija, il-Kawża C-508/04, il-punt 115, u, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja, il-Kawża 342/05 , il-punt 28.

155 Is-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja, il-Kawża 342/05, ECLI:EU:C:2007:341, il-punt 29

tal-popolazzjoni tal-lupu fi stat ta' konservazzjoni favorevoli fil-firxa naturali tagħha. Għalhekk, tali deroga tista' tkun newtrali għall-ispeċijiet ikkonċernati. Għalhekk, jekk l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċi kkonċernata ma jkunx favorevoli, tista' tingħata deroga biss jekk tkun iġġustifikata li tkun f'ċirkostanzi eċċezzjonali u biss jekk l-istat ta' konservazzjoni ma jmurx għall-agħar u r-restawr tagħha fi stat favorevoli ma jkunx evitat (effett newtrali), u dment li l-kundizzjonijiet l-oħrajn meħtieġa kollha skont l-Artikolu 16 jiġu ssodisfati wkoll. Fil-Kawża C-342/05, il-Qorti kkonstatat li fil-fatt ingħataw derogi mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti "mingħajr ma qagħdu fuq valutazzjoni tal-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċi, mingħajr ma taw motivazzjoni preċiża u adegwata tan-nuqqas ta' soluzzjoni sodisfaċenti oħra u mingħajr ma identifikaw b'mod preċiż l-ilpup li jikkawżaw ħsarat kunsiderevoli li setgħu jiġu maqtula". Barra minn hekk, il-Qorti ddikjarat li tali derogi "li, minn naħa mhumiex ibbażati fuq valutazzjoni tal-impatt tal-qtil tal-ilpup li huma jawtorizzaw fuq iż-żamma fi stat ta' konservazzjoni favorevoli tal-popolazzjoni ta' din l-ispeċi fil-firxa naturali tagħha u li, min-naħa l-oħra ma jinkludux motivazzjoni preċiża u adegwata dwar l-ineżistenza ta' soluzzjoni sodisfaċenti oħra, imorru kontra l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats"[156]. Fil-Kawża C-674/17, l-QĠUE enfasizzat li l-valutazzjoni msemmija hawn fuq tal-effett tad-derogi ppjanati fuq l-istat ta' konservazzjoni favorevoli trid titwettaq fid-dawl tal-prinċipju ta' prekawzjoni.[157] Fi kliem ieħor, "jekk l-eżami tal-aħjar *data* xjentifika disponibbli jħalli inċertezza fuq il-kwistjoni dwar jekk tali deroga hix se tkun ta' ħsara jew le għaż-żamma jew għar-restawr tal-popolazzjonijiet ta' speċi f'perikolu ta' estinzjoni fi stat ta' konservazzjoni favorevoli, l-Istat Membru għandu ma jadottahiex jew ma jimplimentahiex"[158].

Jenħtieġ li jiġi adottat approċċ simili meta ma jkunx magħruf l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċi kkonċernata. F'dan il-każ, ikun impossibbli li jiġi aċċertat l-impatt tad-deroga fuq l-istat ta' konservazzjoni, sabiex id-deroga ma tkunx tista' tingħata.

(3-68) Ovvjament, anqas ma jkunu favorevoli l-istat u x-xejriet ta' konservazzjoni, anqas ikun probabbli li deroga tkun tista' tiġi ġġustifikata, ħlief taħt l-aktar ċirkostanzi eċċezzjonali.

Huwa ċar ukoll li t-teħid ta' dan l-approċċ għad-derogi jsir l-aħjar f'qafas ċar u żviluppat sew ta' miżuri ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet. Mill-ġdid (bħal fil-każ tal-miżuri ta' ħarsien), l-istat ta' konservazzjoni ta' speċi huwa l-kunsiderazzjoni ewlenija meta jiġi vvalutat u ġġustifikat l-użu ta' derogi. Għalhekk, huwa importanti mhux biss li jitqies l-istat ta' konservazzjoni attwali, iżda li jiġi eżaminat ukoll kif ikun qed jinbidel.

(3-69) Fir-rigward tal-istat ta' konservazzjoni attwali tal-ispeċijiet affettwati, l-istat u l-kundizzjoni tal-popolazzjoni lokali ta' speċi f'ċerta żona ġeografika jistgħu jkunu differenti sew mill-istat ta' konservazzjoni ġenerali tal-popolazzjonijiet fir-reġjun bijoġeografiku fl-Istat Membru (jew saħansitra fil-firxa naturali). Għalhekk, jenħtieġ li l-istat ta' konservazzjoni fil-livelli kollha jkun magħruf u vvalutat kif xieraq qabel ma jiġi deċiż jekk għandhiex tinħareġ deroga.

(3-70) Ma tista' tingħata l-ebda deroga jekk ikollha effett detrimentali – fi kwalunkwe livell – fuq l-istat ta' konservazzjoni jew fuq il-kisba ta' stat ta' konservazzjoni favorevoli għal speċi. Fi kliem ieħor, jekk deroga x'aktarx ikollha effett negattiv sinifikanti fuq il-popolazzjoni kkonċernata (jew fuq il-prospetti ta' din il-popolazzjoni) jew anke fuq popolazzjoni lokali fi Stat Membru, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti ma tagħtihiex. **Jenħtieġ li r-riżultat nett ta' deroga jkun newtrali jew pożittiv għall-popolazzjonijiet rilevanti tal-ispeċijiet.**

156 C-342/05 ; il-punti 30-31.
157 C-674/17; il-punti 68-69.
158 C-674-17 ; il-punt 66.

(3-71) Meta d-*data* ma tkunx robusta u affidabbli biżżejjed sabiex turi li l-istat ta' konservazzjoni jkun favorevoli u/jew sabiex jiġi żgurat li d-deroga ma taffettwax b'mod avvers l-istat ta' konservazzjoni, il-prinċipju ta' prekawzjoni (li jirrikjedi li l-objettivi ta' konservazzjoni jenħtieġ li jipprevalu fejn ikun hemm inċertezza) jenħtieġ li tiġi applikata u jenħtieġ li ma tingħata l-ebda deroga. Kif iddikjarat mill-QĠUE fil-Kawża C-674/17, "għandu jiġi enfasizzat ukoll li, konformement mal-prinċipju ta' prekawzjoni stabbilit fl-Artikolu 191(2) TFUE, jekk l-eżami tal-aħjar *data* xjentifika disponibbli jħalli inċertezza fuq il-kwistjoni dwar jekk tali deroga hix ser tkun ta' ħsara jew le għaż-żamma jew għar-restawr tal-popolazzjonijiet ta' speċi f'periklu ta' estinzjoni fi stat ta' konservazzjoni favorevoli, l-Istat Membru għandu ma jadottahiex jew ma jimplimentahiex".[159]

(3-72) Meta l-istat u l-kundizzjoni tal-ispeċi jkunu differenti fil-livelli ġeografiċi differenti, jenħtieġ li l-valutazzjoni l-ewwel tħares lejn il-livell tal-popolazzjoni lokali, u mbagħad lejn l-impatt tad-deroga fuq il-popolazzjoni fir-reġjun bijoġeografiku, filwaqt li tqis ukoll l-effett kumulattiv ta' derogi oħrajn għall-istess speċi f'dak ir-reġjun bijoġeografiku.

## 3.3. Kunsiderazzjonijiet addizzjonali

(3-73) Meta jiġi vvalutat jekk deroga tistax tkun ta' detriment għaż-żamma tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet fi stat ta' konservazzjoni favorevoli, jenħtieġ li b'mod partikolari jitqiesu wkoll l-elementi li ġejjin:

a) jekk ikunux stabbiliti, implimentati u infurzati b'mod effettiv il-miżuri (xierqa, effettivi u verifikabbli) meħtieġa għal speċi fi Stat Membru sabiex jiġi żgurat il-ħarsien strett tagħha u li tilħaq stat ta' konservazzjoni favorevoli;

b) li d-deroga ma taħdimx kontra, tagħmel ineffettivi jew tinnewtralizza l-miżuri meħtieġa;

c) l-impatti (inklużi l-effetti kumulattivi) tad-derogi jiġu mmonitorjati mill-qrib u li jittieħdu tagħlimiet għall-futur.

### 3.3.1. Ir-rwol tal-pjanijiet ta' azzjoni dwar l-ispeċijiet

(3-74) Mod wieħed kif jiġi żgurat użu xieraq ta' derogi, bħala parti minn sistema ta' ħarsien strett, ikun li **jitfasslu u jiġu implimentati pjanijiet ta' azzjoni komprensivi għall-ispeċijiet jew pjanijiet ta' konservazzjoni/ġestjoni,** anki jekk dawn ma jkunux meħtieġa skont id-Direttiva. Jenħtieġ li dawn il-pjanijiet ikollhom l-għan li jipproteġu l-ispeċi u li jirrestawraw jew iżommu l-istat ta' konservazzjoni favorevoli tagħha. Jenħtieġ li dawn jinkludu mhux biss il-miżuri meħtieġa skont l-Artikolu 12 iżda wkoll miżuri sabiex jappoġġaw jew jirrestawraw il-vijabbiltà tal-popolazzjoni, il-firxa naturali tagħha u l-ħabitats tal-ispeċi. Imbagħad, il-pjanijiet jistgħu jipprovdu bażi utli, u qafas ta' gwida, għall-ħruġ ta' derogi, dment li d-derogi jkunu għadhom jingħataw fuq bażi ta' każ b'każ, li l-kundizzjonijiet l-oħrajn kollha tal-Artikolu 16 jiġu ssodisfati u li jkun intwera li d-deroga ma tkunx ta' detriment għaż-żamma tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet ikkonċernati fi stat ta' konservazzjoni favorevoli.

(3-75) Pereżempju, id-derogi għall-prevenzjoni ta' ħsarat serji għall-uċuħ tar-raba' jew għall-proprjetà jistgħu jkunu anqas effettivi sabiex isolvu l-problema fit-tul jekk jitwettqu indipendentement minn kwalunkwe miżura oħra għall-ispeċi. Madankollu, jekk ikunu akkumpanjati minn għadd ta' miżuri oħrajn (jiġifieri arranġamenti mhux letali, miżuri ta' prevenzjoni, inċentivi, kumpensi, eċċ.), fil-kuntest ta' pjan ta' konservazzjoni/ġestjoni tal-ispeċijiet, bħala parti minn sistema ta' ħarsien strett, id-derogi jistgħu jsiru ħafna aktar effettivi. Taħt tali kundizzjonijiet, pjan ta' konservazzjoni/ġestjoni tal-ispeċijiet, jekk jiġi implimentat kif xieraq, jista' jipprovdi qafas xieraq għall-ħruġ ta' derogi

159 C-674/17, il-punt 66.

f'konformità mal-objettivi tad-Direttiva. Naturalment, dawn il-pjanijiet ikollhom jiġu aġġornati regolarment fid-dawl ta' għarfien u ta' riżultati ta' monitoraġġ imtejbin.

(3-76) Sabiex jiġi stabbilit qafas xieraq għall-ħruġ ta' derogi, jenħtieġ li l-pjanijiet ta' konservazzjoni/ġestjoni tal-ispeċijiet ikunu bbażati fuq **informazzjoni xjentifika robusta u aġġornata** dwar l-istat u x-xejriet tal-popolazzjoni tal-ispeċijiet u jkollhom bħala l-objettiv ewlieni li jżommu jew li jirrestawraw l-ispeċi għal stat ta' konservazzjoni favorevoli (li tispeċifika l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati għal dan l-għan). Jenħtieġ li l-pjanijiet jinkludu valutazzjoni solida u komprensiva tat-theddid u tal-pressjonijiet rilevanti kollha fuq l-ispeċi, kif ukoll analiżi tal-livelli ta' mortalità eżistenti, jew permezz ta' kawżi naturali jew permezz ta' fatturi kkawżati mill-bniedem, bħall-qtil illegali (kaċċa illegali) jew il-qbid u l-qtil inċidentali.

(3-77) Imbagħad, fuq il-bażi tal-aħjar informazzjoni eżistenti u ta' valutazzjonijiet xjentifiċi sodi u ta' sistemi ta' monitoraġġ, il-pjanijiet ta' konservazzjoni/ta' ġestjoni tal-ispeċijiet jistgħu jistabbilixxu firxa koerenti ta' miżuri li għandhom jiġu implimentati u mmonitorjati sabiex jiġi żgurat li jinkiseb jew jinżamm l-istat ta' konservazzjoni favorevoli tal-popolazzjoni kkonċernata. F'dawn iċ-ċirkostanzi biss, il-pjanijiet ta' konservazzjoni/ġestjoni tal-ispeċijiet jistgħu jikkostitwixxu qafas xieraq għall-ħruġ ta' derogi, li min-naħa tiegħu jista' jgħin sabiex tiġi ssimplifikata l-proċedura għall-għoti ta' kull deroga speċifika, dment li jiġu ssodisfati wkoll il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa skont l-Artikolu 16.

### 3.3.2. Valutazzjoni tal-impatt għal pjanijiet/għal proġetti u ħarsien tal-ispeċijiet

(3-78) Id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri speċifiċi skont l-Artikolu 16 jeħtieġ li jiġu rrispettati wkoll fil-każ ta' pjan jew ta' proġett, li jista' jaffettwa speċi mħarsa tal-UE u jkun soġġett għall-proċeduri ta' valutazzjoni skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats jew skont id-Direttivi dwar il-VIA jew il-VAS. F'dan il-każ, il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-impatt imwettqin għall-pjanijiet u għall-proġetti jistgħu jintużaw sabiex jiġi vvalutat l-impatt fuq ir-rekwiżiti skont l-Artikolu 12 u sabiex jiġi vverifikat jekk humiex issodisfati l-kundizzjonijiet għal deroga skont l-Artikolu 16.

Dan ikun rilevanti, pereżempju, meta l-kostruzzjoni u/jew it-tħaddim ta' proġett x'aktarx jikkawża d-deterjorament jew il-qerda ta' siti tat-tnissil jew ta' postijiet ta' mistrieħ jew id-disturb ta' kwalunkwe speċi elenkata fl-Anness IV(a) u li tokkorri fiż-żona tal-proġett.

F'dawk iċ-ċirkostanzi, huwa neċessarju li jiġu vvalutati:

- jekk xi waħda mill-ispeċijiet elenkati fl-Anness IV(a) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats tkunx preżenti fiż-żona tal-proġett;
- jekk xi wieħed mis-siti tat-tnissil jew mill-postijiet ta' mistrieħ tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness IV(a) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats ikunx preżenti fiż-żona tal-proġett;
- jekk kwalunkwe waħda minn dawn l-ispeċijiet u/jew is-siti tat-tnissil jew il-postijiet ta' mistrieħ tagħhom tkunx "milquta" (maqtula, imfixkla, danneġġata, eċċ.) mill-kostruzzjoni u/jew mill-operat tal-proġett u, jekk iva;
- jekk ikunux issodisfati l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 16.

(3-79) Huwa biss wara li jitwettqu l-kontrolli ta' hawn fuq li tkun tista' tingħata deroga skont l-Artikolu 16 u li l-proġett ikun jista' jitwettaq legalment (wara li jkun inkiseb

kunsens għall-iżvilupp). Jekk, pereżempju, sit tat-tnissil ta' speċi tal-Anness IV(a) tkun preżenti u tinqered mill-kostruzzjoni jew mill-operat tal-proġett, l-awtorizzazzjoni tal-proġett tkun tikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 12, ħlief jekk tingħata deroga skont l-Artikolu 16 u jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' deroga.

(3-80) Meta l-proġetti x'aktarx li jkollhom effetti sinifikanti fuq siti ta' Natura 2000, individwalment jew inkella flimkien ma' pjanijiet jew ma' proġetti oħrajn, dawn ikunu soġġetti għal valutazzjoni xierqa skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva, filwaqt li jitwettqu wkoll il-kontrolli fil-lista msemmija hawn fuq u jingħata segwitu kif xieraq.

Għal proġetti li mhumiex soġġetti għall-Artikolu 6(3) minħabba li x'aktarx ma jkollhomx effetti sinifikanti fuq is-siti ta' Natura 2000, individwalment jew flimkien ma' pjanijiet jew ma' proġetti oħrajn, l-Istati Membri jistgħu jadattaw il-proċeduri eżistenti sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikoli 12 u 16. Dan ifisser li l-kontrolli fil-lista ta' hawn fuq jistgħu jiġu inkorporati fl-evalwazzjonijiet li jifformaw parti mill-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet f'diversi livelli fi Stat Membru, inklużi deċiżjonijiet dwar l-ippjanar tal-użu tal-art jew proċeduri ta' valutazzjoni ambjentali għal programmi, għal pjanijiet u għal proġetti.

L-iskop sottostanti huwa li jiġu identifikati b'mod korrett u fil-pront l-impatti ta' proġett, inkluż l-impatt fuq l-ispeċijiet imħarsin elenkati fl-Anness IV(a) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats u fuq il-ħabitats tagħhom, qabel ma jitwettaq il-proġett. Il-proċedura tal-VIA hija vettura possibbli għal dan.

(3-81) Il-koordinazzjoni tal-proċeduri legali tista' tevita kumplikazzjonijiet legali. Idealment, wara li tasal it-talba għall-kunsens għall-iżvilupp dwar proġett li jaqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-VIA, tinbeda VIA (tal-anqas l-istadju ta' skrinjar) sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati l-impatti potenzjali kollha. Għalhekk, il-ħtieġa għal deroga tista' tiġi identifikata mingħajr dewmien u jista' jiġi vvalutat jekk jistgħux jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-Artikolu 16 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats. Jekk iva, il-kunsens għall-iżvilupp ikun jista' jingħata sussegwentement flimkien mad-deroga. Jekk il-proġett ikun jeħtieġ li jiġi mmodifikat minħabba s-sejbiet tal-VIA, id-deroga tista' tkun ibbażata fuq il-proġett modifikat.

Idealment, il-VIA mwettqa wara l-applikazzjoni għall-permess uniku tkopri l-impatti rilevanti kollha fuq l-ambjent (inkluż l-impatt fuq l-ispeċijiet elenkati fl-Anness IV(a) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats u fuq is-siti tat-tnissil jew fuq il-postijiet ta' mistrieħ tagħhom) li jistgħu jiġu indirizzati meta jingħata l-permess. Pereżempju, dan jista' jsir billi jiġu stabbiliti kundizzjonijiet li jtaffu l-impatti negattivi u/jew billi jingħataw derogi għal ċerti projbizzjonijiet stabbiliti fil-liġi, jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-derogi.

(3-82) Għalkemm ma huwiex obbligatorju skont l-Artikoli 12 u 16 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats li jitwettqu l-kontrolli msemmijin hawn fuq f'valutazzjoni xierqa skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats jew bħala parti mill-proċedura tal-VIA, dan huwa l-aħjar mod kif tiġi żgurata l-konformità mal-Artikoli 12 u 16 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats. Il-proċedura tal-VIA tista' tidentifika l-impatt fuq l-ispeċijiet elenkati fl-Anness IV tad-Direttiva dwar il-Ħabitats assoċjati ma' proġett kif ukoll il-konsegwenzi potenzjali tal-proġett f'termini ta' ksur ta' kwalunkwe projbizzjoni fl-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats. It-twettiq tal-valutazzjoni tal-impatt inklużi l-konsultazzjonijiet multipli meħtieġa qabel ma tinħareġ deroga u l-iżvilupp huwa l-aħjar mod kif jista' jimxi 'l quddiem peress li jiffaċilita l-koordinazzjoni fit-teħid ta' deċiżjonijiet.

### 3.3.3. Ir-rwol tal-miżuri ta' kumpens (derogi mill-Artikolu 12(1)(d))

(3-83) Jistgħu jiġu previsti miżuri ta' kumpens għal derogi ġustifikati, jiġifieri mill-Artikolu 12(1)(d), jiġifieri fejn ikun hemm deterjorament jew qerda ta' siti tat-tnissil u ta' postijiet

ta' mistrieħ. Skont il-bijoloġija, l-ekoloġija u l-imġiba tal-ispeċijiet, tali miżuri jistgħu jaħdmu tajjeb għal xi speċijiet, iżda mhux għal oħrajn.

Għall-kuntrarju tal-miżuri ta' mitigazzjoni, il-miżuri ta' kumpens ikunu indipendenti mill-attività li tikkawża d-deterjorament jew il-qerda ta' sit tat-tnissil jew ta' post ta' mistrieħ. Tali miżuri jkunu maħsubin sabiex jikkumpensaw għal effetti negattivi speċifiċi fuq sit tat-tnissil jew fuq post ta' mistrieħ, li fl-ebda każ ma jirriżulta f'impatt detrimentali fuq l-istat ta' konservazzjoni għall-ispeċi kkonċernata. Idealment, jenħtieġ li l-miżuri ta' kumpens jaqblu mal-effetti negattivi fuq is-sit tat-tnissil jew fuq il-post ta' mistrieħ, u jkunu fis-seħħ u effettivi qabel ma jseħħ l-effett negattiv.

(3-84) Il-miżuri ta' kumpens mhumiex imsemmijin fl-Artikolu 16, u għalhekk mhumiex obbligatorji. Ma jistgħux jiġġustifikaw jew jikkumpensaw ukoll għal ksur tal-Artikolu 12, iżda jistgħu jkunu element wieħed li jfittex li jiżgura l-konformità mar-rekwiżit fl-Artikolu 16(1) li ma jkun hemm l-ebda impatt detrimentali fuq l-istat ta' konservazzjoni għall-ispeċi kkonċernata.

Idealment, il-miżuri ta' kumpens:

- i) jikkumpensaw għall-impatt negattiv tal-attività fuq is-siti tat-tnissil u fuq il-postijiet ta' mistrieħ tal-ispeċi, fiċ-ċirkostanzi speċifiċi (fil-livell tal-popolazzjoni lokali);
- ii) ikollhom opportunità tajba ta' suċċess u jkunu bbażati fuq l-aħjar prattika;
- iii) itejbu l-prospetti ta' speċi li tikseb stat ta' konservazzjoni favorevoli;
- iv) ikunu effettivi qabel jew mhux aktar tard minn meta jibda jseħħ id-deterjorament jew il-qerda ta' sit tat-tnissil jew ta' post ta' mistrieħ.

(3-85) B'dan il-mod, il-miżuri ta' kumpens jistgħu jiggarantixxu li ma jiġi prodott l-ebda effett detrimentali ġenerali fuq is-siti tat-tnissil tal-ispeċi u fuq il-postijiet ta' mistrieħ fil-livell tal-popolazzjoni jew bijoġeografiku. ***Madankollu, ma jissostitwixxux jew ma jnaqqsux il-ħtieġa għal derogi skont l-Artikolu 16 sabiex tinżamm konformità mat-tliet testijiet imsemmijin aktar 'il fuq.*** Dan ifisser li l-adozzjoni ta' skema ta' kumpens ma tistax tintuża sabiex tiġi evitata l-ħtieġa għal deroga u l-ħtieġa jinkiseb suċċess fit-tliet testijiet kollha deskritti fil-Kapitolu 3.2.

### 3.3.4. Derogi għal diversi speċijiet

(3-86) Xi proġetti (eż. proġetti infrastrutturali kbar ta' interess pubbliku, bħal networks tat-trasport) jistgħu jaffettwaw numru ta' speċijiet tal-Anness IV. F'dawn il-każijiet, jenħtieġ li l-impatt fuq ***kull waħda*** mill-ispeċijiet affettwati jiġi vvalutat u, fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni, jenħtieġ li tiġi fformata ħarsa ġenerali lejn l-impatt ġenerali sabiex jintgħażlu l-aħjar soluzzjonijiet. Is-soluzzjonijiet iridu jissodisfaw ukoll it-tliet testijiet kollha. Mhuwiex biżżejjed li sempliċiment jiġi elenkat in-numru ta' speċijiet potenzjalment affettwati mingħajr ma jittieħed il-pass ulterjuri tal-valutazzjoni tal-firxa tal-problemi u jinstabu modi kif dawn jiġu evitati.

### 3.3.5. Natura temporanja: indirizzar tal-kolonizzazzjoni mill-ispeċijiet elenkati fl-Anness IV ta' siti li qed jiġu żviluppati

(3-87) Ikun hemm okkażjonijiet meta attivitajiet ta' żvilupp tal-art diġà liċenzjati (pereżempju l-kostruzzjoni ta' infrastruttura ġdida bħal toroq, djar eċċ. jew attivitajiet ta' tqattigħ fil-barrieri li jkunu għaddejjin) iwasslu għall-ħolqien ta' ħabitats ġodda favorevoli li jiġu kolonizzati mill-ispeċijiet elenkati fl-Anness IV tad-Direttiva. Tali karatteristiċi tipiċi tan-natura, pereżempju fuq siti ta' estrazzjoni, jistgħu jinkludu għadajjar ġodda (li jibbenefikaw l-anfibji u l-mazzarelli), żoni miftuħa tal-art, tar-ramel u taż-żrar (li jattiraw insetti u għasafar), mergħat pijunieri (li jattiraw insetti u għasafar), irdum laxk (li

jibbenefika l-għasafar u n-naħal solitarju), u l-ħolqien ta' żoni li jipprovdu kenn (għal rettili, anfibji u insetti).

Peress li r-reġim ta' ħarsien strett skont l-Artikolu 12 ma jagħmilx distinzjoni bejn ambjenti temporanji (eż. sa 5-10 snin) jew permanenti, ambjenti maħluqin b'mod artifiċjali jew ambjentai maħluqin b'mod naturali, irid jitqies li l-ispeċijiet imħarsin tal-annimali jew tal-pjanti elenkati fl-Anness IV li jibdew jokkupaw sit ġdid bħala riżultat tal-attivitajiet permessi ta' żvilupp tal-art **huma koperti bis-sħiħ ukoll mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-ħarsien** tal-Artikolu 12.

(3-88) L-applikazzjoni tar-reġim ta' protezzjoni strett skont l-Artikolu 12 għal każijiet bħal dawn tista' tippreżenta sfida sinifikanti għall-iżviluppaturi tal-proġetti u għas-sidien tal-art li, minħabba n-natura tax-xogħol, jista' jkollhom bżonn ineħħu dawn il-ħabitats "temporanji" sabiex javvanzaw ix-xogħol tagħhom kif permess. It-tneħħija tal-ħabitats, jew matul fażi preparatorja, operattiva jew ta' dekummissjonar ta' proġett, teħtieġ deroga skont l-Artikolu 16(1) jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet (ara hawn taħt).

Mingħajr ċertezza legali li ż-żona inkwistjoni tista' tintuża b'mod leġittimu għall-iskop permess kif ippjanat, is-sidien tal-art jew l-iżviluppaturi tal-proġetti jistgħu jkunu jridu jipprevjenu l-intrużjoni ta' speċijiet imħarsin (pereżempju, billi jużaw il-pestiċidi jew il-ħdim tar-raba') fil-perjodu interim meta l-art ma tkunx qed tiġi żviluppata b'mod attiv sabiex jiġu evitati piżijiet, restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet addizzjonali marbutin mal-preżenza ta' speċijiet imħarsin li oriġinarjament ma kinux preżenti fuq l-art tagħhom. Dan jista' jippreżenta opportunità mitlufa peress li kwalunkwe ħabitat temporanju addizzjonali li kieku ma kienx jistagħna fiż-żona kkonċernata jista', taħt ċerti kundizzjonijiet, jikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-objettivi tad-Direttiva.

(3-89) Sabiex tiġi pprovduta din iċ-ċertezza legali, u b'hekk, sabiex jiġi pprovdut inċentiv bl-għan li jinħolqu jew jinżammu siti temporanji tan-natura, l-iżviluppaturi **jistgħu japplikaw għal deroga skont l-Artikolu 16 fi stadju bikri tal-proċess ta' ppjanar**, meta l-ispeċijiet imħarsin ikunu għadhom ma kkolonizzawx is-sit iżda fejn din il-kolonizzazzjoni tista' tkun mistennija b'xi ċertezza (dan jista' jkun il-każ, pereżempju, meta l-ispeċijiet ikunu diġà preżenti fiż-żoni tal-madwar). Din il-forma ta' deroga minn qabel tippermetti t-tneħħija sussegwenti ta' karatteristiċi ta' natura temporanja f'konformità mal-ħtiġijiet ta' żvilupp tal-proġett. Madankollu, l-istandards legali għal derogi bħal dawn ma jistgħux ikunu anqas minn dawk għal derogi għal speċijiet imħarsin li diġà jkunu preżenti u għall-ħabitats tagħhom, u xorta jridu jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 16. Fost kwistjonijiet oħrajn, dan ifisser li d-derogi mogħtijin qabel l-insedjament attwali tal-ispeċijiet ta' kolonizzazzjoni jew tal-ħabitat tagħhom iridu jispeċifikaw l-objettivi mfittxijin permezz tad-deroga b'mod ċar u preċiż[160].

(3-90) Għalhekk, **ikun importanti li l-applikazzjonijiet għal deroga skont l-Artikolu 16 ikunu preċeduti minn inventarju komplut meħud fuq il-post** li jkollu l-għan li jidentifika l-ispeċijiet imħarsin kollha, mhux biss fiż-żona tal-proġett iżda wkoll fiż-żoni tal-madwar. Dan jiżgura li jiġu identifikati l-ispeċijiet "prevedibbli" kollha tal-Anness IV, flimkien mal-abbundanza tagħhom u mal-probabbiltà li dawn jikkolonizzaw iż-żona tal-proġett. Imbagħad, id-deċiżjoni tal-Artikolu 16 tista' tintuża sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet għaż-żamma tal-funzjonalità ekoloġika kontinwa tal-ħabitat tal-ispeċijiet f'każ li l-ħabitat kolonizzat il-ġdid fiż-żona tal-proġett ikollu jitneħħa għall-finijiet tal-proġett/tal-attività permessa. Dan jista', pereżempju, jinkludi l-ħolqien u l-ħarsien ta' ħabitats simili barra miż-żona tal-proġett u r-rilokazzjoni tal-ispeċijiet fiż-żona tal-proġett għal dawn il-ħabitats, bl-appoġġ ta' monitoraġġ fit-tul. Bħal fil-każ tad-derogi kollha, l-implimentazzjoni korretta trid tiġi vverifikata u rreġistrata wkoll.

160 Ara C-674/17, il-punt 41.

(3-91) Derogi li jindirizzaw sitwazzjonijiet ta' natura temporanja kif deskritti hawn fuq, jeħtieġu ġustifikazzjoni oġġettiva, taħt waħda mir-raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 16(1). Possibbiltà waħda hija li d-deroga tiġi bbażata fuq ir-raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 16(1)(a) li jiġġustifika deroga "fl-interess li jħarsu l-fawna u l-flora selvaġġa u li jikkonservaw l-ħabitat naturali". Il-formulazzjoni tad-dispożizzjoni mhijiex limitata għal derogi mogħtijin għall-ħarsien ta' speċijiet ta' pjanti jew ta' annimali kontra speċijiet imħarsin kompetituri oħrajn. Il-formulazzjoni tista' tiġi interpretata sabiex tippermetti wkoll deroga mir-reġim ta' ħarsien strett għal speċi mħarsa għall-benefiċċju tagħha stess. Il-kliem "interess" fid-dispożizzjoni jissuġġerixxi li **d-deroga trid tipprovdi valur miżjud lill-ispeċi kkonċernata**. Dan ikun ifisser li l-Artikolu 16(1)(a) ikun applikabbli jekk ikun jista' jintwera li hemm benefiċċju nett għall-ispeċi kkonċernata li sar possibbli biss bl-għoti tad-deroga qabel kollox.

(3-92) L-Artikolu 16(1)(c) jipprevedi l-possibbiltà li tingħata deroga "għal raġunijiet obbligatorji oħra li huma konnessi mal-interess pubbliku, inklużi dawk tat-tip soċjali jew ekonomiku u l-konsegwenzi ta' benefiċċju tal-akbar importanza għall-ambjent". Ir-referenza għal "tal-akbar importanza" tista' tiġi interpretata b'mod simili għal dik issuġġerita aktar 'il fuq fir-rigward tar-referenza magħmula għall-"interess li jħarsu l-fawna u l-flora selvaġġa u li jikkonservaw l-ħabitat naturali", kif tinsab fl-Artikolu 16(1)(a), jiġifieri jekk wieħed jassumi li deroga mir-reġim ta' ħarsien strett għal speċi tista' tingħata wkoll għall-benefiċċju tagħha stess. Madankollu, il-valur miżjud ikollu jkun ta' "tal-akbar importanza", li f'dan il-każ jistabbilixxi limitu ogħla milli skont l-Artikolu 16(1)(a).

(3-93) Il-possibbiltà li jintużaw derogi għal siti ta' natura temporanja jenħtieġ li tiġi indirizzata bir-reqqa fil-fażi ta' ppjanar tal-proġett, u jenħtieġ li tinkludi valutazzjoni xjentifika dettaljata ta' fejn l-ispeċijiet imħarsin jistgħu jgħixu fil-fażijiet differenti tal-proġett. Jenħtieġ li l-fażi ta' ppjanar tinkludi valutazzjoni ta' kif l-ispeċijiet li kkolonizzaw il-ħabitats temporanji jistgħu jiġu ppreservati matul u wara l-proġett, sa fejn ikun possibbli, eż. bl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni xierqa u bl-appoġġ għar-rilokazzjoni.

(3-94) Id-deċiżjoni dwar id-deroga xorta waħda trid tissodisfa l-kriterji l-oħrajn kollha stabbiliti fl-Artikolu 16 (nuqqas ta' alternattivi, l-ebda detriment għall-istat ta' konservazzjoni) u jenħtieġ li tistabbilixxi minn qabel impenji stretti ta' sorveljanza u ta' monitoraġġ[161]. Dawn jiżguraw li l-iżvilupp tas-sit temporanju jikkorrispondi għall-feġġa/għall-okkorrenza prevista ta' speċijiet imħarsin fis-sit. Din il-ħidma ta' monitoraġġ tipprovdi wkoll l-evidenza meħtieġa sabiex issir applikazzjoni għal deroga addizzjonali bl-għan li tiġi indirizzata kwalunkwe okkorrenza ġdida li ma kinitx antiċipata fil-bidu nett.

**25 – Eżempju ta' prattiki tajba: il-proġett LIFE in quarries fil-Belġju: il-ġestjoni dinamika tal-bijodiversità fil-kuntest ta' barrieri attivi**

L-għan tal-proġett LIFE in quarries [LIFE14 NAT/BE/000364] huwa li jiżviluppa metodi sabiex jiġi ottimizzat il-potenzjal tal-bijodiversità tat-tħaddim ta' siti ta' estrazzjoni tal-minerali. Bħala parti mill-pjanijiet ta' ġestjoni tal-bijodiversità speċifiċi għall-barrieri, il-proġett esplora approċċi xjentifiċi u legali sabiex jappoġġa ħabitats temporanji (eż. għadajjar temporanji jew banek tar-ramel) iġġenerati mill-attività tal-barriera u dipendenti fuqha, li jistgħu jospitaw speċijiet imħarsin (eż. il-ħawwiefa tax-xtut, gremxul, il-gremxul tal-ħajt, il-bufo calamita jew l-algi tipiċi ta' ambjenti ħżiena). Din il-ġestjoni dinamika tal-bijodiversità li trawwem speċijiet eżistenti u/jew ġodda allinjati mal-attività tal-barriera (kemm attività temporanja eżistenti kif ukoll addizzjonali) tista' tiġi kkombinata mal-miżuri ta' restawr antiċipati ta' ħabitats permanenti matul u wara l-perjodu ta'

161 Ara, pereżempju, il-mudell Olandiż: Staatscourant (2015): BeleidslijnTijdelijkeNatuur (concept 11 juni 2015) - Nr. 209016. https://zoek.officielebekendmakingen.nl/stcrt-2015-29016.html

estrazzjoni sabiex jiġu mmassimizzati ekosistemi stabbli u rikki fil-bijodiversità wara li jitlesta l-proġett (natura permanenti addizzjonali)[162].

## 3.4. Monitoraġġ u rapportar tad-derogi

*L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jeħtiġilhom mhux biss jiżguraw li l-kundizzjonijiet kollha tal-iskema ta' deroga jiġu ssodisfati qabel ma tingħata deroga (jiġifieri li tissodisfa t-tliet testijiet), iżda jeħtiġilhom jimmonitorjaw ukoll l-impatt tad-deroga (u l-effettività ta' kwalunkwe miżura ta' kumpens) wara li tiġi implimentata. Jenħtieġ li r-rapporti dwar id-derogi jkunu kompluti u jinkludu informazzjoni li tippermetti lill-Kummissjoni tevalwa jekk l-iskema ta' deroga tal-Artikolu 16 ġietx applikata b'mod korrett.*

### 3.4.1. Monitoraġġ tal-impatti tad-derogi

(3-95) L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jeħtiġilhom mhux biss jiżguraw li l-kundizzjonijiet kollha tal-iskema ta' deroga jiġu ssodisfati *qabel* ma tingħata deroga, iżda jeħtiġilhom jimmonitorjaw ukoll l-impatt tad-derogi (u l-effettività ta' kwalunkwe miżura ta' kumpens) wara li jiġu implimentati[163]. L-Artikolu 16(3)(e) jirrikjedi li r-rapporti ta' deroga tal-Istati Membri jispeċifikaw "il-miżuri ta' sorveljanza użati u r-riżultati miksuba". Dan ifisser li jridu jissorveljaw u jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tad-derogi mogħtijin.

Il-monitoraġġ tal-impatt tad-derogi huwa meħtieġ ukoll sabiex jiġi vverifikat jekk id-derogi ġewx implimentati b'mod korrett u jekk laħqux l-objettiv tagħhom, bl-appoġġ ta' evidenza bbażata fuq ix-xjenza, u, jekk ikunu neċessarji, sabiex jittieħdu miżuri korrettivi. Jenħtieġ li dan jiżgura li jiġi identifikat kwalunkwe riskju jew ħsara mhux intenzjonata lill-ispeċi bħala riżultat tal-implimentazzjoni tad-deroga. Użu xieraq tas-sistema ta' deroga jirrikjedi li l-kundizzjonijiet qafas iridu jkunu tajbin sabiex jiżguraw li l-approċċ ma jwassalx għal effetti mhux mixtieqa. Il-monitoraġġ huwa kruċjali sabiex jinkiseb dan.

(3-96) Wara l-implimentazzjoni tad-derogi, l-awtoritajiet nazzjonali jeħtiġilhom jimmonitorjaw ukoll l-impatt kumulattiv tad-derogi kollha mogħtijin fit-territorju nazzjonali għal kull speċi koperta mid-derogi, irrispettivament mir-raġunijiet li għalihom ikunu ngħataw, u li tiġi kkonfermata l-valutazzjoni inizjali li d-derogi ma jkunux ta' detriment għaż-żamma tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet fi stat ta' konservazzjoni favorevoli. Jenħtieġ li ovvjament ir-riżultati ta' dan il-monitoraġġ jitqiesu fi kwalunkwe deċiżjoni futura sabiex jingħataw derogi.

(3-97) Dan il-monitoraġġ jista' jaqa' wkoll taħt l-obbligu ta' sorveljanza ġenerali skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva. Ikun raġonevoli li tali sorveljanza tkun sensittiva għall-effetti (inklużi l-effetti kumulattivi u l-effetti tal-miżuri ta' kumpens) tad-derogi implimentati għall-ispeċijiet li għalihom id-derogi jingħataw b'mod rikorrenti jew li jkunu fi stat ta' konservazzjoni mhux favorevoli (u, madankollu, ikunu f'ċirkostanza eċċezzjonali, is-suġġett tad-derogi). Ikun raġonevoli wkoll li tali sorveljanza tinkludi l-monitoraġġ ta' fatturi oħrajn li jista' jkollhom impatt negattiv fuq l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet (bħall-qtil illegali). Tali *data* tista' tintuża meta jiġi vvalutat l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċi.

### 3.4.2. Obbligi ta' rapportar skont l-Artikolu 16(2) u 16(3)

162 Għal aktar informazzjoni, ara s-sit web tal-proġett LIFE: https://www.lifeinquarries.eu

163 Ara wkoll is-Sentenza tas-26 ta' Jannar 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, il-Kawża 192/11 , ECLI:EU:C:2012:44, il-punti 65 u 67, dwar id-dispożizzjoni komparabbli tal-Artikolu 9(2)(e) tad-Direttiva dwar l-Għasafar 2009/147/KE.

(3-98) Id-derogi jridu jissodisfaw ukoll il-kundizzjonijiet formali stabbiliti fl-Artikolu 16(2) u (3). Fi kliem il-Qorti fil-Kawża C-118/94, (kawża fuq id-Direttiva dwar l-Għasafar), dawn il-kundizzjonijiet formali "huma maħsubin sabiex jillimitaw id-derogi għal dak li jkun strettament neċessarju u sabiex jippermettu lill-Kummissjoni tissorveljahom".

(3-99) L-Istati Membri ma għandhomx bżonn jikkonsultaw lill-Kummissjoni qabel ma japplikaw id-derogi iżda għandhom l-obbligu li jippreżentaw rapport kull sentejn lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 16. L-Artikolu 16(2) ma jispeċifikax il-kontenut preċiż ta' dawn ir-rapporti. Madankollu, huwa ċar li l-informazzjoni trid tkun kompluta, fattwali u tkopri d-dettalji kollha stabbiliti fl-Artikolu 16(3). Abbażi tal-informazzjoni pprovduta fir-rapporti ta' deroga, il-Kummissjoni jeħtiġilha tkun f'pożizzjoni li tissorvelja l-applikazzjoni tal-Artikolu 16 fl-Istati Membri u tivverifika l-kompatibbiltà tagħha mad-Direttiva. F'każijiet li fihom il-Kummissjoni tikkonkludi li l-użu ta' derogi jikser ir-rekwiżiti tad-Direttiva, hija għandha d-dritt li tibda proċedura ta' ksur kontra l-Istat Membru kkonċernat.

(3-100) Il-format attwali tar-rapportar tad-derogi jkopri wkoll l-obbligi ta' rapportar kollha skont l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ħajja Ferjali Ewropea u tal-Abitati Naturali (il-Konvenzjoni ta' Berna)[164] u għandu l-għan li jtejjeb l-effiċjenza u l-utilizzabilità tar-rapportar fil-livelli kollha (reġjonali, nazzjonali, tal-UE). Bħalissa, il-Kummissjoni u l-Istati Membri qegħdin jużaw il-format il-ġdid tar-rapportar u għodda ġdida tal-IT, imsejħa s-Sistema+ ta' Derogi mid-Direttivi dwar il-Ħabitats u l-Għasafar (HaBiDeS+)[165].

Għalhekk, dawn jistgħu jkopru wkoll kwistjonijiet bħall-ibridizzazzjoni tal-ilpup mal-klieb, li hija rrapportata għad-disa' popolazzjonijiet kollha tal-lupu fl-Ewropa u f'21 pajjiż Ewropew[177]. F'xi postijiet, din hija theddida kbira għall-konservazzjoni tal-lupu[178] u jistgħu jkunu meħtieġa azzjonijiet preventivi, proattivi u reattivi speċifiċi sabiex tiġi indirizzata l-problema, kif indikat fir-Rakkomandazzjoni Nru 173 (2014[179]) adottata skont il-Konvenzjoni ta' Berna (il-Kunsill tal-Ewropa, 2014). Madankollu, peress li l-ibridizzazzjoni lupu-kelb hija kwistjoni kumplessa, huwa rrakkomandat ferm li jiġi abbozzat pjan ta' ġestjoni definit sew fil-livelli nazzjonali u tal-popolazzjoni bl-użu tal-proċeduri tal-aktar proċeduri fuq il-post, fil-laboratorju u statistiċi aġġornati u affidabbli (ara l-kaxxa).

177 Salvatori, V et al (2020) *European agreements for nature conservation need to explicitly address wolf-dog hybridisation.* https://www.sciencedirect.com/science/article/pii/S000632071931674X
178 Salvatori, V et al. (2019).
179 https://rm.coe.int/0900001680746351

**Ibridi lupu-kelb**

L-intertnissil bejn l-ilpup u l-forma domestika tagħhom, il-klieb, probabbilment seħħ ripetutament tul l-istorja tad-domestikazzjoni tal-klieb u għadu qed iseħħ b'intensità li tvarja f'diversi partijiet tal-medda tal-lupu. Bħala tip ta' ibridizzazzjoni antropoġenika, l-ibridizzazzjoni lupu-kelb ma hijiex proċess evoluzzjonarju naturali fejn l-ibridi jenħtieġ li jkunu soġġetti għal miżuri ta' konservazzjoni. Minflok, bħala theddida għall-integrità ġenetika tal-popolazzjonijiet tal-lupu, l-ibridizzazzjoni lupu-kelb hija kwistjoni ta' tħassib għoli dwar il-konservazzjoni u jenħtieġ li tiġi indirizzata permezz ta' pjanijiet u għodod ta' ġestjoni xierqa.

Fl-Ewropa, ġiet identifikata ibridizzazzjoni f'diversi pajjiżi, eż. in-Norveġja, il-Latvja, l-Estonja, il-Bulgarija, l-Italja, Spanja, il-Portugall, il-Ġermanja, il-Greċja, is-Slovenja u s-Serbja. Madankollu, ta' min jinnota li l-istimi tal-introgressjoni tal-ġeni tal-klieb fil-popolazzjoni tal-lupu selvaġġ huma bbażati fuq approċċi diversi u fuq il-protokolli sperimentali assoċjati. Filwaqt li f'diversi każijiet, l-intertnissil irriżulta f'boton wieħed jew aktar ta' ibridi f'żoni ristretti, f'każijiet oħrajn instab li l-introgressjoni tal-ġeni tal-klieb fil-popolazzjoni tal-lupu selvaġġ hija mifruxa fuq żoni sostanzjali, għalkemm sa livelli differenti (minn 5,6 % f'Galicia, Spanja sa aktar minn 60 % fil-provinċja ta' Grosseto, l-Italja). B'mod simili, instabu rati għoljin ta' introgressjoni fl-Appennini tat-Tramuntana filwaqt li nstabu biss każijiet ibridi rari fil-popolazzjoni tal-lupu tal-Alpi (minn Franza sal-Alpi tal-Lvant-Ċentrali). Madankollu, ir-rata ta' ibridizzazzjoni rrapportata f'żoni oħrajn hija ta' madwar 5-10 % (Leonard et al. 2011). L-ibridizzazzjoni sseħħ prinċipalment bejn il-klieb maskili u l-ilpup femminili. L-oppost jista' jseħħ ukoll f'każijiet rari. L-għadd kbir ta' klieb jiġġerrew liberament minn diversi żoni, speċjalment fir-reġjuni tal-Mediterran, joffri opportunitajiet estensivi għal taħlit bejn il-klieb u l-ilpup. L-għarfien dwar l-ekoloġija tal-ibridi lupu-kelb li jgħixu fis-selvaġġ huwa nieqes, iżda ma hemm l-ebda evidenza li l-ibridi naqqsu l-idoneità fiżika, it-tixrid, is-suċċess riproduttiv, il-modifika fl-imġiba, jew il-vijabbiltà tal-popolazzjoni tal-individwi.

Il-ġestjoni tal-ibridizzazzjoni lupu-kelb hija uġigħ ta' ras għall-awtoritajiet governattivi peress li toħloq diversi sfidi serji.

a) L-istat tassonomiku ta' ibridu

Il-klieb huma dixxendenti tal-ilpup permezz tad-domestikazzjoni, u t-tnejn jappartjenu għall-istess entità tassonomika, l-ispeċi *Canis lupus*. Kultant, il-klieb jiġu identifikati bis-subspeċi kwalifikatur *Canis lupus familiaris*. Ftit hemm dubju li l-ibridi jżommu l-isem *Canis lupus*. L-istatus legali tal-ibridi

b) L-istatus legali tal-ibridi

Għall-kuntrarju tal-klieb, li s-sopravivenza tagħhom normalment tiddependi fuq il-kura u fuq ir-riżorsi tal-bniedem, l-ibridi għandhom ħajja indipendenti u vijabbli bħala annimali selvaġġi. Bħala tali, ħafna leġiżlazzjonijiet nazzjonali iqisuhom li huma ugwali għall-fawna selvaġġa u jiġu ġestiti skont l-istess regoli. Li kieku l-ibridi jitqiesu ugwali għall-klieb, dawn ikunu jaqgħu taħt il-liġijiet nazzjonali dwar l-annimali domestiċi. Fi kwalunkwe każ, jidher li huwa utli li l-ibridi lupu-kelb jirċievu "l-istess status legali bħall-ilpup mill-kaċċaturi u mill-pubbliku sabiex titneħħa lakuna potenzjali għall-qtil irregolari tal-ilpup" (Dikjarazzjoni ta' Appoġġ ta' Politika dwar l-ibridizzazzjoni prodotta mill-Carnivore Initiative for Europe u annessa mal-*Guidelines for population-level management plans of large carnivores* (Linnell et al., 2008)). Fil-fatt, li kieku l-ibridi jitqiesu legalment mhux imħarsin mil-liġijiet nazzjonali, dan jista' jwassal għal aktar qtil aċċidentali tal-ilpup, minħabba d-diffikultà li jiġu distinti l-ibridi minn ilpup ġenetikament "puri" fuq il-bażi unika tal-karatteristiċi morfoloġiċi. Dan jista' jinvolvi mhux biss qtil aċċidentali iżda wkoll intenzjonali, peress li l-istatus mhux imħares tal-ibridi jista' jintuża bħala skuża għall-qtil tal-ilpup propji. L-awtoritajiet maniġerjali huma mħeġġin jiżguraw li l-ibridi jkunu koperti b'mod ċar u mhux ambigwu mil-liġijiet nazzjonali tagħhom jew bħala fawna selvaġġa jew annimali domestiċi.

c) Għażliet għal risponsi ta' ġestjoni

L-aktar rispons ta' ġestjoni xieraq jiddependi mil-livell stmat ġenerali ta' introgressjoni u jekk l-introgressjoni tkunx limitata għal żoni ristretti u għal ftit gruppi jew mifruxa ħafna fuq żoni kbar u/jew fil-biċċa l-kbira tal-gruppi. Pereżempju, introgressjoni limitata tista' ma tkunx theddida serja jekk din tkun baqgħet stabbli fost il-ġenerazzjonijiet. Ibridizzazzjoni sinifikanti u mifruxa (ġemgħa ibrida) tista' tkun diffiċli sabiex tiġi kkontrollata, minkejja li xorta jista' jkun mixtieq li jitnaqqas il-fluss kontinwu u futur tal-ġeni domestiċi fil-popolazzjoni tal-lupu. Prevalenza għolja iżda lokalizzata xorta tista' tiġi ttrattata b'azzjonijiet immirati sabiex tiġi nnewtralizzata r-riproduzzjoni tal-ibridi

(permezz ta' tneħħija fiżika jew sterilizzazzjoni). Għalkemm saru diversi twissijiet dwar id-diffikultà u l-effettività tat-tneħħija tal-ibridi sabiex jiġu kkontrollati livelli baxxi ta' introgressjoni mifruxa, dan l-intervent ikun potenzjalment utli meta l-ibridizzazzjoni ma tkunx mifruxa u l-applikazzjoni tiegħu tkun appoġġata minn riċerka applikata, minn monitoraġġ u minn qafas ta' ġestjoni adattiv.

Il-firxa ta' għodod ta' ġestjoni hija wiesgħa, u l-utilità ta' kull għodda tiddependi fuq l-objettivi. Huwa rrakkomandat ferm li l-ibridizzazzjoni tiġi indirizzata permezz ta' pjan dedikat fil-livell nazzjonali, jew possibbilment fil-livell tal-popolazzjoni, fejn l-objettivi, il-protokolli u l-kriterji jiġu deskritti u ġġustifikati bis-sħiħ. Se jkollha tiġi identifikata u deskritta medda ta' azzjonijiet preventivi, proattivi u reattivi. Il-pjan x'aktarx jinkludi dispożizzjonijiet għal:

1) L-istabbiliment ta' sforz kollaborattiv internazzjonali li jinvolvi l-laboratorji ġenetiċi kollha, sabiex jintlaħaq qbil dwar approċċ komuni sabiex jiġu ddefiniti l-limiti u l-proċeduri għall-identifikazzjoni tal-ibridi, u sabiex jiġu kondiviżi l-frekwenzi alleliċi tal-popolazzjonijiet ta' referenza.

2) Jiġi approvat sett ta' gwidi ta' politika għall-istudju u għall-monitoraġġ tat-tixrid u tal-prevalenza tal-ibridizzazzjoni u tal-introgressjoni ġenetika tal-klieb fil-popolazzjoni tal-lupu.

3) Jiġu ddefiniti l-oqsma fejn għodod ta' ġestjoni differenti jkunu xierqa skont il-livelli u x-xejriet tal-prevalenza ibrida, minn ebda intervent sat-tneħħija attiva ta' individwi ibridi. Fl-aħħar mill-aħħar, il-kuntest soċjali jista' jkollu effett fuq l-oqsma u fuq l-azzjonijiet ta' ġestjoni magħżulin.

4) Jitwaqqfu timijiet (u proċeduri) ta' emerġenza responsabbli, fejn u meta jkunu neċessarji, għat-tneħħija ta' ibridi lupu-kelb mill-ambjent selvaġġ jew għall-qbid/għall-isterilizzazzjoni/għar-rilaxx tagħhom. Ir-Rakkomandazzjoni Nru 173 (2014) tal-Konvenzjoni ta' Bern hija approvata bis-sħiħ mill-Kummissjoni Ewropea u tiddikjara, fost affarijiet oħrajn, li: "huwa fl-interess tal-konservazzjoni effettiva tal-lupu li jiġi żgurat li t-tneħħija ta' kwalunkwe ibridu lupu-kelb identifikat issir esklużivament b'mod ikkontrollat mill-gvern". Jidher li dan jista' jitwettaq biss permezz tal-projbizzjoni tal-qtil tal-ibridi skont il-liġi nazzjonali filwaqt li ssir eċċezzjoni biss għall-aġenziji governattivi jew għall-aġenti deżinjati tagħhom. Ir-Rakkomandazzjoni tistieden lill-partijiet: "Jiżguraw li t-tneħħija kkontrollata mill-gvern tal-ibridi lupu-kelb isseħħ wara li l-uffiċjali tal-gvern u/jew il-korpi fdati mill-gvernijiet għal dan l-iskop u/jew ir-riċerkaturi jkunu kkonfermawhom bħala ibridi billi jużaw karatteristiċi ġenetiċi u/jew morfoloġiċi. Jenħtieġ li t-tneħħija titwettaq biss minn korpi fdati mill-awtoritajiet kompetenti b'tali responsabbiltà, filwaqt li jiġi żgurat li tali tneħħija ma tfixkilx l-istat ta' konservazzjoni tal-ilpup". "Jadottaw il-miżuri neċessarji sabiex jipprevjenu l-qtil tal-ilpup b'mod intenzjonali jew bi żball bħala ibridi lupu-kelb. Dan huwa mingħajr preġudizzju għat-tneħħija bir-reqqa kkontrollata mill-gvern tal-ibridi lupu-kelb identifikati mis-selvaġġ minn korpi fdati b'din ir-responsabbiltà mill-awtoritajiet kompetenti".

5) Japprovaw pjan nazzjonali għall-kontroll ta' klieb jiġġerrew liberament (selvaġġi, abbandunati jew proprjetà ta' persuni li jħalluhom jimirħu liberament) u jipprojbixxu ż-żamma ta' lpup u ta' ibridi lupu-kelb bħala annimali domestiċi. Jistabbilixxu kampanji ta' sensibilizzazzjoni b'appoġġ għall-kontroll ta' klieb selvaġġi u li jiġġerrew liberament fil-firxiet tal-lupi.

## 3. Kunflitt relatat mal-lupu

Storikament, il-lupu kien assoċjat ma' diversi tipi ta' kunflitt soċjoekonomiku mal-bniedem. Fil-passat, tali kunflitti wasslu għall-isterminazzjoni jew għat-tnaqqis serju tal-popolazzjonijiet tal-lupu fil-biċċa l-kbira tal-firxa Ewropea tiegħu. Din il-persekuzzjoni flimkien ma' rati għoljin ta' kaċċa illegali għadha tippersisti f'ħafna oqsma. Illum, il-kunflitti ewlenin huma:

- **Depredazzjoni tal-bhejjem.** Id-depredazzjonijiet tal-bhejjem jikkonċernaw l-aktar lin-nagħaġ. Linnell u Cretois (2018) jikkalkolaw li, matul l-2012-2016, medja ta' 19 500 nagħġa fis-sena nqatlu mill-ilpup fl-UE (kun af li d-*data* kienet nieqsa għall-Polonja, għar-Rumanija, għal Spanja, għall-Bulgarija, għall-Awstrija u għal partijiet

mill-Italja). Din iċ-ċifra bħalissa hija l-aħjar indikatur disponibbli għall-impatt tal-predazzjoni tal-ilpup fl-UE.
Filwaqt li n-nagħaġ huma l-vittmi ewlenin tal-attakki mil-lupi, tipi oħrajn ta' bhejjem (mogħoż, bhejjem tal-ifrat, żwiemel) u renni semidomestiċi huma affettwati wkoll sa ċertu punt anqas. Id-depredazzjoni hija varjabbli ħafna u fil-biċċa l-kbira tiddependi fuq it-tip ta' sistema tal-bhejjem, fuq it-tip ta' ġestjoni, u fuq il-livell ta' superviżjoni, jiġifieri jekk il-bhejjem humiex magħluqin - speċjalment matul il-lejl, jew mgħassa minn ragħaj. Pereżempju fi Franza (80 grupp ta' lpup), madwar 11 000 nagħġa, bhima tal-ifrat u mogħża ġew attakkati u kkumpensati fl-2019 (Dreal 2019[180]), filwaqt li fil-Ġermanja (128 grupp ta' lpup) iċ-ċifra hija anqas minn 3 000 għall-2019 (DBBW 2019[181]) u fl-Iżvezja (31 grupp ta' lpup) ġew attakkati biss 161 nagħġa fl-2018 (Viltskadestatistik 2018, SLU[182]).

Linnell u Cretois (2018) jenfasizzaw id-diffikultajiet tal-ġbir ta' *data* konsistenti u affidabbli madwar l-Ewropa dwar id-depredazzjoni tal-bhejjem mill-ilpup. Il-bhejjem jistgħu jmutu jew jonqsu għal diversi raġunijiet u mhux dejjem ikun possibbli li l-imwiet tagħhom jiġu assoċjati ma' karnivori kbar. Il-kwalità tar-rapportar mill-bdiewa u mill-maniġers tal-bhejjem tiddependi l-aktar fuq is-sistema ta' kumpens. Pereżempju, fuq il-livell (sħiħ jew parzjali) tal-kumpens, fuq it-tul u fuq id-diffikultajiet tal-proċess amministrattiv relatat, u fuq jekk isirux kontrolli fuq il-post sabiex jiġi vverifikat jekk id-depredazzjoni kinitx fil-fatt ikkawżata minn karnivori kbar. Xi kultant, l-ilpup jistgħu wkoll jattakkaw u joqtlu l-klieb. Pereżempju, fl-Iżvezja jew fil-Finlandja, waqt ġiri wara l-elk bi klieb mingħajr ċinga fit-territorji tal-ilpup. It-telf kemm tal-bhejjem kif ukoll tal-klieb għandu impatt emozzjonali kbir, minbarra t-telf ekonomiku dirett u indirett. Filwaqt li l-impatt ġenerali tal-predazzjoni tal-ilpup fuq is-settur tal-bhejjem fl-UE huwa negliġibbli, il-predazzjoni tal-ilpup fuq in-nagħaġ tar-ragħa mhux imħarsin tista' tkun sinifikanti fil-livell tal-farms individwali, u ġġib pressjoni u piż addizzjonali fuq l-operaturi kkonċernati f'settur li diġà huwa affettwat minn firxa ta' pressjonijiet soċjoekonomiċi.

- **Riskju perċepit għan-nies**. L-ilpup ma jarawx lill-bniedem bħala priża possibbli, iżda, pjuttost, bħala theddida li għandha tiġi evitata. Filwaqt li fil-passat ġew irrapportati attakki fatali ta' lpup fuq il-bniedem (ħafna drabi relatati ma' kampjuni bir-rabja jew li kienu mitmugħin mill-bniedem, ipprovokati, imweġġgħin jew maqbudin), ir-riskju attwali ta' attakki mil-lupi fuq il-bniedem, fil-kundizzjonijiet ambjentali u soċjali Ewropej attwali, jitqies li huwa estremament baxx. (Linnell et al, 2002; Linnell u Alleau, 2016[183]; KORA, 2016; Linnell et al, 2021). Minkejja dan, ħafna nies għadhom jibżgħu mill-ilpup, b'mod partikolari fil-pajjiżi u fir-reġjuni reċentement ikkolonizzati mill-ġdid mill-ispeċi jew fejn in-numri dejjem akbar ta' lpup jagħmluhom aktar viżibbli f'żoni fejn normalment ma kinux preżenti qabel. Ġew irrapportati każijiet ta' lpup li javviċinaw lin-nies u b'imġiba mhux tas-soltu ("awdaċi" jew "mingħajr ebda biża'"). Dan seħħ b'mod partikolari meta dawn saru kkundizzjonati mill-ikel jew meta kienu preżenti klieb (Reinhardt 2018). Fir-rigward tal-ibridi lupu-kelb, ma hemm l-ebda evidenza li huma aktar awdaċi jew aktar perikolużi mill-ilpup iżda l-biża' mill-ibridi huwa wkoll problema speċifika f'ċerti żoni tal-Ewropa. Dawn il-perċezzjonijiet u l-attitudnijiet iridu jiġu kkunsidrati bir-reqqa u jiġu indirizzati bis-serjetà. Huwa utli,

[180] http://www.auvergne-rhone-alpes.developpement-durable.gouv.fr/IMG/pdf/20200327bilandommages2019_especes.pdf
[181] https://www.dbb-wolf.de/Wolfsvorkommen/territorien/karte-der-territorien
[182] https://www.slu.se/globalassets/ew/org/centrb/vsc/vsc-dokument/vsc-publikationer/rapporter/viltskadestatistikrapporter/viltskadestatistik-2018-1-webb.pdf
[183] "*Minkejja l-ħtieġa li jiġi rrikonoxxut li l-potenzjal għall-attakki tal-lupu fuq in-nies huwa akbar minn żero […] bħalissa hemm >12 000 lupu fl-Ewropa u >50 000 lupu fl-Amerka ta' Fuq, li ħafna minnhom jgħixu qrib miljuni ta' bnedmin, u minkejja dan insibu biss evidenza ta' għadd żgħir ta' attakki f'dawn l-aħħar deċennji*".: Predators_That_Kill_Humans_Myth_Reality_Context_and_the_Politics_of_Wolf_Attacks_on_People https://www.researchgate.net/publication/301267098

iżda ta' spiss mhux biżżejjed, li jiġu appoġġati attivitajiet edukattivi, li tiġi pprovduta informazzjoni korretta u li l-aħbarijiet foloz jinkixfu permezz ta' verifika tal-fatti (kif imwettqa minn xi awtoritajiet lokali jew reġjonali jew taħt proġetti LIFE). Barra minn hekk, irid jiġi ċċarat li, fil-każ improbabbli ta' periklu oġġettiv, ikkawżat pereżempju minn lupu rabjuż jew aggressiv jew minn lupu kkundizzjonat bl-ikel jew imdorri, it-tneħħija mmirata tal-lupu kkonċernat hija kompletament leġittima skont id-Direttiva dwar il-Ħabitats (ara l-paragrafu dwar id-derogi fl-Artikolu 16.1 c fil-Kapitolu 6 aktar 'il quddiem).

- **Impatt fuq l-ispeċijiet ta' ungulati tal-kaċċa**. L-ilpup u l-kaċċaturi bnedmin kultant jistgħu jsegwu l-istess annimal tal-kaċċa, jiġifieri ungulati selvaġġi. Meta karnivori kbar jirritornaw, il-kaċċaturi spiss jibżgħu li l-kompetizzjoni tkun se taffettwa l-attivitajiet tagħhom u dan jista' jikkawża kunflitt kbir. L-impatt tal-predazzjoni tal-ilpup kemm fuq in-numri kif ukoll fuq l-imġiba tal-ungulati selvaġġi huwa pjuttost varjabbli u kumpless, skont l-ispeċi u l-kuntest lokali. B'mod ġenerali, l-ilpup ineħħu biss perċentwal żgħir ta' ungulati selvaġġi kull sena - ħafna anqas mill-kaċċaturi - u ma jidhrux li għandhom impatt negattiv fuq ix-xejriet attwali (li ġeneralment qed jiżdiedu) tal-popolazzjonijiet ta' ungulati fl-Ewropa[184] (Bassi, E. et al 2020; Gtowaciflski, Z. u Profus, P. 1997). Fi kwalunkwe każ, għall-kuntrarju tal-predazzjoni fuq il-bhejjem domestiċi, il-predazzjoni ta' karnivori selvaġġi u nattivi fuq l-ungulati selvaġġi ma tistax tiġi evitata jew titnaqqas, peress li hija parti mill-proċessi naturali li l-politika dwar il-bijodiversità għandha l-għan li tirrestawra u tippreserva. Dan jirrappreżenta sfida kbira għall-kaċċaturi Ewropej peress li r-ritorn ta' karnivori kbar għandu jiġi kkunsidrat meta tiġi ppjanata l-kaċċa u jiġu stabbiliti kwoti għall-ungulati selvaġġi. Fl-aħħar nett, il-kontribuzzjoni tal-ilpup għar-regolazzjoni tad-densitajiet tal-ungulati (Ripple, W.J. u Beschta, R.L., 2012) jeħtieġ li tiġi rrikonoxxuta, filwaqt li jitqiesu l-benefiċċji assoċjati, inkluż f'termini ta' ħsarat imnaqqsin għall-forestrija u għelejjel agrikoli[185].

- **Kunflitti dwar il-valuri (viżjonijiet li jikkompetu tal-pajsaġġi Ewropej)**. Il-kunflitti assoċjati mal-ilpup mhux dejjem ikunu dwar l-impatt ekonomiku dirett fuq xi partijiet ikkonċernati rurali. L-ilpup huma simboliċi ħafna għal diversi kwistjonijiet usa', u l-kunflitti spiss jirriflettu diviżjonijiet soċjali aktar profondi (eż. bejn iż-żoni rurali u urbani, bejn valuri moderni u tradizzjonali, jew bejn klassijiet soċjali u ekonomiċi differenti) (Linnell, 2013). L-ilpup spiss iwasslu għal dibattitu fundamentali dwar id-direzzjoni futura tal-pajsaġġi Ewropej (Linnell, 2014) bejn segmenti differenti tas-soċjetà b'fehmiet u b'viżjonijiet opposti dwar kif jenħtieġ li jiġu ppreservati, jintużaw jew jiġu ġestiti l-organiżmi selvaġġi u l-pajsaġġi[186]. Dan jispjega għaliex rarament ikun hemm relazzjoni ċara bejn il-firxa tal-impatt ekonomiku dirett ta' karnivori kbar u l-livell ta' kunflitt soċjali li dan jiġġenera (Linnell u Cretois, 2018).

## 4. Miżuri sabiex tittejjeb il-koabitazzjoni tal-bnedmin u tal-ilpup

184 Ara, bħala eżempju, l-istatistika dwar il-qbid u l-qtil tal-ungulati f'dawn l-aħħar snin fi Franza.

http://www.oncfs.gouv.fr/Tableaux-de-chasse-ru599/-Grands-ongules-Tableaux-de-chasse-nationaux-news467

185 Ara wkoll Carpio et al (2020) *Wild ungulate overabundance in Europe: contexts, causes, monitoring and management recommendations*.

186 Pereżempju, il-kunflitti fost il-fehmiet tal-pajsaġġi tradizzjonali tal-produzzjoni, tal-pajsaġġi tal-wirt, tal-pajsaġġi rikreazzjonali, tal-pajsaġġi tal-konservazzjoni tan-natura jew tal-pajsaġġi multifunzjonali. Jew il-kunflitti u t-tensjonijiet relatati mal-bidla minn stili ta' ħajja tradizzjonali (u rurali) li qed jonqsu għal stili ta' ħajja moderni (u urbani).
https://ec.europa.eu/environment/nature/conservation/species/carnivores/pdf/task_4_conflict_coexistence.pdf
https://www.lcie.org/Blog/ArtMID/6987/ArticleID/65/The-symbolic-wolf-Competing-visions-of-the-European-landscapes

Mill-adozzjoni tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, il-Kummissjoni ppromwoviet l-approċċ ta' koeżistenza, li għandu l-għan li jerġa' jistabbilixxi l-istat ta' konservazzjoni favorevoli ta' popolazzjonijiet kbar ta' karnivori, filwaqt li jindirizza u jnaqqas il-kunflitti ma' attivitajiet umani leġittimi, bl-għan li jiġu kondiviżi pajsaġġi multifunzjonali. Il-programm LIFE ffinanzja aktar minn 40 proġett marbutin mal-konservazzjoni u mal-koabitazzjoni tal-ilpup, li għenu sabiex jinstabu u jiġu ttestjati prattiki tajbin sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi[187].

Ġew identifikati ħafna eżempji ta' koabitazzjoni u studji tal-każ mill-*Pjattaforma tal-UE dwar il-koeżistenza bejn in-nies u karnivori kbar* - grupp ta' organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw gruppi ta' interessi differenti li qablu dwar missjoni konġunta sabiex jippromwovu soluzzjonijiet ta' koeżistenza[188]. Dawn l-istudji tal-każ huma kklassifikati taħt ħames kategoriji: (1) l-għoti ta' pariri/is-sensibilizzazzjoni; (2) l-għoti ta' appoġġ prattiku; (3) il-fehim tal-perspettivi; (4) il-finanzjament innovattiv; u (5) il-monitoraġġ[189] (il-Pjattaforma LC tal-UE, 2019).

Studju tal-2018 mitlub mill-Parlament Ewropew[190] ippreżenta rakkomandazzjonijiet u eżempji ta' miżuri prattiċi ta' koeżistenza f'diversi Stati Membri għall-ilpup u għal karnivori kbar oħrajn.

Għalhekk, fil-livell Ewropew hemm bażi wiesgħa għall-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-esperjenzi siewja. L-aktar approċċi komuni għat-tnaqqis tal-kunflitt huma deskritti hawn taħt.

- ***Pagamenti ta' kumpens***

Approċċ frekwenti għat-tnaqqis tal-impatt ekonomiku tad-danni tal-lupu u taż-żieda fit-tolleranza għall-ispeċijiet imħarsin, huma pagamenti ta' kumpens, li jintużaw f'ħafna pajjiżi tal-UE. Il-pagamenti ta' kumpens spiss jistgħu jkunu miżura xierqa, iżda jenħtieġ li r-regoli tal-eliġibbiltà jiġu ddefiniti b'mod ċar u jenħtieġ li jiġu kkunsidrati diversi fatturi. Dan jinkludi l-verifika ta' jekk it-telf tal-bhejjem ikunx fil-fatt dovut għall-predazzjoni mill-ilpup, u l-iżgurar li l-kumpens ikun ġust u jitħallas lir-riċevitur eliġibbli fil-pront.

F'ħafna pajjiżi, il-bdiewa jilmentaw li huwa kkomplikat u għali li jirċievu kumpens, jew li l-pagamenti jkunu tardivi jew insuffiċjenti. Il-pagamenti ta' kumpens normalment jiġu ffinanzjati minn gvernijiet nazzjonali jew reġjonali f'konformità mar-regoli rilevanti tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat[191] (li jippermettu kumpens ta' 100 % għall-kostijiet kemm diretti kif ukoll indiretti). Il-pagamenti ta' kumpens għad-danni waħedhom mhux dejjem ikunu biżżejjed sabiex jindirizzaw il-problemi ta' koeżistenza, peress li ma jnaqqsux id-depredazzjonijiet jew kunflitti oħrajn. Barra minn hekk, il-pagamenti ta' kumpens spiss ma jkunux sostenibbli fit-tul sakemm ma jkunux ikkombinati kif xieraq ma' miżuri oħrajn.

- ***Miżuri ta' prevenzjoni u assistenza teknika***

Il-miżuri ta' prevenzjoni huma komponent fundamentali ta' sistema komprensiva ta' koeżistenza. L-esperjenza miksuba (eż. mill-proġetti LIFE u mill-programmi ta' żvilupp rurali) turi l-importanza u l-effettività ta' diversi miżuri ta' ħarsien tal-bhejjem, bħal tipi differenti ta' xatbiet, it-tħaris minn ragħaj, klieb tal-għassa mal-bhejjem, il-ġbir bil-lejl tal-bhejjem, u apparati ta' deterrent viżwali jew akustiċi (Fernández-Gil, et al 2018, ara wkoll Carnivore Damage Prevention News (CDP news, 2018)). B'mod partikolari, il-preżenza ta' rgħajja tista' tagħmel il-miżuri ta' ħarsien tal-bhejjem konsiderevolment aktar effettivi u minnha nnifisha hija deterrent kontra l-predazzjoni. Rapport żviluppat mill-pjattaforma tal-UE għall-karnivori kbira juri esperjenzi ta' suċċess u prattiki tajbin

187 https://ec.europa.eu/environment/nature/conservation/species/carnivores/promoting_best_practices.htm
188 https://ec.europa.eu/environment/nature/conservation/species/carnivores/coexistence_platform.htm
189 https://ec.europa.eu/environment/nature/conservation/species/carnivores/case_studies.htm
190 https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2018/596844/IPOL_STU(2018)596844_EN.pdf
191https://ec.europa.eu/environment/nature/conservation/species/carnivores/pdf/Briefing%20note%20state%20aid_EU%20Platform.pdf

(Hovardas et al, 2017). Il-miżuri ta' prevenzjoni jeħtieġ li jkunu mfasslin apposta u aġġustati skont il-karatteristiċi reġjonali speċifiċi (inkluż it-tip ta' bhejjem, id-daqs tal-merħla, it-topografija, eċċ.).

L-effettività ta' dawn il-miżuri tiddependi ħafna fuq l-implimentazzjoni xierqa tagħhom mill-operaturi rilevanti u fuq id-disponibbiltà ta' riżorsi u ta' pariri tekniċi suffiċjenti sabiex jappoġġaw l-użu tagħhom fil-prattika (eż. van Eeden et al. 2018). L-ebda miżura waħda ma tista' tkun ta' suċċess 100 %, iżda soluzzjonijiet tekniċi adegwati (spiss użati flimkien) jistgħu jnaqqsu b'mod sinifikanti t-telf tal-bhejjem għall-predaturi. L-awtoritajiet rilevanti u l-partijiet ikkonċernati jeħtieġ li jfasslu bir-reqqa l-miżuri ta' prevenzjoni sabiex ikunu adattati għal sitwazzjonijiet differenti. Iridu jimplimentawhom ukoll kif suppost (inkluża l-manutenzjoni), jimmonitorjaw l-effettività tagħhom u jagħmlu kwalunkwe aġġustament neċessarju. It-taħriġ, l-informazzjoni, is-segwitu u l-assistenza teknika għall-operaturi kkonċernati huma kruċjali u jenħtieġ li jiġu allokati appoġġ pubbliku adegwat, inkluż sabiex jinżammu s-sistemi ta' prevenzjoni u jiġi mmaniġġat l-ammont ta' xogħol addizzjonali.

- ***Informazzjoni, pariri, sensibilizzazzjoni***

L-għoti ta' informazzjoni fattwali dwar l-ilpup u dwar kif għandhom jiġu mminimizzati l-impatti jista' jkun miżura utli ta' mitigazzjoni tal-kunflitti (il-Pjattaforma LC tal-UE, 2019). Pereżempju, il-bullettin tal-Carnivore Damage Prevention News[192], li ġie appoġġat permezz ta' proġetti LIFE differenti, jgħin fit-tixrid ta' informazzjoni dwar il-ħarsien tal-bhejjem fl-UE u internazzjonalment. Is-sit web Taljan "Ħares il-bhejjem tiegħek" (Proteggi il tuo bestiame, 2019) jipprovdi pariri dettaljati dwar miżuri għall-ħarsien tal-bhejjem kif ukoll l-iskemi ta' finanzjament differenti disponibbli fir-reġjuni Taljani. Is-sit web tal-Ministeru Spanjol għat-Tranżizzjoni Ekoloġika jipprovdi katalogu ta' miżuri preventivi tajbin li jistgħu jevitaw jew jimminimizzaw l-interazzjonijiet bejn l-ispeċijiet imħarsin u l-azjendi agrikoli u tal-bhejjem[193].

Eżempju ieħor ta' dan l-approċċ, immirat speċifikament lejn il-komunità tal-kaċċa, huwa pprovdut mill-proġett LIFE Wolfalps, li l-attivitajiet tagħhom jinkludu l-kondiviżjoni ta' *data* u ta' informazzjoni dwar id-dinamika tal-popolazzjoni tal-ispeċijiet ta' ungulati selvaġġi fl-Alpi u dwar l-effetti tar-ritorn tal-lupu fuq il-priżi tiegħu u dwar l-attivitajiet tal-kaċċa[194]. Approċċ usa' huwa pprovdut mill-Uffiċċju ta' Kuntatt "Lpup fis-Sassonja" (Kontaktbüro Wölfe in Sachsen, 2019) u miċ-Ċentru ta' Kompetenza dwar l-Ilpup fis-Sassonja-Anhalt, fejn diversi membri tal-persunal ikunu disponibbli fuq il-post sabiex jipprovdu materjali edukattivi, jorganizzaw ħarġiet u jindirizzaw il-mistoqsijiet u t-tħassib tan-nies.

- ***Monitoraġġ***

Il-monitoraġġ ta' popolazzjonijiet ta' karnivori kbar huwa kruċjali sabiex tiġi pprovduta informazzjoni preċiża, tkun mifhuma d-dinamika tal-popolazzjoni meħtieġa sabiex tiġi ggarantita s-sopravivenza tagħhom, sabiex jiġu adattati l-prattiki ta' ġestjoni għal sitwazzjonijiet li jinbidlu u sabiex jiġu ssodisfati l-obbligi skont id-Direttiva dwar il-Ħabitats. Huwa wkoll eżerċizzju impenjattiv ħafna peress li jitwettaq fuq żona ġeografika kbira, li spiss taqsam il-fruntieri internazzjonali, u minħabba d-densitajiet baxxi u l-imġiba elużiva ta' karnivori kbar (LCIE Policy Support Statement mehmuża ma' Linnell et al. 2008). Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet kollha dwar il-ġestjoni (inklużi dawk dwar id-derogi) ikunu bbażati fuq *data* solida dwar il-popolazzjoni kkonċernata tal-lupu. Jenħtieġ li l-monitoraġġ ikopri wkoll l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' prevenzjoni kollha (l-adozzjoni, ir-riżultati, l-effiċjenza tagħhom), u l-identifikazzjoni tal-predatur tal-bhejjem sabiex issir

192 http://www.protectiondestroupeaux.ch/en/cdpnews/

193 https://www.miteco.gob.es/es/biodiversidad/temas/conservacion-de-especies/especies-silvestres/ce-silvestres-interacciones.aspx

194http://ex.lifewolfalps.eu/wp-content/uploads/2014/05/LWA_brochure-E3_168x240_5mm-abbondanzaBassa.pdf

distinzjoni bejn l-ilpup u l-klieb (f. e. Echegaray u Vilà, 2010; Sundqvist et al., 2008) u sabiex jiġi vvalutat jekk ikunux meħtieġa aġġustamenti jew titjib fis-sistema.

Peress li kunflitt komuni ħafna madwar l-Ewropa huwa n-nuqqas ta' qbil dwar id-daqs u l-istatus tal-popolazzjonijiet karnivori, l-involviment tal-partijiet ikkonċernati – inklużi l-kaċċaturi – fil-monitoraġġ jista' jkollu benefiċċji mhux biss f'termini ta' żieda fl-għadd ta' persuni li jiġbru d-*data* iżda wkoll f'termini ta' titjib fir-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u ta' tnaqqis tal-kunflitti.

Hija neċessarja *data* ta' monitoraġġ solida għat-teħid ta' deċiżjonijiet xierqa dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-ilpup. Għalhekk, l-investiment f'sistema ta' monitoraġġ adegwata li tista' tipprovdi għarfien preċiż u aġġornat dwar il-popolazzjoni tal-ilpup fiż-żona kkonċernata huwa ta' importanza kbira. Is-sistema ta' monitoraġġ Franċiża tista' titqies bħala eżempju tajjeb[195].

***Eżempji ta' involviment tal-partijiet ikkonċernati fil-monitoraġġ:***

Azzjoni pilota appoġġata mill-Kummissjoni fis-Slovakkja involviet firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati (l-ambjentalisti, il-forestiera, il-persunal taż-żona mħarsa u l-kaċċaturi) f'ċensiment tal-ilpup ibbażat fuq ix-xjenza. Huma kienu responsabbli għall-ġbir ta' kampjuni ta' rawt u tal-awrina tal-ilpup minn żona ta' studju. L-involviment tagħhom, flimkien mal-użu ta' analiżi ta' teknoloġija avvanzata, wassal għal ftehim akbar dwar id-daqs tal-popolazzjoni lokali tal-lupu (Rigg et al, 2014).

Eżempju ieħor huwa n-Network ta' Osservaturi ta' Karnivori Kbar fil-Finlandja - grupp ta' madwar 2 100 voluntier attiv nominati minn Assoċjazzjonijiet lokali tal-Ġestjoni tal-Annimali tal-Kaċċa. Dan in-network ta' osservaturi mħarrġin, prinċipalment kaċċaturi lokali, huwa responsabbli għall-verifika tal-osservazzjonijiet ta' traċċi ta' karnivori kbar u ta' sinjali oħrajn, irrapportati mill-pubbliku. Dawn il-voluntiera jirreġistraw id-*data* ta' osservazzjoni f'bażi ta' *data* nazzjonali "TASSU" ("sieq ta' annimal" bil-Finlandiż), li tinżamm minn Luke (Natural Resources Institute Finland). Din il-bażi ta' *data* tintuża pereżempju sabiex jiġu ġġenerati stimi tal-popolazzjoni fil-livell nazzjonali u reġjonali għal karnivori kbar u tintuża mill-uffiċjali ta' ġestjoni tal-annimali tal-kaċċa u mill-gwardjani tal-annimali tal-kaċċa. In-network, il-bażi ta' *data* u l-governanza tagħhom qed jiżviluppaw u jaġġustaw b'mod kostanti sabiex jgħinu fil-bini ta' fiduċja u ta' kooperazzjoni reċiproċi bejn istituzzjonijiet differenti u gruppi ta' partijiet ikkonċernati fil-kondiviżjoni, fl-użu u fl-aċċess tad-*data* dwar speċijiet sensittivi bħal dawn. Pereżempju, il-proġett LIFE BOREALWOLF imwettaq bejn l-2019 u l-2025 għandu l-għan li jsaħħaħ in-Network ta' Osservaturi ta' Karnivori Kbar billi jipprovdi edukazzjoni ulterjuri lill-voluntiera attwali tiegħu u billi jimpjega oħrajn ġodda li mhumiex kaċċaturi.

Bl-istess mod, l-Iżvezja u n-Norveġja stabbilixxew Skandobs - is-sistema ta' traċċar tal-Iskandinavja għal karnivori kbar għal-linċi, għall-wolverines, għall-orsijiet kannella u għall-ilpup. Kulħadd jista' jirreġistra l-osservazzjonijiet tiegħu ta' traċċi, ta' sinjali jew ta' lmiħ ta' karnivori kbar fl-Iskandinavja f'din il-bażi ta' *data*. Rapportar akbar ta' osservazzjonijiet jgħin sabiex jiżdied l-għarfien dwar l-okkorrenza u d-distribuzzjoni ta' dawn l-ispeċijiet. L-osservazzjonijiet irreġistrati fil-bażi ta' *data* huma disponibbli għall-utenti kollha tas-sistema. L-osservazzjonijiet jistgħu jinqasmu wkoll bl-użu ta' Skandobs App (l-utenti jistgħu jniżżlu Skandobs-Touch mill-App Store jew minn Google play sabiex jirrapportaw predaturi jew traċċi waqt li jkunu fuq il-post). Il-bażi ta' *data* tiġi aġġornata kull 15-il minuta. Hija ġestita minn Rovdata, parti indipendenti min-Norwegian Institute for Nature Research (NINA).

- ***<u>Djalogu mal-partijiet ikkonċernati u l-involviment tagħhom</u>***

B'rikonoxximent tan-natura kulturali u soċjali tal-kunflitt fuq l-ilpup, il-proċessi parteċipattivi jitqiesu li għandhom potenzjal sinifikanti ta' mitigazzjoni tal-kunflitti, b'mod partikolari billi jżidu l-fiduċja bejn il-partijiet ikkonċernati (Young et al. 2016). Il-*Pjattaforma tal-UE dwar il-koeżistenza bejn in-nies u l-karnivori kbar* hija eżempju ta' approċċ bħal dan (ara l-Istudju tal-Każ 9 fl-Anness IV tal-linji gwida). Tali approċċi jintużaw ukoll fil-livell reġjonali u nazzjonali. Ħafna Stati Membri stabbilew pjattaformi

195 https://www.loupfrance.fr/suivi-du-loup/situation-du-loup-en-france/

nazzjonali. Permezz ta' proġett pilota, l-istituzzjonijiet tal-UE qed jappoġġaw ukoll l-istabbiliment ta' pjattaformi reġjonali fl-Italja, fir-Rumanija, fi Spanja, fi Franza, fil-Ġermanja u fl-Iżvezja (il-Pjattaformi LC Reġjonali, 2019). Il-proġett LIFE EUROLARGECARNIVORES (2019), jappoġġa wkoll il-kollaborazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn hotspots ewlenin tal-karnivori fl-Ewropa.

Eżempju pożittiv ieħor ta' involviment tal-partijiet ikkonċernati huwa l-Grupo Campo Grande (GCG). Dan huwa grupp ta' riflessjoni Spanjol b'membri mill-pajjiż kollu u magħmul minn persuni minn sfondi u minn organizzazzjonijiet differenti involuti fil-kunflitt bejn it-trobbija estensiva u l-lupu tal-Iberja. Il-grupp inħoloq mill-Fundación Entretantos fl-2016, bħala parti minn inizjattiva ta' medjazzjoni soċjali ffokata fuq l-indirizzar tal-kunflitt rigward il-koeżistenza tal-ilpup tal-Iberja u t-trobbija estensiva. Il-parteċipanti ffirmaw dikjarazzjoni konġunta u qed jaħdmu flimkien sabiex iħeġġu lil oħrajn isegwu l-approċċ tagħhom (GCG, 2018).

- ***Kontroll letali/qtil tal-ilpup***

Storikament, il-kontroll letali/il-qtil tal-ilpup intuża ħafna sabiex jiġu eliminati l-ilpup u kwalunkwe impatt u kunflitt assoċjati li joħolqu. Dawn il-prattiki kkawżaw il-qerda tal-ilpup mill-biċċa l-kbira tal-firxa Ewropea oriġinali tagħhom. Illum il-ġurnata, ċerti metodi u livelli ta' kontroll letali għadhom jintużaw minn diversi pajjiżi Ewropej li jsostnu li l-intenzjoni tagħhom hija li jipprevjenu jew inaqqsu t-telf tal-bhejjem u li jtejbu t-tolleranza tal-bniedem għal-lupu, inklużi xi Stati Membri fejn l-ispeċi hija elenkata fl-Anness IV tad-Direttiva (reġim ta' ħarsien strett).

Madankollu, skont il-politika attwali u l-leġiżlazzjoni relatata, il-kunflitti assoċjati mal-konservazzjoni tal-ilpup u ta' karnivori kbar imħarsin oħrajn fil-pajsaġġi multifunzjonali tal-Ewropa ma jistgħux jiġu indirizzati biss jew prinċipalment permezz tal-qtil/tal-kontroll letali. L-użu ta' derogi għall-awtorizzazzjoni ta' kontroll letali huwa għodda possibbli u leġittima u l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw li jużawha sabiex tikkomplementa l-miżuri l-oħrajn ta' ġestjoni tal-kunflitti msemmijin hawn fuq, filwaqt li jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet kollha elenkati fl-Artikolu 16(1) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats (ara l-paragrafu 5).

Jidher li ma hemm l-ebda evidenza soda dwar l-effettività tal-użu ta' kontroll letali sabiex titnaqqas il-predazzjoni fuq il-bhejjem. Skont ċerti studji, il-kontroll letali/il-qtil jidher li huwa anqas effettiv mill-miżuri ta' ħarsien tal-bhejjem (van Eeden et al, 2018, Santiago-Avila et al, 2018) u jista' fil-fatt iwassal għal żieda fil-predazzjoni u fil-kunflitti tal-bhejjem (Wielgus u Peebles, 2014; Fernández-Gil et al., 2016), possibbilment minħabba t-tfixkil tal-istrutturi tal-gruppi ta' lpup ikkawżat mill-qtil.

Barra minn hekk, l-użu tal-kontroll letali/tal-qtil ta' speċi mħarsa, għall-kuntrarju tal-miżuri mhux letali msemmijin qabel, huwa għodda kontroversjali fost il-professjonisti tal-konservazzjoni (Lute et al 2018) u qed isib oppożizzjoni dejjem akbar minn partijiet kbar tas-soċjetà[196]. Minħabba dan, kif ukoll minħabba evidenza empirika, mhuwiex ċar jekk il-lupu jwassalx għal żieda jew għal tnaqqis fil-kunflitt soċjali.

Bħala konklużjoni, il-miżuri mhux letali, inklużi l-miżuri ta' ġestjoni u ta' ħarsien tal-bhejjem jidhru aktar effettivi, aktar sostenibbli, anqas probabbli li jiġu kkontestati legalment u aktar aċċettabbli (mill-biċċa l-kbira tan-nies) għat-tnaqqis tar-riskji ta' predazzjoni fuq il-bhejjem u ta' kunflitti.

Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jqisu dawn l-elementi kollha meta jiddeċiedu dwar u jimplimentaw il-miżuri ta' ġestjoni tagħhom.

196 Stħarriġiet tal-opinjoni mwettqin minn Savanta ComRes fl-2020 f'sitt Stati Membri juru li l-biċċa l-kbira tan-nies huma kontra l-qtil tal-ilpup anki meta jiġu attakkati l-annimali tar-razzett. https://www.eurogroupforanimals.org/news/new-poll-shows-eu-citizens-stand-wolves

**Pjanijiet komprensivi ta' konservazzjoni/ġestjoni tal-ilpup**

L-aħjar approċċ għall-Istati Membri jkun li jikkombinaw diversi mill-miżuri msemmijin hawn fuq sabiex jappoġġaw il-livell xieraq ta' koeżistenza, u jfassluhom għas-sitwazzjoni lokali. Jenħtieġ li l-pjanijiet komprensivi u konsistenti tagħhom għall-konservazzjoni u għall-ġestjoni tal-ilpup jagħmlu użu wkoll mill-għodod u mis-sorsi ta' finanzjament kollha disponibbli. Dawn il-pjanijiet (idealment pjanijiet transfruntiera għal dawk l-Istati Membri ġirien li jikkondividu l-istess popolazzjoni ta' lpup (Linnell et al., 2008)) ikunu jindirizzaw it-theddidiet, il-kunflitti, l-opportunitajiet u l-ħtiġijiet rilevanti kollha relatati mal-lupu fl-Istat Membru kkonċernat. Dan ikun l-aħjar mod sabiex jinkiseb u jinżamm stat ta' konservazzjoni favorevoli għal-lupu fil-firxa naturali tiegħu, filwaqt li tiġi pprovduta l-flessibbiltà tal-ġestjoni neċessarja, fil-limiti stabbiliti mid-Direttiva, u tinżamm jew tittejjeb l-aċċettazzjoni pubblika tal-lupu (il-"kapaċità ta' portata tas-soċjetà").

## 5. Finanzjament għall-miżuri ta' koeżistenza

Appoġġ bħala għajnuna għar-riżoluzzjoni tal-kunflitti assoċjati mal-konservazzjoni tal-lupu jista' jingħata mill-fondi tal-UE, b'mod partikolari mill-programm LIFE u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u minn fondi nazzjonali (għajnuniet mill-Istat).

- **Il-programm LIFE**, abbażi ta' sejħiet kompetittivi annwali għall-proposti, jista' jiffinanzja attivitajiet ta' dimostrazzjoni u l-ittestjar ta' soluzzjonijiet innovattivi għal: miżuri għall-ħarsien tal-bhejjem; valutazzjoni tar-riskju ta' predazzjoni; l-istabbiliment ta' skemi ta' kumpens għad-danni; u t-taħriġ ta' rangers u ta' veterinarji lokali dwar metodoloġiji għall-valutazzjoni tad-dannu għall-bhejjem. LIFE jista' jiffinanzja wkoll attivitajiet immirati ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni mmirati lejn is-soluzzjoni ta' kunflitti bejn il-lupu u l-bniedem. Kun af li LIFE ma jiffinanzjax ġestjoni rikorrenti.

- **Il-FAEŻR** jista' jipprovdi appoġġ għal miżuri preventivi, bħall-akkwist ta' xatbiet protettivi jew klieb tal-għassa (li, bħala investimenti mhux produttivi, jistgħu jiġu ffinanzjati sa 100 %). Il-kostijiet lavorattivi addizzjonali għall-bdiewa sabiex jivverifikaw u jżommu jew iċaqilqu x-xatba protettiva, u l-kostijiet tal-għalf u tal-veterinarji għall-klieb tal-għassa jistgħu jiġu koperti minn pagamenti agroambjentali klimatiċi. Il-FAEŻR jintuża f'diversi Stati Membri (eż. il-Greċja, il-Bulgarija, is-Slovenja, l-Italja u Franza) sabiex jiffinanzja miżuri ta' ħarsien tal-bhejjem, bħall-kostijiet addizzjonali għar-rgħajja, għall-bini ta' xatbiet u għall-klieb tal-għassa. Il-*Pjattaforma tal-UE dwar il-koeżistenza bejn in-nies u karnivori kbar* (ara hawn taħt) ħejjiet ħarsa ġenerali lejn fejn bħalissa qed jintużaw il-programmi tal-iżvilupp rurali (PŻR) u fejn dawn jistgħu jintużaw fil-futur (Marsden et al 2016)[197]. Il-politika agrikola komuni futura tista' tappoġġa wkoll miżuri preventivi u sistemi ta' rgħajja permezz tal-iskemi ekoloġiċi l-ġodda[198].

- **L-istrument tal-FEŻR Interreg** jista' jappoġġa proġetti li għandhom l-għan li jtejbu l-kooperazzjoni transfruntiera dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' karnivori kbar, pereżempju fir-rigward tal-konnettività tal-ħabitat, tat-trasferiment tal-għarfien, tal-prevenzjoni tal-ħsara għall-bhejjem u ta' miżuri oħrajn ta' koeżistenza[199].

---

197https://ec.europa.eu/environment/nature/conservation/species/carnivores/case_studies_sub_rural_development_programmes.htm

198 https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/food-farming-fisheries/key_policies/documents/factsheet-agri-practices-under-ecoscheme_en.pdf

199 Ara pereżempju l-proġett "Carnivora Dinarica" bejn is-Slovenja u l-Kroazja: https://www.carnivoradinarica.eu/en/. Aktar informazzjoni dwar il-proġetti ta' Interreg dwar il-bijodiversità: https://ec.europa.eu/environment/nature/natura2000/financing/docs/Interreg%20Natura2000.pdf

- **Il-finanzjament nazzjonali (għajnuna mill-Istat)** jista' jipprovdi appoġġ, sa rata ta' 100 %, għal miżuri preventivi; għar-restawr tal-potenzjal agrikolu meqrud, bħas-sostituzzjoni ta' bhejjem maqtulin mill-ilpup; għal kumpens tad-danni kkawżati mill-ilpup, bħal annimali maqtulin u ħsara materjali fl-assi tal-farm jew kostijiet veterinarji u kostijiet relatati mat-tfittxija għal annimali neqsin[200].

Huwa meħtieġ approċċ komprensiv għall-finanzjament u għall-appoġġ ta' miżuri sabiex jitnaqqsu l-kunflitti relatati mal-ilpup fi Stat Membru, (u idealment bejn il-fruntieri tal-Istati Membri li jikkondividu l-istess popolazzjoni ta' lpup).

Jenħtieġ li l-Istati Membri jirriflettu l-kwistjonijiet ewlenin ta' konservazzjoni u ta' kunflitt mal-ilpup fl-oqfsa ta' azzjoni ta' prijorità tagħhom (PAFs), jidentifikaw il-prijoritajiet u l-ħtiġijiet finanzjarji assoċjati u jistabbilixxu kif qed jippjanaw li jilħquhom. Il-format aġġornat tal-PAF[201] jinkludi taqsima (E.3.2.) speċifikament dwar miżuri ta' prijorità u l-kostijiet assoċjati tagħhom, għall-prevenzjoni, għall-mitigazzjoni jew għall-kumpens tad-danni kkawżati minn speċijiet imħarsin skont id-Direttivi tal-UE dwar l-Għasafar u l-Ħabitats.

Barra minn hekk, intużaw diversi modi aktar innovattivi għall-finanzjament u għall-appoġġ tal-koeżistenza madwar l-Ewropa.

***Eżempji ta' finanzjament innovattiv***

Eżempju oriġinali u ta' suċċess ta' finanzjament innovattiv għall-koeżistenza huwa l-inizjattiva Żvediża "pagamenti għall-prestazzjoni tal-konservazzjoni" għall-wolverine. Dan jinvolvi pagamenti li huma marbutin mar-riproduzzjoni b'suċċess tal-wolverine minflok kumpens għat-telf tar-renni. Il-pagamenti huma bbażati fuq i-numru ta' riproduzzjonijiet iddokumentati tal-wolverine fid-distrett rispettiv, irrispettivament mil-livelli ta' predazzjoni. Ħames snin wara li twaqqaf il-programm ġie osservat tkabbir fil-popolazzjoni ta' wolverines. In-numru ta' riproduzzjonijiet irreġistrati żdied minn 57 fl-2002 għal 125 fl-2012, bil-popolazzjoni li espandiet f'żoni li qabel ma kinux okkupati (Persson, 2015).

Sistema ta' finanzjament innovattiva oħra ta' suċċess hija l-iskema tal-Ajkla Rjali li tippremja lill-komunità tar-rgħajja tas-Sami Reindeer fil-Lapland tal-Finlandja għall-istabbiliment b'suċċess tal-bejtiet u tat-territorji tal-Ajkla Rjali (il-Kummissjoni Ewropea, 2017). Minn meta l-gvern Finlandiż introduċa l-iskema fl-1998, l-attitudnijiet tar-rgħajja rigward l-Ajkla Rjali huma rrapportati li nbidlu b'mod drammatiku bl-ispeċijiet li issa qed jitqiesu bħala riżorsa aktar milli bħala pest.

L-opportunitajiet ta' introjtu u ta' impjieg iġġenerati mill-ekoturiżmu bbażat fuq in-natura jistgħu jgħinu wkoll sabiex itejbu l-aċċettazzjoni tal-ilpup u tal-koeżistenza tagħhom mal-komunitajiet rurali kkonċernati. Fi Spanja, ir-reġjun tal-Majjistral ta' Zamora (jiġifieri "Sierra de la Culebra") sar żona importanti għat-turiżmu ta' osservazzjoni tal-ilpup, li huwa assi ekonomiku sinifikanti, li jattira eluf ta' viżitaturi kull sena. Għal inizjattivi tat-turiżmu bħal dawn, trid tingħata attenzjoni sabiex ma tiġix imfixkla l-konservazzjoni tal-ilpup (eż. billi jiġu evitati t-tfixkil u siti ta' tibjit). Jenħtieġ li jitqies ukoll l-impatt fuq gruppi oħrajn ta' partijiet ikkonċernati (eż. li ma jiġux attirati karnivori kbar lejn żoni b'bhejjem jew il-kontribuzzjoni għal sitwazzjoni li fiha karnivori kbar jassoċjaw lill-bnedmin mal-ikel).

Ġie żviluppat tip differenti ta' opportunità fl-Italja, fil-Piemonte (skont il-proġett LIFE WOLFALPS). Inħolqot tikketta lokali ("Terre di lupi"="Art il-Lupu") u ġew introdotti diversi inizjattivi sabiex jippromwovu l-ġobon u prodotti oħrajn prodotti mill-bdiewa li huma mħassbin mill-preżenza tal-ilpup u jimplimentaw miżuri ta' prevenzjoni sabiex jiżguraw il-koeżistenza.

Ir-rebbieħ tal-premju Natura 2000 tal-2020 fil-kategorija "benefiċċji soċjoekonomiċi" kien il-

---

200https://ec.europa.eu/environment/nature/conservation/species/carnivores/pdf/Briefing%20note%20state%20aid_EU%20Platform.pdf

201 https://ec.europa.eu/environment/nature/natura2000/financing/docs/PAF%20format%20EN.docx

proġett "Pro-Biodiversidad: shepherds as biodiversity conservators in Natura 2000". Huwa wera kif il-bdiewa u l-konservazzjonisti jistgħu jaħdmu flimkien sabiex il-konservazzjoni tan-natura tipproduċi riżorsi u benefiċċji, u mhux problemi, għall-komunitajiet lokali. Il-biċċa l-kbira tal-medda tal-muntanji Picos de Europa tbati ekonomikament minn abbandun rurali, minn telf ta' mergħat, minn telf ta' sorsi tal-ikel għal annimali li jfittxu karonji, u minn riskju ta' nar. Il-Fundación para la Conservación del Quebrantahuesos iddeċidiet li tindirizza din il-problema billi toħloq marka ta' ċertifikazzjoni speċjali, Pro-Biodiversidad (Pro-Bijodiversità), sabiex tappoġġa s-settur estensiv tan-nagħaġ, twaqqaf l-abbandun rurali u ttejjeb il-kundizzjonijiet għall-bijodiversità. Permezz ta' din l-iskema, jitħallas prezz ogħla għal-laħam tan-nagħaġ prodott minn bdiewa li jikkoeżistu mal-ilpup.

## 6. L-Artikolu 16: derogi għall-ħarsien strett tal-popolazzjonijiet tal-ilpup fl-Anness IV

Bħala regola ġenerali, il-popolazzjonijiet kollha tal-ilpup elenkati fl-Anness IV tad-Direttiva dwar il-Ħabitats huma mħarsin b'mod strett u l-individwi ma jistgħux jinqabdu, jinqatlu jew jitfixklu b'mod deliberat fil-firxa naturali tagħhom. Barra minn hekk, il-postijiet tat-tnissil u ta' mistrieħ ma jistgħux jiddeterjoraw jew jinqerdu. Dan il-ħarsien japplika kemm fi ħdan is-siti ta' Natura 2000 kif ukoll lil hinn minnhom.

Madankollu, f'ċerti ċirkostanzi eċċezzjonali, jista' jkun iġġustifikat li jkun permess il-qbid jew il-qtil ta' xi lpup individwali. Pereżempju, sabiex tiġi evitata predazzjoni sinifikanti tal-bhejjem, jew sabiex l-ilpup jitwaħħlilhom radjukullar għal skopijiet ta' riċerka, ta' monitoraġġ u ta' ġestjoni jew sabiex jitneħħew individwi kkundizzjonati bl-ikel jew awdaċi u potenzjalment perikolużi.

L-Artikolu 16 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats jipprevedi l-flessibbiltà neċessarja sabiex jiġu indirizzati s-sitwazzjonijiet ta' hawn fuq billi jippermetti lill-Istati Membri jadottaw derogi għad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' ħarsien strett u jwettqu l-attivitajiet imsemmijin hawn fuq (jenħtieġ li l-paragrafi li ġejjin jinqraw flimkien mal-parti III tad-dokument).

### Prekundizzjonijiet għall-għoti ta' deroga

L-Artikolu 16 jistabbilixxi tliet prekundizzjonijiet, li lkoll iridu jiġu ssodisfati qabel ma tingħata deroga. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jeħtieġ li juru:

- l-okkorrenza ta' raġuni waħda (jew aktar) minn dawk elenkati fl-Artikolu 16(1)(a)-(e) sostnuta minn evidenza suffiċjenti;
- in-nuqqas ta' alternattiva sodisfaċenti (jiġifieri jekk il-problema tistax tiġi solvuta b'mod li ma jinvolvix deroga, jiġifieri bl-użu ta' għodod mhux letali);
- in-nuqqas ta' effetti detrimentali tad-deroga fuq iż-żamma tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet ikkonċernati fi stat ta' konservazzjoni favorevoli fil-firxa naturali tagħhom.

L-applikazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti hija murija hawn għall-każ tal-lupu. Huwa importanti li jitfakkar li huwa f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti li jimplimentaw dawn id-dispożizzjonijiet billi jiġġustifikaw u juru kif xieraq li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha skont l-Artikolu 16(1). Bl-istess mod, huwa primarjament f'idejn l-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali li jivverifikaw u jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti f'kuntest partikolari u f'każijiet speċifiċi.

***1) <u>Dimostrazzjoni ta' raġuni waħda jew aktar fost dawk elenkati fl-Artikolu 16(1)(a)-(e)</u>***

Dawn ir-raġunijiet elenkati fl-Artikolu 16(1) huma:

(a) "fl-interess li jħarsu l-fawna u l-flora selvaġġa u li jikkonservaw l-ħabitat naturali".

(b) "biex jipprevjenu l-ħsara serja, b'mod partikolari lill-uċuħ tar-raba', lill-bhejjem, lill-foresti, lis-sajd u lill-ilma u lil tipi oħra ta' proprjetà".

(c) fl-interessi tas-saħħa u s-sigurtà pubblika, jew għal raġunijiet obbligatorji oħra li huma konnessi mal-interess pubbliku, inklużi dawk tat-tip soċjali jew ekonomiku u l-konsegwenzi ta' benefiċċju tal-akbar importanza għall-ambjent".

(d) "għall-iskop tar-riċerka u l-edukazzjoni, biex tiġġedded il-popolazzjoni u biex jiġu introdotti mill-ġdid dawn l-ispeċijiet u għall-ħidmiet ta' tgħammir meħtieġa għal dawn l-iskopijiet, inkluża l-propagazzjoni artifiċjali tal-pjanti".

(e) "biex ikun jista' jsir, taħt kondizzjonijiet ta' sorveljanza stretta, fuq bażi selettiva u għal ammont limitat, it-teħid jew iż-żamma ta' ċerti kampjuni tal-ispeċi elenkati fl-Anness IV f'għadd limitat speċifikat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti".

*Eżempji ta' ġustifikazzjonijiet ta' derogi għall-ilpup:*

- **Il-ġustifikazzjoni (a)** x'aktarx li rarament tintuża. Tista' tiġi invokata f'każ fejn, pereżempju, speċi ta' priża ta' organiżmi selvaġġi fil-periklu tkun mhedda mill-predazzjoni tal-ilpup. Madankollu, irid jitfakkar li l-predazzjoni ta' speċi nattiva minn speċijiet nattivi oħrajn hija proċess naturali u parti integrali mill-funzjonament tal-ekosistema. Barra minn hekk, qabel ma titqies kwalunkwe deroga, jenħtieġ li jiġu identifikati u indirizzati b'mod effettiv it-theddidiet l-oħrajn jew il-fatturi ta' limitazzjoni għall-ispeċijiet tal-priża (eż. id-deterjorament tal-ħabitat, it-tfixkil mill-bniedem, il-kaċċa żejda, il-kompetizzjoni minn speċijiet domestiċi, eċċ.).

- **Il-ġustifikazzjoni (b)** Fil-każ tal-ilpup, id-derogi użati mill-Istati Membri spiss ikollhom l-għan li jipprevjenu danni serji lill-bhejjem. Din id-dispożizzjoni għandha l-għan li tevita danni serji, u għalhekk ma teħtieġx li d-dannu jkun seħħ. Madankollu, il-probabbiltà ta' dannu serju, lil hinn mir-riskju normali tal-operat, jeħtieġ li tintwera u jrid ikun hemm biżżejjed evidenza li tiġġustifika li kwalunkwe metodu ta' kontroll letali użat skont id-deroga jkun effettiv, proporzjonat u sostenibbli fil-prevenzjoni jew fil-limitazzjoni tad-dannu serju. Din il-ġustifikazzjoni tista' tintuża sabiex jitneħħew ilpup li x'aktarx jikkawżaw livelli għoljin ta' depredazzjoni fuq il-bhejjem minkejja l-implimentazzjoni adegwata ta' miżuri ta' prevenzjoni xierqa (bħal xatbiet elettriċi reżistenti għall-ilpup u klieb tal-għassa mal-bhejjem).

- **Il-ġustifikazzjoni (c)** dwar is-saħħa u s-sikurezza pubbliċi, jew raġunijiet imperattivi oħrajn ta' interess pubbliku prevalenti, inklużi dawk ta' natura soċjali jew ekonomika u konsegwenzi ta' benefiċċju ta' importanza primarja għall-ambjent, jistgħu pereżempju jiġġustifikaw l-użu ta' metodi aversivi sabiex wieħed jitgerrxu jew jitneħħew ilpup ikkundizzjonati bl-ikel, imdorrijin jew awdaċi li javviċinaw b'mod konsistenti lil bnedmin, jew individwi jew gruppi ta' lpup oħrajn li juru mġiba mhux mixtieqa u perikoluża.

***Eżempji ta' miżuri fl-interess tas-saħħa u tas-sikurezza pubbliċi:***

Id-Dokumentations und Beratungsstelle des Bundes zum Thema Wolf (DBBW) tal-Ġermanja approva linji gwida sabiex jgħin lill-awtoritajiet nazzjonali ta' ġestjoni jittrattaw ilpup awdaċi jew b'imġiba mhux tas-soltu (Reinhardt et al, 2018). Bħala l-ewwel pass, dawn il-linji gwida jgħinu lill-awtoritajiet jifhmu jekk lupu tassew ikunx qed iġib ruħu b'mod mhux tas-soltu. Imbagħad, jekk ikun jidher li lupu jkun attirat minn persuni jew minn klieb, huwa rrakkomandat approċċ gradwali skont is-serjetà tal-inċidenti rreġistrati, li jibda bit-tneħħija ta' dak li jattirah (eż. l-ikel) u l-kundizzjonament avversiv, u jasal sal-punt tat-tneħħija (letali jew mhux letali) tal-lupu fl-aktar każijiet serji.

L-esperti xjentifiċi mil-LCIE (Large Carnivore Initiative for Europe: grupp speċjalizzat tal-iSpecies Survival Commission tal-IUCN) ipproduċew dikjarazzjoni ta' politika dwar il-ġestjoni ta' lpup awdaċi fuq nota simili li tiddeskrivi miżuri rakkomandati għal tipi differenti ta' mġiba tal-ilpup, kif ukoll il-prijoritajiet ta' riċerka (LCIE, 2019).

| Assessment of wolf behaviour and of the risk it may pose for human safety with recommendations for action (LCIE, 2019) | | |
|---|---|---|
| **Imġiba** | **Valutazzjoni** | **Rakkomandazzjoni għal azzjoni** |
| Il-lupu jgħaddi qrib l-insedjamenti fid-dlam. | Mhuwiex perikoluż. | L-ebda ħtieġa għal azzjoni. |
| Il-lupu jimxi fi ħdan distanza viżwali tal-insedjamenti/djar sparpaljati binhar | Mhuwiex perikoluż. | L-ebda ħtieġa għal azzjoni. |
| Il-lupu ma jaħrabx minnufih meta jara vetturi jew bnedmin. Jieqaf u josserva. | Mhuwiex perikoluż. | L-ebda ħtieġa għal azzjoni. |
| Il-lupu jiġi osservat għal diversi jiem <30m minn djar abitati (avvenimenti multipli fuq perjodu ta' żmien twil). | Jesiġi attenzjoni. Problema possibbli ta' drawwa qawwija jew ta' kundizzjonament pożittiv. | Analiżi tas-sitwazzjoni. Tiftix ta' dak li qed jattirah u tneħħija tiegħu, jekk jinstab. Kunsiderazzjoni ta' kundizzjonament avversiv. |
| Il-lupu ripetutament jippermetti lin-nies javviċinawh fi ħdan 30m. | Jesiġi attenzjoni. Jindika drawwa qawwija. Problema possibbli ta' kundizzjonament pożittiv. | Analiżi tas-sitwazzjoni. Kunsiderazzjoni ta' kundizzjonament avversiv. |
| Il-lupu ripetutament javviċina n-nies waħdu f'distanza eqreb minn 30m. Jidher li huwa interessat fin-nies. | Jesiġi attenzjoni/sitwazzjoni kritika. Kundizzjonament pożittiv u drawwa qawwija tista' twassal għal imġiba dejjem aktar awdaċi. Riskju ta' korrimenti. | Kunsiderazzjoni ta' kundizzjonament avversiv. Tneħħija tal-lupu jekk kundizzjonament avversiv xieraq ma jirnexxix jew ma jkunx prattiku. |
| Lupu jattakka jew ikorri bniedem mingħajr ma jkun provokat. | Perikoluż. | Tneħħija. |

- Tista' tintuża l-**ġustifikazzjoni (d)** relatata mar-riċerka, mal-edukazzjoni, mar-ripopolazzjoni, u mal-introduzzjoni mill-ġdid, pereżempju, sabiex ikun permess il-qbid temporanju tal-ilpup bl-għan li jitwaħħlulhom radjukullari għal finijiet ta' riċerka jew ta' monitoraġġ jew għal finijiet ta' trażlokazzjoni għall-konservazzjoni.

***Eżempju ta' qbid tal-ilpup għar-riċerka u għall-monitoraġġ***

Fl-2018, permezz ta' skambju ta' ittri, il-Kummissjoni qablet mal-awtoritajiet Ġermaniżi li r-Regolament 3254/91 dwar in-nases li jżommu r-riġlejn jista' jiġi interpretat, taħt ċerti kundizzjonijiet, b'mod li jeskludi *nases b'qabda laxka* mill-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni ta'

dak ir-Regolament. Dawn in-nases b'qabda laxka jkollhom snien mgħottijin bil-lasktu (minflok snien tal-azzar) sabiex jiġi mminimizzat ir-riskju li l-annimali jweġġgħu meta jinqabdu. Jitqiesu bħala l-aħjar mezzi disponibbli sabiex l-ilpup jinqabdu ħajjin għal skopijiet ta' monitoraġġ u ta' riċerka peress li għandhom rata ta' suċċess akbar u probabbiltà aktar baxxa li jikkawżaw korriment.

Il-Kummissjoni tqis li, jekk in-nases b'qabda laxka jkunu neċessarji għar-riċerka xjentifika jew għall-monitoraġġ immirata lejn it-titjib tal-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet rilevanti, ikun imur kontra l-objettiv ta' konservazzjoni tar-Regolament 3254/91 li tali nases jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni tar-Regolament. Konsegwentement, l-użu ta' nases b'qabda laxka jista' jiġi previst għall-finijiet ta' konservazzjoni biss, dment li: (i) ma jkun hemm l-ebda alternattiva sodisfaċenti; (ii) ma jkun hemm l-ebda impatt negattiv fuq l-istat ta' konservazzjoni favorevoli tal-ispeċi; u (iii) jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha sabiex ma ssirx ħsara lill-annimal u sabiex jitnaqqas l-istress tiegħu għal minimu.

Prattikament, jenħtieġ li dawn in-nases b'qabda laxka jkunu mgħammra bi trażmettitur li jinforma lill-awtoritajiet responsabbli minnufih meta jinqabad annimal. Ladarba jiġu informati, jenħtieġ li l-awtoritajiet responsabbli jintervjenu fi ħdan 30 minuta sabiex il-perjodu ta' stress għall-annimal jitnaqqas kemm jista' jkun u tiġi evitata ħsara kkawżata fuqu nnifsu. L-annimal irid jingħata l-loppju minn veterinarju professjonali, mgħammar bi trażmettitur u mbagħad jiġi rrilaxxat minnufih fis-selvaġġ.

B'mod eċċezzjonali jistgħu jintużaw **derogi skont l-Artikolu 16.1.(e),** kif spjegat fil-Kapitolu 3.2.1 sabiex jippermettu t-teħid jew iż-żamma ta' ċerti kampjuni ta' lpup, soġġetti għal diversi kundizzjonijiet stretti addizzjonali li jridu jiġu rrispettati. Fil-Kawża C-674/17, il-QĠUE kkonfermat li l-kunċett ta' "teħid" irid jinftiehem bħala li jinkludi kemm il-qbid kif ukoll il-qtil tal-kampjuni[202].

L-objettiv ta' deroga bbażata fuq l-Artikolu 16(1)(e) ma jistax, fil-prinċipju, jiġi konfuż mal-objettiv ta' deroga bbażata fuq l-Artikolu 16(1)(a) sa (d) tad-Direttiva fis-sens li tal-ewwel tista' sservi biss bħala bażi għall-għoti ta' deroga jekk din tal-aħħar ma tkunx rilevanti[203]. Jekk l-għan tad-deroga jaqa' taħt kwalunkwe wieħed mill-inċiżi (a) sa (d) tal-Artikolu 16, id-derogi jridu jkunu bbażati fuq wieħed (jew aktar) minn dawk l-inċiżi. Jeħtieġ li jkun hemm trasparenza fid-derogi u fir-raġunijiet għall-użu tagħhom. Pereżempju, jekk l-iskop ewlieni jkun li jiġi evitat dannu serju lill-bhejjem/lill-proprjetà, allura jenħtieġ li jintuża l-inċiż (b). Jekk lupu mdorri jkun qed jaġixxi b'mod perikoluż, għandu jintuża l-inċiż (c). Għalhekk, l-inċiż (e) mhuwiex dispożizzjoni onnikomprensiva li tintuża għal kwalunkwe tip ta' qtil.

Fir-rigward ta' kwalunkwe deroga skont l-Artikolu 16, jenħtieġ li d-deċiżjonijiet nazzjonali li jawtorizzaw il-qtil fuq il-bażi ta' (e) jingħataw għal għanijiet eċċezzjonali, speċifiċi u ċari, konsistenti mal-objettivi tad-Direttiva (l-Artikolu 2) u ġġustifikati b'mod adegwat.

Fil-Kawża C-674/17, il-QĠUE aċċettat li l-ġlieda kontra l-kaċċa illegali tal-ilpup tista' fil-prinċipju tkun għan li għandu jiġi segwit minn deroga maħruġa skont l-Artikolu 16(1)(e), dment li tikkontribwixxi għaż-żamma jew għar-restawr ta' stat ta' konservazzjoni favorevoli għall-ispeċi kkonċernata fil-firxa naturali tagħha. F'dan il-każ, l-awtorità awtorizzanti nazzjonali jeħtiġilha tiġġustifika d-deroga b'evidenza xjentifika rigoruża, inkluż b'elementi komparattivi dwar il-konsegwenzi ta' tali deroga fuq l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċi. Jekk l-għan tad-deroga huwa li tiġġieled kontra l-kaċċa illegali, l-awtorità trid tqis ukoll l-aktar stimi riċenti dwar il-livell tal-kaċċa illegali u l-mortalità fuq il-bażi tad-derogi kollha mogħtijin. Għalhekk, jenħtieġ li tali derogi mogħtijin għall-ġlieda kontra l-kaċċa illegali jkunu kapaċi jnaqqsu l-mortalità minħabba l-kaċċa illegali tal-

202 Il-punt 32.

203 Ara l-punt 37 ta' C-674/17: "Konsegwentement, l-għan ta' deroga bbażata fuq l-Artikolu 16(1)(e) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, bħala prinċipju, mhuwiex bħall-objettivi tad-derogi bbażati fuq l-Artikolu 16(1)(a) sa (d) ta' dik id-Direttiva, b'tali mod li l-ewwel dispożizzjoni tista' tkun il-bażi għall-għoti ta' deroga f'każijiet fejn it-tali dispożizzjonijiet mhumiex rilevanti".

popolazzjoni kkonċernata sa tali punt li jkollhom effett pożittiv nett ġenerali fuq id-daqs tal-popolazzjoni tal-ilpup.

Barra minn hekk, id-derogi bbażati fuq l-Artikolu 16(1)(e), meta mqabblin ma' dawk imsemmijin fl-Artikolu 16(1)(a) sa (d), iridu jissodisfaw kundizzjonijiet restrittivi addizzjonali. L-użu ta' din id-deroga huwa permess taħt kundizzjonijiet strettament issorveljati, b'awtorizzazzjonijiet ċari relatati ma' postijiet, ma' ħinijiet u ma' kwantitajiet u li jeħtieġu kontrolli territorjali, temporali u personali stretti sabiex jiġi żgurat infurzar effiċjenti. Barra minn hekk, irid jitwettaq biss b'mod selettiv, sa ċertu punt limitat u jenħtieġ li jikkonċerna numri limitati ta' kampjuni.

Dwar is-selettività, id-deroga trid tikkonċerna kampjuni li jkunu ddeterminati bl-aktar mod speċifiku u xieraq possibbli, fid-dawl tal-objettiv segwit mid-deroga. Għalhekk, kif ġie enfasizzat mill-QĠUE fil-Kawża C-674/17, jista' jkun neċessarju li jiġu ddeterminati mhux biss l-ispeċijiet li huma s-suġġett tad-deroga jew it-tipi jew il-gruppi ta' kampjuni, iżda wkoll il-kampjuni identifikati individwalment[204].

Fir-rigward ta' "għadd limitat", dan l-għadd jiddependi f'kull każ fuq il-livell tal-popolazzjoni (għadd ta' individwi), fuq l-istat ta' konservazzjoni tagħha u fuq il-karatteristiċi bijoloġiċi tagħha. L-"għadd limitat" ikollu jiġi stabbilit fuq il-bażi ta' *data* xjentifika rigoruża ta' fatturi ġeografiċi, klimatiċi, ambjentali u bijoloġiċi kif ukoll dawk fuq il-bażi tar-rati ta' riproduzzjoni u tal-mortalità annwali totali minħabba kawżi naturali. L-għadd irid jissemma b'mod ċar fid-deċiżjonijiet ta' deroga.

## 2) <u>Nuqqas ta' alternattiva sodisfaċenti</u>

It-tieni prekundizzjoni hija li "ma jkunx hemm alternattiva sodisfaċenti". Dan jimplika li l-metodi preventivi u mhux letali dejjem jenħtieġ li jitqiesu bħala l-ewwel għażla (id-deroga hija l-aħħar istanza). L-alternattivi jiddependu fuq il-kuntest u fuq l-objettivi speċifiċi tad-deroga li tkun qed tiġi kkunsidrata u jenħtieġ li jqisu l-aħjar għarfien u esperjenzi disponibbli għal kull sitwazzjoni.

Pereżempju, fil-każ ta' danni għall-bhejjem, qabel ma jiġu awtorizzati derogi, huwa neċessarju li jiġu prijoritizzati alternattivi mhux letali u li jiġu implimentati b'mod korrett miżuri preventivi u raġonevoli xierqa sabiex jitnaqqsu r-riskji ta' depredazzjoni, bħas-superviżjoni mir-rgħajja, l-użu ta' klieb tal-għassa mal-bhejjem, il-ħarsien tal-bhejjem permezz ta' xatbiet jew ġestjoni alternattiva tal-bhejjem (eż. kontroll tat-twellid tal-għoġġiela/tal-ħrief). Huwa biss meta tali azzjonijiet alternattivi jkunu ġew implimentati u jkunu wrew li huma ineffettivi jew parzjalment effettivi biss, jew meta dan it-tip ta' azzjonijiet alternattivi ma jkunx jista' jiġi implimentat għall-każ speċifiku, li d-derogi jistgħu jiġu awtorizzati sabiex isolvu l-problema (residwa).

Fil-każ ta' lpup awdaċi u/jew b'imġiba mhux mis-soltu, jew ta' lpup ikkundizzjonati bl-ikel, it-tneħħija tal-kawżi speċifiċi (eż. l-ikel attraenti minħabba skart maniġġat ħażin) u l-kundizzjonament avversiv jenħtieġ li jkunu l-ewwel risponsi li għandhom jiġu kkunsidrati, sabiex jitgerrxu u jsir tentattiv sabiex titbiddel l-imġiba tagħhom, jiġu skoraġġuti milli javviċinaw lin-nies (eż. permezz ta' diversi tipi ta' deterrenti u għodod mhux letali) (Reinhardt et al, 2018). Meta tali soluzzjonijiet alternattivi jkunu ġew ikkunsidrati u juru li ma humiex sodisfaċenti, jew fattibbli fil-każ speċifiku, tista' tingħata deroga.

Dwar id-derogi msemmijin hawn fuq li għandhom l-għan li jnaqqsu l-kaċċa illegali, il-QĠUE (fil-Kawża C-674/17, il-punti 48, 49, 50) iċċarat li s-sempliċi eżistenza ta' attività illegali bħall-kaċċa illegali jew id-diffikultajiet assoċjati mal-monitoraġġ tagħha ma jistgħux ikunu biżżejjed sabiex Stat Membru jitneħħielu l-obbligu tiegħu li jiżgura l-ħarsien tal-ispeċijiet imħarsin skont l-Anness IV tad-Direttiva dwar il-Ħabitats. F'tali

204 Il-Kawża C-674/17, il-punt 73.

sitwazzjoni, għall-kuntrarju, Stat Membru jrid jiffavorixxi l-kontroll strett u effikaċi ta' dik l-attività illegali u jimplimenta metodi li jirrispettaw il-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 12 sa 14 u fl-Artikolu 15(a) u (b) tad-Direttiva. Sabiex jappoġġa l-każ tiegħu għal deroga, jenħtieġ li Stat Membru jipprovdi dikjarazzjoni ċara u suffiċjenti tar-raġunijiet għan-nuqqas ta' alternattiva sodisfaċenti għall-ksib tal-objettivi, li tirreferi għan-nuqqas ta' kwalunkwe soluzzjoni sodisfaċenti oħra jew għal rapporti tekniċi, legali u xjentifiċi rilevanti.

### *3) <u>Żamma tal-popolazzjoni fi stat ta' konservazzjoni favorevoli</u>*

It-tielet prekundizzjoni hija l-assigurazzjoni "d-deroga mhix ta' dannu għall-ħarsien tal-popolazzjonijiet tal-ispeċi konċernati fi stat ta' konservazzjoni favorevoli fil-firxa naturali tagħhom".

Skont l-Artikolu 1(i) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, "l-istat ta' konservazzjoni ta' speċi" tfisser is-somma tal-influwenzi li jaġixxu fuq l-ispeċi kkonċernata li jistgħu jaffettwaw id-distribuzzjoni u l-abbundanza fit-tul tal-popolazzjonijiet tagħha fit-territorju tal-Istati Membri. L-istat ta' konservazzjoni ta' speċi huwa favorevoli meta (i) il-popolazzjoni "qed tieħu ħsieb tagħha nnifsha fit-tul bħala komponent vijabbli tal-ħabitat naturali tagħha", (ii) "il-firxa naturali tal-ispeċi la qiegħda titnaqqas u lanqas ma għandha xejra li titnaqqas fil-ġejjieni prevedibbli" u (iii) "hemm, u x'aktarx jibqa' jkun hemm, ħabitat naturali kbir biżżejjed biex iżomm il-popolazzjonijiet tagħha fit-tul". Aktar informazzjoni tista' tinstab fil-linji gwida dwar ir-rapportar skont l-Artikolu 17 tad-Direttorat tal-Ħabitats.

L-issodisfar ta' din il-kundizzjoni (jiġifieri li d-deroga ma tkunx ta' detriment għaż-żamma tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet ikkonċernati fi stat ta' konservazzjoni favorevoli fil-firxa naturali tagħhom) teħtieġ valutazzjoni tal-effett possibbli tad-deroga kemm fuq il-popolazzjoni kkonċernata kif ukoll fuq l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċi fit-territorju tal-Istat Membru.

Id-deċiżjonijiet dwar l-użu ta' derogi u l-valutazzjoni tal-effetti possibbli tad-derogi fuq l-istat ta' konservazzjoni tal-popolazzjoni kkonċernata jridu jkunu bbażati fuq għarfien preċiż tal-popolazzjoni ta' lpup ikkonċernata u tax-xejriet tagħha. Jenħtieġ li l-effetti addizzjonali u kumulattivi tad-derogi jiġu vvalutati kif xieraq filwaqt li jitqies kwalunkwe impatt negattiv dirett jew indirett ieħor mill-attivitajiet tal-bniedem (inkluż il-qtil inċidentali u illegali). Dan huwa neċessarju sabiex jiġi żgurat li d-deċiżjoni ma tkunx ta' detriment għall-istat ta' konservazzjoni tal-popolazzjoni.

Fil-Kawża C-674/17 (il-punt 57-61), il-QĠUE enfasizzat li deroga skont l-Artikolu 16(1) trid tkun ibbażata fuq kriterji li jiżguraw il-preservazzjoni fit-tul tad-dinamika u tal-istabbiltà soċjali tal-ispeċijiet inkwistjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-impatti demografiċi u ġeografiċi kumulattivi mid-derogi kollha fuq il-popolazzjoni kkonċernata jiġu vvalutati kif xieraq, flimkien ma' kwalunkwe mortalità naturali jew mortalità oħra kkawżata mill-bniedem.

Il-valutazzjoni għandha ssir "fuq il-livell lokali kif ukoll fuq il-livell tat-territorju ta' dan l-Istat Membru jew, skont il-każ, fuq il-livell tar-reġjun bijoġeografiku inkwistjoni meta l-fruntieri ta' dan l-Istat Membru jikkoinċidu ma' diversi reġjuni bijoġeografiċi, jew inkella jekk il-firxa naturali tal-ispeċi teżiġi dan u, sa fejn possibbli, fuq il-livell transfruntiera". Madankollu, jenħtieġ li dan ma jqisx "il-parti tal-firxa naturali tal-popolazzjoni kkonċernata li testendi għal ċerti partijiet mit-territorju ta' Stat terz, li ma huwiex marbut bl-obbligi ta' protezzjoni stretta tal-ispeċi li huma ta' interess għall-Unjoni".

Fil-Kawża C-342/05, il-QĠUE sostniet li d-derogi li jaffettwaw il-popolazzjonijiet li l-istat ta' konservazzjoni tagħhom ma huwiex favorevoli jistgħu jkunu permissibbli "bħala eċċezzjoni" f'każijiet "meta jiġi debitament stabbilit li mhumiex ta' natura li jaggravaw l-istat ta' konservazzjoni mhux favorevoli ta' dawn il-popolazzjonijet jew li jipprevenuhom milli jerġgħu jilħqu stat ta' konservazzjoni favorevoli". Il-Qorti kkonkludiet li "ma jistax jiġi eskluż li l-qtil ta' numru limitat ta' kampjuni tal-ispeċi huwa mingħajr effett fuq l-

objettiv ikkontemplat mill-Artikolu 16(1) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, li jikkonsisti fiż-żamma fi stat ta' konservazzjoni favorevoli tal-popolazzjoni tal-ilpup fil-firxa naturali tagħhom. Għaldaqstant din id-deroga hija newtrali għall-ispeċi kkonċernata".

Approċċ bħal dan ġie kkonfermat mill-QĠUE fil-Kawża C-674/17 (il-punti 66-69), b'referenza addizzjonali għall-prinċipju ta' prekawzjoni: "f'dak li jirrigwarda l-effett tal-istat ta' konservazzjoni sfavorevoli ta' speċi fuq il-possibbiltà li jiġu awtorizzati d-derogi skont l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva dwar il-Ħabitats, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-ħruġ ta' tali derogi jibqa' possibbli eċċezzjonalment meta jiġi debitament stabbilit li mhumiex ta' natura li jaggravaw l-istat ta' konservazzjoni mhux favorevoli tal-popolazzjonijet jew li jipprevjenu r-restawr tagħhom fi stat ta' konservazzjoni favorevoli". Madankollu, "jekk l-eżami tal-aħjar *data* xjentifika disponibbli jħalli inċertezza fuq il-kwistjoni dwar jekk tali deroga hix ser tkun ta' ħsara jew le għaż-żamma jew għar-restawr tal-popolazzjonijiet ta' speċi f'perikolu ta' estinzjoni fi stat ta' konservazzjoni favorevoli, l-Istat Membru għandu ma jadottahiex jew ma jimplimentahiex".

Għalhekk, jistgħu jingħataw derogi għall-qtil ta' ftit kampjuni fuq bażi ta' każ b'każ, anki jekk l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċi ma jkunx (għadu) favorevoli, dment li d-deroga tkun newtrali f'termini tal-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċi, jiġifieri li ma tipperikolax il-kisba tal-objettiv li l-popolazzjoni tal-lupu tiġi rrestawrata u tinżamm fi stat ta' konservazzjoni favorevoli fil-firxa naturali tagħha. Għalhekk, deroga jista' ma jkollhiex impatt nett negattiv ġenerali fuq id-dinamika tal-popolazzjoni, fuq il-firxa naturali, fuq l-istruttura u fuq is-saħħa tal-popolazzjoni (inkluż fuq aspetti ġenetiċi), jew fuq il-ħtiġijiet ta' konnettività tal-popolazzjoni ta' lpup ikkonċernata.

Konsegwentement, anqas ma jkunu favorevoli l-istat u x-xejriet ta' konservazzjoni, anqas ikun probabbli li din it-tielet prekundizzjoni tista' tiġi ssodisfata u li l-għoti ta' derogi jkun iġġustifikat, minbarra fl-aktar ċirkostanzi eċċezzjonali. Għalhekk, l-istat u x-xejriet ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet (fil-livell bijoġeografiku u tal-popolazzjoni), fuq il-bażi ta' għarfien u ta' *data* preċiżi, huma aspett ewlieni sabiex jiġi vvalutat l-issodisfar tat-tielet prekundizzjoni.

**Id-derogi u r-rwol tal-istat ta' konservazzjoni favorevoli u ta' pjanijiet dwar l-ispeċijiet**

Pjan xieraq u komprensiv ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni għall-ilpup jista' jipprovdi qafas ġenerali tajjeb għall-implimentazzjoni tal-għodod u tal-miżuri neċessarji kollha, inkluż l-użu possibbli ta' derogi. Meta tali pjanijiet jiġu implimentati kif xieraq, b'riżultati murija dwar l-istat ta' konservazzjoni favorevoli, l-Artikolu 16 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats jippermetti l-flessibbiltà meħtieġa permezz tal-użu ta' derogi.

Id-derogi għall-ħarsien strett tal-ilpup jistgħu jkunu ġġustifikati aħjar jekk jiġi stabbilit sett komprensiv ta' miżuri xierqa, effettivi u verifikabbli u implimentati kif xieraq fi Stat Membru sabiex jiġi żgurat ħarsien effettiv u sabiex jinkiseb jew jinżamm l-istat ta' konservazzjoni favorevoli għall-ispeċi.

Dan ikun il-każ jekk:

- Ikun hemm pjan xieraq ta' konservazzjoni u ta' rkupru għall-ilpup, li jkun implimentat bis-sħiħ u b'mod korrett u mmonitorjat sew, bl-għan li jiżgura stat ta' konservazzjoni favorevoli u li jindirizza kunflitti soċjoekonomiċi.
- Il-pjan ikun bbażat fuq l-aħjar *data* xjentifika disponibbli u fuq sistema solida għall-monitoraġġ tal-popolazzjoni ta' lpup.
- Il-miżuri ta' prevenzjoni u ta' kumpens neċessarji kollha jkunu implimentati.
- Jiġu implimentati miżuri xierqa sabiex tiġi miġġielda b'mod effettiv il-kaċċa illegali (bħall-kriminalizzazzjoni, l-infurzar u s-sensibilizzazzjoni) u sabiex jiġi indirizzat kwalunkwe fattur ieħor ta' mortalità kkawżata mill-bniedem (bħall-imwiet fit-toroq).

- It-theddid l-ieħor kollu għall-konservazzjoni tal-ilpup fiż-żona kkonċernata jiġi indirizzat b’suċċess (eż. ibridizzazzjoni).
- Il-kawżi l-oħrajn ta’ mortalità tal-bhejjem li jirgħu (eż. klieb li jiġġerrew liberament) ikunu indirizzati kif xieraq.
- L-objettivi u l-kundizzjonijiet għad-derogi jkunu stabbiliti b’mod ċar u ġġustifikati b’evidenza xjentifika suffiċjenti. Ikun ipprovat li ma jkun hemm l-ebda alternattiva sodisfaċenti disponibbli u li l-metodu letali użat fid-deroga jkun l-uniku mod kif jiġi evitat jew limitat id-dannu serju jew sabiex jintlaħqu l-objettivi l-oħrajn tad-derogi, f’konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti. Id-derogi jiġu vvalutati u deċiżi fuq bażi ta’ każ każ.
- Id-deroga prevista ma tkunx ta’ detriment għall-istat ta’ konservazzjoni tal-popolazzjoni kemm fil-livell tal-popolazzjoni lokali kif ukoll fil-firxa naturali tal-ispeċijiet.

# REFERENZI:

Andersen, R., Linnell, J. D. C. and Solberg, E. J. (2006). *The future role of large carnivores on terrestrial trophic interactions: the northern temperate view.* Large herbivore ecology, ecosystem dynamics and conservation: 413-448. Danell, K., Bergström, R., Duncan, P. and Pastor, J. (Eds.). Cambridge: Cambridge University Press.

Barkham, P. *Denmark Gets Its First Wild Wolf Pack in 200 Years*, THE GUARDIAN, l-4 ta' Mejju 2017. http://www.theguardian.com/environment/2017/may/04/denmark-gets-its-first-wild-wolf-pack-in-200-years

Bassi, E., Gazzola, A., Bongi, P., Scandura, M., Apollonio, M. (2020). *Relative impact of human harvest and wolf predation on two ungulate species in Central Italy*. In Ecological Research Volum 35, Ħarġa 4. https://esj-journals.onlinelibrary.wiley.com/doi/full/10.1111/1440-1703.12130

Bath, A. J. and Majic, A. (2001). *Human dimensions in wolf management in Croatia: understanding attitudes and beliefs of residents in Gorski kotar, Lika and Dalmatia towards wolves and wolf management*. Large Carnivore Initiative for Europe. www.lcie.org

Boffey, D. Pioneering *Wolf Becomes First Sighted in Belgium for a Century*, THE GUARDIAN, it-22 ta' Jannar 2018, http://www.theguardian.com/environment/2018/jan/22/pioneering-female-becomes-first-wolf-in-belgium-in-a-century

Boitani, L. (2003). *Wolf conservation and recovery*. Wolves: behavior, ecology, and conservation: 317-340. Mech, L. D. and Boitani, L. (Eds.). Chicago: University of Chicago Press.

Boitani, L. et al (2015). Key actions for Large Carnivore populations in Europe. Institute of Applied Ecology (Ruma, l-Italja). Rapport għad-DĠ Ambjent, il-Kummissjoni Ewropea, Brussell. https://ec.europa.eu/environment/nature/conservation/species/carnivores/pdf/key_actions_large_carnivores_2015.pdf

Breitenmoser, U., Breitenmoser-Würsten, C., Carbyn, L. N. u Funk, S. M. (2001*). Assessment of carnivore reintroductions.* Carnivore conservation: 241-281. Gittleman, J. L., Funk, S. M., Macdonald, D. W. u Wayne, R. K. (Eds.). Cambridge: Cambridge University Press.

Breitenmoser, U. (1998). *Large predators in the Alps: the fall and rise of man's competitors*. Biological Conservation 83(3): 279-289.

Carpio, Antonio & Acevedo, Pelayo & Apollonio, Marco. (2020). Wild ungulate overabundance in Europe: contexts, causes, monitoring and management recommendations. Mammal Review. 51. 10.1111/mam.12221.

https://onlinelibrary.wiley.com/doi/epdf/10.1111/mam.12221

CDP News (2018) Carnivore Damage Prevention News:
http://www.medwolf.eu/index.php/cdpnews.html;
http://www.protectiondestroupeaux.ch/en/cdpnews/

Chapron, G., P. Kaczensky, J. Linnell, M. von Arx et al. (2014). *Recovery of large carnivores in Europe's modern human-dominated landscapes*, Science 19 Dec 2014: Vol. 346, Ħarġa 6216, pp. 1517-1519.

Il-Kunsill tal-Ewropa (2014) Recommendation no 173 (2014) on hybridisation between wild grey wolves (*Canis lupus*) and Domestic dogs (*Canis lupus familiaris*). https://rm.coe.int/0900001680746351

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (2007). Il-Kawża C-342/05. Is-Sentenza tal-Qorti (it-Tieni Awla) tal-14 ta' Ġunju 2007. *Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika tal-Finlandja*. Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu - Direttiva 92/43/KEE - Konservazzjoni tal-ħabitat naturali - Fawna u flora selvaġġa - Kaċċa tal-lupu.

Il-Ministeru tal-Kroazja għall-Kultura (2010) *Wolf Management Plan in the Republic of Croatia for the period 2010–2015*. http://www.life-vuk.hr/eng/wolf-management-plan/wolf-management-plan-in-croatia/wolf-management-plan-in-the-republic-of-croatia-for-the-period-2010%E2%80%932015-837.html

Decker, D. J., Brown, T. L. u Siemer, W. F. (2001*). Human dimensions of wildlife management in North America*. Bethesda, Maryland, USA: The Wildlife Society.

DREAL (2018). Direction regionale de l'Environnement, de l'Amènagement et du Logement Website: Données surs les dommages. http://www.auvergne-rhone-alpes.developpement-durable.gouv.fr/protocole-dommages-a3854.html

DBBW (2018). Sit web tad-die Dokumentations- und Beratungsstelle des Bundes zum Thema Wolf (DBBW). https://www.dbb-wolf.de/

Decker, D. J., Brown, T. L. u Siemer, W. F. (2001). *Human dimensions of wildlife management in North America*. Bethesda, Maryland, USA: The Wildlife Society.

Echegaray, J. and Vila, C. (2010). *Noninvasive monitoring of wolves at the edge of their distribution and the cost of their conservation*. Animal Conservation, 13 (2): 157-161-.

Il-Kummissjoni Ewropea (2017), Golden Eagle conservation scheme – Finland, Farming for Biodiversity - The results-based agri-environment schemes, is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea. http://ec.europa.eu/environment/nature/rbaps/fiche/golden-eagle-conservation-scheme-finland_en.htm

Il-Pjattaforma LC tal-UE (2019) Il-Pjattaforma tal-UE dwar il-Koeżistenza bejn in-nies u karnivori kbar, studji tal-każ. http://ec.europa.eu/environment/nature/conservation/species/carnivores/case_studies.htm

Fernández-Gil A, Naves J, Ordiz A, Quevedo M, Revilla E, Delibes M (2016) *Conflict Misleads Large Carnivore Management and Conservation: Brown Bears and Wolves in Spain*. PLoS ONE 11(3): e0151541. https://doi.org/10.1371/journal.pone.0151541

Fernández-Gil, S. Cadete da Rocha Pereira, S Dias Ferreira Pinto, I. Di Silvestre (2018) *Large Carnivore Management Plans of Protection: Best Practices in EU Member States.* http://www.europarl.europa.eu/thinktank/mt/document.html?reference=IPOL_STU(2018)596844

GCG (2018) Grupo Campo Grande para la coexistencia del lobo y la ganaderia extensiva: Declaration of the Campo Grande Group toward the coexistence of the iberian wolf and extensive stock-raising. http://www.entretantos.org/wp-content/uploads/2018/08/DeclaracionGCG_v3_eng.pdf

Gtowaciflski, Z. u Profus, P. (1997). *Potential impact of wolves Canis lupus on prey populations in Eastern Poland*. F'Biological Conservation 80 (1997) 99-106.

Hovardas, T., K. Marsden, S. Psaroudas, Y. Mertzanis, K. Brandt (2017) *Case studies for coexistence: examples of good practice in sup-porting coexistence between people and large carnivores*. http://ec.europa.eu/environment/nature/conservation/species/carnivores/pdf/144_case%20studies%20analysis%20report.pdf

Kojola, I., P. Helle, S. Heikkinen (2011) Susikannan viimeaikaiset muutokset Suomessa eri aineistojen valossa, Suomen Riista 65: http://jukuri.luke.fi/handle/10024/530616

Kojola, I., Huitu, O., Toppinen, K., Heikura, K., Heikkinen, S. u Ronkainen, S. (2004). *Predation on European forest reindeer (Rangifer tarandus) by wolves (Canis lupus) in Finland*. Journal of Zoology, Londra 263(3): 229-236.

KORA (2016) Wolves living in proximity to humans. https://www.kora.ch/fileadmin/file_sharing/5_Bibliothek/52_KORA_Publikationen/520_KORA_Berichte/KORA_Bericht_76_Wolves_living_in_proximity_to_humans.pdf

Kontaktbüro Wölfe in Sachsen (2019) Kontaktbüro Wölfe in Sachsen website. https://www.wolf-sachsen.de/en/wolfsregion/the-contact-office

Is-sit web tal-LCIE (2018) Large Carnivore Initiative for Europe. http://www.lcie.org/Large-carnivores/Wolf-

LCIE (2019) policy support statements of the Large Carnivore Initiative for Europe (LCIE): Management of bold wolves.

https://lciepub.nina.no/pdf/636870453845842163_PPS_bold%20wolves.pdf

Leonard, J. A., Echegaray, J., Randi, E. u Vilà, C. (2014). *Impact of hybridization on the conservation of wild canids*. Pp: 170-184. En: Gompper, M.E. (Ed). Free ranging dogs and wildlife conservation. Oxford University Press, Oxford, ir-Renju Unit. 312 pp.

Liberg, O, G. Chapron, P. Wabakken, H. Pedersen, N. Hobbs, H. Sand (2011) *Shoot, shovel and shut up*. Proceedings of the Royal Society B: Volum 279, Ħarġa 1730. https://doi.org/10.1098/rspb.2011.1275

LIFE DINALP BEAR (2016) Non-consumptive use of brown bears in tourism: guidelines for responsible practices. http://dinalpbear.eu/wp-content/uploads/Odgovorno-opazovanje-medvedov-v-severnih-Dinaridih_EN_web.pdf

LIFE EUROLARGECARNIVORES (2019) LIFE EUROLARGECARNIVORES: Improving coexistence with large carnivores. https://www.eurolargecarnivores.eu/en/

Linnell u Alleau (2016) *Predators That Kill Humans: Myth, Reality, Context and the Politics of Wolf Attacks on People*. Problematic Wildlife, DOI: 10.1007/978-3-319-22246-2_17: https://www.researchgate.net/publication/301267098_Predators_That_Kill_Humans_Myth_Reality_Context_and_the_Politics_of_Wolf_Attacks_on_People

Linnell, J. et al. (2002). *The fear of wolves: A review of wolf attacks on humans*. NINA Oppdragsmelding 731:1-65 Trondheim, Jannar 2002. https://mobil.wwf.de/fileadmin/fm-wwf/Publikationen-PDF/2002.Review.wolf.attacks.pdf

Linnell, J. D. C., Brøseth, H., Solberg, E. J. u Brainerd, S. M. (2005). *The origins of the southern Scandinavian wolf population: potential for natural immigration in relation to dispersal distances, geography and Baltic ice.* Wildlife Biology 11: 383-391.

Linnell, J. D. C., Nilsen, E. B., Lande, U. S., Herfindal, I., Odden, J., Skogen, K., Andersen, R. u Breitenmoser, U. (2005). *Zoning as a means of mitigating conflicts with large carnivores: principles and reality. In People & Wildlife: conflict or co-existence?* pp 162- 175. Woodroffe, R., Thirgood, S. and Rabinowitz, a. (Eds.). Cambridge: Cambridge University Press.

Linnell, J.D.C., Odeen J., Smith, M.E:e. Aanes, r. and Swenson, J.E. (1999) *Large carnivores that kill livestock: do. 'problem individuals' really exist?* Wildlife Society Bulletin 1999, 27(3):698-705.

Linnell, J. D. C., Promberger, C., Boitani, L., Swenson, J. E., Breitenmoser, U. u Andersen, R. (2005). *The linkage between conservation strategies for large carnivores and biodiversity: the view from the 'half-full' forests of Europe*. F'Carnivorous animals and biodiversity: *does conserving one save the other?*: pp 381-398. Ray, J. C., Redford, K. H., Steneck, R. S. u Berger, J. (Eds.). Washington: Island Press.

Linnell J., V. Salvatori u L. Boitani (2008). Guidelines for population level management plans for large carnivores in Europe. Rapport tal-Large Carnivore Initiative for Europe mħejji għall-Kummissjoni Ewropea (il-kuntratt 070501/2005/424162/MAR/B2). http://ec.europa.eu/environment/nature/conservation/species/carnivores/pdf/guidelines_for_population_level_management.pdf

Linnell, J. (2013). From conflict to coexistence: *insights from multi-disciplinary research into the relationships between people, large carnivores and institutions* (kuntratt Nru 070307/2012/629085/SER/B3). John D. C. Linnell Norwegian Institute for Nature Research (NINA), PO Box 5685 Sluppen, NO-7485 Trondheim, NORWAY. 2013. http://ec.europa.eu/environment/nature/conservation/species/carnivores/pdf/task_4_conflict_coexistence.pdf

Linnell, J. (2014) *The symbolic wolf: Competing visions of the European landscapes*. Il-blog tal-LCIE: http://www.lcie.org/Blog/ArtMID/6987/ArticleID/65/The-symbolic-wolf-Competing-visions-of-the-European-landscapes

Linnell, J (2016). *First wolf reproduction in Austria since 19th century*. http://www.lcie.org/Blog/ArtMID/6987/ArticleID/87/First-wolf-reproduction-in-Austria-since-19th-century

Linnell, J. D. C. u Cretois, B. (2018). Riċerka għall-Kumitat AGRI – *The revival of wolves and other large predators and its impact on farmers and their livelihood in rural regions of Europe*, il-Parlament Ewropew, Dipartiment Tematiku għall-Politika Strutturali u ta' Koeżjoni, Brussell. http://www.europarl.europa.eu/thinktank/mt/document.html?reference=IPOL_STU%282018%29617488

Linnell, J. D. C., Kovtun, E. u Rouart, I. (2021). Wolf attacks on humans: an update for 2002–2020. NINA Report 1944 Norwegian Institute for Nature Research.

https://brage.nina.no/nina-xmlui/bitstream/handle/11250/2729772/ninarapport1944.pdf?sequence=1&isAllowed=y

Lute, M.L., Carter N.H., López-Bao J.V., Linnell, J.D.C. (2018). *Conservation professionals agree on challenges to coexisting with large carnivores but not on solutions*. Biological Conservation, Volum 218, 2018, Paġni 223-232. https://www.sciencedirect.com/science/article/pii/S0006320717316166

Marsden, K. Hovardas, T. Spyros Psaroudas, S. Mertzanis, Y. Callisto, Baatz, U. (2016). EU Platform on Large Carnivores: *Supporting good practice for coexistence – presentation of examples and analysis of support through the EAFRD*. Is-Segretarjat tal-Pjattaforma lid-DĠ Ambjent tal-Kummissjoni Ewropea, Kuntratt ta' Servizz Nru 07.0202/2015/713809/SER/ENV/B.3. http://ec.europa.eu/environment/nature/conservation/species/carnivores/pdf/160906_LC%20Platform-case%20studies%20and%20RD.pdf

Marucco F, Boitani L.(2012). *Wolf population monitoring and livestock depredation preventive measures in Europe*. Hystrix 23(1): 1-4. doi:10.4404/hystrix-23.1-6364.

MTES, MAA (2018) National action plan 2018-2023 on the wolf and stock-rearing. http://www.auvergne-rhone-alpes.developpement-durable.gouv.fr/IMG/pdf/nap_wolf_and_stock-rearing_activities_2018-2023.pdf

Mykrä, S., M. Pohja-Mykrä, T. Vuorisalo (2017) *Hunters' attitudes matter: diverging bear and wolf population trajectories in Finland in the late nineteenth century and today*. European Journal of Wildlife Research. https://link.springer.com/article/10.1007/s10344-017-1134-1

Odden, J., Linnell, J. D. C., Moa, P. F., Herfindal, I., Kvam, T. and Andersen, R. (2002). *Lynx depredation on domestic sheep in Norway*. Journal of Wildlife Management 66(1): 98- 105.

Persson, J., Geir R. Rauset Guillaume Chapron. *Paying for an Endangered Predator Leads to Population Recovery.* L-Ittri ta' Konservazzjoni 8(5) Ippubblikati għall-ewwel darba: it-30 ta' Marzu 2015. https://doi.org/10.1111/conl.12171

Pohja-Mykrä, M. (2016) *Felony or act of justice? – Illegal killing of large carnivores as defiance of authorities.* Journal of Rural Studies, 44, 46-54. https://doi.org/10.1016/j.jrurstud.2016.01.003

Proteggi il tuo bestiame (2019), is-sit web Proteggi il tuo bestiame. http://www.protezionebestiame.it/

Regional LC Platforms (2019) Regional platforms on people and large carnivores website. http://ec.europa.eu/environment/nature/conservation/species/carnivores/regional_platforms.htm

Reinhardt et al. (2018). *Konzept im Umgang mit Wölfen, die sich Menschen gegenüber auffällig verhalten – Empfehlungen der DBBW* –BfN Skript 502. https://www.bfn.de/fileadmin/BfN/service/Dokumente/skripten/Skript502.pdf

Rapportar skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats. Noti ta' Spjegazzjoni u Linji Gwida għall-perjodu 2013–2018. Verżjoni finali – Mejju 2017. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) u ċ-Ċentru Tematiku Ewropew dwar id-Diversità Bijoloġika (ETC/BD). http://cdr.eionet.europa.eu/help/habitats_art17. Rigg R, Find'o S, Wechselberger M, Gorman M, Sillero-Zubiri C, MacDonald D. (2011).Mitigating carnivore-livestock conflict in Europe: lessons from Slovakia 2011. Oryx, 45(2): 272–280. doi: 10.1017/S0030605310000074.

Rigg, R., T. Skrbinšek, J. Linnell (2014) *Engaging stakeholders in wildlife monitoring a pilot study of wolves in Slovakia using non-invasive genetic sampling.* http://ec.europa.eu/environment/nature/conservation/species/carnivores/pdf/pa_slovakia_finalreport.pdf

Ripple, W.J. u Beschta, R.L., (2012). *Large predators limit herbivore densities in northern forest ecosystems*. European Journal of Wildlife Research, volum 58, paġni 733–742(2012). https://link.springer.com/article/10.1007/s10344-012-0623-5

Salvatori, V., Ed. (2012). *Large carnivore conservation and Management in Europe: the contribution of EC co-funded LIFE projects*. Istituto di Ecologia Applicata, Via B. Eustachio 10. 00161 Rome, ITALY. 2013. http://ec.europa.eu/environment/nature/conservation/species/carnivores/pdf/task_2_life_and_lc.pdf

Salvatori, V., Godinho, R., Braschi, C., Boitani, L., Ciucci P., (2019). *High levels of recent wolf x dog introgressive hybridization in agricultural landscapes of central Italy*. European Journal of Wildlife Research, 65, 73–87. doi.org/10.1007/s10344-019-1313-3.

Santiago-Avila FJ, Cornman AM, Treves A (2018) *Killing wolves to prevent predation on livestock may protect one farm but harm neighbours*. PLoS ONE 13(1): e0189729. https://doi.org/10.1371/journal.pone.0189729

Skogen, K., Haaland, H., Brainerd, S. u Hustad, H. (2003). *Local views on large carnivores and their management: a study in four municipalities* [Lokale syn på rovvilt og rovviltforvaltning. En undersøkelse i fire kommuner: Aurskog-Høland, Lesja, Lierne og Porsanger]. Norwegian Institute for Nature Research Fagrapport 070: 1-30.

Skogen, K. and Krange, O. (2003). *A wolf at the gate: The anti-carnivore alliance and the symbolic construction of community*. Sociologia Ruralis 43(3): 309-325.

Sundqvist, A.K., Ellegren, H. & Vilà, C. (2008). *Wolf or dog? Genetic identification of predator from saliva collected around bite wounds on prey.* Conservation Genetics, 9 (5): 1275-1279.

Tasch, B. (2017). *First Official Proof of Wolf in Luxembourg Since 1893*, LUXEMBOURG TIMES, l-1 ta' Settembru 2017. http://luxtimes.lu/archives/1112-first-official-proof-of-wolf-in-luxembourg-since-1893

Trouwborst, A. u F.M. Fleurke (2018). *Killing Wolves Legally – Exploring the Scope for Lethal Wolf Management under European Nature Conservation Law*. Journal of International Wildlife Law and Policy, fl-istamperija.

van Eeden LM, Eklund A, Miller JRB, López-Bao JV, Chapron G, Cejtin MR, Crowther MS, Dickman CR, Frank J, Krofel M, Macdonald DW, McManus J, Meyer TK, Middleton AD, Newsome TM, Ripple WJ, Ritchie EG, Schmitz OJ, Stoner KJ, Tourani M, Treves A. (2018*) Carnivore conservation needs evidence-based livestock protection*. PLoS Biol. Sep 18;16(9):e2005577. doi. 10.1371/journal.pbio.2005577.

Wielgus RB, Peebles KA (2014) *Effects of Wolf Mortality on Livestock Depredations*. PLoS ONE 9(12): e113505. https://doi.org/10.1371/journal.pone.0113505

Young, J. C., Searle, K., Butler, A., Simmons, P., Watt A. D., Jordan, A. (2016). *The role of trust in the resolution of conservation conflicts, Biological Conservation*, Volum 195, 196-202.

**EU Large Carnivores Platform:**
http://ec.europa.eu/environment/nature/conservation/species/carnivores/coexistence_platform.htm

**Regional Large Carnivores Platform:**
http://ec.europa.eu/environment/nature/conservation/species/carnivores/regional_platforms.htm